

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
07 ta' Diċembru 2004

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru

Werrej

Paġna

I Tagħrif

.....

II Atti Preparatorji

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Fl-410 sessjoni plenarja tiegħu tat- 1 ta' Lulju 2004

2004/C 302/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni – LeaderSHIP 2015 – Definizzjoni dwar il-futur ta' l-industrija Ewropea tal-bini u t-tiswija ta' vapuri – Kompetittività permezz ta' l-eċċellenza (COM (2003) 717 finali)	1
2004/C 302/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-impreditorjalità, u b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji (SME) (2001-2005)" — COM(2003) 758 finali 2003/0292 (COD)	8
2004/C 302/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tikkonċerna struttura legali ġdida għall-pagamenti fis-Suq Intern — COM (2003) 718 finali	12
2004/C 302/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-proċeduri ta' konsultazzjoni u informazzjoni fl-oqsma ta' assigurazzjoni tal-kreditu, garanziji tal-kreditu u krediti finanzjarji (Verżjoni Kodifikata) — COM(2004) 159 final - 2004/0056 (CNS)	19
2004/C 302/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sigurtà Marittima fi ħdan il-Komunità" — COM(2003) 767 final – 2003/0291 (COD)	20



Prezz:
22 EUR

(lkompli fil-paġna ta' wara)

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 302.

2004/C 302/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament u tal-Kunsill dwar it-titjib fis-sigurtà tal-portijiet — COM(2004) 76 final – 2004/0031 (COD)	23
2004/C 302/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-enerġija nukleari	27
2004/C 302/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport dwar il-Progress tal-Programm ta' Riċerka GALILEO fil-bidu tas-2004 — COM (2004) 112 finali	35
2004/C 302/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-għoti ta' liċenzji lill-intrapriżi tal-linji tal-ferroviji (verżjoni kodifikata)” — COM(2004) 232 finali - 2004/0074 (COD)	38
2004/C 302/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 rigward id-data ta' l-applikazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet għas-Slovenja — COM(2004) 309 finali – 2004/0109 (COD)	39
2004/C 302/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Bidla industrijali u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali”	41
2004/C 302/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħaddiema Immigrati	49
2004/C 302/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-tema “It-tieni pilastru tal-PAK: il-perspettivi ta' adattament tal-politika ta' l-iżvilupp tat-territorji rurali (Is-segwitu tal-konferenza ta' Salzburg)”	53
2004/C 302/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-Tielet rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali- Sħubija ġdida għall-Koeżjoni-konverġenza, kompetittività u kooperazzjoni” (COM(2004) 107 final)	60
2004/C 302/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew: Tassazzjoni fuq dividendi ta' individwi fis-suq intern” — COM (2003) 810 final	70
2004/C 302/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Regġuni u l-imsieħba soċjali fuq livell Komunitarju dwar l-eżaminazzjoni mill-ġdid tad-Direttiva 93/104/KE dwar ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol — COM(2003) 843 final	74
2004/C 302/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija qabel il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004”	80
2004/C 302/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fuq il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni: L-immodernizzar tal-ħarsien soċjali għal aktar impjegji u ta' kwalità aħjar - avvċinament komprensiv li jwassal għal xogħol li jirrendi (KOM(2003) 842 finali)	86
2004/C 302/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mingħand il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Regġuni: Il-futur tas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Unjoni Ewropea wara t-tkabbir” — COM(2003) 649 final	90
2004/C 302/20	Opinjoni dwar “Iż-żoni metropolitani: implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għall-futur ta' l-Ewropa”	101



II

(Atti Preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

FL-410 SESSJONI PLENARJA TIEGĦU TAT- 1 TA' LULJU 2004

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni – LeaderSHIP 2015 – Definizzjoni dwar il-futur ta' l-industrija Ewropea tal-bini u t-tiswija ta' vapuri – Kompetittività permezz ta' l-eċċellenza

(COM (2003) 717 finali)

(2004/C 302/01)

Fil-21 ta' Novembru 2003, il-Kummissjoni Ewropea, skond l-Artikolu 262 tat-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, iddeċidiet li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar "Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni – LeaderSHIP 2015 – Definizzjoni dwar il-futur ta' l-industrija Ewropea tal-bini u t-tiswija tal-vapuri – Kompetittività permezz ta' l-eċċellenza".

Is-sezzjoni speċjalizzata dwar is-"Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum", mitluba biex tħejji x-xogħlijiet tal-Kumitat f'dan is-suġġett, adottat l-opinjoni, tagħha fid-9 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien is-Sur Van NIERSEL.

Waqt is-sessjoni plenarja nru. 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004, (laqgħa tat-30 ta' Ġunju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni li ġejja, b'109 voti favur, 3 kontra, u astensjoni waħda.

1. Sommarju

Il-Kummissjoni ħejjiet avvċinament ġdid għall-politika industrijali fis-settur Ewropew tal-bini u tat-tiswija tal-bastimenti, b'kol-laborazzjoni mill-qrib ma' dan ta' l-aħħar. Hi sorpriża li l-partijiet konċernati rnexxielhom iħejju, fi żmien daqshekk qasir, sensiela vasta ta' miżuri li jimmiraw biex tkun garantita l-produzzjoni u l-kompetittività ta' dan is-settur. Il-KESE japprova l-metodi wżati u l-kontenut ta' LeaderSHIP 2015. Il-partijiet kollha konċernati jagħrfu li avvċinament nazzjonali m'għandux aktar futur u li avvċinament Ewropew biss jista' joffri soluzzjoni għal tul taż-żmien. L-imħuħ wara dan l-avvċinament ġdid għażlu b'mod għaqli sensiela ta' miżuri koerenti u li jirrispettaw il-konformità tas-suq. Il-KESE jisħaq li l-kredibiltà tal-proposti tiddipendi totalment fuq l-applikazzjoni tagħhom. L-analiżi ta' xi jkun ġara għalhekk hi kruċjali. Hemm raġunijiet serji għaliex iridu jkunu garantiti l-parteeċipazzjoni, it-trasparenza u l-kontroll iddettaljat tad-diversi proċessi. Il-KESE hu totalment favur l-objettiv tal-miżuri maħsub, li t-tħaddim tagħhom għandu jiggwarantixxi l-kompetittività u r-rettezza tar-regoli mħaddma fuq livell Ewropew, li għandu minn naħa tiegħu jippermetti t-twaq-qif ta' kondizzjonijiet ġusti fil-livell dinji.

2. Kuntest**2.1 Is-suq tal-bini tal-bastimenti**

2.1.1 Għal aktar minn għoxrin sena, is-settur tal-produzzjoni navali għamel żvilupp b'saħħtu u kontinwu. Progressi teknoloġiċi mgħaġġla ppermettew tnaqqis konsiderevoli fl-ispejjeż tat-trasport permezz tal-baħar, li qed jistimula b'mod effiċjenti l-kummerċ dinji u jagħmel lill-marina merkantili internazzjonali l-mutur prinċipali ta' l-immodernizzar.

2.1.2 Il-bastimenti, mill-aspett ekonomiku, huma beni mobili ta' investment, li mhumex importati iżda rreġistrati taħt bandiera, magħżula mill-proprjetarju tal-bastiment. Minħabba f'hekk, dan il-prodott ma għandux bżonn ta' sforzi kbar ta' kummerċilizzazzjoni, l-anqas ta' networks mifruxa ta' bejjiegħa u ta' manutenzjoni. L-ispejjeż ta' trasport tal-vapuri huma evidentement baxxi ħafna. Minħabba spejjeż ta' transazzjoni ġeneralment baxxi u l-assenza ta' regoli antidumping, is-suq tal-bini tal-bastimenti jiddependi b'mod qawwi fuq il-prezz tal-bejgħ.

2.1.3 Minħabba r-rwol kruċjali fil-forniment ta' mezzi tat-trasport essenzjali għall-kummerċ dinji, fil-kostruzzjoni ta' tagħmir modern li jaqdi bżonnijiet fl-oqsma tas-sigurtà u tad-difiża, u fl-iżvilupp ta' teknoloġija avanzata li għandhom ħafna riperkussjonijiet f'setturi oħra, il-bini tal-vapuri hu meqjus bħala industrija strateġika importanti fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi industrijalizzati jew li qiegħdin jindustrijalizzaw irwieħhom.

2.1.4 Fl-Ewropa, network diversifikat li jinkludi t-tarzni tal-vapuri, il-manifatturi tat-tagħmir marittimu u bosta fornituri ta' servizzi speċjalizzati li żviluppaw lilhom infushom b'relazzjoni mal-produzzjoni tal-bastimenti, joffri aktar minn 350,000 impjieg lill-ħaddiema speċjalizzati u tajbin fis-snaġja'. Fl-UE, il-figura kummerċjali ta' dan is-settur tilħaq bejn wieħed u ieħor 34 biljun ewro (¹).

2.1.5 Is-settur Ewropew tal-bini tal-bastimenti merkantili xorta waħda tilef partijiet importanti tas-suq minħabba prattiċi kummerċjali ta' ħsara li prinċipalment qed jitwettqu mill-Korea t'Isfel, u b'hekk qed jiffaċċja problemi serji. Mill-2000, il-biċċa l-kbira tas-suq għall-ordnijiet ġodda (tunnellaġġ totali aġġustat - tbc) tbaxxa b'żewġ terzi, billi niżel għal 19 % fl-2000 u għal 6,5 % fl-2003 (²). Is-sitwazzjoni aggravat ruħha f'nofs l-2003, bl-aktar prezzijiet baxxi f'dawn l-aħħar 13-il sena u minħabba rata għalja fl-iskambju ta' l-ewro meta mqabbel mad-dollari Amerikan li huwa l-munita ta' referenza fis-settur, u mal-munita prinċipali tal-kompetituri Asjatiċi. B'mod partikulari, il-kummerċ internazzjonali rreġistra żieda qawwija s-sena l-oħra, minħabba żvilupp, li wieħed jista' jara, tad-domanda Ċiniża għall-enerġija u għall-materji primi kif ukoll għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni ta' oġġetti maħduma u lesti. Din id-domanda tat lok għal numru rekord ta' ordnijiet ġodda fil-qasam tal-tankers, tal-vapuri tal-merkanzija u tal-vapuri tat-trasport tal-containers. Ix-Shipbuilders Ewropej qed jibbenefikaw minn żieda qawwija fid-domanda u setgħu jirreġistraw fl-2003 kważi darbtejn aktar ordnijiet mill-2002. Minkejja dan kollu, il-parti tagħhom fis-suq dinji tal-bini tal-vapuri qed tkompli tonqos.

2.1.6 Din it-tendenza drammatika osservata sa l-2003 stabilixxit ruħha sa ċertu punt f'bosta Stati membri. Għalkemm din is-sitwazzjoni attwali tista' ma ddumx xorta waħda l-Ewropa għandha tfitteż malajr kemm jista' jkun soluzzjonijiet għal tul ta' żmien għall-industrija tal-bini tal-vapuri. Jekk hi ma tagħmilx dan, l-Ewropa tkun qegħda b'mod gravi tissogra li tilef dan is-settur vitali ta' teknoloġija avvanzata. L-esperjenza turi li jekk ikunu intilfu l-kapaċitajiet tal-bini tal-vapuri, dawn ikunu diffiċli biex jerġgħu jiġu akkwistati.

2.2 L-evoluzzjoni tal-politika fil-qasam tal-bini tal-vapuri

2.2.1 Bħala settur industrijali essenzjali mill-aspett strateġiku, il-bini tal-vapuri tradizzjonalment minn dejjem kellha intervent qawwi mill-Istat. Fil-Komunità Ewropea ukoll, il-politika fil-qasam tal-bini tal-vapuri, mis-sebgħinijiet 'l hawn, enfasizzat id-definizzjoni ta' kondizzjonijiet li japplikaw għas-sistemi ta' għajjuna ta' l-Istat. L-għola limitu ta' għajjuna awtorizzata għall-funzjonament kienet f'it f'it imnaqqsa u għaddiet għal 28 % tat-total tal-kuntratt fl-1987, 9 % fl-1992 u fl-aħħar spiċċat għal kollox fis-sena 2000.

(¹) Dawn id-dettalji jinstabu fi studju dwar l-Impatt Ekonomiku ta' l-Industrija Marittima (Economic Impact of Maritime Industries in Europe) ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea għall-Policy Research Corporation N.V. u għall-ISL.

(²) Sors ta' informazzjoni: reġistru ta' Lloyd's.

2.2.2 Fl-1989, fuq l-inizzjativa ta' l-Istati Uniti, kienu bdew negozjati fil-kuntest ta' l-OCDE, bl-iskop li titwaqqaf ordni għal internazzjonali li kellha tapplika għall-għajjuniet kollha ta' l-Istati lill-bini tal-vapuri. Dawn in-negozjati kienu mitmuma b'suċċess fl-1994 u l-att finali tal- "Ftehim dwar il-kondizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni fl-industrija tal-kostruzzjoni u tat-tiswija ta' bastimenti tal-merkanzija" kien iffirmat mill-Komunitajiet Ewropej, il-Finlandja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, in-Norveġja, l-Isvezzja u l-Istati Uniti. Għaldaqstant, dan il-ftehim qatt ma kien imħaddem għax l-Istati Uniti ma kinux spiċċaw il-proċeduri tar-ratifiki nazzjonali.

2.2.3 Fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali, il-Kunsill adotta, fl-1998, regolament għal id-darja tal-vapuri (KE 1540/98), li jstabilixxi għalja għalja ta' regoli li japplikaw għall-għajjuniet ta' l-Istat u li kienu qed jantiċipaw, b'mod unilaterali, it-tneħħija ta' l-għajjuniet għall-funzjonament lejn l-aħħar tas-sena 2000. Ir-regolament kien jistieden lill-Kummissjoni biex tosserva mill-qrib is-sitwazzjoni tas-suq internazzjonali tal-bini ta' vapuri u sabiex tevalwa jekk it-tarzni Ewropej kinux milqutin minn attivitajiet anti-kompetittivi.

2.2.4 Fl-ewwel rapport ta' analiżi, dwar dak li kien qed jiġri, mogħti lill-Kunsill, u ppubblikat fl-1999, il-Kummissjoni kienet diġà għabta provi li ma setgħux ikunu miċħuda ta' l-eżistenza ta' attivitajiet kummerċjali ta' ħsara, b'mod partikulari fit-tarzni tal-Korea t'Isfel, li kienu qed jipproponu prezzijiet irħas mill-ispejjeż. Ir-rapporti kollha dwar dak li kien qed jiġri (sebgħa b'kollox sa l-2003) li kienu ppreżentati aktar 'il quddiem ikkonfermaw l-ewwel konklużjonijiet, u għadu aktar u aktar provi dettaljati.

2.2.5 Fuq il-bażi ta' fatti tant konvinċenti, il-Kunsill esprima għal bosta drabi preokkupazzjonijiet mqanqla u beda konsultazzjonijiet bilaterali mal-Korea t'Isfel. Wara bosta sensiliet ta' konsultazzjonijiet, f'Ġunju 2000 il-partijiet iffirmap protokoll ta' ftehim dwar is-sitwazzjoni tas-suq mondjali fil-qasam tal-bini tal-vapuri ("Agreed Minutes relating to the World Shipbuilding Market"). Għaldaqstant, waqt negozjati li saru aktar 'il quddiem, il-gvern Korean xorta waħda ta prova li kien inkapaċi li jħaddem il-prinċipji definiti fil-ftehim.

2.2.6 Minħabba l-falliment tan-negozjati bilaterali mal-Korea, l-industrija tal-bini tal-vapuri għamlet rikors skond ir-regolament dwar l-ostakoli għall-kummerċ (ROC - CE 3286/94) f'Ottubru 2000.

2.2.7 Il-Kummissjoni xorta baqgħet b'mod sod tinsisti li ma jkunx hemm tiġdid għall-għajjuniet u għall-funzjonament wara t-tmiem tas-sena 2000. Għaldaqstant, hi aċċettat li tieħu l-każ quddiem l-OMC sabiex tinstab soluzzjoni għall-attivitajiet żleali tal-Koreani jekk soluzzjoni sodisfaċenti għall-UE ma tkunx innegozzjata mal-Korea sa l-aħħar ta' Mejju 2001. Barra minn dan, il-Kummissjoni pproponiet il-istess waqt mekkaniżmu ta' protezzjoni permezz ta' għajjuniet temporanji, maħsuba b'mod speċjali biex jilgħu kontra l-attivitajiet żleali tal-Koreani matul il-perijodu neċessarju sakemm tilesta l-proċedura quddiem l-OMC.

2.2.8 Il-Komunità fl-aħħar bdiet tħaddem din il-politika doppja fis-sajf 2002, billi talbet lill-OMC sabiex jitwaqqaf grupp speċjali u billi adottat deċiżjoni li kellha x'taqsam mal-mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja (MDT - CE 1177/02).

2.2.9 Tentattivi ġodda ta' twaqqif ta' kondizzjonijiet ġusti fil-livell mondjali fis-settur tal-bini tal-vapuri saru fl-2002, notevolment fl-istruttura ta' l-OCDE, din id-darba mingħajr il-parteċipazzjoni ta' l-Istati Uniti. Il-Kunsill ta' l-OCDE waqqaf Grupp speċjali għan-negożjati, sabiex isib soluzzjoni ġdida u Prattika għall-problema eżistenti. Il-progressi milħuqin sa issa huma meqjusa li mixjin bil-mod wisq u għad baqa' li jsir magħruf b'liema mod dan l-avviċinament se jkun milħuq.

3. Avviċinament ġdid

3.1 Il-qarrej għandu jsib hawn taħt kronoloġija ta' l-istadju li wassal għal LeaderSHIP 2015.

Frar 2002: L-industrija tal-kostruzzjoni u tat-tiswija navali preżentat lil Kummissarju LIKANEN l-idea ta' inizjattiva msemmija LeaderSHIP 2015.

Mejju 2002: Il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Romano PRODI, approva l-inizjattiva u stieden lil Kummissarju LIKANEN sabiex jikkoordina dak li għandu jkun segwit.

Ottubru 2002: L-industrija tat pjan ta' direzzjoni (road map) lil LIKANEN.

Jannar 2003: Il-Kummissarju LIKANEN jippresiedi l-laqgħa inawgurati tal-grupp konsultattiv ta' livell għoli LeaderSHIP 2015.

Ottubru 2003: Il-grupp konsultattiv ta' livell għoli għadda r-rapport tiegħu l-Kummissjoni Ewropea.

Novembru 2003: Il-Kummissjoni Ewropea tippubblika l-komunikazzjoni LeaderSHIP 2015.

Novembru 2003: Il-Kunsill "Kompetittività" eżamina lil-LeaderSHIP 2015 fil-kuntest tal-politika industrijali.

Jannar 2004 Bdiet isseħħ l-istruttura ġdida ta' għajnuniet mill-Istati għall-bini tal-vapuri; hija żżomm diġà quddiem għajnejha ċerti punti essenzjali ta' LeaderSHIP 2015, biex b'hekk ġew imħaddma l-ewwel rakkomandazzjonijiet tal-grupp konsultattiv ta' livell għoli.

3.2 Pjan ta' direzzjoni (road map) għall-industrija

3.2.1 Filwaqt li l-avviċinament komunitarju fil-qasam tal-bini tal-vapuri poġġa fuq kollox l-enfasi fuq politika ta' kompetizzjoni u fuq politika kummerċjali, l-industrija tikkalkula li jonqosha it-tielet sies tagħha – il-politika ta' kompetittività, u b'mod partikulari koordinazzjoni serja bejn dawn it-tliet policies. Hija għarfet ukoll l-inkapaċitajiet tagħha li twassal risposta konkreta għall-isfidi li għandha quddiemha fil-qasam tal-kompetittività.

3.2.2 Bit-tmiem ta' l-għajnuniet għall-funzjonament, l-industrija ammettiet li hi mhix se tkompli tavvanza bis-saħħa ta' sus-sidji, l-anqas billi tirrikori għal industriji mhux kompetittivi fil-pajjiżi l-kbar tal-bini tal-vapuri barra mill-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-politika industrijali aggressiva tal-Korea t'Isfel għandha tkun opponuta b'urġenza. Avviċinament ġdid kien għalhekk neċessarju.

3.2.3 Meta fir-rebbiegħa 2002, il-Kumitat ta' koordinazzjoni tat-tarzni navali ta' l-UE (CESA) ippreżenta lill-Kummissjoni Ewropea l-ewwel abbozz tal-proposta tiegħu fl-istruttura ta' l-inizjattiva "LeaderSHIP 2015", il-valur tal-proġett bħala risposta speċifika tas-settur dwar l-istrateġija għal tul ta' żmien ta' l-UE, hekk kif kienet definita mill-Kunsill ta' Lisbona, ġie immedjatement rikonoxxut. LeaderSHIP 2015 avviċina fil-fatt l-elementi prinċipali ta' l-istrateġija ta' Lisbona.

3.2.4 Kien għaqli li tkun elaborata strateġija globali, ibbażata fuq l-avviċinament eżistenti, iżda dan seta' jsir billi jkun ikkonsidrat il-fattur ġdid, li l-Kummissjoni kellha tistieden l-industrija biex tiffirma pjan sħiħ. F'Ottubru 2002, il-CESA ppreżenta LeaderSHIP 2015, pjan ta' direzzjoni (road map) għall-futur ta' l-industrija Ewropea tal-kostruzzjoni u tat-tiswija navali.

3.2.5 Għat-tarzni navali Ewropej, l-oġettiv hu li tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' avvanz fis-settur f'segmenti magħżulin tas-suq, billi tiżdied il-kompetittività permezz ta' innovazzjoni u ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) selettivi, billi jiġi enfasizzat aktar il-klijent, billi tintleħaq l-għola produzzjoni u billi tkun imtejba l-istruttura ta' l-industrija, l-UE għandha tkun direttament involuta fit-tweġġiq ta' ċerti għanijiet, bħalma huma l-promozzjoni ta' metodi avvanzati ta' finanzjament u ta' garanzija, definizzjoni ta' normi ambjentali u ta' sigurtà aktar għolja għall-ordnijiet ta' bastimenti ta' kwalità għolja, kif ukoll iż-żamma u t-titjib tal-protezzjoni tad-dritt Ewropew tal-copyright.

3.2.6 Avviċinament Ewropew f'dak li għandu x'jaqsam mal-bżonnijiet fil-qasam tad-difiża navali jimplika politika komuni għall-akkwist ta' materjal ta' difiża.

3.2.7 It-tendenzi prinċipali li se jikkaratterizzaw dan is-settur sa l-2015 jinvolve b'mod partikulari evoluzzjoni fit-trasport multimodali, fin-navigazzjoni interna u fit-trasport marittimu għal distanza qasira, fir-rinforzament ta' l-innovazzjoni u tar-R&D, fit-tkabbir ta' l-UE, fir-regolazzjonijiet fl-oqsma ta' l-ambjent u tas-saħħa kif ukoll fl-iżvilupp lejn politika komuni ta' difiża. Minħabba l-impatt ta' fehmiet politiċi nazzjonali u Ewropej f'dawn l-oqsma kollha, l-industrija tikkalkula li l-Kummissjoni għandha tipparteċipa b'mod attiv fl-iżvilupp ta' ideat bl-iskop li jkunu elaborati policies futuri.

3.2.8 Is-settur tal-bini tal-vapuri minn naħa tiegħu jaċċetta r-responsabbiltà kbira li jorganizza lilu nnifsu. Il-pjan ta' direzzjoni (road map) jinsisti għalhekk dwar l-iżvilupp ta' tipi ġodda ta' bastimenti u ta' ġenerazzjonijiet ġodda ta' tagħmir marittimu, li jgħaqqdu b'mod effiċjenti, is-sigurtà, il-kumdità, ir-rispett lejn l-ambjent u l-ispeċjalizzazzjoni.

3.2.9 F'dak li għandu x'jaqsam ma l-istruttura ta' l-industrija, żewġ avviciamenti komplementarji li jassoċjaw l-intrapriżi huma maħsuba:

- ristrutturazzjoni ta' l-industrija sabiex ikun milħuq numru limitat ta' industrij kbar;
- t-twaqqif ta' networks ta' intrapriżi żgħar flessibbli ħafna sabiex ikunu jistgħu jirrispondu għall-bżonnijiet ta' sezzjonijiet inqas importanti tas-suq.

3.3 Il-grupp konsultattiv ta' livell għoli

3.3.1 Fil-bidu ta' l-2003, grupp konsultattiv ta' livell għoli ppreśudut mis-Sur Liikanen, membru tal-Kummissjoni, nieda diskussjonijiet dwar il-programm LeaderSHIP 2015, ibbażat fuq il-pjan ta' direzzjoni tal-CESA. Dan il-grupp ifformat minn seba' membri tal-Kummissjoni Ewropea, minn żewġ membri distinti tal-Parlament Ewropew, mill-PDG (Presidenti-Diretturi-Ġenerali) ta' l-akbar 10 tarzni navali, mill-President ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Industrija tat-Tagħmir Marittimu u mis-segretarju ġenerali tal-Federazzjoni Ewropea tal-metallurġija.

3.3.2 Il-grupp konsultattiv ippubblika r-rapport tiegħu "LeaderSHIP 2015" f'Ottobru 2003⁽¹⁾. Dan għandu tmien kapitoli li jitttrattaw il-kwistjonijiet koperti mill-pjan ta' direzzjoni ta' l-industrija, kif ukoll kapitolu finali dwar in-neċessità li tkun ikkonsolidat l-industrija Ewropea tal-bini tal-vapuri. Il-konkużjoni ġenerali tal-grupp hi li "LeaderSHIP jikkostitwixxi (...) eżempju tajjeb ta' politika industrijali Ewropea effikaċi fuq livell settorjali".

3.3.3 F'dawn it-tmien kapitoli, il-grupp jiddefinixxi l-għanijiet tas-settur tal-bini tal-vapuri u ta' l-UE hekk kif inhi. L-ewwelnett, hu jipproponi li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġusti fil-bini tal-vapuri mondjali permezz tal-politika kummerċjali ta' l-UE, it-tħaddim tar-regoli ta' l-OMC applikabbli għall-bini tal-vapuri u għall-iżvilupp ta' dixiplini ristretti għal-livell ta' l-OCDE.

3.3.4 Dwar dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni ċentrali tar-riċerka, ta' l-iżvilupp (R&Ż) u ta' l-innovazzjoni, kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u s-settur tal-bini tal-vapuri hija neċessarja. Ir-regolazzjoni Ewropea f'dan il-qasam ma tikkonsidrax b'mod sħiħ il-bżonnijiet speċifiċi tal-bini tal-vapuri u tat-teknoloġija tagħha.

3.3.5 Dan japplika wkoll għall-iżvilupp ta' metodi avanzati ta' finanzjament u ta' garanzija. L-għodod użati attwalment mhumiex kompetittivi fis-suq mondjali. Il-possibbiltà li jkunu stabbiliti fondi ta' garanzija fuq livell ta' l-UE għall-finanzjament ta' qabel u ta' wara l-konsenja għandhom ikunu studjati, kif ukoll kooperazzjoni akbar ma' ditti ta' l-assigurazzjoni ta' kreditu fil-qasam ta' l-esportazzjoni, koperti b'riassigurazzjoni adatta.

(1) "LeaderSHIP 2015 – Definizzjoni dwar il-futur ta' l-industrija Ewropea tal-kostruzzjoni u tat-tiswija navali"; ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea, Brussel, 2003.

3.3.6 Il-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu hija rrazzjonalizzata mill-Aġenzija Ewropea tas-sigurtà marittima. Kumitat ta' esperti konġunti, magħmul minn parteċipanti rilevanti fis-settur marittimu li jkollhom l-għarfien tekniku neċessarju, għandu jkun mwaqqaf bil-għan li jagħti pariri tekniċi lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni. Ikun għaqli li jkunu mtejba aktar l-ewalwazzjoni tal-kwalità, tas-sigurtà u tal-kontroll fis-setturi tal-kostruzzjoni u tat-tiswija navali sabiex tkun garantita l-applikazzjoni, fid-dinja kollha, tan-normi adatti ta' kwalità.

3.3.7 L-appell ta' l-industrija favur kooperazzjoni akbar fis-settur tad-difiża jista', skond il-grupp, ikun appoġġat fil-livell ta' l-UE permezz tal-promozzjoni ta' kooperazzjoni industrijali bejn it-tarzni kif ukoll bejn it-tarzni u l-fornituri tagħhom, permezz ta' titjib għall-aċċess tas-swieq ta' l-esportazzjoni, u permezz tal-konsolidazzjoni ta' l-industrija. Hemm raġunijiet serji li wieħed għandu jiddefinixxi, permezz ta' l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea futura, eżiġenzi komuni tat-tħaddim, li jkunu jikkonċernaw lill-forzi militari navali ta' nazzjonijiet differenti kif ukoll regoli komuni għat-tagħmir ta' difiża.

3.3.8 Minħabba l-fatt li l-dawk involuti fil-bini ta' vapuri jiddependu b'mod qawwi fuq il-leadership teknoloġiku tagħhom, hu għaqli li l-instrumenti eżistenti ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-copyright, jintużaw b'mod bis-sħiħ u kif suppost. Banek ta' informazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-għarfien huma neċessarji u r-regoli internazzjonali tal-protezzjoni tal-liċenzji għandhom ikunu mtejba.

3.3.9 Is-settur tal-bini tal-vapuri waqqaf uffiċjalment kumitat għad-djalogu soċjali fil-livell settorjali (l-ewwel ta' dan it-tip fis-settur ta' l-industrija tal-metallurġija), li fi ħdanu programmi għal bżonnijiet ġodda ta' kwalifiki għandhom ikunu analizzati u avviciinati.

3.3.10 L-aħjar struttura industrijali hija indispensabbli biex ikunu milħuqa r-riżultati mixtieqa. Proċess ta' żvilupp dinamiku jagħti lok għall-relazzjonijiet ġodda u għall-partnerships fi proġetti bejn tarzni navali u l-fornituri tagħhom, attwalment il-fornituri jirrappreżentaw minn 70 % għal 80 % tal-produzzjoni f'tarzna navali. Ikun għaqli għalhekk li jkun iffaċilitat il-proċess ta' konsolidazzjoni permezz ta' miżuri ta' inċentivi speċjali, li jibbażaw lilhom infushom fuq il-kunċett ta' "għajnuna għall-konsolidazzjoni".

3.4 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni

3.4.1 Permezz tal-komunikazzjoni tagħha dwar LeaderSHIP 2015⁽²⁾, il-Kummissjoni tadatta x-xogħlijiet tal-grupp konsultattiv ta' livell għoli bħala politika komunitarja formali. Hi tenfasizza mill-ġdid li politika orizzontali għandha tkun kompluta permezz ta' avviciamenti settorjali speċifiċi. Il-Kummissjoni tipproċedi bl-ewalwazzjoni ta' kull kapitolu u tapprova r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport "LeaderSHIP 2015".

(2) COM (2003) 717 finali.

3.4.2 Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha, tagħraf id-dimensjoni strateġika tal-kostruzzjoni u tat-tiswija ta' vapuri, u fuq il-passi tar-rapport "LeaderSHIP 2015", tikkonferma r-responsabbiltà u il-ko-responsabbiltà fl-oqsma msemmija hawn taħt li kienu koperti mit-tmien kapitli tar-rapport tal-grupp konsultattiv:

- f'dak li jikkonċerna l-OCDE, il-ftehim eżistenti dwar il-krediti ta' l-esportazzjoni u l-arranġamenti konnessi ta' l-OCDE, kif ukoll il-promozzjoni ta' regoli ġusti permezz ta' l-OMC;
- il-Kummissjoni adottat regoli applikabbli għall-għajnuniet lill-innovazzjoni u se tissorvelja l-effetti ta' l-attivitajiet ta' riċerka ffinanzjati mill-Komunità;
- ma' l-industrija, il-Kummissjoni se ssib il-possibiltajiet ta' finanzjament qabel u wara l-konsenja, b'kollaborazzjoni ma' l-BEI;
- Il-Kummissjoni tapprova totalment ir-rakkomandazzjoni tar-rapport LeaderSHIP dwar promozzjoni ta' bastimenti aktar siguri u li jirrispettaw l-ambjent, u dwar il-policies li jimmiraw sabiex jintużaw il-possibiltajiet ta' trasport marittimu ta' distanza qasira fl-Ewropa kollha;
- f'dak li jikkonċerna l-bini tal-vapuri ta' difiża, il-Kummissjoni tapprova r-rakkomandazzjonijiet li huma konformi ma' l-avviċinament żviluppat fil-komunikazzjoni ta' Marzu 2003 dwar id-difiża, li għandu x'jaqsam mal-preparattivi li kellhom joħlqu Aġenzija Ewropea ta' Difiża, destinata biex tirrinforza l-bażijiet industrijali u teknoloġiċi tad-difiża Ewropea kif ukoll tal-kompetittività tagħha. Rigward il-konsolidazzjoni fost it-tarzni tal-vapuri, jaqbel li jiġi nnutat li tarzni privati jaħdmu bil-ħsieb tad-differenzi strutturali li jeżisti fit-tarzni Ewropew, u jgħidu li "l-proprjetà privata hi pre-rekwiżit sabiex jintlaħaq is-succès f'kull sforz ta' konsolidazzjoni".⁽¹⁾
- il-Kummissjoni se tikkollabora ma' l-industrija sabiex ikunu esplotjati l-istrumenti eżistenti dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-copyright industrijali u sabiex jitwaqqfu biżżejjed banek ta' informazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-ġħarfien;
- il-Kummissjoni se tikkoopera ma' l-industrija, permezz ta' djalogu soċjali attiv, dwar bżonnijiet ġodda ta' kwalifiki, bdil ta' ħaddiema f'kull livell, korsijiet ta' taħriġ speċjali u għaj-nuna vitali għal tul ta' żmien lill-bini tal-vapuri;
- minħabba l-proċess ta' konsolidazzjoni, li jiddependi fuq kollox mir-responsabbiltà ta' l-industrija u ta' l-Istati membri u li hu indispensabbli fis-setturi tal-kostruzzjoni u tat-tiswija tal-vapuri b'għanijiet kemm kummerċjali u ta' difiża, il-Kummissjoni hija lesta biex tiffaċilita dan il-proċess, billi tirrispetta r-regoli tal-kompetizzjoni.

⁽¹⁾ COM(2003)717 finali, paġna 14, linja 22

3.5 Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2003

3.5.1 Is-27 ta' Novembru 2003, il-Kunsill "Kompetittività" eżamina l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar LeaderSHIP 2015 fl-aktar kuntest wiesa' tal-politika industrijali⁽²⁾. Il-Kunsill għaraf l-importanza ta' analiżi settorjali biex ikunu irfinuti l-policies orizzontali u stieden lill-Istati membri u lill-Kummissjoni sabiex isaħħu l-kompetittività industrijali, notevolment billi jżommu quddiem għajnejhom il-bżonnijiet u l-ispeċifiċitajiet ta' kull settur.

3.5.2 Il-Kunsill haress b'mod partikulari lejn is-settur tal-bini tal-vapuri, ta' l-industrija aerospazjali, tat-tessuti u ta' l-ilbies.

3.5.3 L-opinjoni tal-Kunsill tagħraf in-neċessità li jkun adottat avviċinament b'mod sħiħ li jimmira lejn tisħiħ tal-kompetittività. Dan japplika wkoll għal LeaderSHIP 2015.

3.5.4 It-tweqqif ta' l-oġġettivi ta' l-istrateġija ta' Lisbona għandu bżonn ta' analizisettorjali, titjib tal-kondizzjonijiet ġenerali, konsultazzjoni miftuħa u trasparenti tal-partijiet interessati, kif ukoll djalogu soċjali. Il-Kunsill enfasisza n-neċessità li jitkomplew l-inizjattivi f'dan ir-rigward.

3.5.5 F'dak li għandu x'jaqsam ma' LeaderSHIP 2015, il-Kunsill jirrakkomanda lill-industrija u lill-awtoritajiet pubbliċi li jagħmlu sforzi partikulari f'dawn l-oqsma li ġejjin:

- ir-regoli ta' l-EU fil-qasam ta' l-għajnuniet ta' l-Istati li jikkonċernaw l-investimenti fl-innovazzjoni;
- l-inkoraġġiment tar-riċerka, ta' l-iżvilupp u ta' l-innovazzjoni;
- il-protezzjoni tal-copyright u ta' l-industrija mill-Istati membri;
- l-inkoraġġiment tal-proċess ta' l-iggruppjar mill-ġdid tal-produtturi Ewropej;
- il-promozzjoni ta' avviċinamenti adatti li jqaqlu kooperazzjoni akbar bejn ir-riżorsi militari u ċivili tal-bini tal-vapuri fl-Ewropa;
- konsiderazzjoni tal-bżonnijiet ġodda ta' kwalifiki, fl-istruttura tad-djalogu soċjali fi ħdan is-settur.

3.5.6 Il-Kunsill jixtieq ikun informat b'mod regolari bir-riżultati ta' l-inizjattiv LeaderSHIP 2015 u dwar it-tħaddim tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

⁽²⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-kontribuzzjoni tal-politika industrijali u tal-kompetittività Ewropea" – Brussel, 24 Novembru 2003 (15472/03).

4. Osservazzjonijiet ġenerali

4.1 Il-KESE jagħraf li l-Ewropa għandha bżonn ta' industrija ta' bini tal-vapuri vijabbli u li jkun għaqli li jiġu ppjanati policies settorjali speċifiċi.

4.2 Hu tal-parir li jiſhaq li l-industrija rnexxielha tiddefinixxi programm koerenti għall-perijodu li jwassal sa l-2015. Dan il-mudell modern ta' avviciament settorjali jistrieħ kif għandu jkun fuq ir-regoli ta' l-UE fil-qasam tal-konformità tas-suq u tal-kompetizzjoni.

4.3 Il-fatt li l-industrija nfisha u s-seba' membri tal-Kummissjoni kienu ħasbu biex jipubblikaw programm komuni għall-futur – LeaderSHIP 2015 – huwa fiħ innifsu wkoll eċċezzjonali. Dan l-involvement reċiproku spiċċa bl-approvazzjoni tal-LeaderSHIP mill-Kummissjoni.

4.4 Il-KESE jilqa' b'mod favorevoli l-avviċinament ġdid tal-Kunsill "Kompetittività" dwar politika industrijali, orizzontali, u settorjali. Il-każ ta' LeaderSHIP juri kif politika settorjali tista' tadatta esiġenzi settorjali għal avviciamenti orizzontali.

4.5 Il-KESE jifraħ bir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-Kunsill dwar is-settur tal-kostruzzjoni u tat-tiswija tal-vapuri. Dawn jikkorrespondu mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, kif ukoll ma'dawk magħmula mis-settur innifsu fil- LeaderSHIP 2015.

4.6 Il-KESE japprova dan il-bdil fil-perspettiva tal-politika tal-bini tal-vapuri, għax hu jqisha bħala l-frott ta' metodu ġdid ta' xogħol u ta' avviciament ġdid ta' politika industrijali fil-livell settorjali. Din tista' sservi bħala mudell għall-inizjattivi simili f'setturi oħra.

4.7 B'mod aktar speċifiku l-KESE hu ta' l-opinjoni li pożizzjonijiet u prinċipji komuni kif ukoll esperjenzi kollettivi fi ħdan l-EU huma ippreferuti mit-tkomplija ta' policies nazzjonali, sabiex titwaqqaf industrija tal-kostruzzjoni u tat-tiswija ta' vapuri fl-Ewropa fuq bażi soda u sostenibbli.

4.8 It-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropa joffri opportunitajiet għax iġib vantaġġi kbar, li jippermettu preżenza Ewropea f'segmenti li ma kinux aktar servuti mit-tarzni ta' l-UE qabel it-tkabbir⁽¹⁾. Ir-regoli komunitarji li huma mħaddma għandhom ikunu rrispettati b'mod sħiħ.

4.9 LeaderSHIP 2015 ma jistax jilħaq il-quċċata tas-suċċess tiegħu jekk dawn il-kapitli kollha ma jkunux l-oġġettivi ta' azzjoni simultanja mill-imsieħba kollha kkonċernati (industrija, Kummissjoni u, f'ċerti każi, Stati membri), billi kull parteċipant jaġġixxi fl-oqsma li tagħhom ikun responsabbli.

(1) Bħat-tankers il-kbar taż-żejt mhux maħdum u bħall-vapuri tal-merkanzija, li l-bini tagħhom jitlob fit kompetenzi teknoloġiċi u li għalihom l-ispejjeż tal-ħaddiema jikkostitwixxu parti relattivament importanti.

5. Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

5.1 Il-kredibilità tal-politika proposta tiddependi mit-tħaddim tiegħu. Il-follow-up huwa importanti, u l-proċess għandu jkun trasparenti u ssorveljat b'attenzjoni. Hemm raġunijiet serji li għalihom għandhom ikunu ggarantiti parteċipazzjoni, trasparenza u follow-up adatt. Bħal Kunsill, il-KESE hu wkoll favorevoli li l-Kummissjoni tippreżenta kull sena fil-Kunsill "Kompetittività" rapport dwar il-progress milħuq.

5.2 LeaderSHIP 2015 jibda billi jiffissa r-rettezza bħala l-oġġettiv tiegħu fit-tħaddim tar-regoli fuq livell mondjali. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' l-avviċinament attwali ta' l-UE dwar il-politika industrijali, li timmira biex jitwaqqaf ftehim internazzjonali effiċjenti li jggarantixxi dixxiplina stretta fid-dinja kollha.

5.3 Il-KESE jenfasizza li l-konsegwenzi tal-kompetizzjoni żleali ta' ċerti tarzni Asjatiċi jikkostitwixxu mhux biss tehdida konsiderevoli għat-tarzni Ewropej, iżda għandhom ukoll jallarmaw lis-settur Ewropew tat-tagħmir marittimu. Il-fatt li ċerti pajjiżi kostrutturi Asjatiċi jistgħu jħabbru li jistgħu jirrikorru prinċipalment għall-fornituri lokali għandu jkun meħud bl-akbar serjetà.

5.4 Għalkemm għadhom jeżistu livelli u metodi differenti ta' għajna li tingħata lill- bini tal-vapuri mill-Istati membri, il-kwistjoni tal-kondizzjonijiet ġusti u tad-dixxiplina tas-settur fi ħdan il-UE mhumiex imsemmija b'mod speċifiku. It-twaqqif ta' kondizzjonijiet ġusti ġewwa l-Unjoni, it-trasparenza u s-sorveljanza tagħhom iqajmu preokkupazzjonijiet partikulari. Sabiex ikunu iffavoriti l-kredibilità tal-proċess u l-konfidenza li tikkonforma mar-regoli u ma' l-oġġettivi ffissati, il-KESE jenfasizza kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tissorvelja l-applikazzjoni tar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-għajnuniet ta' l-Istati u ma' prattiċi żleali eventwali.

5.5 Ir-R&Ż u l-innovazzjoni huma ta' importanza kruċjali, għax l-Ewropa għadha għajn ta' ideat għal bqija tad-dinja fil-qasam tal-bini tal-vapuri. Dan huwa għalhekk fattur ieħor essenzjali għas-suċċess. Bħala konsegwenza, huwa importanti li bosta strumenti jagħtu appoġġ effiċjenti u jkun mħaddma b'mod prattiku. L-industrija tista' tkun utili billi tagħti pariri korretti lil dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet politiċi. Għaldaqstant, it-tħaddim ta' strumenti ta' innovazzjoni għandu jkun trasparenti.

5.6 Sabiex ikunu rrazzjonalizzati l-istrumenti ta' finanzjament tal-bastimenti kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak Ewropew, il-KESE hu tal-fehma li l-fondi Ewropej ta' garanzija proposti fil-programm LeaderSHIP għandhom ikunu mħaddma mill-aktar fis possibbli. Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità għat-tħaddim tagħhom. Dawn il-fondi jistgħu jikkontribwixxu l-ħolqien ta' kondizzjonijiet ġusti u effettivi fi ħdan l-UE infisha.

5.7 Il-KESE jilqa' b'mod favorevoli l-ftehim bejn l-industrija u l-Kummissjoni dwar it-tip ta' esigjenzi u ta' politiki ambjentali meħtieġa fis-settur. L-UE għandha tkompli tagħti eżempju billi tipproteġi l-ambjent marittimu u billi taħdem għall-applikazzjoni b'mod strett tar-regoli internazzjonali rilevanti. Avviċinament Ewropew ikkoordinat fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali jista' jiggarantixxi livell ta' effikaċja soddisfaċenti sabiex tkun iddefenduta pożizzjoni kontinwa li tagħti lill-OMI l-poter li taġixxi waħidha fl-istipular tar-regoli fuq livell mondjali.

5.8 Il-leġislażzjoni li tikkonċerna s-sigurtà tat-trasporti marittimi kienet mtejba b'mod sensibbli fl-UE matul dawn l-aħħar snin. Għaldaqstant, ikun għaqli li jkun mogħti aktar attenzjoni t-twaqqif ta' normi adatti għat-tiswija tal-vapuri, kif jissuġġerixxi LeaderSHIP.

5.9 F'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport marittimu, l-applikazzjoni tan-normi ta' sigurtà mħaddma bħalissa għadha l-punt l-aktar debboli ta' l-UE. Għaldaqstant, il-KESE jitlob bil-ħerqa kollha li jkun hemm kooperazzjoni effikaċi bejn il-għassiesa tal-kosta Ewropej.

5.10 It-tisħiħ tat-trasport marittimu għal distanza qasira u ċ-ċaqliq ta' traffiku stradali lejn il-baħar huma wkoll objettivi ambjentali importanti. Biex jiġu milħuqa, hemm raġunijiet serji li għalihom għandha tkun imtejba l-infrastruttura moderna, li tinkludi l-portijiet u l-bastimenti. F'dak li jirrigwardja l-finanzjament ta' din l-infrastruttura mill-awtoritajiet pubbliċi, dawn ta' l-aħħar għandhom jissorveljaw li l-investimenti jsiru għall-benefiċċju tal-produtturi ta' l-UE.

5.11 Il-fattur uman huwa element essenzjali u l-KESE jilqa' l-intensifikazzjoni maħsuba tad-djalogu settorjali, li fi ħdanu l-Kummissjoni, dawk li jħaddmu, u t-trade unions għandhom sehem x'jaġhtu. Hu ta' min jinnota li huwa fil-bini tal-vapuri li ġie mwaqqaf l-ewwel kumitat formali ta' djalogu soċjali settorjali tal-kostruzzjoni metallurġika; dan huwa indikazzjoni oħra ta' l-ispirtu nnovattiv fis-settur.

5.12 Id-djalogu soċjali jgħib diġà kontribuzzjonijiet prezzjużi lil firxa kbira ta' temi soċjali, li jinkludu taħriġ, reklutaġġ, edukazzjoni matul il-ħajja kollha u adattament għaċ-ċikli ekonomiċi. Sa llum il-ġurnata, żewġ gruppi ta' ħidma kienu mwaqq-

fin, wieħed biex itejjeb id-dehra ta' l-industrija u l-ieħor biex jidentifika l-kompetenzi ġodda meħtieġa fis-settur tal-bini tal-vapuri.

5.13 Id-djalogu soċjali għandu jittratta wkoll id-differenzi kosiderevoli tal-produttività tal-forza tax-xogħol fil-livell mondjali.

5.14 Il-KESE jinsab sodisfatt bil-konsiderazzjoni kbira li qed tingħata fl-Ewropa lil segmenti speċifiċi ta' l-industrija tal-manifattura bħalma huma l-bini tal-vapuri u l-aeronawtika fl-istruttura ta' l-objettivi ta' difiża, u ta' l-interazzjoni bejn l-industrija ċivili u militari.

5.15 F'dan il-kuntest, hemm raġunijiet serji biex tkun approvata l-enfasi magħmula minn LeaderSHIP fuq il-proġetti marittimi Ewropej u fuq il-kollaborazzjoni bejn it-tarzni tal-vapuri. Sal-lum, dawn ħabbtu wiċċhom ma' konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u ta' tradizzjonijiet diverġenti. Għaldaqstant, jekk l-Ewropej ma jiddeċidux li għandhom jikkooperaw aktar mill-qrib, l-ispejjeż se jkomplu jiżdiedu, u dan se jhedded il-pożizzjoni ta' l-Ewropa fl-oqsma ta' l-innovazzjoni u tat-teknoloġija.

5.16 Jeżistu diġà proġetti ta' kooperazzjoni li rnexxew, notevolment bejn il-Ġermanja u l-Olanda dwar kostruzzjoni ta' frejgati u bejn Franza u r-Renju Unit fil-qasam tal-bastimenti ta' trasport. Proġetti ġodda jistgħu jkunu pjanati permezz tal-kollaborazzjoni ta' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Armamenti li għad trid titwaqqaf. L-għola sinerġija bejn it-tarzni permezz taż-żamma u tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u tan-know-how hija indispensabbli. Huwa mixtieq li l-Aġenzija tkun imqabba tagħmel inventarju tal-kapaċitajiet, tat-teknoloġiji u ta' l-innovazzjoni disponibbli fit-tarzni tal-vapuri, sabiex tkun garantita l-aħjar relazzjoni bejn kwalità u prezz waqt offerti ġodda ta' xogħol. Minħabba li l-gvernijiet huma l-klijenti tat-tarzni tal-vapuri militari, hemm raġunijiet serji li għalihom irid ikun evitat li jkunu mogħtija aktar sussidji lill-produtturi ta' vapuri militari milli lil dik ta' vapuri tal-merkanzija.

5.17 Il-konsolidazzjoni ta' l-industrija hija meqjusa bħala s-sies tal-vijabilità tas-settur fil-ġejjieni. Għaldaqstant, baqa' biex jinstab kif dan il-proċess se jkun imwettaq, minħabba r-relazzjoni komplessa bejn l-intrapriżi bażiċi u l-persentaġġ għoli ta' fornituri.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-impresorjalità, u b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji (SME) (2001-2005)”

COM(2003) 758 finali 2003/0292 (COD)

(2004/C 302/02)

Fit-23 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond l-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar il-“il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-impresorjalità, u b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji (SME) (2001-2005)”.

Is-Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, li kienet responsabbli għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fid-9 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien Is-Sur Dimitriadis.

Fis-sessjoni plenarja nru. 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta' Ġunju 2004), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'140 vot favur, 1 kontra u 4 astensjonijiet.

1. Daħla

1.1 L-UE iffaċċjat u għadha tiffaċċja, kemm qabel kif ukoll wara l-istabbiliment ta' l-għanijiet ta' Lisbona, (1) problemi serji rigward il-kompetittività u l-modernizzazzjoni tal-kumpanniji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, (2) nuqqasijiet serji ta' effiċjenza u burokrazija eċċessiva ta' l-awtoritajiet pubbliċi meta tip-promwovi l-ħidma bl-ispirtu ta' l-intrapriżi, (3) nuqqas ta' koordinazzjoni bejn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-SMEs, awtoritajiet pubbliċi u l-Kummissjoni fil-promozzjoni ta' l-impresorjalità, (4) nuqqas ta' koordinazzjoni bejn policies nazzjonali għall-appoġġ ta' l-SMEs, (5) nuqqas ta' strateġija essenzjali fit-tul għall-SMEs fl-Istati Membri, (6) problemi serji rigward appoġġ finanzjarju għall-kumpanniji (b'mod partikolari l-SMEs) mis-settur tal-banek u l-industrija tal-venture capital, (7) spejjeż għoljin ta' self minħabba d-daqs żgħir ta' l-SMEs u r-riskju ogħla u (8) nuqqas ta' politika permanenti dwar l-SMEs.

1.2 L-UE tagħraf illi, filwaqt li s-Suq Uniku ġie milħuq rigward leġislazzjoni u regoli, l-SMEs ma għamlux użu sħiħ mis-sistema kurrenti u l-vantaġġi potenzjali tagħha, u mhumiex qegħdin jużaw dak il-potenzjal kollu.

1.3 L-UE qiegħda tiġġieled kontra l-kompetizzjoni internazzjonali, kontra l-influenza konsiderevoli ekonomika u politika ta' l-Istati Uniti ⁽¹⁾, li laħqet kompetittività u produttività għoljin ħafna, u kontra l-Ġappun, il-pajjiżi tal-Lbiċ ta' l-Asja ⁽²⁾ u l-ekonomiji emerġenti bħaċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: “Pjan ta' Azzjoni: l-Aġenda Ewropea għall-Ispirtu tal-Ħidma fl-Intrapriżi”, COM(2004) 70 finali, 11.02.2004.

⁽²⁾ Dokument ta' ħidma tal-ħaddiema tal-Kummissjoni: “Rapport dwar il-Kompetittività Ewropea 2003”, SEC(2003) 1299, 12.11.2003.

1.4 Il-problema l-aktar serja soċjali u ekonomika li tiffaċċja l-UE hija l-qgħad, u għamlet il-ħolqien ta' impiegi ġodda għan primarju, partikolarment fl-SMEs, li jikkostitwixxu l-maġġoranza kbira tal-kumpanniji Ewropej.

1.5 L-UE qiegħda tagħmel sforz enormi biex ittejjeb ir-riċerka u t-teknoloġija għaliex taf illi t-titjib f'dawn is-setturi huwa l-uniku mod biex l-iżvilupp u l-progress jiġu ggarantiti, iżda l-istrateġija proposta mhux dejjem tipproduċi r-riżultati mistennija minħabba nuqqas ta' mekkaniżmi flessibbli u minħabba qafas regolatorji li jinkoraġġixxu l-burokrazija, inaqqsu l-effettività u joħlqu dewmien żejjed.

1.6 B'risposta għal dan li ntqal qabel, il-Kunsill ta' Amsterdam (Ġunju 1997) u s-Summit speċjali dwar l-Impiegi (Novembru 1997 fil-Lussemburgu) waqqfu s-sisien għall-inizjattiva tat-Tkabbir u ta' l-Impjeg, filwaqt li l-Kunsill tal-Ministri – bid-Deċiżjonijiet 98/347/KE ⁽³⁾ u 2000/819/KE ⁽⁴⁾ – waqqaf is-sisien għal appoġġ organizzat u kontinwu għall-ispirtu Ewropew tal-ħidma fl-intrapriżi, flimkien ma' programmi speċifiċi biex jinħolqu aktar impiegi.

2. Introduzzjoni

2.1 Għanijiet

L-għan tal-programm huwa l-promozzjoni tal-ħolqien ta' l-impiegi u l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' l-intrapriżi ż-żgħar u medji innovattivi, kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 96/280/KE, billi jiżiedu r-riżorsi finanzjarji disponibbli u b'hekk jiżied l-investment fl-SMEs.

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 98/347/KE dwar miżuri ta' assistenza finanzjarja għall-intrapriżi żgħar u medji innovattivi u li joħlqu l-impiegi (SME) – l-inizjattiva dwar it-tkabbir u l-impieg – ĠU L 155 of 29.05.1998.

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriżi u għall-ispirtu tal-ħidma fl-intrapriżi, u b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji (SME) (2001-2005).

2.1.1 Ir-raġuni għaliex l-SMEs jingħataw l-appoġġ hija li ntwera illi huma joħlqu impjegi ġodda aktar faċilment għaliex jaddattaw tajjeb għall-kundizzjonijiet tas-suq li jkunu qed jinbidlu, jieħdu d-deċiżjonijiet faċilment u jimplimentaw ir-rekwiżiti l-ġodda aktar malajr minn kumpanniji kbar. Minbarra dan, spiss huma l-SME li għandhom l-aktar problemi biex jistabilixxu ruħhom (minħabba l-burokrazija u n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji), jippromwovu proġetti innovattivi (minħabba n-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jaċċessaw il-fondi mill-banek u, fl-iStati Membri l-ġodda, in-nuqqas ta' sistema ta' banek kapaċi li jipprovdu fondi simili) u ż-żieda fil-kooperazzjoni internazzjonali.

2.2 Deskrizzjoni – għan tal-programm

Il-programm jikkonsisti fi tliet skemi: (i) skema tal-venture capital (Faċilità ETF Start-up⁽¹⁾), imħaddma mill-Fond Ewropew għall-Investment (EIF), (ii) skema ta' appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni tal-ħolqien ta' intrapriżi konġunti transnazzjonali bejn l-SME fl-UE (Intrapriża Konġunta Ewropea – JEV), imħaddma mill-Kummissjoni, u (iii) skema ta' garanzija (Faċilità ta' Garanzija għall-SME), imħaddma mill-EIF.

2.2.1 Il-budget għall-programm kien €432.56 miljun, kompost minn €168 miljun għall-Faċilità ta' l-ETF Start-up, €57 miljun għall-JEV u €198.56 miljun għall-Faċilità ta' Garanzija għall-SME. Minħabba l-użu qawwi tal-Faċilità ta' Garanzija għall-SME, ġew trasferiti €30.56 miljun minnha għall-JEV. Sad-29 ta' Mejju 2002, jew it-tmiem tal-perjodu li jkopri l-irbit tal-fondi tal-budget, l-allokazzjoni inizzjali fil-budget għall-Faċilità ta' l-ETF Start-up u l-Faċilità ta' Garanzija għall-SME kienet marbuta kollha mill-EIF. Għall-JEV, total ta' €14.5 miljun kien disponibbli għall-implimentazzjoni ta' diversi proġetti.

2.2.2 L-iskema tal-venture capital (Faċilità ta' l-ETF Start-up) tappoġġja l-investment tal-venture capital fl-SMEs, b'mod partikolari matul il-bidu tagħhom u l-ewwel stadji ta' l-iżvilupp tagħhom, u/jew f'SMEs, bl-investment ta' fondi speċjalizzati tal-venture.

2.2.2.1 Taħt l-Intrapriża Konġunta Ewropea (JEV), l-UE tipprovi kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-SME biex tistabilixxi intrapriżi konġunti transnazzjonali fl-UE.

2.2.2.2 Taħt il-Faċilità ta' Garanzija għall-SME, l-UE tagħti fondi biex tkopri l-ispejjeż tal-garanziji ta' l-EIF u kontro-garanziji biex tippromwovi żieda fis-self lejn SME innovattivi. Dan jiġi akkwistat billi tiżdied il-kapaċità ta' skemi ta' garanzija li

joperaw fl-iStati Membri u jirrelata kemm għal programmi ġodda kif ukoll daww eżistenti. Il-Faċilità tkopri parti mit-telf imġarrab taħt il-garanziji sa ammont iddeterminat minn qabel, b'enfasi partikolari fuq il-fondi għall-assi intanġibbli ta' l-SME.

3. Impatt tal-programm

3.1 Skond ir-rapport tal-Kummissjoni, taħt il-Faċilità ta' l-ETF Start-up, madwar 206 SME fis-settur tat-teknoloġija għolja (bioteknoloġija/xjenzi tal-ħajja u teknoloġija informatika) ibbenefikaw mill-programm sa Ġunju 2002⁽²⁾; kienu kisbu wkoll riżultati pożittivi ħafna bħala ħolqien ta' impjegi. Il-Faċilità ta' Garanzija għall-SME appoġġjat 112,000 kumpanniji iżgħar, li żiedu l-impieg b'aktar minn 30 %, filwaqt li l-JEV appoġġjat l-inqas proposti (ġew aċċettati 137 proposta biss).

4. Osservazzjonijiet

4.1 Ir-Rapport tal-Kummissjoni⁽³⁾ dwar it-tliet skemi huwa bbażat fuq kampjun żgħir ħafna ta' intrapriżi li jfisser illi l-konklużjonijiet magħmula għandhom probabbiltà qawwija ta' żball statistiku fih ukoll fattwali.

4.2 Fl-erba' snin mill-1998 (l-ewwel sena) sa l-2002 (sena ta' evalwazzjoni), madwar 206 SME ibbenefikaw mill-Faċilità ta' l-ETF Start-up. Il-KESE jqis dan in-numru baxx meta mqabbel ma' inizjattivi ekwivalenti fl-iStati Uniti, fejn kien hemm tixrid tal-bidu ta' SMEs u spirtu imprenditorjali akbar ibbażati fuq miżuri simili appoġġjati minn venture capital ta' riskju għoli. Ġew stabbiliti biss 31 intrapriżi konġunti transnazzjonali u nħolqu 252 impieg ġdid taħt il-JEV, riżultat li ma laħaqx l-aspettattivi. Ir-riżultati tal-Faċilità ta' Garanzija għall-SME huma meqjusa bħala tajbin.

4.3 Il-previżjonijiet li saru fir-rapport għall-ħolqien ta' l-impjegi fil-kumpanniji li jirċievu l-appoġġ huma bbażati fuq tagħrif ta' qabel (2001 sa nofs l-2002) u ma jistgħux jitqiesu xierqa għal dawn it-tliet skemi.

4.4 Il-KESE m'għandux tagħrif definittiv, konkret u sħiħ dwar il-ħolqien ta' impjegi ġodda (1998-2003), li jagħmilha diffiċli ħafna li tiġi stmata s-sitwazzjoni, u li jiġu ppreżentati l-pożizzjonijiet u l-konklużjonijiet. Madankollu l-KESE jerġa' jindika l-interess partikolari tiegħu fl-isforzi biex jinħolqu l-impjegi, jsejjaħ lill-Kummissjoni dan isir priorità wara li jiġi adottat il-programm multiannwali.

⁽¹⁾ ETF: Faċilità Ewropea tat-Teknoloġija, mwaqqfa mill-Bank Ewropew ta' l-Investment (EIB) sabiex tiġġenera l-venture capital għall-SME fis-settur tat-teknoloġija għolja billi tipprovi fondi ta' investment permezz ta' fondi eżistenti tal-venture capital.

⁽²⁾ Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – COM(2003) 758 finali, tat-8.12.2003.

⁽³⁾ Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – COM(2003) 758 finali, tat-8.12.2003.

4.5 L-investiment b'riskju għoli huwa prerekwiżit essenzjali għall-promozzjoni ta' ideat innovattivi li jiġu ttrasformati f'intrapriżi ta' negozju u jirriżultaw f'proġetti ta' investiment li jirnexxu. Is-suċċess fenomenali ta' xi intrapriżi bħal dawn ipattu għall-falliment ta' intrapriżi oħrajn innovattivi li ma jiġux attivati fis-suq.

4.6 L-iskema tinjora għal kollox l-ekonomija tradizzjonali. Billi tirreferi b'mod kostanti għal attivitajiet innovattivi, teskludi l-possibilità ta' aċċess għall-fondi lil intrapriżi tradizzjonali ta' daqs żgħir u medju. L-innovazzjoni hija għodda importanti ħafna għall-modernizzazzjoni ta' l-ekonomija u biex tiżded il-kompetittività. Iżda għandu jiġi enfasizzat illi: (a) l-intrapriżi Ewropej jirriskjaw li jtilfu ishma mis-suq b'mod permanenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti tas-setturi tradizzjonali minn pajjiżi terzi irħas, (b) jekk ma jingħatax appoġġ lil intrapriżi tradizzjonali żgħar u medji, hemm riskju li jinħalqu l-oligopoliji fis-setturi tal-kummerċ u tad-distribuzzjoni, b'effetti negattivi għall-proċess kollu tal-produzzjoni, u telf nett ta' l-impjegji.

4.7 It-tnaqqis tal-burokrazija permezz ta' l-istabbiliment ta' one-stop shops responsabbli għall-proċeduri ta' l-implimentazzjoni u tneħħija ta' dokumenti żejda bl-użu tat-teknoloġija moderna huma rekwiżiti bażiċi għall-involviment ta' l-SMEs fil-programmi rilevanti.

5. Konklużjonijiet

5.1 Il-KESE jaqbel ma' l-emendi għad-Deċiżjoni 2000/819/KE proposti mill-Kummissjoni.

5.2 Il-Kumitat jaqbel mal-perspettiva tal-Kummissjoni li l-impatt sħiħ tat-tliet strumenti ta' fondi jista' jiġi stmat biss wara li jgħaddi żmien konsiderevoli, iżda jemmen illi għadda biżżejjed żmien minn meta ġew introdotti biex isiru l-konklużjonijiet bi skop li jsiru xi aġġustamenti, u li fl-ekonomija li hija bħalissa globalizzata u kompetittiva b'mod qawwi, iż-żmien huwa essenzjali, minħabba li t-tendenzi u l-perspettivi tan-negozju dejjem qiegħdin jinbidlu.

5.3 Il-KESE jirrealizza illi matul l-2001 u l-2002 l-ambjent internazzjonali tan-negozju ma kienx favorevoli u li kien hemm provvista mnaqqsqa ta' venture capital fl-UE u riluttanza da parti tal-banek il-kbar li jsejlfu lill-SMEs. Fl-2002, kibret it-talba għall-garanziji fl-Ewropa b'mod sostanzjali, minħabba li l-banek il-kbar bdew jitolbu aktar garanziji minħabba r-riskju għoli u l-ispiża għolja assoċjata ma' l-amministrazzjoni tas-self. F'din is-sitwazzjoni, il-KESE jqis l-istrumenti, speċjalment il-Faċilità tal-Garanzija u l-Faċilità ta' l-iStart-up, bħala utli. Jissuġġerixxi wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-banek żgħar speċjalizzati li jaħdmu l-aktar ma' SME u għandhom sistemi ta' l-komunikazzjoni flessibbli.

5.4 Il-KESE jaqbel mal-proġetti taħt it-tliet skemi u jagħraf li hemm ħtieġa għalihom. Iżda, jqis il-proċess li bih l-SME jaċċesaw l-istrumenti bħala oneruż, burokratiku u inflessibbli, minħabba li l-kumpanniji spiss għandhom problemi ta' natura konsiderevoli biex jiksbu t-tagħrif u bil-proċeduri interni.

5.5 Il-KESE jqis 'il-Faċilità tal-Garanzija ta' l-SME bħala partikolarment utli u jsejjaħ biex dawn il-fondi jiżdedu b'mod sustanzjali u biex isir kull sforz biex jiġu inklużi direttament dawk il-pajjiżi li s'ssa ġew esklużi (il-Greċja, l-Irlanda u l-Lussemburgu).

5.6 Il-KESE jappoġġa l-isforzi biex il-Faċilità tal-Garanzija tiġi estiża bl-iskop ta' l-adeżjoni ta' l-iStati Membri l-ġodda, li fihom eluf ta' SMEs li m' għandhomx aċċess għal self mill-banek u għalhekk ma jistgħx jinvestu b'mod effettiv u joħolqu impiegi ġodda.

5.7 Il-KESE jaħseb li l-budget għall-programm għandu jiġi rivedut bl-iskop li jiġu koperti l-ħtieġiet ta' l-iStati Membri l-ġodda. Il-budget disponibbli bħalissa kien maħsub għal 15-il Stat Membru biss, u mhux 25, u l-membri l-ġodda żgur se jkollhom ħtieġiet akbar.

5.8 Il-KESE jagħmel sejħa lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa biex tkompli ttejjeb il-Faċilità ta' l-ETF Start-up, minħabba li hija strument essenzjali għall-ħolqien ta' SMEs innovattivi u l-appoġġ ta' intrapriżi ta' negozju b'riskju għoli, li huma neċessarji għall-iżvilupp tar-riċerka u tat-teknoloġija, kif ukoll skemi oħrajn ta' l-investiment ta' l-SMEs li ma jaqgħux taħt l-intestatura ta' teknoloġija għolja iżda li huma ta' interess kummerċjali sostanzjali u jridu jkollhom aċċess għal kull tip ta' mezz ta' fondi u ta' trasport. Il-Kumitat għalhekk jipproponi li:

- a) jingħataw garanziji għall-forom legali kollha ta' kumpanniji, mingħajr riferenza għat-tip ta' attività tagħhom,
- b) jkunu disponibbli l-fondi permezz ta' l-ETF Start-up għat-tipi kollha ta' kumpanniji;
- c) jingħata aktar appoġġ għal inizzjattivi innovattivi u ta' riskju għoli
- d) fil-każijiet kollha għandu jkun hemm żieda progressiva fil-kapital tal-bidu (EFT) ibbażat fuq impiegi, jew żieda fl-impiegi u fl-innovazzjoni,
- e) is-sistema tal-banek tiġi involuta fit-tixrid ta' tagħrif u fondi ta' appoġġ u programmi ta' garanzija,
- f) titqies il-possibilità li tiġi negozjata r-rata ta' l-interessi għall-kumpanniji benefiċarji fuq bażi ta' ftehim ċentrali bejn il-faċilità tal-garanzija u l-banek,
- g) titqies il-possibilità li jingħata appoġġ għal inizzjattivi nazzjonali permezz tal-faċilità tal-garanzija.

5.9 Il-KESE jqis li l-kapital privat u pubbliku disponibbli fl-UE għall-RTD mhuwiex xieraq biex ikopri l-ħtiġiet akbar ta' l-SME fis-setturi ta' l-informazzjoni, tat-teknoloġiji ġodda u tal-bioteknoloġija. Il-Kumitat jagħmel sejħa biex jinstabu fondi sostanzjalment akbar sabiex jiġu koperti dawk il-ħtiġiet.

5.10 Fejn meħtieġ, is-sistemi mgħaġġlin u flessibbli stabbiliti u mħaddma b'ħafna suċċess fl-Amerika għandhom jitqiesu, jiġu stmati u jintużaw. Għandu jkun hemm ukoll aktar skop għall-kooperazzjoni ma' fondi tal-venture capital speċjalizzati, kull fejn u kull meta jeżisti interess dwar l-investiment. (1) Il-KESE jsejjaħ lill-Kummissjoni biex tieħu l-inizjattiva fuq din il-kwistjoni.

5.11 Il-KESE jaħseb li għandu jkun hemm sforz akbar biex l-SMEs jiġu mgħarrfa dwar l-eżistenza u l-ħidma tal-Faċilità tal-Garanzija u biex jinstabu modi aħjar ta' aċċess għal u komunikazzjoni ma' l-EIF u l-EIB. L-istahriġ imwettaq wera li l-parti l-kbira ta' l-SMEs mhumiex konxji li l-UE stabbiixxa sistema ta' appoġġ formali għalihom. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu involuti direttament organizzazzjonijiet tan-negozji (kmamar tal-kummerċ, għaqdiet tal-kummerċ, organizzazzjonijiet ta' intrapriżi żgħar u medji, eċċ.) sabiex jitjeb il-provvediment ta' tagħrif u l-komunikazzjoni ma' l-SME issir aktar diretta u aktar effettiva, u jissolvew aktar malajr il-problemi prattiċi meta jiġi implimentat il-programm.

5.12 Il-KESE jaħseb li ftit wara l-adeżjoni ta' l-iStati Membri l-ġodda, tista' ssir stima speċjali biex jiġi stabbilit it-teħid tal-faċilitajiet, minħabba li għalkemm jittieħed kont tal-problemi li bħalissa qed jiġu esperjenzati fil-pajjiżi ta' l-adeżjoni, huwa ċerti illi: a) is-sitwazzjoni attwali tkun inqas favorevoli minn dik rapportata, b) ikunu meħtieġa livelli sostanzjali ta' appoġġ li bħalissa ma jistgħux jiġu stmati u, c) ikun meħtieġ perjodu ta' aġġustament li jinolvi riskji serji għall-SMEs.

5.13 Il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li ttemm il-JEV kmieni, filwaqt li tiftakar l-istruttura tagħha li bħalissa hija kkritikata. Iżda, il-KESE jixtieq jenfasizza illi huwa jkompli wkoll jappoġġja intrapriżi konġunti transnazzjonali minħabba li huwa jemma li hemm nuqqas sostanzjali fil-proġetti transnazzjonali u intrapriżi tan-negozju fl-UE u li għandhom jitneh-hew il-fruntieri tal-kummerċ fl-Ewropa.

5.14 Ikun ukoll meħtieġ li titqies il-possibilita li jerġa jiġi introdott il-programm JEV jew programm ibbażat fuq princijpu simili, jekk u meta jkun hemm possibilitajiet ta' tkabbir għall-

ħolqien ta' intrapriżi transnazzjonali fl-UE u fiż-ŻEE. Għalhekk għandu jkun hemm politika li tappoġġja l-intrapriżi transnazzjonali bejn l-SME sabiex ikun possibbli li jintlaħaq dan l-għan importanti, mingħajr il-burokrazija eċċessiva li ttelef il-programm JEV u li kienet ir-raġuni għaliex falla.

5.15 Il-KESE jemmen li wara l-esperjenza diġà miksuba mas-Sixth Framework Programme għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku għandhom jergġghu jiġu introdotti programmi fuq skala żgħira għall-SMEs, minħabba li dawn il-programmi mhumiex parti mill-kunċett tal-programm multiannwali bħalissa.

5.16 Il-KESE jagħraf li hemm spejjeż kbar amministrattivi involuti fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' fondi fuq livell baxx u li għalhekk hemm tendenza li dawn jiġu limitati b'mod sostanzjali. Madankollu, jinnota li tnaqqis ta' dawn il-programmi jneħħi l-aċċess għall-SMEs, li ma jistgħux jibbenefikaw mill-programmi ta' fondi fuq livell għoli. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KESE jaqbel mal-Parlament Ewropew u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tkun partikolarment attenta rigward it-tnaqqis jew tneħħija ta' dawn il-programmi, speċjalment minħabba li huma manifestament jilqu l-ħtiġiet ta' l-SME. Il-Kumitat iqis li huwa neċessarju li l-Kummissjoni taħdem flimkien ma' l-organizzazzjonijiet tan-negozji għal dan l-iskop.

5.17 Il-KESE jqis li l-Karta Ewropea għall-Intrapriżi ż-Żgħar addottata fil-Kunsill Ewropew f'Feira (19 ta' Ġunju 2002) hija inizzjattiva partikolarment importanti u kiteb ħafna opinjonijiet fuq dan. Il-Kumitat jirrepeti l-ħtieġa li jiġu implimentati d-disposizzjonijiet tal-Karta fil-prattika bbażati fuq regoli legali ċari.

5.18 Il-KESE jaqbel ma' l-għanijiet tal-fondi fl-Anness I (deskrizzjoni ta' sferi ta' azzjoni) għall-Faċilità tal-Garanzija ta' l-SMEs (Anness I, punt 4(a)(i)), iżda jemmen li dan jista' jitwessa' aktar wara djalogu serju u kontinwat ma' l-organizzazzjonijiet rappreżentanti ta' l-SMEs (eż., sistemi ta' kwalità, studji ambjentali, studji tal-kwalità, appoġġ tekniku u teknoloġiku, trasferiment tat-teknoloġija).

5.19 Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni aktar deċisiva u effettiva biex jissaħħu l-SME innovattivi u titnaqqas il-burokrazija fil-programmi (eż., ħelsien minn dokumenti żejda, jitħaffu l-proċeduri, eċċ) minħabba li din għandha konsegwenzi negattivi u tikkawża dewmien żejjed.

5.20 Il-KESE jilqa' t-tendenza ġenerali tal-programmi u jispera li jkomplu jiġu appoġġjati u mtejba.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

(1) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar il-kapital ta' risku (RCAP), COM(2002) 563, 16.10.2002

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tikkonċerna struttura legali ġdida għall-pagamenti fis-Suq Intern

COM (2003) 718 finali

(2004/C 302/03)

Fit-2 ta' Diċembru 2003 il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar struttura legali ġdida għall-pagamenti fis-Suq Intern.

Is-Sezzjoni Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum, li kienet responsabbli biex tħejji x-xogħlijiet tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni fid-9 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien is-Sur Ravoet.

Waqt is-sessjoni plenarja tiegħu Nru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta' Ġunju 2004), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'140 vot favur, u ħames astensjonijiet.

1. Kontenut u għan ta' din il-proposta

1.1 Il-Kummissjoni Ewropea fit-2 ta' Diċembru 2003 ħarġet dokument konsultattiv bl-isem "Kommunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar Struttura Legali Ġdida għall-Pagamenti fis-Suq Intern".

1.1.1 Il-Kummissjoni Ewropea tara ineffiċjenzi ta' natura legali u teknika fil-qasam tal-pagamenti tal-bejgħ u x-xiri bl-immnut bejn il-fruntieri li jużaw l-Ewro. Skond il-Kummissjoni Ewropea raġuni li qed twassal għal dawn l-ineffiċjenzi bejn il-fruntieri tinstab fl-istruttura legali inadegwata fuq livell Ewropew. Numru ta' atti legali konnessi mal-pagamenti kienu adottati – fosthom ir-Regolament 2560/2001/KE⁽¹⁾, li introduċa l-prinċipju ta' ħlas indaqs ta' pagamenti bl-Ewro bejn il-fruntieri, u d-Direttiva 97/5/KE⁽²⁾ li tikkonċerna l-protezzjoni ta' dawk li jużaw l-istrumenti elettroniċi ta' pagament – iżda l-ebda struttura legali koerenti ma teżisti. Huwa prerekwiżit neċessarju għat-tħaddim korrett tas-Suq Intern, għall-merkanzija u għas-servizzi, li jkunu jistgħu jużaw servizzi ta' pagament siguri, effiċjenti u irħas. Il-Kummissjoni kklassifikat numru ta' prinċipji bħala gwida, li huma meqjusa b'mod partikulari rilevanti fil-kuntest tal-leġislazzjoni ta' l-UE dwar il-pagamenti. Dawn huma kif ġejjin: 1) Effiċjenza bħala objettiv permanenti; 2) Sigurtà bħala "conditione sine qua non"; 3) Kompettizzjoni: aċċess lejn swieq fejn kulħadd ikollu l-istess vantaġġi; 4) Protezzjoni tal-konsumatur⁽³⁾ flivell għoli; 5) Provedimenti legali li għandhom ikunu newtrali mill-lat tekniku; 6) Il-kitba mill-ġdid tal-leġislazzjoni dwar il-pagamenti għandha żżid il-valur; 7) In-natura ta' strument(i) legali fil-futur.

1.2 Id-dokument konsultattiv tal-Kummissjoni huwa r-riżultat ta' xogħol preliminarju mwettaq matul perijodu relattivament twil u għandu l-intenzjoni li jwassal fl-2004 għal inzjattiva leġislattiva.

1.3 Il-Kummissjoni taspira, permezz tat-tneħħija ta' ostakoli legali u tekniċi, li jirnexxiha toħloq servizzi ta' pagament effiċjenti, kompetizzjoni b'kondizzjonijiet ugwali, protezzjoni adegwata tal-konsumatur, sigurtà ta' pagament u ċertezza legali għall-partijiet kollha involuti fi proċess ta' ħlas.

⁽¹⁾ G U L 344, 28.12.2001.

⁽²⁾ G U L 43, 14.2.1997.

⁽³⁾ Il-kelma konsumatur qed tirreferi għall-konsumaturi u persuni oħra, bħalma huma n-negozjanti li jbigħu u jixtru bl-immnut u l-SMEs (Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) li jużaw is-servizzi ta' pagament.

1.4 Il-Kummissjoni tagħraf l-isforzi magħmulin mill-banek Ewropej⁽⁴⁾. Tabilħaqq il-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti kien imwaqqaf f'Ġunju 2002. Hu ddeċieda dwar programm ta' xogħol wiesa' għaż-Żona Waħda ta' Pagament bl-Ewro (Single Euro Payment Area) b'suġġerimenti għal tibdil konsiderevoli dwar kif għandhom ikunu organizzati pagamenti fl-Unjoni Ewropea. Dawn il-pjanijiet jinkludu, partikularment, id-deċiżjoni li tkun imwaqqfa, bħala prijorità, infrastruttura ġdida⁽⁵⁾ għat-trasferiment tal-krediti f'Ewro permezz ta' spejjeż ta' transazzjoni baxxi ħafna u f'ħin ta' esekuzzjoni konvenjenti ta' mhux aktar minn tliet ijiem.

1.5 Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, il-liberalizzazzjoni tal-kapitali ffaċilitat it-trasferiment ta' flus bejn il-fruntieri fi ħdan l-UE. Fl-istess waqt, is-suq intern, b'mod speċjali fil-qasam tal-pagamenti ta' bejgħ u xiri bl-immnut, għad mhux effiċjenti daqs kemm hu fuq livell nazzjonali. Differenzi jeżistu wkoll bejn leġislazzjonijiet nazzjonali u konvenzjonijiet fir-rigward ta' servizzi ta' pagament fis-Suq Intern. L-istruttura legali ġdida għandha tneħħi, fejn hemm bżonn, dawn l-ostakoli legali f'żona waħda ta' pagament, b'mod partikulari, jekk huma joħlqu ostakoli għat-tħaddim korrett tas-sistemi u l-infrastrutturi mifruxin fl-UE, per eżempju, fejn ir-regoli relatati marrevokazzjoni ta' ordni ta' pagament ma jaqblux għax ikun jiddependi fejn tkun saret l-ordni fis-Suq Intern. L-interoperabilità, l-użu ta' standards tekniċi komuni u l-armonizzazzjoni tar-regoli legali essenzjali huma ta' l-akbar importanza.

1.6 Inċertezza legali hija element li tfixkel il-provdituri u l-klijenti tas-servizzi ta' pagament fit-transazzjoni bla retiċenza jew għal kollox. Dan hu, per eżempju, il-każ ta' transazzjonijiet ta' debitu dirett, li għadhom ma jeżistux fil-livell ta' l-UE (ara Anness 16). Dan huwa wkoll rilevanti għall-pagamenti rikorrenti u regolari (e.g. standing order għal abbonament f'gazzetta barranija jew għal servizz pubbliku għal residenza tas-sajf fi Stat Membru ieħor) li għaliha "domiciljazzjoni" mhix possibbli. Jekk il-klijenti, eż konsumaturi u SMEs, għandhom jieħdu l-benefiċċju kollu tas-Suq Intern, is-servizzi ta' pagament bejn il-fruntieri għandhom ikunu effiċjenti bħal dawk flivell nazzjonali. L-istruttura ġdida legali għandha għalhekk timpedixxi lil min jipprova jaħrab mir-regoli u żżid il-fiduċja u l-prosperità tal-konsumaturi fiż-żona waħda ta' pagament fis-Suq Intern.

⁽⁴⁾ eż. Is-sistema ta' l-Assoċjazzjoni tal-Ewro Banking (EBA) EWRO 1 u STEP1.

⁽⁵⁾ L-EBA għamlet l-ewwel transazzjonijiet tagħha fit-28.04.2003.

1.7 Fis-Suq Intern il-fiduċja tal-konsumatur fit-transazzjonijiet ta' pagament hija b'mod partikulari rilevanti għaliex ta' spiss ikun hemm dimensjoni li tmur lil hinn mill-fruntieri u għalhekk il-fiduċja hija essenzjali meta jintuża l-potenzjal tal-kummerċ elettroniku (e-commerce) fi ħdan is-suq ta' l-UE. Għalhekk l-Artikolu 153 tat-Trattat jirrekjiedi protezzjoni għolja fil-livell tal-konsumatur, li huwa prinċipju ta' gwida għall-istruttura ġdida legali. Għaldaqstant, l-ispejjeż għal din il-protezzjoni għandhom ikunu kkalkolati għax fl-aħħarnett b'mod jew ieħor dawn ħa jkunu mħallsa mill-klijent.

1.8 Għall-benefiċċju tal-protezzjoni tal-klijent hu neċessarju li jkun hemm kondizzjonijiet rigward informazzjoni koerenti u ħafifa biex tintfiehmet qabel u wara l-esekuzzjoni tat-transazzjoni ta' pagament. Ħafna provvedimenti jeżistu diġà f'dan ir-rispett fil-leġislazzjoni attwali ta' l-UE, li għandha tkun riveduta. Biċċa xogħol mill-aktar diffiċli hija li tibbilanċja b'mod korrett il-kontenut u l-volum ta' informazzjoni sabiex il-Payment Service User li jkun qed jaqraha jkun jista' jifhem u jsir konxju b'dawn id-drittijiet u obbligazzjonijiet.

1.9 Il-Kummissjoni tikkonsidra protezzjonijiet legali li huma importanti ħafna għall-ħarsien tal-konsumatur f'każ ta' transazzjonijiet ta' pagament li huma difettużi jew li mhumiex awtorizzati.

1.10 Il-parti essenzjali tal-Komunikazzjoni hija rrappreżentata bil-21 anness, li kull wieħed minnhom iqajjem kwistjoni speċifika legali u/jew teknika dwar it-tħaddim effiċjenti tal-pagamenti fis-Suq Intern.

2. Osservazzjonijiet ġenerali

2.1 L-għan ta' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex titwaqqaf struttura legali komprensiva u koerenti għaż-Żona Waħda ta' Pagament bl-Ewro huwa l-istess bħal dak tal-Kumitat. Filwaqt li hemm ċerti ostakoli għall-pagamenti fis-Suq Intern, dawn huma l-prodott ta' differenzi li jeżistu fis-sistemi tal-leġislazzjonijiet nazzjonali. Il-pagamenti fis-Suq Intern illum il-ġurnata għadhom jaqgħu b'mod wiesa' ħafna taħt ir-regoli u/jew konvenzjonijiet nazzjonali. B'98 % ta' pagamenti ta' l-Imnut Ewropej magħmulin domestikament⁽¹⁾, id-domanda tal-konsumatur għall-pagamenti bejn il-fruntieri fl-UE hija ovvjament limitata.

2.2 Ħafna swieq domestiċi ta' pagamenti fl-Ewropa huma effiċjenti ħafna. Għalhekk, il-leġislazzjoni għandha tkun illimitata biex tneħħi l-ostakoli għall-pagamenti li jsiru bejn il-fruntieri, sabiex jintleħaq livell effiċjenti komuni. It-titjib tas-sistemi ta' pagament bejn il-fruntieri ma għandhomx għalhekk iħallu konsegwenzi negattivi fuq sistemi effiċjenti ta' pagament nazzjonali li jeżistu.

2.3 Il-Kummissjoni għandha tneħħi l-ostakoli li jimpedixxu l-ħolqien ta' arranġamenti u konvenzjonijiet ta' suq mifruħ ma' l-UE iżda ma għandiex timponi regola dwar aspetti li jistgħu jkunu koperti minn dawn il-konvenzjonijiet u arranġamenti. Tabilħaqq, wieħed għandu jsib l-aħjar bilanċ bejn l-awtoregolazzjoni/ko-regolazzjoni u l-leġislazzjoni ta' l-UE.

⁽¹⁾ Persentaġġ meħud f'daqqa ta' diversi sorsi (Swift, EBA, Card Schemes) miġbura mill-Federazzjoni Bankarja Ewropea (2003).

2.4 Skond il-KESE⁽²⁾, l-awtoregolazzjoni kif ukoll il-ko-regolazzjoni għandhom ikunu appoġġati. Għaldaqstant, regolazzjoni stretta għandha tkun adottata fl-oqsma kollha fejn miżuri ta' awtoregolazzjoni u ta' ko-regolazzjoni juru li mhumiex adatti jew li huma inadegwati jew applikati ħażin.

2.5 Tabilħaqq, il-Kumitat jappoġġa l-prinċipju ta' protezzjoni sħiħa ta' livell komuni lill-konsumatur, minħabba li hi għan importanti tat-Trattat, li għandu jingħata preċedenza.

2.6 Is-Suq Intern ta' pagamenti għandu jkun kompetittiv flivell internazzjonali. Jekk l-istruttura leġislattiva ġdida ta' l-UE twassal għal żieda fl-ispejjeż relatati mal-pagament, hemm riskju veru li n-negozju ta' pagamenti se jkun, aktar u aktar, f'idejn konkorrenti li mhumiex Ewropej u l-leġislazzjoni ma jirnexxilhiex tilħaq l-għanijiet tagħha.

2.7 Il-Kumitat ma jaħsibx li jkun tajjeb li jkunu esklużi ċ-ċekkijiet għall-iskop ta' pagamenti koperti mill-istrument il-ġdid, għaliex dan il-mezz ta' pagament għadu użat fxi Stati Membri.

2.8 Se jkun neċessarju wkoll taħt l-arranġamenti l-ġodda li jkun assigurat, permezz ta' l-awtoregolazzjoni, li l-kards ta' kreditu u ta' debitu maħruġin jew awtorizzati minn kull istituzzjoni finanzjarja rikonoxxuta fi Stat Membru jkunu aċċettati fl-ATM ta' kull Stat Membru ieħor.

3. Osservazzjonijiet speċifiċi

3.1 Id-dritt li jkun provdut servizz ta' pagament lill-pubbliku (Anness 01)

It-trattament ta' din il-kwistjoni fi struttura legali ġdida ta' pagamenti hija ta' importanza vitali għas-sigurtà tas-sistema finanzjarja. La darba sistema ta' pagament hija l-pedament ta' l-economija kollha, is-servizzi ta' pagament għandhom ikunu regolati fl-Istati Membri kollha. Il-prinċipju ta' l-għarfien reċiproku ma għandux ikun użat mingħajr ma jkunu l-ewwel stabbiliti kondizzjonijiet minimi armonizzati li jagħtu permess għal servizzi ta' pagament. Dan il-prinċipju waħdu mhux se jipprovdil la sigurtà suffiċjenti għall-konsumaturi u lanqas għall-vantaġġi ndaqs. Strument (Regolament) legali obbligatorju applikabbli b'mod dirett biex jimplementa t-tieni għażla tal-Kummissjoni (liċenzja speċjali għas-servizzi ta' pagament) se jkun jista' jassigura struttura legali soda għal din l-attività. Għandu jkun magħmul ċar li jekk provditur ta' servizz ikollu permess biex jieħu depożiti hu għandu joqgħod għall-kondizzjonijiet tal-liċenzja bankarja (kondizzjoni ta' solvibilità eċċ.). Fuq nota ġenerali, huwa mifhum li kull regolazzjoni li għandha tkun żviluppata f'dan il-qasam se tkun tapplika wkoll għall-provdituri ta' servizz ta' pagament li mhumiex Ewropej li joperaw fi ħdan l-Unjoni.

⁽²⁾ KESE 500/2004, rapporteur is-Sur Retureau.

3.2 Ħtiġijiet ta' Informazzjoni (Anness 02)

Istituzzjonijiet ta' kreditu huma obbligati bid-Direttiva 97/5/KE dwar it-trasferiment ta' krediti bejn il-fruntieri, bir-Regolament 2560/2001/KE dwar il-pagament bl-Ewro ta' bejn il-fruntieri u bir-Rakkomandazzjoni 97/489/KE dwar l-istrumenti ta' pagamenti elettroniċi. Xi Stati Membri jista' jkollhom il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u fejn hemm jeżistu r-regoli ta' l-UE li speċifikament jitrattaw il-kwistjoni ta' l-informazzjoni tal-konsumatur, i.e. id-Direttiva 2002/65/KE li tikkonċerna x-xiri b'korrespondenza ta' sevizzi finanzjari mill-konsumatur u d-Direttiva 2000/31/KE ("id-Direttiva tal-Kummerċ Elettroniku"). Dawn ir-rekwiżiti, li huma suffiċjenti fl-għan u fil-kontenut, huwa implimentati mill-banek. Il-Kumitat jappoġġa b'mod sħiħ lill-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex ikunu kkonsolidati l-provvedimenti legali li diġà jeżistu sabiex ikun stabbilit test legali ċar li jkopri l-qasam sħiħ tal-ħtiġijiet ta' informazzjoni. Ħtiġijiet ta' informazzjoni għandhom ikunu tant ġenerali li aktar 'il quddiem ikunu jistgħu japplikaw għall-istrumenti ta' pagament li għandhom ma jeżistux illum il-ġurnata.

3.3 Kontijiet ta' dawk li mhumix residenti (Anness 03)

Din il-kwistjoni tmur lil hinn mill-oqsma tal-pagamenti u għandha għalhekk tkun ikkunsidrata x'imkien ieħor.

3.4 Dati ta' valur (Anness 04)

3.4.1 Id-dating tal-valur mhuwiex biss kwistjoni ta' pagamenti, tabilħaqq dati ta' valur spiss mhumix marbutin b'mod speċifiku ma' transazzjoni ta' pagament – din tista' tirriżulta minn kull operazzjoni li fih jintuża l-kont.

3.4.2 Kif il-Kummissjoni tammetti, id-dating tal-valur huwa b'mod primordjali kwistjoni ta' prezz (jiġifieri immaniġġar ta' prodott jew relazzjoni mal-klijent). Bħala kwistjoni ta' immaniġġar ta' prodott, il-valur tad-dati huma indipendenti mill-bookings, li huma wżati biex jingħaddu l-movimenti tal-kont.

3.4.3 Id-dati ta' valur jistgħu jvarjaw skond il-bank, skond il-klijent fl-istess bank, jew inkella minħabba operazzjonijiet differenti mill-istess klijent fl-istess bank.

3.4.4 Il-Kumitat jilqa' l-idea ta' rekwiżiti trasparenti għall-provviduri ta' servizz ta' pagamenti dwar l-użu tad-dati ta' valur. Għandu jkun hemm moderazzjoni ta' l-impatt finanzjarju tad-dating tal-valur fuq il-konsumatur. Konverġenza tas-sistema ta' valur fl-Ewropa kollha għandha tkun ukoll ikkunsidrata, għalkemm is-sistemi nazzjonali jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri, il-konverġenza għandha tkun meqjusa bħala għan għal tul ta' żmien medju.

3.4.5 Il-proċess ta' konverġenza għandu jkun iggwidat mill-prinċipju li d-data ta' valur ta' transazzjoni ta' pagament għandha tkun l-istess bħad-data li fiha l-ħruġ tal-flus ta' l-ordni ta' pagament għand il-provvidur tas-servizz ta' pagament rilevanti jkun seħħ

3.5 It-trasferimenti (portability) tan-numri tal-kont bankarju (Anness 05)

3.5.1 Ir-Regolament 2560 attwali tirreferi għall-IBAN⁽¹⁾ u għall-BIC⁽²⁾ li kienu promossi u sponsorjati mill-Awtoritajiet Ewropej, fosthom l-ESCB (Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali/Europeam System of Central Banks). Il-livell tan-numru ta' l-IBAN huwa aċċettat u jiffunzjona tajjeb fl-UE, dan hu prova tas-suċċess tiegħu. Din is-sistema ta' kowds ma tippermettix trasferiment. Il-banek għandhom, bħala minimu, jiggarantixxu lill-klijent li jkun jista' jżomm in-numru tal-kont tiegħu meta jmur ffergħa oħra ta' l-istess bank.

3.6 Mobilità tal-klijent (Anness 06)

Bħala regola ġenerali suq kompetittiv għandu jkollu ġibda naturali lejn aktar mobilità tal-klijent. Il-banek għandhom jiffaċilitaw it-trasferimenti ta' kontijiet kemm jista' jkun possibbli billi jgħaddu d-dettalji kollha rilevanti lill-klijenti. Il-Kumitat jinkonferma b'mod sħiħ l-awto-regolazzjoni mmirata biex tizzied il-mobilità tal-klijent. Barra minn dan il-Kumitat hu favur it-trasparenza dwar l-onorarji ta' l-għeluq tal-kont. Dawn l-onorarji jridu jkunu raġionevoli u adattati skond l-ispejjeż veri amministrattivi li huma involuti biex jingħalqu jew jiġu trasferiti l-kontijiet. Barra minn dan, dawn għandhom ikunu mgħarrfa lill-klijent qabel ma jiftaħ kont ma' bank.

3.7 L-ewvalwazzjoni tas-sigurtà ta' l-istrumenti u l-komponenti ta' pagament (Anness 07)

Minħabba li inizjattivi leġislattivi jissograw li jagħlqu f'niċċa soluzzjonijiet teknoloġiċi qodma (komponenti ta' "sigurtà" huma essenzjalment aġġustati mingħajr interruzzjoni) l-istandardizzazzjoni għandha preferibbilment tkun immexxija mill-industrija fl-istruttura ta' awto-regolazzjoni li hija proposta bħala l-ewwel għażla mill-Kummissjoni. Il-Kumitat jemmen li ċ-ċertifikazzjoni mmexxija mill-industrija dwar is-sigurtà għandha tkun taqbel mal-prinċipji komuni ta' l-UE li jridu jkunu stabbiliti, sabiex tkun evitata l-konfużjoni.

⁽¹⁾ Numru Internazzjonali ta' Kont Bankarju

⁽²⁾ Kowd Identifikatur tal-Bank

3.8 Informazzjoni dwar l-oriġinatur ta' pagament (SRVII tal-FATF) (Anness 08)

Il-FATF hija entità inter-governattiva li tissettja l-istandards u l-policies ta' żvilupp biex ikunu kkumbattuti l-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fuq livell internazzjonali. Ir-Rakkomandazzjoni Speċjali VII fil-qasam tal-finanzjament tat-terroriżmu tirreferi għat-trasferimenti permezz tal-linji u tiddikjara "Il-pajjiżi għandhom jieħdu miżuri biex iġiegħlu istituzzjonijiet finanzjarji, fosthom dawk li jħallsu l-flus, biex jinkludu informazzjoni korretta u li tagħmel sens dwar l-oriġinatur (isem, indirizz u numru tal-kont) fuq trasferimenti ta' fondi u messaġġi relatati li jkunu mibgħuta, u li l-informazzjoni għandha tibqa' mat-trasferiment jew il-messaġġ relatat permezz tas-sistema ta' pagament. Il-pajjiżi għandhom jieħdu miżuri biex jassiguraw li istituzzjonijiet finanzjarji, li jinkludu dawk li jħallsu, jeżaminaw u jimmonitarjaw bl-akbar reġqa trasferimenti ta' fondi li jkunu suspettużi li ma jkollhomx informazzjoni kompluta dwar l-oriġinatur (isem, indirizz u numru tal-kont)". Il-Kumitat jissuġġerixxi, li r-Rakkomandazzjoni Speċjali VII għandha tkun implimentata b' armonizzazzjoni sħiħa taħt forma ta' Regolament fis-Suq Intern kollu sabiex tassigura l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tagħha. Il-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea għandhom preferibbilment ikunu wkoll inklużi. Fuq nota speċifika, l-informazzjoni dwar dak li jħallas għandha tinkludi l-isem ta' dak li għandu l-kont minflok ta' dak li qed iħallas, għaliex dawn jistgħu jkunu differenti, sabiex l-informazzjoni dwar dak li għandu l-kont tkun diġà marfugħa u aċċessibbli malajr mill-provditur tas-servizz ta' pagament.

3.9 Riżoluzzjoni alternattiva f'każ ta' kontroversja (ADR) (Anness 09)

Il-Kumitat fl-opinjoni tiegħu dwar il-Green Paper "Riżoluzzjoni alternattiva f'każ ta' kontroversja fil-liġi ċivili u kummerċjali" ⁽¹⁾ jappoġġa FIN-NET mill-bidunett tat-twaqqif tagħha mill-Kummissjoni. Hi turi li l-iskemi ta' konċiljazzjoni ta' bejn il-fruntieri jistgħu jaħdmu b'mod effiċjenti u bla burokrazzija permezz ta' l-użu tal-mekkaniżmi li diġà jeżistu. L-effiċjenza ta' FIN-NET taf is-suċċess tagħha għall-fatt li hi kopriet l-ADR, il-qasam ġdid tal-pagament ta' bejn il-fruntieri, filwaqt li bniet fuq skemi li ma jaqsmux il-fruntieri li diġà jeżistu. Fil-qasam tal-pagamenti, il-ħeffa tal-proċedura hija ta' importanza partikulari għall-konsumatur.

3.10 Revokabilità ta' ordni ta' pagament (Anness 10)

3.10.1 Sabiex tkun assigurata ċ-ċertezza legali tal-klijent, avvċinament aktar adatt għal dan l-anness għandu jkun li tiġi diskussa d-definizzjoni u l-komunikazzjoni ta' "punt ta' revokabilità" li jiddependi mill-istrument ta' pagament użat. Il-Kumitat jappoġġa li klijent għandu jkun informat dwar il-kondizzjonijiet ta' revokabilità li jirrigwardjaw numru ta' sistemi ta' pagament u l-istrument ta' pagament involut.

⁽¹⁾ ĠU C 85, 8.4.2003.

3.10.2 Hu għandu jżomm f'moħħu li l-klijenti mhumiex biss jibgħatu iżda jirċievu pagamenti. Estensivament perjodi twal ta' revokabilità jkollhom għalhekk effet bil-maqlub u jkunu ta' detriment għall-klijenti li jkunu qed jistennew il-pagamenti tagħhom.

3.10.3 Aktar minnhekk, hu importanti li jkun hemm distinzjoni bejn ir-revokabilità tal-klijent u r-revokabilità tas-sistema. Għal raġunijiet ta' kjaressza u ta' ċertezza legali, il-ħlas akkont ta' ordnijiet ta' pagament ma għandux, bħala regola ġenerali, ikun revokat ladarba jkun daħal f'sistema li hi definita bid-Direttiva dwar il-Finalità ta' Ħlas Akkont (Settlement Finality Directive).

3.10.4 Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kwistjoni tar-revokabilità hija kumplessa u li hemm bżonn ta' aktar diskussjoni. Għaldaqstant, il-provditur ta' servizz ta' pagament għandu jinforma lill-klijenti tiegħu dwar il-punt tar-revokabilità relatata mal-pagament individwali msemmi.

3.11 Ir-rwol tal-provditur ta' servizz ta' pagament fil-każ ta' tilwima bejn il-klijent/negożjant dwar kummerċ li jkun sar b'korrespondenza (Anness 11)

Il-Kumitat iqis li għandu jkun hemm distinzjoni bejn it-transazzjoni bażika u l-esekuzzjoni tal-pagament: it-transazzjoni ta' pagament fih innifsu hu kompletament newtrali. La l-banek ta' l-oriġinatur u lanqas dawk tal-benefiċjarju ma għandhom l-ebda influwenza dwar il-bażi tat-transazzjoni bejn l-oriġinatur (il-klijent tan-negożjant) jew il-benefiċjarju (in-negożjant). Il-Kumitat jagħraf li din il-kwistjoni rappreżentata f'dan l-anness hija kumplessa ħafna u għandha bżonn ta' aktar diskussjoni.

3.12 Esekuzzjoni li ma seħħx jew esekuzzjoni difettuża (Anness 12)

3.12.1 Il-Kumitat jaqbel li provditur ta' servizz ta' pagament għandu jkun responsabbli li jesegwixxi b'mod preċiż ordni ta' pagament u li jipprova li transazzjoni kienet reġistrata, esegwita u kreditata b'mod preċiż fil-kont tal-benefiċjarju. Hu responsabbli għall-parti tas-sistema ta' pagament (f'sens tekniku), li hija taħt il-kontroll tiegħu. Fl-istess waqt huwa ċar li provditur ta' servizz ta' pagament ma jistax ikun miżmum obligat bil-liġi lil hinn mir-responsabbiltà ċivili tiegħu, u ċertament jekk hu ma kienx negliġenti, jew f'każ ta' "force majeure". Hu għalhekk fidejn il-provditur tas-servizz li jipprova li transazzjoni tal-pagament kienet reġistrata, esegwita u mniżżla b'mod preċiż fil-kontijiet skond l-istruzzjonijiet li kienu mogħtija, u dan l-obbligu ma jistax ikun limitat jew evitat b'mezzi kuntrattwali.

3.12.2 Il-Kumitat jemmen li l-provdituri ta' servizz ta' pagament jistgħu joffru li jkunu obligati bil-liġi lejn rivendikazzjonijiet relatati ma' affarijiet li mhumiex taħt il-kontroll tagħhom bħala forma ta' servizz b'valur miżjud. Dan ikun ta' benefiċċju għall-klijent u jwassal għal żieda fil-kompetizzjoni.

3.13 *Obbligazzjonijiet u responsabbiltajiet legali tal-partijiet kuntrattwali relatati ma' transazzjonijiet li ma jkunux awtorizzati (Anness 13)*

3.13.1 Rigward il-pagamenti bil-kard, l-istituzzjonijiet ta' kreditu qablu diġà mal-provvedimenti tar-Rakkomandazzjoni 97/489/KE b'mod partikulari rigward:

- il-limitazzjoni tar-responsabbiltà legali għall-flus ta' minn ikollu l-kard (jekk hu jew hi ma jagħmlux xi żball serju) ta' 150 Ewro għal transazzjonijiet magħmula b'kards misruqa qabel in-notifikazzjoni taż-żamma tal-pagament; u
- ir-rimborż ta' debiti li jkunu rivendikati b'bonafidi (u għall-ispejjeż kollha assoċjati mal-bank għal debiti involuti) li jriżultaw minn transazzjonijiet frodulenti b'kard falza.

3.13.2 Il-kriminalità organizzata tinstab ukoll wara transazzjonijiet frodulenti. Il-limitu ta' 150 Ewro għandu l-potenzjal li jinkoraġġixxi l-frodi. Għalhekk, il-Kumitat jemmen li l-għola limitu bbażat fuq riskju għandu jkun introdott. L-obbligi legali ta' dak li jkollu l-kard fil-każ imsemmi hawn fuq għandu jkun persentaġġ ta' total tal-limitu tal-kreditu tal-kard tiegħu li dwaru hu jaqbel waqt li jiffirma l-kuntratt. Avviċinament ġust bħal dan ikun qed jirrifletti r-riskji veri u l-ispiża, filwaqt li fl-istess ħin ikun qed jiskoraġġixxi b'mod aktar effiċjenti l-frodi, biex b'hekk inaqqas l-ispiża komuni.

3.13.3 Aġġornament limitat tar-Rakkomandazzjoni 97/489/KE skond l-Istruttura Legali Ġdida hu pass pożittiv 'il quddiem. Il-Kumitat hu tal-fehma li dan l-anness għandu jkun moqri ma dak li għandu x'jaqsam ma' l-opportunitajiet ta' l-użu ta' firma elettronika b'relazzjoni mad-Direttiva dwar il-firem elettroniċi (e-signatures).

3.13.4 Mhux ċar jekk provditur ta' servizz ta' pagament hux kapaċi juri b'mod konklużiv – jekk qatt jista' – jekk klijent hu jew mhux dak li jkun beda t-transazzjoni effettwata bl-istrument ta' pagament elettroniku li għandu sigurtà teknika. Speċjalment fil-każ ta' transazzjonijiet bankarji bit-telefon jidher li l-provdituri ta' servizz ta' pagament għandhom diffikultà li jiprovdu din l-evidenza għaliex dawn it-transazzjonijiet jistgħu jkunu magħmula fuq kompjuters personali privati li ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-provditur ta' servizz ta' pagament.

3.14 *L-użu ta' "OUR", "BEN" u "SHARE" (1) (Anness 14)*

3.14.1 Il-prinċipju li l-ammont sħiħ għandu jkun trasferit lil benefiċjarju huwa l-qofol ta' dan l-anness. Dan il-prinċipju hu attwalment stabbilit tajjeb wara r-Regolazzjoni 2560/2001 dwar il-pagamenti li jstgħu jkunu pproċessati b'mod sħiħ permezz tal-STP (Straight-Through-Processing) sakemm il-pagament domestiċi li għandhom x'jaqsmu miegħu huma mħallsa kollha mingħajr tnaqqis għall-benefiċjarju.

(1) "our", "beneficiary" u "share" huma tliet għażliet ta' ħlas għal trasferimenti ta' krediti.

3.14.2 Barra minn dan, l-awtoregolazzjoni li teżisti taħt il-forma ta' l-ICP (Konvenzjoni Interbankarja dwar il-Pagamenti/ Interbank Convention on Payments) (2) illum il-ġurnata tillimita l-iskop tat-trasferimenti bl-Ewro. L-ICP tippromovi t-tneħħija tal-possibbiltà ta' banek intermedjarji, meta użata, biex jitnaqqsu l-ispejjeż mill-ammont trasferit.

3.14.3 Kull struttura legali għandha kemm jista' jkun tevita l-użu ta' kliem tekniku f'sistemi u formati ta' messaġġi speċifiċi (bħalma huma SHARE, BEN, OUR), li f'ħafna każijiet huma inadatti għal kuntest domestiku. Il-Kumitat hu tal-fehma li l-ebda provvedimenti addizzjonali ma għandhom għalhekk ikunu magħmula biex tkun mibdula d-Direttiva 97/5/KE. L-għażliet attwali ta' ħlas jeżistu biex jagħtu lill-klijenti għażla, li hija parti mill-ftehim u mill-kondizzjonijiet negozjati bejn il-klijent u l-bank. Ir-riskju ta' simplifikazzjoni żejda u ta' limitazzjoni fl-għażla għandhu jkun evitat għaliex l-għażliet ta' ħlas huma r-reazzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq li jmorru lil hinn mil-instrumenti ta' trasferiment bażiku ta' kreditu fi ħdan l-UE u huma neċes-sarji biex jappoġġaw it-tipi differenti ta' pagamenti kif ukoll il-kummerċ b'korrespondenza. Il-Kumitat jixtieq lill-industrija tkun aktar trasparenti dwar l-għażla ta' ħlas li tkun applikata.

3.14.4 Il-Kumitat jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni sabiex tneħħi d-diskrepanza bejn l-għażla tad-default "OUR" tad-Direttiva, mekkaniżmu ta' ħlas li ma jeżistix fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri, u l-għażla "SHA" iffavorita mir-Regolament.

3.15 *Ħinijiet ta' esekuzzjoni għat-trasferimenti ta' krediti (Anness 15)*

3.15.1 Il-Kumitat ifakkar li l-bank Ewropew fi ħdan il-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti ftehm u li n-nuqqas taż-żmien fl-esekuzzjoni ta' trasferiment għandu jkun ta' 3 ġranet ta' xogħol bankarju (wara d-data li fiha jkun aċċettat) permezz ta' awtoregolazzjoni taħt il-Konvenzjoni CREDEURO. Fil-fatt it-tlitt ijiem huwa żmien ta' nuqqas ta' ħlas li jstgħu jkunu mqassra minn banek partikulari. Billi l-ħin ta' esekuzzjoni huwa element importanti tas-servizz, dan għandu jkun fdat fidejn l-forzi kompetittivi biex jittejjeb is-servizz.

3.15.2 Aktar ħtieġa ta' leġislazzjoni għandha tkun ikkunsidrata biss jekk l-inizjattiva tas-settur tfalli.

(2) Il-Konvenzjoni Interbankarja dwar il-Pagamenti għall-ħlas ta' trasferimenti bażiċi ta' krediti taqa' taħt ir-Regolament 2560/2001.

3.16 Debitu dirett (Anness 16)

3.16.1 Leġislazzjoni li trid issir u/jew ostakoli legali li għandhom jitneħħew se jkunu identifikati b'mod preċiż mill-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti (EPC) u kkomunikati lill-Kummissjoni meta l-iskema Pan-Ewropea tad-Debitu Dirett tkun għet approvata b'mod formali mill-EPC. L-istruttura legali meħtieġa biex tappoġġa l-iskema Pan-Ewropea tad-Debitu Dirett se tkun tiddependi ħafna fuq il-mudell magħżul. Għalhekk, il-Kumitat hu konvint li kooperazzjoni mill-viċin bejn l-industrija u l-leġislatur (KE) għandha tkun ikkunsidrata.

3.17 It-tneħħija ta' l-ostakoli li jaffettwaw iċ-ċirkolazzjoni professjonali ta' flus kontanti (Anness 17) ⁽¹⁾

3.17.1 Dan l-anness mhux relatat mal-kwistjoni tal-pagamenti u għalhekk joħroġ barra mill-iskop ta' l-Istruttura Legali Għda tal-Pagamenti.

3.17.2 Ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni bejn regolazzjoni dwar pagamenti bi flus kontanti u pagamenti li mhumiex bi flus kontanti. Numru ta' ostakoli regolatorji u tekniċi jimpedixxu l-iżvilupp tat-trasport ta' flus kontanti fiż-żona Ewro ta' bejn il-fruntieri, b'mod partikulari bejn il-friegħi tal-banek ċentrali nazzjonali f'pajjiż u l-friegħi ta' istituzzjonijiet finanzjarji f'pajjiż ieħor.

3.17.3 L-aċċess għal servizzi ta' Bank Ċentrali Nazzjonali bejn il-fruntieri (NCB) huwa parti mill-iżvilupp naturali ta' l-użu ta' munita waħda fiż-żona Ewro.

3.17.4 Il-Kompetizzjoni fis-settur tat-trasport tal-flus kontanti għandha tkun inkorraġġuta fiż-żona Ewro sabiex tintleħaq l-aħjar effiċjenza, iżda l-Kumitat jesprimi n-neċessità li tinħoloq liċenzja ta' trasport tal-flus kontanti u kontrolli suffiċjenti tat-tħaddim tagħha.

3.18 Problemi tal-protezzjoni ta' l-informazzjoni (Anness 18)

L-għażla tal-Kummissjoni li tinkludi f'Regolazzjoni provvediment li jikkorrespondi ma' l-Artikolu 13, ittra d) tad-Direttiva eżistenti dwar il-Protezzjoni ta' l-informazzjoni 95/46/KE ⁽²⁾ hija l-aħjar possibbiltà li jkunu armonizzati fl-iqsar żmien il-possibbiltajiet ta' skambju ta' informazzjoni għall-skopijiet ta' prevenzjoni ta' frodi f'sistemi ta' pagament (bejn l-operaturi u l-awtoritajiet, u bejn l-operaturi nfushom, permezz ta' eċċezzjoni għad-Direttiva dwar il-Protezzjoni ta' l-Informazzjoni: eż bank ta' informazzjoni ta' negozjanti frodulententi f'dak li għandu x'jaqsam mat-transazzjonijiet bil-kards).

⁽¹⁾ Attenzjoni partikulari għandha tingħata lill-eżattezza tat-traduzzjonijiet. Fit-Taljan, per eżempju, it-titlu għandu jgħoddi "Rimozione delle barriere al trasporto di fondi", li huwa eġġer lejn is-sens tal-verżjoni originali.

⁽²⁾ ĠU L 281, 23.11.1995.

3.19 Firem diġitali (Anness 19)

Il-Kumitat jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha l-ewwelnett tissottometti r-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/93/KE ⁽³⁾ dwar il-Firem Elettroniċi. Proposti għal miżuri ġodda minn naħa tal-Kummissjoni huma milqugħin bi pjaċir. Fuq nota ġenerali l-Kumitat jixtieq jenfasizza li ċ-ċertifikazzjoni diġitali taqa' fil-qasam ta' l-immaniġġar ta' prodott fejn japplikaw il-prinċipji ta' newtralità teknika u ta' kompetizzjoni.

3.20 Sigurtà tan-networks (Anness 20)

Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir azzjonijiet u inizjattivi li jagħmlu delitt kibernetiku offiċa aktar serja u li jħarsu lejn armonizzazzjoni f'dan ir-rispett fl-UE kollha b'kooperazzjoni ma' ġurisdizzjonijiet oħra (eż l-Istati Uniti). It-tħaddim ta' sanzjonijiet dissważivi biex ikun kkastigat l-aċċess mingħajr permess għal sistemi awtomatiċi ta' proċessar ta' data bl-iskop ta' frodi, ta' destruzzjoni jew ta' modifikazzjoni ta' tagħrif u ta' tibdil ta' kif taħdem sistema hu pożittiv. Hu wkoll neċessarju li jkunu sanzjonati dawk li jagħmlu disponibbli tagħrif, programmi, hardware jew informazzjoni magħmula b'mod speċifiku jew adattata sabiex tagħti l-kapaċità ta' aċċess mhux awtorizzat f'sistema ta' proċessar ta' tagħrif sabiex isir frodi. Distinzjoni għandha għalhekk tkun magħmula bejn il-kriminalizzazzjoni ta' attivitajiet frodulententi fuq networks ta' pagament fejn aktar armonizzazzjoni għalihom mill-UE permezz ta' leġislazzjoni tkun milqugħa bi pjaċir u l-miżuri ta' prevenzjoni biex ikunu protetti n-networks ta' pagament li għandhom ikunu f'idejn l-industrija sabiex hi tinkludi l-iżviluppi teknoloġiċi kollha.

3.21 Ħsara fin-network ta' pagament (Anness 21)

3.21.1 Il-Kumitat jidher li l-kwistjoni li l-Anness 21 qed jirreferi għaliha hija kwistjoni inqas importanti li taqa' taħt l-Anness 12 (Esekuzzjoni li ma sseħħ jew eseguzzjoni difettuża). Tabilħaqq, għandu jkun rikonoxxut li:

- ħsarat fin-network ta' pagamenti mhumiex fenomenu tas-soltu;
- ħsarat fin-network ta' pagamenti jistgħu jaffettwaw sistemi jew strumenti li mhumiex taħt il-kontroll dirett ta' l-istituzzjoni ta' kreditu (aspetti minn barra tan-network);
- istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw ruħhom ma' l-obbligi ta' kontinwità fil-kummerċ imposti fuqhom mill-awtoritajiet kompetenti u regolatorji u għalhekk għandhom jirkupraw malajr mill-ħsara.

3.21.2 L-ebda obligazzjoni legali ma għandha tkun imposta fuq il-provdituri ta' servizz ta' pagament dwar pagamenti li mhumiex imdaħħlin fis-sistema waqt il-ħin li fih ikun hemm il-ħsara. Il-provditur ta' servizz ta' pagament għandu jgħoddi obligazzjoni legali limitata skond ir-responsabbiltajiet ċivili tiegħu u għandu jipprova li hu ħa l-miżuri neċessarji kollha biex jevita l-ħsara.

⁽³⁾ ĠU L 13, 19.1.2000.

3.21.3 Wara l-każ reċenti ta' attacchi bl-email "phushing" fuq banek fir-Renju Unit, wieħed mill-provdituri online innota li l-istruttura tas-servizz online għandha tkun imqasma f'numru ta' servizzi separati bħala reazzjoni għall-attakk. Attakki bħal dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll dirett tal-provditur, minħabba l-kuntatt dirett bl-email bejn attakkant u l-klijent. Il-provdituri ta' servizz ta' pagament għandhom jinformaw il-klijenti tagħhom, jekk hu possibbli, qabel ma jagħlqu s-sistema minħabba raġunijiet ta' sigurtà. Il-Kumitat jikkunsidra li ma jkunx xieraq li jkun ippenalizzat provditur talli jkun ħa miżuri biex jipproteġi l-klijenti b'dan il-mod. Aktar minn hekk, il-Kumitat jinkoraġġixxi l-provdituri ta' servizz ta' pagament li jkunu pro-attivi fir-rigward ta' frodi ta' dan it-tip.

4. Konklużjoni

4.1 L-Istruttura Legali Ġdida għandha tkun konsistenti ma' l-Istrateġija tal-Policy dwar il-Konsumatur Ewropew, li timmira lejn it-tweqqif ta' livell għoli u komuni ta' protezzjoni tal-konsumatur bħala objettiv prinċipali.

4.1.1 Il-Kumitat jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni Ewropea li trid iżżid il-fiduċja tal-konsumatur, iċ-ċertezza legali u l-effiċjenza tas-suq tal-pagamenti fis-Suq Intern. Hu jkompli billi jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-awtoregolazzjoni u l-ko-regolazzjoni huma kkunsidrati bħal mezzi possibbli li permezz tagħhom wieħed jista' jimxi 'l quddiem f'bosta mill-oqsma msemmija f'dawn il-21 anness.

4.2 Il-miżuri legiſlattivi li jaqaw taħt l-Annessi 1, 2, 8, 12, 13, 18 u 19 għandhom jingħataw prijorità. B'mod partikulari għandhom bżonn ta' attenzjoni urġenti, l-annessi "Ħtiġijiet ta' Informazzjoni dwar il-Konsumatur" (2), "Informazzjoni dwar l-

Oriġinatur ta' Pagament" (8) u "Problemi tal-Protezzjoni ta' l-Informazzjoni"(18).

4.3 Żieda fil-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-industrija bankarja għandha tkun ikkunsidrata dwar it-twaqqif ta' Skema ta' Debitu Dirett Ewropew (Anness 16), deċiżjoni dwar min għandu d-dritt li jipprovi servizzi ta' pagament (Anness 01) kif ukoll fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni ta' sigurtà ta' l-istrumenti u tal-komponenti ta' pagament (Anness 07).

4.4 Rigward l-annessi l-oħra l-Kumitat jidhirlu li l-awtoregolazzjoni jew il-ko-regolazzjoni huma mezzi aktar adatti sabiex jitwettaq l-għan tal-Kummissjoni ta' Suq Intern effiċjenti għall-pagamenti. Huwa ċar li jekk miżuri ta' awtoregolazzjoni ma jkunux taw xiedha ta' suċċess, Regolazzjoni Ewropea għandha tkun ikkunsidrata.

4.5 Bl-istess mod, il-Kumitat jissuġġerixxi li l-istruttura kollha għandha tikkonċentra biex tipprovi trasparenza lill-konsumaturi u tipprova tibni kemm jista' jkun fuq Prattiki eżistenti u regoli ta' awtoregolazzjoni. Per eżempju, mhux bżonjuż li jkun hemm aktar regolazzjoni fejn is-suq ikun diġà laħaq l-għanijiet tal-legiſlatur (eż: mhemmx bżonn immedjat li tkun aġġornata d-Direttiva dwar it-Trasferimenti ta' Krediti biex ikunu mqasra l-ħinijiet ta' esekuzzjoni). Madankollu, f'ċerti oqsma avviċinament komuni joffri s-soluzzjoni ġusta.

4.6 L-iskop tal-Komunikazzjoni hu spiss aktar wiesa' mill-qasam tal-pagamenti u l-Kummissjoni għandha tenfasizza b'mod aktar espliċitu d-differenzi bejn servizzi kummerċjali u sistemi ta' pagament. Kull miżura legiſlattiva relatata ma' pagamenti għandha teskludi kwistjonijiet relatati mat-tweqqif ta' l-impenji li mhumiex marbuta mal-pagamenti nfishom.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-proċeduri ta' konsultazzjoni u informazzjoni fl-oqsma ta' assigurazzjoni tal-kreditu, garanziji tal-kreditu u krediti finanzjarji (Verżjoni Kodifikata)

COM(2004) 159 final - 2004/0056 (CNS)

(2004/C 302/04)

Fit-13 ta' Mejju, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond l-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar "Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-proċeduri ta' konsultazzjoni u informazzjoni fl-oqsma ta' assigurazzjoni tal-kreditu, garanziji tal-kreditu u krediti finanzjarji (Verżjoni kodifikata)".

Is-Sezzjoni għas-Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum, li kienet responsabbli għat-tnejn tax-xogħol tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni fid-9 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien is-Sur Frank von Fürstenwerth.

Fis-sessjoni plenarja tiegħu Nru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju (laqgħa tat-30 ta' Ġunju) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni li ġejja b'133 vot favur, vot kontra u erba' astensjonijiet.

1. Kontenut

1.1 Il-proposta tikkonsisti fil-kodifikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 73/391/KEE tat-3 ta' Diċembru 1973 dwar il-proċeduri ta' konsultazzjoni u informazzjoni fl-oqsma ta' l-assigurazzjoni tal-kreditu, garanziji tal-kreditu u krediti finanzjarji. Din id-Deċiżjoni minn dak iż-żmien ġiet modifikata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/641/KEE u permezz ta' l-atti ta' l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, kif ukoll dawk ta' l-Awtstrija, l-Finlandja u l-Isvezja.

1.2 Dawn id-Deċiżjonijiet jikkonċernaw b'mod esklussiv punti li għandhom x'jaqsmu ma' garanziji mill-istat fuq l-esportazzjoni fil-forma ta' kreditu. B'mod partikolari, huma jstipulaw il-kondizzjonijiet li taħtom l-Istati Membri għandhom jidħlu fi proċedura ta' konsultazzjoni ma' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni rigward l-għoti u l-garanziji ta' krediti barranin li qiegħdin jiġu kkunsidrati. Id-Deċiżjoni m'għandiex rilevanza għas-suq ta' l-assigurazzjoni għall-esportazzjoni privata fil-forma ta' kreditu.

1.3 Il-proposta tiegħu post id-diversi strumenti legiſlattivi koperti mill-kodifikazzjoni.

1.4 Il-proposta ma tbiddilx is-sustanza ta' l-istrumenti legiſlattivi li qiegħdin jiġu kodifikati. Ma tkomplex tgħaqquadhom b'tali emendi formali biss bħalma mitlub mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni fih innifsu.

2. Stima

2.1 Il-proposta tiġi bħala risposta għall-ħsieb tal-Kummissjoni biex tikkodifika l-legiſlazzjoni, li ġiet emendata spiss, u fil-interessi tal-kjarezza u r-razzjonalità.

2.2 S'issa d-dispożizzjonijiet involuti kienu mferrxa fost diversi strumenti legiſlattivi. Dan wassal għal tiftix li qam ħafna flus u paraguni li ħadu tul ta' żmien bejn il-ħafna strumenti neċessarji sabiex jiġi żgurat liema dispożizzjonijiet japplikaw.

2.3 Il-proposta għandha tgħaqquad l-istrumenti differenti fi strument uniku filwaqt li żżomm fis-sħiħ is-sustanza tagħhom. M'hemmx bżonn li tittieħed azzjoni rigward il-kontenut.

2.4 Il-proposta għandha tintlaqa' bħala waħda favur it-trasparenza u li tiffaċilita l-komprensjoni tal-legiſlazzjoni ta' l-UE ⁽¹⁾.

2.5 Madankollu l-Kummissjoni għandha tqis il-punti li ġejjin matul il-proċess ta' kodifikazzjoni:

— Filwaqt (2) li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' 03.12.1973 ("Filwaqt li permezz ta' Deċiżjoni tas-26 ta' Jannar 1965 (2) il-Kunsill ħoloq proċedura ta' konsultazzjoni fil-qasam ta' l-assigurazzjoni tal-kreditu, tal-garanziji tal-kreditu u tal-krediti finanzjarji") m'għadiex tinsab fil-proposta u xorta għandha tibqa' inkluża sabiex jiġi żgurat li tkun kompleta.

⁽¹⁾ Bil-portugiż, per eżempju, jkun hemm il-bżonn tal-modifiki li ġejjin:

- a) Fl-Artikolu 4, ittra e), punti ii) u iv), jaqbel li l-espressjoni "punt ta' tluq" tal-kreditu tiġi espressa bħala "ponto de partida do crédito" minflok "inicio do crédito", peress li ż-żewġ biċċiet ta' informazzjoni mhux bilfors ikunu jfissru l-istess.
- b) Fl-Artikolu 4, ittra e), punt iv), hemm lok li l-kliem "jekk ir-rimbors ma jitqassamx permezz ta' partijiet indaqs ta' l-ammont" jiġi tradott bil-kliem par "escalonadas em prestações iguais e espaçadas de modo regular" minflok bil-kliem "escalonadas por parcelas de igual montante de modo regular";
- c) Bl-istess mod, jaqbel li l-espressjoni "kreditu ta' għajnuna" (cf. Artikolu 4, ittra f) punt i), u 5, ittra e), punt i), tiġi tradotta bl-espressjoni "crédito de ajuda" u mhux "crédito de auxílio", li għandha sens kompletament differenti fil-legiſlazzjoni Ewropea għall-għajnuna ta' l-Istat;
- d) Fl-aħħar, wieħed jinnota diversi żbalji ortografiċi, per eżempju fl-Artikolu 3, paragrafu 2 (l-ewwel u t-tielet linja) ("ntureza" u "peirem"), fl-Artikolu 10, paragrafu 1, ittra c) ("desdadoravel"), u fl-Anness I B ittra d) ("antiantamentos").

— L-Artikolu 20 tal-proposta jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 73/391/KEE. L-Anness III tal-proposta, madankollu, isemmi wkoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/641/KEE taħt it-titlu "Deċiżjoni Revokata bl-emenda tagħha". Għalhekk, sabiex tkun konsistenti, l-emenda introdotta mid-Deċiżjoni 76/641/KEE għandha tkun revokata wkoll fl-Artikolu 20.

2.6 Iktar minn hekk, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-korrettezza fit-traduzzjonijiet għaliex nuqqas ta' eżattezza tista' twassal għal dubji legali u li l-leġislazzjoni tkun applikata ħażin.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sigurtà Marittima fi ħdan il-Komunità"

COM(2003) 767 final – 2003/0291 (COD)

(2004/C 302/05)

Fit-13 ta' Jannar 2004, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond Artikolu 80 (2) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Unjoni Ewropea dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sigurtà Marittima".

Is-Sezzjoni għat-Trasport, Enerġija, Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informatika, li kienet responsabbli biex tħejji x-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fl-10 ta' Mejju 2004. Ir-rapporteur kienet Dr Bredima Savopoulou.

Matul l-410 sessjoni plenarja tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta' Ġunju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni segwenti b'155 voti favur u 2 astensjonijiet.

1. Introduzzjoni

1.1 Il-Kodiċi Internazzjonali għat-Tmexxija u Tħaddim Sigur tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis (Kodiċi ISM) kien adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fl-1979 bħala mezz biex jippromwovi kultura ta' sigurtà u kuxjenza ambjentali fit-tbajhir. Fl-1994, l-OMI ddeċieda li l-Kodiċi jsir obligatorju permezz ta' l-adozzjoni ta' Kapitlu ġdid, il-Kapitlu IX, "Immaniġġjar tat-Tħaddim Sigur tal-Vapuri", fil-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar (SOLAS), 1974.

1.2 L-implimentazzjoni obligatorja tal-Kodiċi seħħet f'żewġ fażijiet. Fl-1 ta' Lulju 1998 din saret obligatorja għal kumpaniji li joperaw vapuri tal-passiġġieri, tankers taż-żejt, tankers kimiċi u vapuri li jgħorru merkanzija kbira ta' 500 tunnellata grossa jew aktar involuti fi vjaġġi internazzjonali.

1.3 Wara t-traġedja ta' l-Estonja l-UE ddeċidiet li tiegħu azzjoni għall-implimentazzjoni minn kmieni tal-Kodiċi ISM għall-vapuri tal-passiġġieri tat-tip ro-ro involtui fi vjaġġi internazzjonali u domestiċi fi ħdan il-Komunità mill-1/7/1996 permezz ta' Regolament (KE) 3051/95 (8/12/1995) ⁽¹⁾. Il-KESE fl-opinjoni relevanti tiegħu laqa' l-azzjoni proposta u appoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni. ⁽²⁾

1.4 Ir-Regolament tal-Kummissjoni kien emendat darbtejn a) permezz tar-Regolament 179/1998 ⁽³⁾ dwar l-implimentazzjoni uniformi tad-dokumenti / ċertifikati tal-Kodiċi ISM għall-vapuri li joperaw fl-Ewropa u B) permezz tar-Regolament 1970/2002 ⁽⁴⁾ li kkunsidra l-emendi għal Kodiċi ISM adottati mill-OMI. Ir-Regolament daħal fis-seħħ fis-26 ta' Novembru 2002.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3051/95 tat-8 ta' Diċembru 1995 dwar l-immaniġġjar tas-sigurtà ta' vapuri tal-passiġġieri tat-tip roll-on/roll-off GUV L 320, 30.12.1995, p. 14.

⁽²⁾ ĠU C 236 tal-11.9.1995, p. 42.

⁽³⁾ ĠU L 19 tal-24.01.1998, p. 35.

⁽⁴⁾ ĠU L 302 tas-6.12.2002, p. 3.

2. Il-Proposta tal-Kummissjoni

2.1 Meta r-Regolament (KE) Nru. 3051/95 kien adottat, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew iddikjaraw li l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ISM għall-vapuri tal-passiġġieri tat-tip ro-ro kienet priorità, iżda li kienet ukoll l-ewwel waħda fost serje ta' inizjattivi kontinwi biex titjieb is-sigurtà fuq il-baħar.

2.2 Ir-regolament li ġie propost hu ta' natura aktar ġenerali u se jieħu post ir-Regolament (KE) Nru. 3051/95 u l-għan ewlieni tiegħu hu li jiffaċilita l-implimentazzjoni korretta, stretta u armonizzata tal-Kodiċi fl-Istati Membri u l-pajjiżi l-ġodda kollha. Ir-Regolament se jżomm, fl-istess ħin, ir-regoli eżistenti ta' l-UE ta' l-ISM li huma applikabbli għall-vapuri tat-tip ro-ro, irrispettivament mill-bandiera tagħhom li jkunu qed ibaħħru fuq servizz regolari lejn u minn portijiet Ewropej.

2.3 Ir-Regolament se japplika għall-kumpaniji kollha li joperaw wieħed jew aktar minn dawn it-tip ta' vapuri fuq il-baħar:

- vapuri tal-merkanzija, b'bandiera ta' Stat Membru, involuti fi vjaġġi internazzjonali u domestiċi;
- vapuri tal-passiġġieri, b'bandiera ta' Stat Membru, involuti fi vjaġġi internazzjonali;
- vapuri tal-passiġġieri, involuti fi vjaġġi domestiċi fiż-żoni marittimi ta' Klassi A u B, kif definiti f'Artikolu 4 tad-Direttiva 98/18/KE, irrispettivament mill-bandiera tagħhom;
- vapuri tal-passiġġieri tat-tip ro-ro li joperaw lejn u minn portijiet ta' Stati Membri tal-Komunità servizz ro-ro fuq bażi regolari irrispettivament mill-bandiera tagħhom;
- vapuri tal-merkanzija, li joperaw lejn u minn portijiet ta' Stati Membri tal-Komunità servizz ta' kabotaġġ (feeder service), irrispettivament mill-bandiera tagħhom.

2.4 L-iskop tar-Regolament li ġie propost hu bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IX tal-Konvenzjoni SOLAS, u japplika għall-vapuri kollha li jaqgħu taħt l-iskop tas-SOLAS u li jtajjru bandiera ta' Stat Membru, anke meta dawn joperaw fuq vapuri domestiċi filwaqt li għal vapuri tal-passiġġieri li joperaw fuq vjaġġi domestiċi, dawn id-dispożizzjonijiet se japplikaw biss għal dawk li joperaw aktar minn ħames mili 'il barra mill-kosta, iżda dan japplika għal bnadar kollha.

2.5 Kull kumpanija li topera wieħed jew aktar mill-vapuri msemmija hawn fuq, se jkollha tosserva l-Kodiċi Internazzjonali għat-Tmexxija u Tħaddim Sigur tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis (Kodiċi ISM), riprodott bħala Titolu I ta' l-Anness. L-Istati Membri se jkollhom josservaw il-Linji-Gwida dwar il-proċess ta' ċertifikazzjoni (Dispożizzjonijiet għall-Amministrazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ISM), kif spjegat f'Titolu II ta' l-Anness.

3. Kummenti Ġenerali

3.1 Il-Kodiċi ISM hu wieħed mill-aktar passi sinifikanti li l-IMO ħadet fil-qasam tas-sigurtà marittima għaliex jipprovdi qafas li permezz tiegħu l-Konvenzjonijiet ta' l-OMI jistgħu jiġu implimentati effettivament. L-opinjoni tal-KESE, kif espressa f'opinjonijiet passati, hi li r-Regolament 3051/95 serva l-iskop utli li jgħaġġel l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ISM għall-vapuri tal-passiġġieri tat-tip ro-ro b'sentejn u estenda l-applikazzjoni tiegħu għall-vapuri involuti fi vjaġġi domestiċi bil-baħar.

3.2 Il-KESE jinnota li għall-kumpaniji li joperaw vapuri tal-passiġġieri u tal-merkanzija li jwettqu vjaġġi internazzjonali, l-għan tar-regolament propost diġà kien miksub, minħabba li l-obbligu ta' l-osservazzjoni mal-Kodiċi ISM diġà jinsab fil-Konvenzjoni SOLAS. Bl-istess mod, għall-kumpaniji li joperaw vapuri tal-passiġġieri tat-tip ro-ro involuti fi vjaġġi domestiċi, l-għan kien miksub permezz ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament 3051/95.

3.3 Il-ġustifikazzjoni bażika tal-Kummissjoni għall-proposta hi li t-traspożizzjoni tal-Kodiċi kollu ta' l-ISM u l-linji-gwida rilevanti ta' l-OMI fil-liġi ta' l-UE se jsaħħaħ l-implimentazzjoni effettiva tal-Kodiċi ISM fi ħdan il-Komunità. Il-KESE jaqbel ma' din il-ġustifikazzjoni u jappoġġa bis-sħiħ dan l-għan sakemm dan ikun jgħodd għall-vapuri li għalihom il-Kodiċi ISM diġà hu applikabbli. Madankollu, rigward il-valur miżjud ta' l-estensjoni għall-applikazzjoni tal-Kodiċi ISM li ġiet proposta fuq tipi oħra ta' vapuri, il-KESE għandu l-kummenti segwenti x'jgħaddi.

3.3.1 Il-Kodiċi ISM oriġina minn inizjattiva ta' l-industirja bħala għodda volontarja biex ikun imħeġġeġ tbaħħir ta' kwalità. L-esperjenza fl-implimentazzjoni globali obbligatorja tal-Kodiċi ISM sa mill-ewwel fażi fl-1998, kif mistenni, identifikat kemm l-aspetti pożittivi kif ukoll in-nuqqasijiet tal-Kodiċi. Ġeneralment, kien hemm il-fehma li kien hemm bżonn ta' aktar għarfien fost il-komunità marittima (pajjiżi li jipprovdu l-bnadar, soċ-jetajiet ta' klassifikazzjoni, kumpaniji ta' tbaħħir) ta' l-għanijiet tal-Kodiċi, għal titjib tar-rabtiet bejn dawk li joħorġu ċertifikati ta' l-ISM u standards uniformi fit-taħriġ ta' awdituri tal-Kodiċi ISM. Il-qafas ta' amministrazzjoni sigura jinsab f'impenn minnaħa ta' fuq. Fis-sigurtà marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis, l-impenn u l-motivazzjoni ta' l-individwi fil-livelli kollha hu meh-tieġ biex ikun assigurat ir-riżultat finali. Mingħajr għarfien ċar tal-parti marittima, il-Kodiċi ISM jista' jispiċċa biċċa karta, kif ix-xettiċi jixtiequ jissuġġerixxu.

3.3.2 L-analiżi tar-riskji llum saret għodda oġġettiva u ta' min joqgħod fuqha fil-konsiderazzjoni tat-titjib fis-sigurtà. B'dan il-metodu, u b'konsiderazzjoni tal-bżonnijiet murija, l-applikazzjoni obbligatorja tal-Kodiċi ISM fl-UE għall-vapuri li joperaw servizz regolari lejn u minn portijiet Ewropej kienet ġustifikata u approvata bi sħiħ. Bl-istess argument, l-applikazzjoni tal-linji-gwida għall-vapuri l-oħra kollha involuti fi vjaġġi domestiċi, s'issa tħalliet, kif jixraq, fid-diskrezzjoni ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali fuq bażi tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Il-KESE ma jaf bl-ebda leġislazzjoni nazzjonali li testendi l-implimentazzjoni obbligatorja tal-Kodiċi ISM għall-vapuri oħra involuti fi vjaġġi domestiċi.

3.3.3 Il-Kodiċi ISM, imħejji għall-vapuri involuti fi vjaġġi internazzjonali, u għalhekk lil hinn minn kontroll faċli ta' amministrazzjonijiet u kumpaniji, ipoġġi obbligi sinifikanti fuq kumpaniji u l-vapuri tagħhom u jeħtieġ osservanza ma' konvenzjonijiet internazzjonali u jħeġġeġ l-osservanza mal-livelli ta' l-industrija. Iktar minn hekk, is-sistema ta' sigurtà ta' vapuri tal-merkanzija involuti esklussivament fuq vjaġġi domestiċi hi regolata mil-leġislazzjonijiet nazzjonali, u għalhekk, dawn il-vapuri ikollhom josservaw is-sistema applikabbli għall-vapuri tal-merkanzija involuti fi vjaġġi internazzjonali.

3.3.4 Il-KESE, bħala l-gwardjan ta' l-interessi ta' l-intrapriżi żgħar u medji fl-Ewropa hu konċernat mill-applikazzjoni obbligatorja tal-Kodiċi ISM fuq il-kumpaniji żgħar u medji ta' tbaħħir involuti esklussivament fi vjaġġi domestiċi. Minħabba l-konsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq, ir-regolament propost għandu jikkunsidra l-formalitajiet burokratiċi u l-ispiża biex dawn ikunu osservati għall-vapuri ta' dawn it-tip ta' kumpaniji. Għalhekk, il-flessibilità fl-applikazzjoni u/jew derogi se jkunu meħtieġa.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Artikolu 3 – Applikazzjoni

4.1.1 Il-KESE jemmen li jista' jkun hemm bżonn ta' derogi għal raġunijiet ta' prattiċità fil-każi ta' vapuri tal-merkanzija u tal-passiġġieri żgħar involuti fi vjaġġi domestiċi speċjalment fejn dawn il-vapuri huma mħaddma mis-sid innifsu jew taħt is-superviżjoni diretta tiegħu.

4.2 Artikolu 4 – Ħtiġijiet fl-Immaniġġjar tas-Sigurtà

4.2.1 B'implikazzjoni, il-vapuri msemija qabel, jista' jkollhom bżonn josservaw is-sistema applikabbli għall-vapuri involuti fi vjaġġi internazzjonali. Il-KESE jemmen li r-Regolament għandu jistipula b'mod ċar il-ħtiġijiet bażiċi tal-Kodiċi ISM li jistgħu jkunu rilevanti għal dawn it-tip ta' vapuri.

4.3 Artikolu 5 – Ċertifikazzjoni

4.3.1 Il-KESE jappoġġja l-applikazzjoni obbligatorja tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, li hi l-ġustifikazzjoni valida ewlenina għar-regolament propost.

4.3.2 B'rispett għall-paragrafi 2 u 6 għandu jkunu rrimarkat li d-Dokument ta' Osservanza u ċ-Ċertifikati ta' Immaniġġjar tas-Sigurtà rispettivament jistgħu jinħarġu wkoll minn Amministrazzjoni wara talba mill-Amministrazzjoni tal-bandiera.

4.3.3 Il-KESE jsostni li Artikolu 5 paragrafi 4 u 9 jeħtieġu kjarifika u għandhom bżonn isiru aktar simili għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ISM għaliex huma jqiegħdu restrizzjonijiet mhux meħtieġa u jistgħu jwasslu għall-konfużjoni.

4.4 Artikolu 7 – Proċedura ta' Salvagwardja

4.4.1 Il-proċedura ta' salvagwardja, kontra kif għandu jkun, ma tinvolvi lill-Istat Membru jew lill-Istat li ħareġ il-bandiera li ħareġ id-Dokument ta' Osservanza u li jista' jkollu jissospendi l-validità jew jirtira d-Dokument.

4.5 Artikolu 9 - Rappurtaġġ

4.5.1 L-Artikolu jirreferi għall-formola ta' rappurtaġġ li għandha tkun stabbilita mill-Kummissjoni, iżda ma tistipulax x'għandu jiġi rrapurtat. Għandu jkun iċċarat jekk ir-rappurtaġġ ta' l-osservanza ta' l-Istati Membri mar-Regolament u aktar speċifikament mal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni hix se ssir, u jekk hux se jkun hemm rappurtaġġ ta' l-osservanza tal-kumpaniji u l-vapuri tagħhom, kif jista' jkun evidenzjat mill-kontroll ta' l-Istat li ħareġ il-bandiera jew tal-port.

4.6 Artikolu 13- Dħul fis-seħħ

4.6.1 B'konsistenza mal-kumment dwar Artikoli 3 u 4, il-KESE jikkunsidra li l-perjodu ta' transizzjoni ta' sena biex il-vapuri tal-merkanzija u tal-passiġġieri josservaw ir-regolament f'każ ta' vjaġġi domestiċi, hu xieraq.

5. Konklużjonijiet

5.1 Il-KESE jappoġġja t-traspożizzjoni sħiħa tal-Kodiċi ISM u tal-linji-gwida rilevanti fil-liġi ta' l-UE permezz tar-Regolament il-ġdid li kien propost minflok ir-Regolament 3051/95. Madankollu, f'termini reali, il-valur miżjud ta' l-estensjoni ta' l-iskop tar-regolament propost jista' jkun limitat, minħabba li l-vapuri involuti fi vjaġġi internazzjonali u vapuri tal-passiġġieri tat-tip ro-ro involuti fi vjaġġi domestiċi diġà josservaw il-Kodiċi ISM.

5.2 Il-KESE jinnota li l-esperjenza mill-implimentazzjoni ta' l-ISM sa mill-ewwel fażi fl-1998, identifikat kemm l-aspetti pożittivi kif ukoll in-nuqqasijiet tal-Kodiċi. Għalhekk hemm bżonn ta' aktar għarfien ta' l-għanijiet tal-Kodiċi fost il-komunità marittima involuta fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi ISM (pajjiżi li jipprovdu l-bnadar, soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, kumpaniji ta' tbaħħir) għaliex inkella dan jista' jispjiċċa biss biċċa karta. Dan il-bżonn hu aktar ovvju fir-rigward tal-kumpaniji u vapuri li s'issa għadhom esklużi mis-sistema tal-Kodiċi ISM.

5.3 L-inizjattiva biex l-applikazzjoni tal-Kodiċi ISM tkun estiża għall-vapuri involuti fi vjaġġi domestiċi għandha tkun riveduta b'mod li ssir aktar flessibbli. Għalkemm ma kienx l-iskop u b'mod sproporzjonat, il-kategoriji l-ġodda tal-vapuri jista' jkollhom josservaw sistema applikabbli għall-vjaġġi internazzjonali li probabilment teħtieġ spejjeż għoljin għall-osservanza, speċjalment fil-każi ta' vapuri mħaddma jew taħt is-superviżjoni diretta tas-sid. Il-proċedura ta' ċertifikazzjoni fir-regolament propost għandha tinbidel b'mod li ma timponix restrizzjonijiet mhux meħtieġa fuq kumpaniji żgħar u medji involuti fi vjaġġi domestiċi. Għalhekk jista' jkun hemm bżonn ta' derogi jew inkella jiġu stipulati ħtiġijiet bażiċi alternattivi għall-Kodiċi ISM għal dawk il-vapuri.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

Tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament u tal-Kunsill dwar it-titjib fis-sigurtà tal-portijiet

COM(2004) 76 final – 2004/0031 (COD)

(2004/C 302/06)

Fl-24 ta' Frar 2004, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond Artikolu 80(2) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament u tal-Kunsill dwar it-titjib fis-sigurtà tal-portijiet".

Is-Sezzjoni għat-Trasport, Enerġija, Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informatika, li kienet responsabbli biex theggi x-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fl-10 ta' Mejju 2004. Ir-rapporteur kienet Dr Bredima Savopoulou.

Matul l-410 sessjoni plenarja tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju (laqgħa tat-30 ta' Ġunju) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni segwenti b'154 voti favur u 4 astensjonijiet.

1. Introduzzjoni

1.1 Il-Kummissjoni, bil-Komunikazzjoni tagħha ⁽¹⁾ dwar it-Titjib tas-Sigurtà fit-Trasport Marittimu u bil-proposta ⁽²⁾ tagħha għal Regolament dwar it-Titjib tas-Sigurtà fuq il-Vapuri u l-Faċilitajiet Portwali, indirizzat it-tħassib marbut mas-sigurtà fuq il-vapuri u fir-rabta tal-vapuri mal-port u proponiet azzjoni speċifika li bħalissa għaddeja mill-proċess legiŝlattiv. Madankollu, ir-Regolament propost, waqaf sal-parti tal-port li tirra-preżenta r-rabta bejn il-vapur u l-port, i.e. it-terminal.

1.2 Il-KESE, fl-opinjoni tiegħu ⁽³⁾ laqa' il-proposta għall-azzjoni u appoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni bħala t-tieni pass biex issewgi l-implimentazzjoni ta' miżuri Komunitarji addizzjonali li jipprovdu s-sigurtà tal-port u r-rabta tiegħu mal-bqija ta' l-art.

1.3 It-tieni pass, u l-aktar diffiċli, ta' l-inizjattiva tal-Kummissjoni tagħraf il-pass tal-bżonn ta' politika dwar is-sigurtà tal-portijiet b'konsiderazzjoni tal-fatt li ż-żona wiesa' tal-port li tipprovdi rabta essenzjali mal-bqija tas-sistema ta' trasport u l-pas-saġġ tal-passiġġieri hi vulnerabbli.

2. Il-Proposta tal-Kummissjoni

2.1 Il-proposta tikkumplementa l-miżuri ta' sigurtà introdotti mir-Regolament dwar it-Titjib tas-Sigurtà tal-Vapuri u fil-Portijiet, billi jkun assigurat li, bħala riżultat, il-port kollu jkun kopert minn reġim ta' sigurtà. Id-Direttiva se tiggarrantixxi livelli ta' sigurtà xierqa għall-portijiet Komunitarji u se tassigura implimentazzjoni armonizzata tal-miżuri ta' sigurtà li jkopru ż-żona kollha tal-port.

2.2 Il-Kummissjoni ssostni li l-miżuri konġunti li huma mistennija ta' l-OMI u l-ILO fil-forma ta' Kodiċi tal-Prattika volontarju dwar is-Sigurtà Portwali, li bħalissa qed jiġi żviluppat, mhux se jiggarrantixxu t-twaqqif immedjat tar-reġim ta' sigurtà meħtieġ. Għalhekk, azzjoni proattiva min-naħa ta' l-UE hi meħtieġa, preferibilmnt fil-forma ta' Direttiva biex tintroduċi l-flessibilità meħtieġa.

2.3 Id-Direttiva li ġiet proposta se tippermetti li jinżammu s-sistemi ta' sigurtà eżistenti fis-sigurtà tal-portijiet li josservaw il-prinċipji u l-ħtiġijiet bażiċi tagħha. Partikolament, id-Direttiva teħtieġ l-obbligu li jsiru analiżi tas-sigurtà, li jiġu definiti livelli ta' sigurtà, li jkunu żviluppati u approvati pjanijiet ta' sigurtà, li jkunu maħtura awtoritajiet responsabbli mis-sigurtà, li jkunu magħżula uffiċjali responsabbli mis-sigurtà, li jkunu mwaqqfa kumitati tas-sigurtà u li jingħata appoġġ fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

3. Kummenti Ġenerali

3.1 L-avvenimenti u fatti li sehew sa mill-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru kkonfermaw t-bassir li l-gwerra kontra t-terroriżmu se tkompli fit-tul. L-avvenimenti traġiċi f'Madrid fl-11 ta' Marzu 2004 esponew kemm hi vulnerabbli s-sistema kollha tat-trasport għal attakki terroristiċi u wera li sigurtà assoluta ma tista' tinkiseb qatt. Fl-opinjoni esplanatorja tiegħu dwar is-sigurtà fit-trasport ⁽⁴⁾ u l-opinjoni tiegħu ⁽⁵⁾ dwar is-sigurtà fit-trasport marittimu, il-KESE sostna li l-UE għandha tieħu r-riedni fuq livell internazzjonali fl-iżvilupp ta' qafas aktar wiesa' għas-sigurtà li jindirizza l-kawżi tat-terroriżmu u mhux biess ifittex li jevitah jew jelimina l-effetti tiegħu.

3.2 Billi s-sigurtà marittima hi problema globali, din ingħata attenzjoni globali u mill-UE xierqa. Madankollu, is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija ma tantx tingħata attenzjoni f'inizjattivi fuq livell lokali filwaqt li t-terroriżmu fit-toroq jew frottot interni tal-baħar s'issa ma ngħataw prattikament l-ebda attenzjoni. Il-KESE jirrimarka li sakemm il-mezzi l-oħra tat-trasport jieħdu r-responsabilità tagħhom, l-inqas mezz sigur se jkun il-mira tat-terroristi biex jinfiltaw is-sistema. Mhux realistiku li tistenna li l-portijiet jimlew in-nuqqasijiet fis-sigurtà tal-mezzi l-oħra ta' trasport u mhux ġust fuqhom li jkun impost dan il-piż finanzjarju.

⁽¹⁾ COM (2003) 229 final – 2003/0089 (COD).

⁽²⁾ COM (2003) 229 final – 2003/0089 (COD).

⁽³⁾ ĠU C 32 ta' 5.2.2004, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU C 61 ta' 14.3.2003, p. 174.

⁽⁵⁾ ĠU C 32 ta' 5.2.2004, p. 21.

3.3 Il-KESE jsostni li l-miżuri intiżi għal għieda kontra t-terroriżmu għandhom ikunu sostnuti minn miżuri mmirati għal għieda kontra problemi tradizzjonali ta' sigurtà (kriminalità organizzata, piraterija, frodi, bejgħ klandestin u immigrazzjoni llegali). Dawn il-problemi għas-sigurtà jeżistu f'partijiet usa' mill-port u għandhom ikunu indirizzati bħala materji urġenti, kif mitlub mill-KESE. F'dan ir-rigward, il-KESE jiddispjaċih li numru ta' Stati Membri ta' l-UE għadhom mhumiex membri tal-Konvenzjoni dwar is-Suppressjoni ta' Atti Illegali (SUA) u l-Protokoll tagħha u jirrimarka li l-bżonn u l-urġenza ta' ratifika mill-aktar fis li tagħti s-saħħa għall-mezzi legali fil-għieda kontra t-terroriżmu.

3.4 Il-KESE ⁽¹⁾ ta l-appoġġ għal azzjoni ta' l-UE biex ikun assigurat arranġament reċiproku u ta' kollaborazzjoni ma' l-Istati Uniti billi jingħata trattament ugwali għall-merkanzija kollha (kontejners) li ġejja mill-UE u biex ikunu trasferiti/integrati l-arranġamenti bilaterali fi ftehim multilaterali taħt l-aws-piċċi ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (WCO). Arranġamenti reċiproċi simili għandhom jiġu mfittxija ma' reġjuni/pajjiżi oħra megħjuna minn skambju ta' informazzjoni. Fejn meħtieġ, dawn il-ftehim għandhom jipprovdu għall-kooperazzjoni teknika u għajjnuna finanzjarja għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex itejjbu l-infrastruttura ta' sigurtà fil-portijiet tagħhom.

3.5 Il-qafas tal-miżuri proposti hu simili għal dak stabbilit għall-faċilitajiet portwali (terminals). L-element sinifikanti ġdid u l-estensjoni ta' l-iskop ġeografiku biex ikopri ż-żoni kollha tal-port, li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri b'mod simili ma' l-azzjoni meħuda mill-Istati Uniti. Il-KESE jemmen li l-iskop jista' jintlaħaq bl-aħjar mod billi jkun estiż l-iskop ta' Regolament (KE) 725/2004 ⁽²⁾. Madankollu, il-KESE jagħraf li hemm diffikultajiet għall-estensjoni minn kmieni tar-reġim ta' sigurtà sħiħ f'dan ir-Regolament b'mod li jkopri ż-żoni kollha tal-port, u jagħraf il-bżonn li l-Istati Membri, permezz tad-Direttiva, ikollhom il-flessibilità biex jimplementaw miżuri meħtieġa b'kunsiderazzjoni tal-varjetà sinifikanti fil-portijiet fl-UE u l-attivitajiet differenti li jsiru fihom. Il-flessibilità m'għandiex twassal għal differenzi kbar fil-miżuri fi-portijiet fl-UE li jistgħu jwasslu għall-klassifikazzjoni ta' portijiet barranin bħala "siguri" jew oħrajn jitinizzlu fil-lista s-sewda ta' "perikolużi" f'termini ta' identifikazzjoni ta' immigranti llegali u terroristi li jista' jwassal għal xkiel fis-suq u joħloq problemi fil-proċess regolari tal-kummerċ internazzjonali.

3.6 Il-KESE ġġedded l-opinjoni ⁽³⁾ li wara t-tkabbir, il-Baħar Meditteran kiseb rwol akbar. Il-fatt li dan jinsab viċin żoni li minnhom jistgħu joriġinaw problemi ta' sigurtà jenfasizza l-bżonn ta' dimensjoni Meditteranja fis-sigurtà tat-trasport marittimu. Il-KESE laqa' ⁽⁴⁾ l-iżvilupp ta' Network ta' Trasport Ewro-Meditteranju u l-inkorporazzjoni tas-sigurtà marittima fl-għaniet tiegħu. Kien aċċetta li hu kruċjali li l-imsieħba mill-Meditteran isaħħu l-miżuri ta' sigurtà filwaqt li l-Istitut Ewro-Meditteranju għas-Saħħa u s-Sigurtà kien meqjus bħala l-ewwel pass lejn dan l-għan.

⁽¹⁾ ĠU C 61 ta' 14.3.2003, ĠU C 32 ta' 5.2.2004.

⁽²⁾ ĠU L 129 ta' 29.4.2004, p. 6.

⁽³⁾ CESE 856/2003 ĠU C 32 ta' 5.2.2004.

⁽⁴⁾ ĠU C 32 ta' 5.2.2004 u COM(2003) 376 final.

3.7 Fil-forma preżenti, id-Direttiva tiffoka fuq aspetti amministrattivi. Id-Direttiva ma tagħtix definizzjoni ta' proċeduri armonizzati fl-applikazzjoni ta' dettalji marbuta ma' l-Annessi. Minflok din tipprovdi l-possibilità ta' addattamenti futuri. Il-KESE jagħraf l-urġenza tal-bżonn li titjib is-sigurtà lil hinn miż-żona tal-port fejn jidħol il-vapur iżda jirrimarka li kien ikun aktar prudenti kieku kien ikkunsidrat il-progress miksub s'ssa fuq livell internazzjonali f'dawn ir-rigward u b'mod partikolari fl-OMI, l-ILO u l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (WCO) u li tkun provduta gwida urġenti u ċara għat-tweqqif ta' dan l-għan.

3.8 Il-KESE jinnota li d-Direttiva ma toħloqx obbligi ġodda f'oqsma diġà koperti ir-Regolament (KE) 725/2004 ⁽⁵⁾, jew inkella fiż-żoni estiżi tal-port. Madankollu, il-Kumitat jieħu l-opportunità li jsostni l-prinċipju bażiku li l-miżuri ta' sigurtà fil-portijiet għandhom iżommu bilanċ ma' l-għaniet tagħhom. Għalhekk, hu neċessarju li jkun ikkunsidrat b'attenzjoni xi bżonnijiet hemm u ssir analiżi ta' jekk dawn humiex realistiki u fattibbli. Il-miżuri għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali kif magħrufa b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea b'mod li ma jkunx hemm restrizzjoni tad-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadin u lanqas ta' l-ordni kostituzzjonali, u b'hekk ikun qed iservi l-iskop tat-terroristi. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni biex tkun evitat:

- li t-traffiku jiġu orjentat lejn xi portijiet oħrajn (minħabba miżuri ta' sigurtà addizzjonali) għad-detriment ta' portijiet oħrajn. Xi portijiet żgħar jistgħu jbatu b'mod partikolari b'diverżjoni bħala din. Il-miżuri ta' sigurtà m'għandhomx ikunu qafas ta' kompetizzjoni bejn il-portijiet;
- l-impożizzjoni ta' burokrazija jew spejjeż sproporzjonati;
- kull żbilanċ bejn sigurtà tal-vapuri u dik tal-portijiet li tista' twassal biex xi vapuri u l-operaturi tagħhom ikollhom jipprovdu sigurtà addizzjonali mal-moll biex ipatti għal dan in-nuqqas. Il-portijiet m'għandhomx ikunu kostretti jagħmlu spejjeż żejda għall-benefiċċji ta' mezzi oħra ta' trasport;
- sproporzjon fl-infrastruttura teknika, li tista' tidher li qed tippromwovi ċerti interessi kummerċjali.

3.9 L-ispiża ta' l-osservanza flimkien ma' miżuri addizzjonali biex tkun garantita s-sigurtà ta' żona ġeografika aktar sinifikanti tal-port, partikolarment restrizzjonijiet fl-aċċess, kontroll tal-merkanzija u bagalji, u identifikazzjoni tal-persuni se jimmultiplikaw għal numru kbir ta' portijiet, minħabba l-espansjoni ta' l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà se jinvolvu ħtiġijiet addizzjonali fl-infrastruttura, tagħmir, ħaddiema u taħriġ. Il-KESE, ifakkar fl-opinjoni preċedenti tiegħu dwar il-finanzjament ta' spejjeż ta' sigurtà, iġedded l-inviti biex il-Kummissjoni tħejji skema ta' l-UE biex tkun finanzjata l-implimentazzjoni tal-miżuri. Il-KESE asserixxa speċifikament li "għalkemm l-ispiża ta'

⁽⁵⁾ ĠU L 129 ta' 29.4.2004, p. 6.

l-osservanza se tingħadda fuq il-konsumaturi, hu xieraq li l-Gvernijiet ta' l-UE jħallsu parti mill-ispiża minħabba li t-terroriżmu hu reazzjoni għall-policies tal-Gvernijiet". Iktar minn hekk, il-KESE ġedded is-sejħa tiegħu għal studju ta' l-impatt mill-Kummissjoni dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' żieda fil-miżuri tas-sigurtà marittima u jingħaqad mal-PE f'din it-talba.

3.9.1 Il-portijiet huma assi nazzjonali kritiċi. Il-miżuri li għandhom l-għan li jassiguraw iż-żona kollha tal-port loġikament jikkwalifikaw bħala miżuri ta' interess pubbliku ġenerali. Għalhekk, finanzjament pubbliku ta' dawn il-miżuri m'għandux jaqa' taħt ir-regoli dwar l-għajnuna statali tat-trattat ta' l-UE. Minħabba l-fatt li l-Istati Membri, madankollu, għandhom l-għażla jekk jagħtux din l-għajnuna jew le, metodu armonizzat fuq livell ta' l-UE għandu jkun żviluppat sabiex tiġi evitata t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni. Dan il-metodu, li jikkunsidra wkoll il-finanzjament ta' miżuri ta' faċilitajiet portwali, għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji segwenti:

- spejjeż tas-sigurtà tal-port meħuda bħala konsegwenza tad-Direttiva dwar is-sigurtà fil-portijiet huma fl-interess pubbliku ġenerali u għandhom ikunu koperti minn finanzjament pubbliku nazzjonali jew ta' l-UE;
- spejjeż li jsiru bħala konsegwenza tar-regolament dwar is-sigurtà fil-portijiet u fuq il-vapuri għandhom ikunu finanzjati kif ġej:
 - a) spejjeż kollha magħmula mill-awtorità maħtura (analiżi, approvazzjoni ta' l-analiżi, approvazzjoni tal-pjan, awditjar u dikjarazzjoni ta' osservanza) għandhom ikunu koperti minn finanzjament pubbliku nazzjonali jew mill-UE;
 - b) spejjeż oħra rikorrenti biex isir kontroll u awditjar tal-pjanijiet ta' sigurtà tal-faċilitajiet portwali għandhom ikunu koperti minn finanzjament pubbliku nazzjonali jew mill-UE;
 - c) l-ispejjeż ta' sigurtà l-oħra kollha għandhom jingħabru mill-utenti tal-faċilitajiet fuq bażi trasparenti.

3.9.2 Hu diffiċili li tikkalkula l-ispejjeż għas-sigurtà. Madankollu, jekk wieħed iqabbel ma' l-Istati Uniti, wieħed jistenna li fl-UE dawn ikunu aktar għoljin minħabba li għal raġunijiet ġeografiki hemm numru akbar ta' portijiet fl-UE. Hu mistenni li l-ispejjeż għall-osservanza ta' portijiet kbar⁽¹⁾ u żgħar se jkunu enormi.

⁽¹⁾ Scanners tal-kontejners fil-port ta' Rotterdam swew €14 m: OJ C32 ta' 5.2.2004.

3.10 Jekk ma tingħatax risposta immedjata għar-realtajiet terroristiċi l-ġodda, dan jista' jfisser il-falliment li jiswew il-bil-juni. Għalhekk, il-periklu tas-sigurtà jista' jsir ostaklu mhux għall-kummerċ mhux fil-forma ta' tariffa.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-portijiet ġeneralment huma definiti sew bħala koperatura ġeografika u amministrazzjoni u fihom hemm diversi attivitajiet għaddejjin fl-istess ħin. Normalment il-fruntieri tal-portijiet ikopru l-faċilitajiet portwali u mhux bil-kontra, kif implikat f'Artikolu 2.4, jew ukoll fid-definizzjoni ta' "port" jew "port marittimu" f'Artikolu 3. Id-definizzjoni tidher li timlika li ż-żona tal-port hi "anqas" minn dik tal-"faċilitajiet portwali" li jinkludu rmiġġi addizzjonali, mollijiet ta' stennija u aċċessi oħrajn għall-baħar. Għalhekk, hemm bżonn ta' kjarifika għall-kunċett ta' "preċedenza" f'Artikolu 2.4.

4.2 L-ewwel pass tal-pjan ta' sigurtà tal-portijiet, bħala pian ġenerali, għandu jkun kompatibbli mad-deċiżjonijiet diġà meħuda matul l-implimentazzjoni tal-proċess tal-kodiċi-ISPS u Regolament (KE) 725/2004⁽²⁾, rigward il-kriterji tal-faċilitajiet portwali. Dan għandu jinkludi l-pjanijiet ta' sigurtà integrati fi ħdan il-fruntieri tal-port. Eventwalment, il-faċilitajiet subordinati għandhom jitħaddmu bħala sezzjonijiet tal-port u l-pjanijiet ta' sigurtà tagħhom għandu ikunu parti mill-pjan ta' sigurtà ġenerali tal-port, adattat fejn meħtieġ biex ikun armonizzat u koordinat ma' għanijiet komprensivi u konsegwentement l-awtorità responsabbli mis-sigurtà portwali għandha jkollha r-responsabilità u awtorità finali.

4.3 Ir-rwol konsultattiv tal-kumitati għas-sigurtà tal-port se jtejjbu l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' sigurtà. Il-KESE jassumi li l-kumitati se jkunu mwaqqfa mill-awtoritajiet ta' sigurtà tal-port, anke biex ikunu identifikati elementi tal-pjan tas-sigurtà tal-port. Il-KESE tappoġġa l-parteċipazzjoni tal-baħ-ħara fil-kumitati msemmija biex jinkisbu soluzzjonijiet prattiċi.

4.4 Il-merkanzija u l-passiġġieri m'għandhomx ikunu sottoposti għal verifika doppja fil-port u fil-faċilità portwali. Għandu jintuża metodu prattiku għal mobilità ta' l-ekwipaġġ tal-vapur u għal viżitaturi u dawk li jipprovdru xi servizz fuq il-vapur.

4.5 Spezzjonijiet għall-osservanza ma' miżuri tas-sigurtà fil-portijiet fi Stat Membru minn uffiċjali tas-sigurtà minn Stat Membru ieħor għandhom isiru taħt l-awtorità tal-Kummissjoni Ewropea. (Artikolu 17.2 u 14.3).

⁽²⁾ ĠU L 129 ta' 29.4.2004, p. 6.

5. Konklużjonijiet

5.1 L-avvenimenti traġiċi ta' Madrid tal-11 ta' Marzu 2004 ikkonfermaw li s-sistema tat-trasport kollha hi vulnerabbli għal attacchi terroristiċi u kkonferma li qatt ma tista' tintlaħaq sigurtà assoluta.

5.2 Il-KESE jirrimarka li sakemm il-mezzi kollha tat-trasport ma jaqsmux ir-responsabilità tagħhom, l-aktar settur vulnerabbli xorta se jibqa' l-mira tat-terroristi b'mod li jinfiltraw fis-sistema. Mhux realistiku li tistenna li l-portijiet jimlew in-nuqqasijiet tas-sigurtà ta' mezzi oħra ta' trasport u mhux ġust li jkun impost fuqhom din l-ispiża finanzjarja.

5.3 Il-KESE jemmen li strateġija li tfittex li telimina l-effetti mhix biżżejjed fid-dinja tal-lum. Għalhekk, l-UE għandha tieħu r-riedni fuq livell internazzjonali biex tiżviluppa qafas għas-sigurtà li janalizza x'qed jikkawża t-terroriżmu u mhux biss li jfittex li jelimina l-effetti tiegħu.

5.4 Il-KESE jagħti appoġġ sħiħ għad-Direttiva li ġiet proposta biex ikunu implimentati miżuri ta' sigurtà fiż-żoni kollha tal-port. Il-flessibilità mogħtija lill-Istati Membri skond id-Direttiva li ġiet proposta m'għandiex tirriżulta fil-klassifikazzjoni ta' portijiet barranin bħala siguri jew mhux siguri għaliex dan ixekkel is-suq u joħloq diffikultajiet fil-kummerċ internazzjonali.

5.5 Il-KESE jsostni li l-miżuri meħuda kontra t-terroriżmu għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri kontra l-problemi tradizzjonali ta' sigurtà (kriminalità organizzata, piraterija, frodi, bejgħ illegali u immigrazzjoni illegali).

5.6 Il-portijiet huma assi nazzjonali kritiċi. Il-miżuri li għandhom l-għan li jassiguraw iż-żona kollha tal-port loġikament jikkwalifikaw bħala miżuri ta' interess pubbliku ġenerali. Għalhekk, finanzjament pubbliku ta' dawn il-miżuri m'għandux jaqa' taħt ir-regoli dwar l-għajjnuna statali tat-trattat ta' l-UE. Metodu armonizzat fuq livell ta' l-UE għandu jkun żviluppat sabiex tiġi evitata t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni. Il-KESE jġedded l-invit biex il-Kummissjoni tiżviluppa skema Ewropea għall-finanzjament, fejn meħtieġ, ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri. Għalhekk, il-KESE jemmen li d-dimensjoni ekonomika tas-sigurtà tal-port hija punt ewlieni fil-kummerċ internazzjonali u għandha tkun indirizzata mill-UE minnufih.

5.7 Il-miżuri ta' sigurtà fiż-żoni portwali għandhom jirrispoettaw id-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipji magħrufa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea b'mod li ma jitnikkrux id-drittijiet personali tal-bniedem taċ-ċittadini u lanqas l-ordni kostituzzjonali.

5.8 Il-KESE jirrimarka l-bżonn urġenti biex il-politika Ewropea ta' sigurtà fil-portijiet tingħata dimensjonio Mediterranja li issa saret kruċjali wara t-tkabbir.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali
Roger BRIESCH

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-enerġija nukleari

(2004/C 302/07)

Fid-29 ta' Jannar 2004, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew, taħt ir-Regolament 29(2) tar-Regolamentii ta' Proċedura tiegħu, iddeċieda li jħejji opinjoni dwar "L-enerġija nukleari".

Is-Sezzjoni għat-Trasport, Enerġija, Infrastruttura u Soċjetà ta' l-Informatika, li kienet responsabbli għat-tħejjija tax-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fl-10 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien is-Sur Wolf.

Fis-sessjoni plenarja tiegħu Nru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta' Ġunju) il-Kumitat adotta din l-opinjoni b'141 vot favur u 9 astensjonijiet:

Din l-opinjoni tissupplimenta opinjonijiet tal-Kumitat dwar il-politika dwar l-enerġija u r-riċerka li kienu preżentati qabel. Hija tħares lejn l-iżvilupp tar-reatturi tal-fużjoni nukleari u l-benefiċċji mistennija għas-sigurtà u l-ambjent. Dan tagħmlu fuq l-isfond tal-kwistjoni globali ta' l-enerġija. Ix-xogħol ta' R&D meħ-tieġ huwa wkoll imsemmi u analizzat fil-qosor. L-opinjoni tik-kunsidra wkoll il-pożizzjoni Ewropea fin-negozjati attwali dwar fejn għandu jkun sitwat l-ITER.

Tabella tal-kontenut:

1. Il-kwistjoni ta' l-enerġija
2. L-enerġija nukleari – il-fissjoni nukleari u l-fużjoni nukleari
3. Żviluppi sal-lum
4. Impjant ta' l-enerġija nukleari: it-triq għall-gejġieni
5. Is-sit għal ITER
6. Sommarju u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat

1. Il-kwistjoni ta' l-enerġija

1.1 L-enerġija utilizzabbli⁽¹⁾ hija l-pedament tal-mod kif ngħixu u l-kultura kontemporanja tagħna. Id-disponibilità wiesa' tagħha fetħet il-bieb għal-livell ta' l-għixien preżenti tagħna. Passi bħal qatt qabel saru fil-pajjiżi industrijali prinċipali u emerġenti f'termini ta' medja ta' l-għixien, provvista ta' ikel, prosperità ġenerali u libertà personali. Provvista ta' enerġija mhux suffiċjenti tkun qed tpoġġi friskju dak li twettaq.

1.2 Il-ħtieġa ta' provvista ta' enerġija utilizzabbli sigura, irħisa, ambjentalment sostenibbli u maħsuba hija fil-qalba tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lisbona, Gothenburg u Barcellona. Il-politika ta' l-UE dwar l-enerġija b'hekk qiegħda ssegwi tliet għanijiet relatati mill-qrib u ugwalmment importanti, jiġifieri li tħares u ttejjeb (1) il-kompetittività, (2) is-sigurtà tal-provvista u (3) l-ambjent – kollha kemm huma marbuta mill-fil-komuni ta' l-iżvilupp sostenibbli.

⁽¹⁾ L-enerġija ma tiġix konsumata, iżda biss konvertita u, fil-proċess, użata. Dan iseħħ permezz ta' proċessi ta' konverżjoni bħall-kombustjoni tal-faħam, il-konverżjoni ta' l-enerġija mir-riħ felettricità, u l-fissjoni nukleari (konservazzjoni ta' enerġija; $E = mc^2$). Però, it-termini "provvista ta' enerġija", "ġenerazzjoni ta' enerġija" u "konsum ta' enerġija" huma wżati wkoll.

1.3 Madankollu, hemm ostakli serji għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet, kif muri ċar mill-Kumitat f'numru ta' opinjonijiet. Huwa indirizza l-kwistjoni ta' l-enerġija li tirriżulta minnhom f'numru ta' okkażjonijiet, fejn ikkunsidra diversi lati tal-kwistjoni u esplora soluzzjonijiet potenzjali⁽²⁾. L-opinjoni tiegħu fuq il-Green Paper tal-Kummissjoni Lejn Strateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Provvista ta' l-Enerġija⁽³⁾ u dwar Ħtiġijiet ta' Riċerka għall-proviżsata sigura u sostenibbli ta' l-enerġija⁽⁴⁾ jist-hoqqilhom li jissemmew b'mod partikolari.

1.4 F'dawn l-opinjoni, il-Kumitat saħaq li l-provvista u l-użu ta' l-enerġija jpoġġu piż fuq l-ambjent, jippreżentaw riskji, inaqqsu r-riżorsi u jinvolvu l-probema tad-dipendenza esterna u ta' ħolqien ta' problemi li ma tantx hemm soluzzjonijiet għalihom. Il-Kumitat għamel ukoll il-punt li l-iktar miżura importanti biex jitnaqqsu r-riskji assoċjati mas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija – u riskji oħra – hija li jiġi assigurat l-użu l-iktar diversifikat u bilanċjat possibbli ta' kull tip u forma ta' enerġija, inklużi l-isforzi kollha biex ma tinhelix l-enerġija u biex tiġi wżata b'mod razzjonali. Il-punti favur u kontra tad-diversi proċessi individwali huma wkoll imsemmija fil-qosor, iżda, minħabba nuqqas ta' spazju, dawn ma jistgħux jiġu ripetuti hawn-hekk⁽⁵⁾.

1.5 F'termini tekniċi, però, l-ebda waħda mill-għażliet futuri għall-provvista u tekonoloġiji ta' l-enerġija ma hi perfetta. L-edba waħda m'hi totalment nieqsa minn impatt li jagħmel ħsara lill-ambjent. L-edba waħda ma hi biżżejjed biex tkopri l-bżonnijiet kollha, u huwa diffiċli biex wieħed ikejjel il-potenzjal tagħhom fuq medda twila. Lanqas, għaldaqstant, il-politika Ewropea dwar l-enerġija li tħares 'il quddiem u li hija responsabbli, ma tista' tistrieħ fuq il-fatt li tista' tassigura provvista ta' enerġija adegwata fuq il-linji ta' l-għanijiet ippreżentati hawn fuq billi tuża biss numru żgħir ta' sorsi ta' enerġija. Dan jgħodd ukoll minħabba l-bżonn li ma tinhelix l-enerġija u li tiġi wżata b'mod razzjonali.

⁽²⁾ Promozzjoni ta' Enerġija li tiġġedded: Mezzi ta' azzjoni u strumenti ta' finanzjamenti; Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq domanda utli għas-sħana fis-suq intern ta' l-enerġija; Abbozz ta' Proposta għal Direttiva tal-Kunsill (Euratom) li tistipula obbligi bażiċi u prinċipji ġenerali dwar is-sigurtà ta' installazzjonijiet nukleari u Abbozz ta' Proposta għal Direttiva tal-Kunsill (Euratom) dwar l-immaniġġjar ta' fuel nukleari mitfi u skart radjuattiv. It-temi involuti fl-użu ta' enerġija nukleari fil-ġenerazzjoni ta' l-elettriku.

⁽³⁾ Green Paper: Lejn Strateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Provvista ta' l-Enerġija.

⁽⁴⁾ Ħtiġijiet ta' Riċerka għall-provvista sigura u sostenibbli ta' l-enerġija.

⁽⁵⁾ Ħtiġijiet ta' Riċerka għall-provvista sigura u sostenibbli ta' l-enerġija; punti 2.1.3 et seq.

1.6 Għalhekk, ma teżisti l-ebda provvista ta' enerġija sigura, fuq medda twila, li tagħmel sens ambjentali u li hija ekonomikament viabbli – la fl-Ewropa u lanqas fi bnadi oħra fid-dinja (1). Lċ-ċavetta għal soluzzjonijiet potenzjali tinsab biss f'iktar riċerka u żvilupp intensivi. Ir-riċerka dwar l-enerġija (2) hija l-element strateġiku u l-pedament essenzjali ta' politika fuq medda twila ta' żmien li jkollha suċċess. Fl-opinjoni imsemmija, il-Kumitat irrakkomanda wkoll programm Ewropew ta' riċerka dwar l-enerġija konsistenti, li l-elementi kardinali tiegħu fil-verità diġà jinsabu fis-Sitt Framework Programme għar-riċerka u l-iżvilupp u l-programm ta' riċerka u taħriġ Euratom, iżda b'investiment miżjud sewwa fir-R&D.

1.7 Il-Kumitat innota wkoll li, minħabba l-pass gradwali ta' tibdil fl-industrija ta' l-enerġija, il-fatt li l-emissjonijiet ta' gassijiet klimatiċi huma kwistjoni globali, mhux reġjonali, u l-aspettativa li l-problema se taggrava iktar fit-tieni nofs tas-seklu, l-istrateġija għall-kwistjoni ta' l-enerġija għandha tkun iktar globali fl-iskala tagħha u tkopri perjodu ta' żmien sostanzjalment itwal.

1.8 Il-problemi ta' riżorsi finiti u emissjonijiet (gassijiet greenhouse) huma aggravati miż-żieda prevista ta' darbtejn – jekk mhux tliet darbtejn – fil-bżonnijiet globali ta' enerġija sa l-2060 minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni u l-bżonn ta' pajjiżi inqas żviluppati li jlaħħqu ma' l-oħrajn. Kull strateġija u prospettivi għall-iżvilupp iridu għaldaqstant iħarsu lil hinn minn dan il-perjodu ta' żmien.

1.9 Fl-Opinjoni reċenti tiegħu dwar l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, il-Kumitat tenna wkoll il-punt li kull strateġija ta' żvilupp sostenibbli trid tkopri medda ta' żmien konsiderevolment itwal.

1.10 Kif il-Kumitat innota wkoll, dawn il-punti mhumhiex, però, adegwatament riflessi kemm fil-perċezzjoni pubblika kif ukoll fid-dibattitu miftuħ. Minflok, hemm firxa wiesja ta' opinjonijiet fl-estremijiet li rispettivament jew jagħtu preġju żejjed lir-riskji u opportunitajiet involuti jew ma jagħtuhomx importanza. F'estrem wieħed, ċerti nies huma ta l-opinjoni li m'hemm l-ebda problema ta' enerġija, li l-affarijiet dejjem imxew s'issa u li riżorsi ġodda jistgħu jiġu żviluppati jekk jinqala' l-bżonn (għal deċennji ilna nisimgħu previżjonijiet ta' qerda ta' foresti u dikjarazzjonijiet li l-ħażniet ta' żejt u gass se jispiċċaw f'40 sena biss). Fin-naħa l-oħra hemm it-twelmin li s-sorsi li jiġġeddu jistgħu faċilment jaqdu ħtiġijiet ta' enerġija kollha tad-dinja kieku biss il-finanzjament kollu tar-riċerka jingħadda fuqhom u jekk is-soċjetà tadatta skond dawn il-bżonnijiet.

(1) Il-problema ġenerali kienet ġiet suġġerita minn kriżijiet taż-żejt preċedenti (e.g. fl-1973 u l-1979) u l-kontroversja attwali – ċentrata fuq il-bilanċ ta' żvantaġġi bejn ekonomija u ambjent – dwar l-alkazzjoni ta' ċertifikati ta' l-emissjoni.

(2) L-opinjoni tal-Kumitat jgħid: "Il-Kumitat għalhekk jirakkomanda li l-Kummissjoni tħejji strateġija ta' riċerka dwar l-enerġija fuq livell Ewropew, li minnha eventwalment joħorġ programm Ewropew ta' riċerka dwar l-Enerġija".

1.11 Għaldaqstant għad m'hemm politikha globali ta' enerġija konsistenti, u anke fi ħdan l-Istati Membri ta' l-UE, hemm differenzi konsiderevoli fl-istrateġiji għall-kwistjoni ta' l-enerġija.

2. L-enerġija nukleari – il-fissjoni nukleari u l-fużjoni nukleari

2.1 Għal ċertu massa ta' fuel, madwar miljun darba iktar enerġija hija meħlusa permezz tal-fissjoni ta' nuklei atomiċi ta' massa kbira ħafna u l-fużjoni ta' nuklei atomiċi ta' massa żgħira ħafna milli permezz ta' proċessi kimiċi.

2.2 Madwar l-1928 saret skoperta li l-fużjoni nukleari kienet il-proċess, sa dak iż-żmien mhux spjegat, li jagħti l-enerġija lixxemx u ħafna mill-istilel. Permezz tar-raġġi tax-xemx, allura, l-enerġija tal-fużjoni hija wkoll is-sors prinċipali għall-ħajja fuq id-dinja – l-enerġija li ggħiegħel il-pjanti jikbru u li hija maħżuna fil-fossil fuels u enerġija li jiġġeddu.

2.3 Hekk kif il-fissjoni nukleari ġiet skoperta fl-1938 – u hekk kif il-potenzjal ta' l-applikazzjoni paċifika tagħha ġie rikonoxxut – żvilupp promettenti u dinamiku ġie mwaqqaf għall-esplotazzjoni tagħha.

2.4 Matul dan l-iżvilupp, l-għanijiet tal-fissjoni nukleari ġew mill-huqa relativament malajr; it-tama li nużaw il-fużjoni nukleari bħala riżorsa terrestri Prattikament inifinita, però, għad trid tiġi imwettqa.

2.5 L-użu Prattiku taż-żewġ tipi ta' enerġija nukleari huwa intiż (i) sabiex jiġġenera l-elettriċità mingħajr ma jipproduċi gassijiet li jagħmlu ħsara lill-ożonu; u (ii) sabiex inaqas il-konsum ta' l-idrokarboni (żejt u gass naturali) – fuels importanti fis-settur tat-trasport – li jipproduċu inqas CO₂ mill-faħam meta jinħarqu u għalhekk qed jiġu dejjem iżjed ikkunsidrati – jew fil-fatt diġà qed jiġu wżati – biex jiġġeneraw l-elettriċità (3).

2.6 Il-proċessi tal-fissjoni nukleari u l-fużjoni nukleari huma differenti minn xulxin b'mod fundamentali fil-mod kif jaħdmu, il-kondizzjonijiet operativi, l-aspetti ambjentali u ta' sigurtà, ir-riżervi ta' materja prima u d-disponibilità, eċċ. F'dawn l-oqsma kollha, il-fużjoni jkollha vantaġġi konċettwali (ara punti 2.11 et seq.).

2.7 Il-fissjoni nukleari. Il-fissjoni nukleari ilha tiġi wżata għal deċennji biex tiġġenera l-enerġija. Impjanti enerġetiċi li jaħdmu bil-fissjoni nukleari diġa għamlu ħafna biex jipprevjenu l-emissjoni ta' gassijiet li jagħmlu ħsara lill-ożonu (CO₂) u biex inaqqsu d-dipendenzi involuti fil-konsum u l-importazzjoni taż-żejt u l-gass. Dan kien fattur fil-qawmien mill-ġdid tad-dibattitu dwar l-enerġija nukleari, speċjalment fil-kuntest ta' miżuri biex jinaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ u ta' modi u mezzi biex dan jitwettaq (inċentivi/pieni). Il-Kumitat dan l-aħħar iddedika opinjoni għal din il-kwistjoni (4).

(3) B'riżultat t'hekk, nuqqas serju ta' fuel huwa mistenni li jseħħ iktar kmieni.

(4) Temi involuti fl-użu ta' l-enerġija nukleari fil-ġenerazzjoni ta' elettriku.

2.8 Il-fuel għall-fissjoni nukleari huwa ipprovdut mill-iżotopi (¹) ta' l-elementi b'massa partikolarment kbira fis-sistema perjodika: torju, uranju u plutonju. In-newtroni meħlusa waqt il-fissjoni nukleari jibdeu proċessi ta' fissjoni oħra fin-nuklei ta' dawn il-materjali. Dan jikkawża reazzjoni kontinwattiva li tillibera l-enerġija li trid tiġi kontrollata. Waqt dan il-proċess, jirriżutaw prodotti ta' fissjoni radjuattivi – u f'ħafna każi ta' ħajja twila (b'half-life twila) ħafna – u actinides li jridu jinżammu 'l bogħod mill-biosfera għal eluf ta' snin. Dan iqajjem kwistjonijiet u jwassal lil ċerti nies biex jirrifjutaw l-użu ta' l-enerġija nukleari totalment. Barra minn hekk, sustanzi fissili (li jissubixxu l-fissjoni) oħra ukoll huma ġenerati – per eżempju l-plutonju (mill-uranju²³⁸) – li huma soġġetti għal osservazzjoni bħala materjali potenzjali għall-armi nukleari.

2.9 Il-fissjoni nukleari topera fuq il-bażi ta' "pile". Il-ħażna ta' fuel nukleari – biżżejjed għal numru ta' snin (100 tunnellata f'installazzjoni ta' l-enerġija) – hija maġhluqa fil-core. Proċessi ta' kontroll jirregolaw in-numru ta' reazzjonijiet ta' fissjoni meħtieġa biex jassiguraw l-produzzjoni mixtieqa. Minkejja t-teknoloġija avvanzata disponibbli biex tikkontrolla dawn il-proċessi u tiggarantixxi s-sigurtà, il-kwantità innifisha ta' l-enerġija maħżuna żżid aktar dawn il-kwistjonijiet. Barra minn hekk, ammonti konsiderevoli ta' after-heat huma wkoll prodotti, li jeħtieġu, għal ħafna tipi ta' reatturi, perjodu ta' tnaqqis tat-temperatura relattivament twil u intensiv ladarba r-reattur jieqaf jopera biex jipprevjeni t-tisħin eċċessiv tal-cladding (il-materjal li jiċċirkonda r-reattur).

2.10 B'referenza għal dawn il-kwistjonijiet (²), il-Kumitat innota l'opinjonijiet reċenti tiegħu dwar dan is-suġġett, li r-raba' ġenerazzjoni ta' impjant ta' l-enerġija tal-fissjoni issa qed jiġu żviluppati. Dawn se jgħollu anki iżjed l-istandards passivi ta' sigurtà ta' impjanti kurrenti.

2.11 Il-fużjoni nukleari. F'termini ta' massa ta' fuel użata, il-fużjoni nukleari hu l-iktar proċess enerġetiku effiċjenti potenzjalment utilizzabbli fuq il-pjaneta. Ir-reatturi tal-fużjoni nukleari huma faċilitajiet għall-ġenerazzjoni kontrollata ta' proċessi ta' fużjoni u l-użu ta' l-enerġija b'hekk meħlusa. Huma joperaw kontinwament bħala impjanti enerġetiċi li jiġġeneraw l-elettriċità (³) – l-iktar elettriċità baseload. Huma se jużaw bħala fuel iżotopi mit-tip ta' l-idroġenu tqil (ara isfel). L-elju, gass nobbli (⁴) li ma jagħmilx ħsara b'applikazzjonijiet utli, huwa l-"irmied" tar-reattur tal-fużjoni.

2.12 Però, waqt ir-reazzjoni ta' fużjoni, li sseħħ biss meta l-partijiet involuti fir-reazzjoni jiltqagħu b'veloċità għolja ħafna (⁵), newtroni addizzjonali huma meħlusa u dawn

jipproduċu r-radjuattività fil-materjal tal-ħajt tar-reattur (u allura jistgħu ibiddu l-kwalitajiet mekkaniċi tiegħu). Għal din ir-raġuni, wieħed mill-għanijiet ta' programm ta' R&D rilevanti huwa li jiżviluppa materjal li r-radjutossiċità (⁶) tiegħu tinżel sal-livell ta' l-irmied tal-faħam f'perjodu ta' bejn mija, u l-iżjed, diversi mijiet ta' snin. Dan jista', fost oħrajn, jagħmilha potenzjalment possibbli li terġa tintuża l-biċċa l-kbira mill-materjali in kwistjoni, u b'hekk issolvi sostanzjalment il-kwistjoni tal-ħażna finali.

2.13 Il-ħtiġijiet xjentifiċi u teknoloġiċi għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija mill-fużjoni huma estremament diffiċli u preċiżi. Ix-xogħol bażiku – u diffiċli – huwa li jissaħħan gass li jikkonsisti minn iżotopi ta' l-idroġenu (taħlita deuterium-tritium) għal temperaturi ta' l fuq minn 100 miljun grad (il-gass b'hekk isir plażma (⁷)), sabiex in-nuklei f'kollizzjoni jilhqqu veloċitajiet għolja biżżejjed mhix iżommu flimkien din il-plasma għal żmien twil biżżejjed u biex jiġi estratt u użat l-enerġija b'hekk ġenerata.

2.14 Dawn il-proċessi jseħħu fil-combustion chamber tar-reattur tal-fużjoni. L-enerġija kontenuta fi ftit grammi ta' fuel li jiġi introdott – jekk ma tiġix kostantament mibdula – hija biżżejjed biss għal produzzjoni ta' ftit minuti, allura ma jista' jkun hemm l-ebda nuclear excursion mhix mixtieqa. Barra minn hekk, il-fatt li, jekk isir xi żball, il-proċess ta' ħruq termonukleari jibred u jieqaf (⁸), huwa benefiċċju intrinsiku ieħor għas-sigurtà.

2.15 Għalhekk, minħabba dawn il-kwalitajiet intrinziċi ta' sigurtà, l-opportunità biex jinqatgħu drastikament livelli ta' skart radjutossiku li jibqa' attiv għal żmien twil (il-proċessi ta' fużjoni ma jinvolvux prodotti ta' fissjoni jew xi komponenti long-lived u partikolarment perikolużi [actinides]) u d-disponibilità prattikament bla limitu ta' materja prima, l-użu ta' l-enerġija tal-fużjoni ikun għaldaqstant komponent mixtieq u importanti ħafna ta' provvista futura ta' enerġija sostenibbli, u allura jgħin biex isolvi d-diffikultajiet attwali.

2.16 B'hekk, l'opinjonijiet qabel dan il-Kumitat għamel il-punt li l-R&D immirat lejn l-użu ta' enerġija tal-fużjoni huwa element kruċjali ta' politika dwar l-enerġija fil-futur u eżempju primarju ta' integrazzjoni Ewropea b'suċċess. Għalhekk, għandu jiġi promoss b'qawwa fil-programmi ta' qafas ta' R&D Ewropej u fil-programmi ta' riċerka u taħriġ Euratom.

(¹) Atomi ta' l-istess element, iżda b'massa differenti (numru differenti ta' newtroni fin-nukleu).

(²) It-temi involuti fil-ġenerazzjoni ta' l-elettriku bl-enerġija nukleari.

(³) Għalkemm interrurzzjonijiet qosra, forsi kull siegħa, fil-proċess ta' fużjoni waħdu jistgħu ikunu neċessarji.

(⁴) L-elju għandu nukleu estremament stabbli u hu kimikament inert (għalhekk hu klassifikat bħala "gass nobbli").

(⁵) Tipikament 1 000 km/sek.

(⁶) Ir-radjutossiċità hija kejl tal-ħsara kawżata minn radionuclide li jidħol fl-organiżmu uman.

(⁷) F'dawn it-temperaturi, gass huwa ionizzat kollu kemm hu (i.e. l-elettroni b'negative charge ma jibqgħux maqgħuda fl-atomic shell, iżda jiċċaqalqu liberament bħan-nuklei b'positive charge), u b'hekk huwa mezz li jgħaddi l-elettriku li jista', fost metodi oħra, jiġi konfinat b'fields manjetiċi. Dan l-istat jissejjaħ plażma.

(⁸) Il-ħruq termonukleari huwa spjegat f'punt 3.9.

3. Żviluppi sal-lum

3.1 L-użu paċifiku ta' l-enerġija tal-fużjoni ġie kunsidrat l-ewwel darba kważi ħamsin sena ilu. Fl-istess ħin ċertu pajjiżi diġà kellhom it-teknoloġija ta' armi li jaħdmu bil-fużjoni (il-bomba bl-idroġenu), u l-mixja għall-użu paċifiku tal-fużjoni dehret promettenti ħafna, għalkemm estremament diffiċli u protratta.

3.2 Żewġ dikjarazzjonijiet minn dik l-epoka li għadhom ikkwotati llum jagħmlu dan partikolarment ċar u huma tipiċi tat-tensjoni rikonossuta kmieni bejn l-aspettativi għolja u d-diffikultajiet fiżiċi u tekniċi l-iktar intrattabbli. L-ewwel waħda hija minn H. J. Bhabha fid-diskors tal-ftuħ tiegħu lill-ewwel Konferenza dwar l-Użu Paċifiku ta' l-Enerġija Nukleari f'Geneva fl-1955: "Nazzarda nbassar li se jinstab metodu biex jillibera l-enerġija tal-fużjoni f'mod kontrollat fiż-żewġ deċennji li ġejjin." ⁽¹⁾ Min-naħa opposta, fl-ewwel artiklu ġenerali fuq il-kwistjoni tal-fużjoni pubblikat mill-Istati Uniti ⁽²⁾, R.F. Post kiteb: "Però, il-problemi tekniċi li jridu jiġu solvuti jidhru tassew kbar. Meta jintebħu bihom, ċerti fiżiċi malajr jiddikjaraw li soluzzjoni għall-problema hija impossibbli." ⁽³⁾

3.3 Fost l-istrategġiji possibbli mressqa dak iż-żmien kien hemm proposti għal konfinament manjetiku, li issa ħarġu bħala l-iktar mezz promettenti biex jintlaħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa. Il-wasla sa din ir-realizzazzjoni, però, irrikjediet żviluppi u ottimizzazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi laborjużi, immarkati b'ostakli u kontrattampi. Dan jikkonċerna t-tokamak (akronimu Russu għal toroidal ⁽⁴⁾ magnetic chamber), u l-istellaratur. Dawn l-istrategġiji t-tnejn huma varjanti ta' kunċett bażiku komuni li jinvolvi l-konfinament tal-plażma b'temperatura għolja taħt il-kundizzjonijiet rikjesti bl-użu ta' kampi manjetiċi strutturati b'mod appropjat forma ta' ċirku.

3.4 Ir-rwol ta' pijunier f'dan il-proċess kien okkupat mill-proġett Ewropew JET (Joint European Torus), li l-blueprint ⁽⁵⁾ tekniċu għalih deher xi għoxrin sena wara ⁽⁶⁾. Waqt il-fażi sperimentali ta' dan il-proġett mhux biss intlaħqu għall-ewwel darba t-temperaturi tal-plasma rikjesti, iżda fid-disgħinijiet, bl-użu tal-proċess ta' fużjoni deuterium-tritium, sar possibbli li jiġu liberati ammonti sinifikanti ta' enerġija tal-fużjoni (xi 20 megajoule għal kull esperiment) b'mod kontrollat. Għalhekk, għal perjodu qasir, l-output enerġetiku tal-fużjoni tal-plasma kien kważi ugwali għall-enerġija tas-sħana trasferita lill-plażma.

3.5 Dan is-suċċess kien possibbli permezz tas-sinerġija tal-programm ta' tmexxija tal-programm ta' riċerka dwar il-fużjoni tal-Komunità Ewropea implimentat taħt l-awspicċi ta' Euratom. In-network stabbilit bħala parti minn dan il-programm għabar flimkien id-diversi laboratorji assoċjati ma' Euratom fl-Istati Membri – bil-faċilitajiet għat-testijiet rispettivi tagħhom, id-

diversi kontribuzzjonijiet individwali tagħhom u l-involvement tagħhom fil-proġett JET – u tahom identità komuni. Dan allura huwa eżempju bikri ta' żona Ewropea għar-riċerka fil-prattika u turija ċara ta' l-effettività tagħha.

3.6 Dan kien, allura, l-ewwel pass, il-pass kritiku, fir-riċerka dinjija dwar il-fużjoni. Il-prinċipju fiżiku għall-ġenerazzjoni u konfinament manjetiku tal-plażma tal-fużjoni kien dimostrarat.

3.7 L-avvanzi f'dan il-qasam ġew ukoll immarkati b'kooperezzjoni dinjija eżemplari, koordinati minn organizzazzjonijiet bħall-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika (IAEA) u l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija (IEA). Ir-riċerka Ewropea ipprovdiet l-input kruċjali. Hija ħadmet b'mod determinat biex tlaħħaq – partikolarment ma' l-Istati Uniti – u llum hija rikonossuta li għandha l-pożizzjoni ta' quddiem f'dan il-qasam.

3.8 Wara inizjattivi mibdija sbatax-il sena ilu mill-President Gorbachev u l-President Reagan – iktar tard ukoll mill-President Mitterrand – kien hemm pjan li ħareġ għal proġett globali konġunt għall-iżvilupp, u, possibbilment bħala proġett konġunt ukoll, għall-bini u t-tħaddim ta' ITER ⁽⁷⁾ – l-ewwel test reactor li jipprovdni gwadann net ta' enerġija mill-plażma (i.e. fejn il-produzzjoni ta' enerġija tal-plażma mill-proċessi ta' fużjoni jkun konsiderevolment oġhla mill-enerġija trasferita ġewwa l-plażma). L-iskop ta' ITER huwa li juri l-fattibilità teknoloġika u xjentifika tal-produzzjoni ta' enerġija tal-fużjoni utilizzabbli permezz ta' plasma taħraq.

3.9 It-terminu "ħruq" (magħruf ukoll bħala "ħruq termonukleari") jiddeskrivi proċess fejn l-enerġija tiġi meħlusa permezz tal-proċess ta' fużjoni (jew iktar preċiżament l-enerġija li jgħorru n-nuklei ta' l-elju) tilgħab parti prinċipali fiż-żamma tat-temperatura tal-plażma fil-livelli estremament għoljin meħtieġa. Sejbiet sperimentali s'issa urew li dan jsta' jintlaħaq biss bl-użu ta' faċilitajiet kbar biżżejjed (i.e. simili fid-daqs għal impjanti enerġetiċi). ITER allura ġie disinjat b'daqs appropjat.

3.10 Il-programm, allura, jinsab ffazi transitorja bejn ir-riċerka u l-iżvilupp għalkemm mhuwiex possibbli li wieħed jagħmel distinzjoni netta bejn iż-żewġ kunċetti. Biex jintlaħqu l-miri ta' ITER, jeħtieġ li minn naħa waħda jiġu provduti risposti definittivi għal ċerti mistoqsijiet fiżiċi li jistgħu jitwieġbu biss ladarba l-plażma tal-fużjoni tkun imhallija fil-proċess ta' burning għal perjodu raġonevolment twil. Min-naħa l-oħra, xi komponenti tekniċi għall-konstruzzjoni wkoll huma meħtieġa bi speċifikazzjonijiet simili u fuq skala simili għal dawk li iktar tard se jkunu meħtieġa għal reattur operazzjonali (e.g. superconductive magnets kbar ħafna, combustion chamber li jiflaħ għall-plażma ⁽⁸⁾, unitajiet ta' tisħin tal-plażma etc.). Dan allura huwa l-ewwel pass mill-fiżika għat-teknoloġija ta' l-impjanti enerġetiċi.

⁽¹⁾ Ċitazzjoni oriġinali bl-Ingliż.

⁽²⁾ Rev. Mod. Phys. 28, 338 (1956).

⁽³⁾ Ċitazzjoni oriġinali bl-Ingliż.

⁽⁴⁾ Toroidal = forma ta' ċirku (torus).

⁽⁵⁾ Disinjat bl-użu ta' varjazzjoni tal-prinċipju ta' tokamak.

⁽⁶⁾ JET kien għalhekk twettiq tal-metodu mbassar minn Bhabha, u b'hekk jikkonferma l-previżjoni tiegħu.

⁽⁷⁾ Oriġinarjament International Thermonuclear Experimental Reactor, iżda llum isem fih innifsu.

⁽⁸⁾ Interazzjoni plasma-wall

3.11 Ir-riżultat ta' l-ippjanar dinji għal-ITER jinkludi data dwar id-disinn u blueprints komprensivi, kif ukoll prototipi u komponenti mudelli ittestjati. Dawn ir-riżultati jistrieħu fuq l-esperjenza u l-estrapolazzjoni mill-esperimenti kollha li saru s'issa, nibdew minn JET, il-parti l-aktar importanti tal-programm ta' fużjoni mhux bis Ewropew iżda wkoll dinji.

3.12 Id-dimensjonijiet lineari ta' ITER b'hekk se jkunu madwar darbejn daqs dawq ta' JET (diametru medju tar-ring tal-plażma: 12-il metru, volum tal-combustion chamber: madwar 1 000 m³). L-idea hija li ITER jiġġenera mal-500 MW ta' enerġija nukleari b'fużjoni f'ħinijiet tal-kombustjoni inizjalment ta' mill-inqas tmien minuti, b'rata ta' output/input ta' enerġija ta' għaxar darbiet ⁽¹⁾ (u rata iktar baxxa ta' output/input waqt hini-jiet għall-kombustjoni essenzjalment bla limitu).

3.13 L-ispejjeż għall-kostruzzjoni ta' ITER hums stimati li huma ta' madwar EUR 5 biljun ⁽²⁾.

3.13.1 Fil-kostruzzjoni ta' ITER, ħafna mill-ispejjeż jaqgħu fuq dawq id-ditti li jiġu assenjati l-kuntratt għall-manifattura u l-installazzjoni tad-diversi komponenti tal-faċilità għall-provi. Kontribuzzjoni Ewropea sinifikanti għall-kostruzzjoni ta' ITER tkun b'hekk ta' benefiċċju għall-industrija Ewropea f'termini ta' kapaċità innovattiva u għarfien teknoloġiku ġenerali u allura tgħin biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' l-istrateġija ta' Lisbona.

3.13.2 L-industrija diġà ibbenefikat fl-imgħoddi minn ħafna spin-offs ⁽³⁾ tal-programm ta' fużjoni. Dan huwa mistenni li jkun benefiċċju laterali partikolarment importanti tal-kostruzzjoni ta' ITER.

3.13.3 Waqt il-perjodu ta' kostruzzjoni ta' ITER, l-ispiża Ewropea fuq il-programm sħiħ ta' fużjoni (i.e. kemm il-Komunità kif ukoll l-Istati Membri) ikun inqas minn 0.2 % ta' l-ispiża tal-konsum finali ta' enerġija fl-Ewropa.

3.14 Matul l-iżvilupp tagħha, il-partnership ITER kellha diversi fażijiet pożittivi u negattivi ⁽⁴⁾. Fil-bidu, kienet tinvolvi l-UE, il-Ġappun, ir-Russja u l-Istati Uniti. L-Istati Uniti irtiraw madwar ħames snin ilu iża reġgħu ingħaqdu fl-2003, filwaqt li ċ-Ċina u l-Korea ingħaqdu wkoll. Dan il-partnership għamilha possibbli mhux biss li jinfirxu l-ispejjeż ta' l-ippjanar fuq l-imsieħba prinċipali internazzjonali kollha tar-riċerka dwar l-enerġija, iżda wkoll li jassigura li l-ippjanar tal-proġett jibbene-fika mir-riżultati kollha disponibbli madwar id-dinja.

3.15 Dan wera wkoll l-importanza ta' l-iskema bħala proġett globali biex isolvi problema globali.

⁽¹⁾ Fi kliem ieħor, għaxar darbiet iktar enerġija hija ġenerata fil-plasma tal-fużjoni milli tiġi introdotta permezz ta' strumenti speċjali bħal injetturi ta' raġġi newtrali ta' rendiment għoli jew emittenti ta' frekwenza għolja.

⁽²⁾ Skond COM(2003) 215 finali, il-prezz tal-kostruzzjoni ta' ITER huwa stmat li jkun EUR 4,70 miljun (b'valuri tal-2000).

⁽³⁾ Ara, per eżempjue, Spin-off benefits from fusion R&D EUR 20229-Fusion energy-Moving forward ISBN 92-894-4721-4 u l-brochure Making a difference tal-Culham Science Centre, Abingdon, Oxfordshire OX14 3DB, UK.

⁽⁴⁾ Nuqqas ta' spazju hawnhekk jipprekludi deskrizzjoni dettaljata ta' l-istorja politika volatili tal-proġett.

3.16 Il-kostruzzjoni u operazzjoni konġunta ta' ITER tkun tfisser ukoll gwadann sostanzjali f-għarfien u s-snaġġa tekniċi għall-pajjiżi msieħba kollha li għandhom x'jaqsmu (ara wkoll taqsimu 5), mhux biss fejn tidħol sistema ġdida ta' enerġija, iżda wkoll f'termini ta' innovazzjoni ġenerali għal teknoloġiji ta' fuq il-fruntieri tax-xjenza.

3.17 F'termini ta' żvilupp teknoloġiku, però, ikun tluq ġdid jekk, madwar id-dinja, faċilità waħda biss tinbena skond l-għanijiet ta' ITER, fi kliem ieħor jekk jiġi deċiż li f'dan l-istadju ma ssir esplorazzjoni u ttestjar ta' alternattivi kontendenti u daqs-tant avvanzati, kif kien isir, per eżempju, fl-iżvilupp ta' l-avjazzjoni, l-esporazzjoni ta' l-ispazju u r-reatturi tal-fissjoni.

3.18 Din il-mossa li tiffranka l-ispejjeż trid allura tiġi kompensata minn programm ta' back-up partikolarment effettiv li joffri wkoll skop għal ideat innovattivi u kunċetti alternattivi ⁽⁵⁾ biex jirriduċi r-riskji ta' l-iżvilupp. Però, dawn jistgħu jiġu studjati, inizjalment, fuq skala iżgħar u allura bi prezz iktar baxx.

4. Impjant ta' l-enerġija nukleari: it-triq għall-ġejjieni

4.1 Ir-riżultati akkumulati mill-proġett ITER, mistenni xi għoxrin sena wara li jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni, se jipprovdu data baġiċi għad-disinn u l-kostruzzjoni ta' l-ewwel fusion demonstration power plant (DEMO) li tipproduċi l-elettriċità. L-x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq DEMO jista' allura jibda f'madwar għoxrin sa ħamsa u għoxrin sena.

4.2 Fuq il-bażi ta' għarfien attwali, l-impjanti enerġetiċi tal-fużjoni għandhom jiġu disinjati biex jinkorporaw il-karatteristiċi li ġejjin:

— provvista ta' baseload electricity fi block sizes offriti minn impjanti enerġetiċi attwali; ukoll possibbilment il-produzzjoni ta' l-idroġenu

— konsum kull siegħa ta' fuel ⁽⁶⁾ ta', ngħidu aħna, block ta' 1 GW ⁽⁷⁾ (potenza elettrika): bejn wieħed u ieħor 14 g ta' idroġenu tqil (deuterium), bħala komponent ta' madwar 420 kg ta' ilma naturali u bejn wieħed u ieħor 21 g ta' idroġenu tqil immens (tritium), prodott (ġenerat bi proċessi nukleari) minn bejn wieħed u ieħor 42 g 6-Li bħala komponent ta' xi 570 g ta' lithium naturali;

— ħażniet ta' fuels disponibbli madwar id-dinja kollha u jeċċedu bil-bosta l-ħtiġijiet fuq il-medda ta' żmien prevedibbli ⁽⁸⁾;

⁽⁵⁾ Hawnhekk irridu nsemmu b'mod partikolari l-istellaratur.

⁽⁶⁾ Biex inqabbli: impjant enerġetiku bil-brown-coal jirrikjedi madwar 1 000 t ta' faħam kannella.

⁽⁷⁾ 1 gigawatt (GW) hija ugwali għal 1,000 megawatt (MW)

⁽⁸⁾ Il-lithium jista' jiġi estratt minn ċertu blat, salt lake brines, sorsi ġeotermali u ta' ilma minerali, ilma ippumpjat minn oilfields, u ilma baħar. Bil-ħażniet li nafu li hawn bħalissa, ikun possibbli li nilħqu d-domanda attwali globali ta' l-enerġija totali għal għaxar darbiet fuq eluf ta' snin.

- produzzjoni kull siegħa ta' rmied (il-prodott finali tal-proċess nukleari) ta' blokk ta' dan it-tip: madwar 56 g ta' elju ⁽¹⁾;
- ċiklu intern ⁽²⁾ ta' tritium radjuattiv, (half-life: 12.5 sena) li huwa miksub mil-lithium fil-blanket tal-combustion chamber;
- radjuattività indotta min-newtroni tal-materjal tal-combustion chamber; skond il-materjal magħżul, il-livelli ta' radju-tossiċità jaqgħu għall-livell ta' l-irmied tal-faħam f'perjodu ta' bejn mija u diversi mijiet ta' snin;
- l-ebda riskju ta' reazzjoni b'katina mhux kontrollata għaliex, bħal f'gas burner, il-fuel jiġi introdott minn barra u, ladarba jintefa', jinharq fi fit minuti;
- l-ebda xenarji ta' aċċidenti li jinvolvu ħaġriet radjuattivi għolja biżżejjed (trab, tritium, etc.) biex jeħtieġu miżuri ta' evakwazzjoni li jestendu 'lil hinn mill-konfini ta-sit;
- ukoll, relattivament ftit ħsara fil-każ ta' attakk terroristiku minħabba l-karatteristiċi ta' sigurtà intrinziċi u l-livelli baxxi ta' sustanzi radjutossiċi li jistgħu jiġu faċilment liberati;
- daqs ta' l-impjant komparabbli ma' dak ta' impjanti eżistenti;
- struttura ta' l-ispiża simili għal dik ta' impjanti ta' l-enerġija nukleari eżistenti: ħafna mill-ispejjeż jiġu mill-kostruzzjoni; l-ispejjeż tal-provvista tal-fuel huma prattikament barra mill-kwistjoni.

4.3 Biex DEMO jiġi fis-seħħ, huwa neċessarju mhux biss li jiġu indirizzati kwisjonijiet kruċjali bħall-produzzjoni ta' enerġija u l-proċessi li jillimitaw il-ħin tal-kombustjoni (dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu eżaminati u dimostrate fil-qafas ta' ITER), u li jiġu applikati proċeduri sofistikati li diġà huma disponibbli jew għad iridu jiġu żviluppati iktar għal dan l-għan, iżda wkoll li jkomplu jsiru u jiġu konsolidati żviluppi tekniċi importanti oħra.

4.4 Dawn huma relatati l-iżjed maċ-ċiklu intern tal-fuel (il-produzzjoni (breeding) u t-trattament tat-tritium); l-estrazzjoni ta' l-enerġija; il-kapaċità ta' ċerti materjali li jifilħu għall-plasma load; (plasma-wall interaction) u n-neutron load; teknoloġija tat-tiswija; l-ottimizzazzjoni ta' operazzjonijiet remoti u soluzzjonijiet teknoloġiċi biex jestendu l-ħin tal-kombustjoni sabiex, fl-aħħar, jintlaħaq proċess ta' ħruq kollu kemm hu kontinwu. Xogħol ieħor partikolarment importanti huwa l-iżvilupp ta' materjali b'attivazzjoni baxxa strutturali appropjati – jew materjali strutturali li huma attivati biss għal ħin qasir. Aktar xogħol irid isir fuq dan il-qasam, minħabba l-bżonn li jiġu testjati u verifikati materjali bħal dawn fuq perjodi twal.

4.5 Ikun żball, però, li nemmu li DEMO jimmarka l-fażi finali ta' l-R&D. Kif l-istorja tat-teknoloġija turina, R&D intensiv spiss jibda jsir biss meta l-prototipu inizjali jkun diġà f'postu.

⁽¹⁾ Biex inqas: impjant enerġetiku bil-faħam kannella bl-istess produzzjoni jillibera d 1 000 t ta' CO₂.

⁽²⁾ Esklużi ħtiġijiet inizjali mat-twaqqif li jstgħu jiġu pprovduti, per eżempju, minn reatturi tal-fissjoni moderati b'ilma tqil (Kanada).

4.5.1 L-istorja tat-teknoloġija turi wkoll li l-prototipi inizjali ta' teknoloġiji ġodda jkunu ta' spiss apparat mhux sofistikati u primittiv imqabbel ma' verżjonijiet eleganti ta' wara li gradwalment jevolvu.

4.5.2 L-ottimizzazzjoni preżenti tal-magna tad-diesel ġiet kważi seklu wara l-invenzjoni tagħha. L-impjanti enerġetiki tal-fużjoni ċertament ukoll se jkollhom bżonn jiġu mtejba, ottimizati u mbaġhad adattati għal-ħtiġijiet taż-żminijiet.

5. Is-sit għal ITER

5.1 Żewġ siti – Cadarache ⁽³⁾ fl-Ewropa u Rokkasho-mura ⁽⁴⁾ fil-Ġappun – bħalissa qed jikkompetu fl-ogħla livelli governementali biex jospitaw lil ITER. Ir-riżultat se jiddetermina kemm il-parteċipazzjoni finanzjarja tad-diversi msieħba involuti u l-forma tal-programm ta' back-up adattat.

5.2 Qabel ma l-Istati Uniti reġgħu ingħaqdu fil-partnership ITER u qabel ma ċ-Ċina u l-Korea ssieħbu, kien hemm, realistikament, ftit dubju li ITER se jiġi sitwat fl-Ewropa, mhux l-inqas għaliex, bħal fil-każ ta' JET, din tkun l-aqwa garanzija tas-suċċess tiegħu.

5.3 Issa inħoloq stat ta' fatti ġdid, però, għax l-Istati Uniti u l-Korea bħalissa qed jappoġġa lis-sit ta' Rokkasho-mura fil-Ġappun, minkejja l-vantaġġi ċari u largament aċċettati tas-sit ta' Cadarache. Jekk din id-deċiżjoni tkun konfermata, l-Ewropa tkun qed tiflel il-pożizzjoni ta' tmexxija tagħha u tkun misruqa mill-frott ta' l-investment magħmul u x-xogħol li sar s'issa – b'dak kollu li dan jimplika għar-riċerka u l-industrija.

5.4 Il-Kumitat allura jinnota, jilqa' u jappoġġa d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 u 26 ta' Marzu 2004 fejn jafferma mill-ġdid appoġġ unanimu għall-proposta Ewropea u jsejjaħ lill-Kummissjoni biex "tmexxi n-negozjati fuq il-proġett ITER sabiex jibda jopera rapidament fis-sit Ewropew."

6. Sommarju u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat

6.1 Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni li, fuq medda twila, l-użu paċifiku ta' l-enerġija tal-fużjoni għandha l-potenzjal għal parti importanti ħafna biex issolvi kwistjonijiet ta' provvista ta' enerġija b'mod sostenibbli, li jagħmel sens ambjentali u kompetittiv.

⁽³⁾ Ħdejn Aix-en-Provence, fil-grigal ta' Marseilles, Franza.

⁽⁴⁾ Fit-Tramuntana tal-Ġappun.

6.1.1 Dan huwa dovut għall-vantaġġi potenzjali ta' din it-teknoloġija fil-futur, i.e.:

- Hemm provvista infinita ta' deuterium u lithium bħala riżorsi ta' fuel għall-futur prevedibbli.
- Mhemmx ġenerazzjoni ta' gassijiet li jikkawżaw "taqlib klimatiku", ta' prodotti tal-fissjoni jew ta' actinides.
- Il-karatteristiċi intrinziċi ta' sigurtà jipprevjenu nuclear excursion ⁽¹⁾ bla kontroll.
- Ir-radjuattività tal-combustion chamber tista' tinżel sar-radjutossiċità ta' l-irmied tal-faħam f'perjodu ta' bejn mija, u, l-iktar, diversi mijiet ta' snin; dan jirriżolvi sostanzjalment il-kwistjoni tal-ħażna finali.
- Minħabba dawn il-karatteristiċi u l-livelli baxxi ta' sustanzi radjutossiċi altament volatili, ikun hemm ukoll riskju relattivament limitat ta' ħsara fil-każ ta' attakk terroristiku.

6.1.2 Il-potenzjal ta' l-enerġija tal-fużjoni tikkomplementa partikolarment dak tas-sorsi li jiġġeddu – iżda bil-vantaġġ fuq l-enerġija mir-riħ u solari li hija ma tiddependix fuq it-temp, l-istaġuni jew il-ħin tal-ġurnata. Dan jgħodd ukoll għar-relazzjoni – aġġustata skond il-ħtiġijiet attwali – bejn sistemi ċentralizzati u deċentralizzati.

6.1.3 F'numru ta' opinjonijiet, għaldaqstant ⁽²⁾, il-Kumitat diġà ħeġġeġ l-promozzjoni ċara u mtejbja ta' programm ta' R&D għall-enerġija tal-fużjoni.

6.2 Il-Kumitat bi pjaċir jinnota li, grazzi għat-tmexxija provduta mill-programm Ewropew ta' fużjoni u l-proġett JET tiegħu, l-ewwel fażi, il-fażi kritika, fir-riżi kritika, fir-riċerka globali dwar il-fużjoni għet kompletata b'suċċess, i.e. li turi l-prinċipji fiżiċi tal-liberazzjoni ta' l-enerġija mill-fużjoni nukleari, u b'hekk tħejji l-pedamenti għal test reactor ITER fejn, għall-ewwel darba, burning fusion plasma – bi produzzjoni ta' enerġija li teċċedi l-input b'mod sostanzjali – għandha tiġi prodotta u studjata.

6.3 Grazzi, allura, għal ħafna snin ta' R&D – u l-investment rekwiżit – kien possibbli, permezz ta' kooperazzjoni dinjija, li tintlaħaq il-fażi tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-ippjanar u l-politika għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' l-ITER, li diġà qed jilħaq dimensjonijiet ta' impjant ta' l-enerġija.

6.4 Il-Kumitat jixtieq ukoll jenfasizza l-input pijunier u ta' tmexxija tal-programmi Ewropew dwar il-fużjoni, li mingħajru l-proġett ITER ma jkunx jeżisti llum.

6.5 Ir-riżultati tal-proġett ITER se jipprovdu data bażiċi għad-disinn u l-kostruzzjoni ta' l-ewwel fusion demonstration power plant (prototipu funzjonanti ta' impjant ta' l-enerġija tal-fużjoni) li jipproduċi l-elettiriċità (DEMO). Ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq DEMO jista' allura jibda f'madwar 20 sa 25 sena.

6.6 Il-Kumitat jappoġġa l-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tipprepara l-Ewropa strateġikament sabiex tkun tista' tilgħab rwol ċentrali fil-fażi ta' esplotazzjoni kummerċjali u b'hekk, anke llum, dejjem iktar tuża parti mill-programm tagħha ta' riċerka dwar il-fużjoni biex tħares 'lil hinn minn ITER u tiffoka fuq DEMO.

6.7 Biex jiġi żviluppjat DEMO, huwa essenzjali mhux biss li jinstabu risposti għal kwistjonijiet kruċjali li jridu jiġu eżaminati u dimostrate bħala parti mill-proġett ITER, iżda wkoll li nimxu 'l quddiem bix-xogħlijiet prinċipali l-oħra. Eżempji jinkludu l-ottimizzazzjoni tal-konfigurazzjoni manjetika; żvilupp tal-materjal (titjib fil-każ ta' erożjoni indotta mill-plażma, ħin sakemm tispiċċa r-radjuattività indotta); iċ-ċiklu tal-fuel; l-estrazzjoni ta' l-enerġija; dak li hu msejjaħ driving tal-kurrent tal-plażma u l-kontroll tad-distribuzzjoni interna tiegħu; effiċjenza; u affidabilità tal-komponenti.

6.7.1 Il-Kumitat jinnota wkoll, però, li iktar progress bħal dan jista' jintlaħaq biss permezz ta' programm konġunt wiesa' ta' R&D, li jorbot l-Istati Membri u jirrikjedu network ta' esperimenti fiżiċi u partikolarment tekniċi u faċilitajiet fuq skala kbira li jridu jkunu disponibbli bħala back-up u biex jikkomplementaw lil ITER.

6.8 Il-Kumitat iħoss li huwa vitali li jinżamm ir-ritmu preżenti u, b'qawwa, dedikazzjoni u riżorsi adegwati, li jaffronta l-isfida ta' kompleksità xjentifika u teknoloġika kbira li hija tant importanti għall-provvista fuq medda twila. Dak jinvolve wkoll irbit serju biex jitwettqu l-istrateġiji ta' Lisbona u Gothenburg.

6.8.1 Għas-Seventh Framework Programme ta' R&D fil-futur u l-programm Euratom, dan ifisser li jingħataw lir-riċerka dwar l-enerġija in ġenerali – u l-programm dwar il-fużjoni in partikolari – ir-riżorsi miżjuda sewwa li jeħtieġu għal suċċess li jibqa'. Ifisser ukoll l-użu sħiħ minn għażliet ta' finanġament oħra għal ITER.

6.8.2 Dan jinvolve wkoll li nassiguraw provvista suffiċjenti ta' fiżiċi u teknoloġisti sabiex numru adegwat ta' esperti Ewropej ikunu disponibbli biex joperaw lil ITER u jżviluppaw lil DEMO. Il-Kumitat jirreferi wkoll għall-opinjoni reċenti tiegħu dwar din il-kwistjoni speċifika ⁽³⁾.

6.8.3 Dan ifisser ukoll li istuzzjonijiet akkademiki u ċentri ta' riċerka jibqgħu parti min-network, mhux biss sabiex iħarrġu xjenzati u inġiniera żagħżagħ fid-dixxiplini speċjalizzati meħtieġa, iżda wkoll biex ikunu jistgħu jużaw l-esperjenza u l-għarfien tagħhom biex jikkontribwixxu għad-diversi xogħlijiet u, fl-aħħar, jaġixxu wkoll bħala rabta mas-soċjetà ċivili.

⁽¹⁾ Jew enerġija meħlusa/ħin

⁽²⁾ "...li jtejjeb l-iżvilupp ta' l-opzjoni tal-fużjoni."

⁽³⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew – Riċerkaturi fiż-Żona ewropea ta' Riċerka: professjoni waħda, ħafna karrieri.

6.8.4 Xogħol kruċjali minnhom huwa li jittieħdu passi f'waqthom biex jassiguraw l-involviment dejjem iżjed neċessarju ta' l-industrija Ewropea f'dan il-qasam varjat ħafna ta' żvilupp xjentifiku u teknoloġiku fuq il-fruntieri tax-xjenza. Fil-programm għall-fużjoni s'issa, l-industrija Ewropea ġiet involuta l-iktar fl-iżvilupp u l-provvista ta' komponenti altament speċjalizzati u estremament sofistikati – u din l-esperjenza għandha tiġi koltivata u miżmuma. Però, iktar mar-reatturi bil-fużjoni jsiru realtà Prattika, l-industrija għandha gradwalment taddotta rwol iktar indipendenti u proattiv.

6.8.5 L-investimenti konsiderevoli immarkati għall-industrija biex tibni ITER u tiżviluppa DEMO se jsaħħu l-ekonomija, kif ukoll, b'mod iktar importanti, jagħtu spinta lill-esperjenza u l-innovazzjoni f'era li tagħmel rikjesti teknoloġiċi mill-aktar stringent. Dan diġà qed jidher ċar mill-ħafna spin-offs tal-programm ta' fużjoni s'issa.

6.9 Internazzjonalment, l-Ewropa tiffaċċja sfida multipla. Huwa vitali minn naħa waħda li żżomm ir-rwol ta' tmexxija tagħha fir-riċerka dwar il-fużjoni mhux biss quddiem dominanza ta' l-Istati Uniti fir-riċerka iżda wkoll kontra s-saħħa dejjem tikber tat-tliet imsieħba ITER Asjatiċi⁽¹⁾. Min-naħa l-oħra, però, huwa importanti sa fejn huwa possibbli li tinżamm u titkabbar il-kooperazzjoni internazzjonali kif qatt ma dehret s'issa li naraw sal-lum.

6.10 Il-Kumitat għalhekk jappoġġa lill-Kummissjoni fl-intenzjoni tagħha li taffronta dik l-isfida, u sejjaħ lill-Kunsill, il-Parlament u l-Istati Membri biex jagħmlu l-istess u ma jċedux il-pożizzjoni ta' tmexxija ta' l-Ewropa f'dan il-qasam kruċjali tal-futur. Dan però jippreżenta xi diffikultajiet.

6.11 Qabel ma l-Istati Uniti ingħaqdu mill-ġdid fil-partnership ITER u ċ-Ċina u l-Korea ssieħbu wkoll, kien hemm, teknika-ment, ftit dubju li ITER se jkun sitwat fl-Ewropa, mhux l-inqas għaliex, bħal fil-każ ta' JET, dan ikun l-aqwa garanzija tas-suċċess tiegħu.

6.12 Issa inħoloq stat ta' fatti ġdid, però, għax l-Istati Uniti u l-Korea bħalissa qed jappoġġa lis-sit ta' Rokkasho-mura fil-Ġappun, minkejja l-vantaġġi tekniċi ċari u largament aċċettati tas-sit ta' Cadarache. Jekk din id-deċiżjoni tkun konfermata, l-Ewropa tkun qe tiflew il-pożizzjoni ta' tmexxija tagħha u tkun misruqa mill-frott ta' l-investment magħmul u x-xogħol li sar s'issa – b'dak kollu li dan jimplika għar-riċerka u l-industrija.

6.13 Il-Kumitat allura jinnota, jilqa' u jappoġġa d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-25 u 26 ta' Marzu 2004 fejn jirriaferma l-appoġġ unanimu għall-proposta Ewropea u jsejjaħ lill-Kummissjoni biex "tmexxi negozjati dwar il-proġett ITER bl-għan tal-bidu rapidu tiegħu fis-sit kandidat Ewropew".

6.14 Filwaqt li tiġbor l-argumenti u ttenni dan il-punt, il-Kumitat isejjaħ lill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni biex inieghdu inizjattivi u ġenwinament jeżawrixxu l-possibilitajiet kollha – jekk hemm bżonn billi jaħdmu strateġiji strutturali ġodda għad-diviżjoni internazzjonali tax-xogħol – biex jassiguraw li, jiġri x'jiġri, ITER jiġi sitwat fl-Ewropa, minħabba r-rwol strateġiku tiegħu fl-iżvilupp ta' riżorsa prinċipali ta' enerġija sostenibbli.

Brussel, 10 ta' Ġunju 2004

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

(¹) Ċina, Ġappun u Korea (t'Isfel).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport dwar il-Progress tal-Programm ta' Riċerka GALILEO fil-bidu tas-2004

COM (2004) 112 finali

(2004/C 302/08)

Fil-5 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni Ewropea, b'konformità ma' Artikolu 262 tat-Trattat li jstabilixxi tal-Komunità Ewropea, iddeċidiet li tikkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport tal-progress tal-Programm ta' riċerka GALILEO fil-bidu tas-sena 2004".

Is-sezzjoni dwar it-Trasport, Enerġija, Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informatika, maħtura biex tipprepara x-xogħlijiet tal-Kumitat f'din il-kwistjoni, elaborat l-opinjoni tagħha fl-10 ta' Ġunju 2004 (rapporteur: M. BUFFETAUT).

Waqt is-sessjoni plenarja Nru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (seduta tat-30 ta' Ġunju) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni li ġejja b'161 vot favur, u tliet astensjonijiet.

1. Preambolu

1.1 Il-programm GALILEO jirrappreżenta sfida kbira għall-Unjoni Ewropea u għall-indipendenza, l-ekonomija, il-kapaċitajiet teknoloġiċi u xjentifiċi tagħha, u primarjament għas-setturi spazjali u telekomunikattivi tagħha. Fil-fatt f'dawn l-aħħar snin l-iżvilupp tas-settur spazjali ddependa, prinċipalment, fuq attività kummerċjali marbuta mat-telekomunikazzjonijiet bis-satellita. Id-diffikultajiet li laqtu b'mod serju l-industrija tat-telekomunikazzjonj kellihom riperkussjoni, li laqtu serjament is-settur spazjali li mhux mgħejjun biżżejjed fil-livell istituzzjonali u politiku, partikolarment meta jitqabbel ma' dak tal-kompetituri prinċipali tagħna.

1.2 Pospost minħabba diskussjonijiet dwar it-tqassim "tarritorn ġust" tal-programm bejn l-Istati Membri ta' l-Aġenzija Spazjali Ewropea kif ukoll minħabba l-pressjonijiet esterni fuq l-Ewropa, il-programm GALILEO wasal finalment fil-fażi tal-bidu effettiv tiegħu wara l-ftehim li sar fis-26 ta' Mejju 2003 fi ħdan il-kunsill ta' l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ASE) dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri rispettivi tiegħu.

1.3 Meta mqabbel mas-sistema GPS, il-programm GALILEO għad għandu l-karatteristika importanti li hu programm ċivili. Dan il-proġett kbir ta' infrastruttura għandu importanza strateġika deċiżiva għall-Ewropa u għall-indipendenza tagħha, kif diġà enfasizzaw il-KESE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Hu qiegħed perfettament fl-istruttura ta' l-istrategġija ta' Lisbona. L-importanza ta' programm fuq skala daqshekk kbira għall-progress tal-kostruzzjoni Ewropea jixirqilha tkun enfasizzata b'mod qawwi.

1.4 Is-sistema GALILEO tagħti hames servizzi:

- is-servizz miftuħ (imqabbel mas-servizz bażiku tal-GPS);
- is-servizz tas-sigurtà tal-ħajja, prinċipalment destinat għat-trasport bl-ajru, bil-ferrovija u bil-baħar;
- is-servizz kummerċjali, aktar preċiż mis-servizz miftuħ u ddedikat għall-użu kummerċjali;
- is-servizz ta' tfittxija u ta' salvataġġ;

— is-servizz governattiv riservat għall-awtoritajiet pubbliċi għall-attivitajiet tal-pulizija, tad-dwani u tal-protezzjoni ċivili. Sinjali ta' preċizzjoni sigrieta għolja għandhom jiġu wżati għal dawn l-attivitajiet u jistgħu jkunu wżati wkoll għal skopijiet militari u miżuri neċessarji għandhom ikunu meħuda biex jiġi evitat kull użu b'intenzjoni ħażina.

1.5 Dan kollu ma jiqafx hawn u barra milli hu sistema ċivili l-użu essenzjali tiegħu għandu jkun dak tal-ħajja ta' kuljum, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport. Hu għandu għal-hekk ikun kapaċi jassigura l-kontinwità u s-sigurtà fis-servizz u, kontrarjament għall-GPS f'każ ta' ħsara, tista' tkun milquta r-responsabbiltà ċivili tiegħu.

1.6 Fl-aħħarnett GALILEO għandu jkollu preċizzjoni xi f'it aktar superjuri għall-GPS u fuq kollox jiksi l-pjaneta kollha. Barra minn hekk, hu għandu l-kapaċità li jivverifika fiż-żmien reali l-integrità tas-sinjal li huwa essenzjali għal ċerti applikazzjonijiet u b'mod speċjali għall-avjazzjoni ċivili.

1.7 L-għan ta' din il-komunikazzjoni għandu bħala skop essenzjali li jiġi stmat il-progress tal-programm GALILEO, li tingħata ħarsa lejn il-prospetti tal-futur u li jiġu identifikati l-inċertezzi li għadhom jippersistu dwar proġett li għandu jiġbor fih 3.2 biljun ewro fi tliet fażijiet:

- fażi ta' żvilupp u ta' tisħiħ mill-2002 sa l-2005;
- fażi tat-thejġija għall-bidu ta' l-użu mill-2006 sa l-2007;
- fażi ta' utilizzazzjoni kummerċjali li tibda fil-2008.

2. Struttura tal-komunikazzjoni u kontenut tad-dokument

Din tinvolvi tliet temi:

- l-istat tal-progress tal-fażi ta' żvilupp;
- l-iżvilupp tal-kooperazzjoni internazzjonali;
- il-passaġġ lejn il-fażijiet ta' thejġija għall-użu u ta' utilizzazzjoni.

2.1 *Il-fażi ta' żvilupp.*

2.1.1 *Intrapriża komuni.*

Il-ftehim ta' Mejju 2003, fil-Kunsill ta' l-ASE, ippermetta li tissorvelja s-sitwazzjoni u b'hekk l-intrapriża komuni GALILEO setgħet titħaddem b'mod sħiħ mis-Sajf li għadda. Id-direttur tagħha kien innominat, filwaqt li l-flowchart u l-budget għas-sinjuri 2003/2004 kienu adottati. EGNOS (European Geostationary Navigation Overlay Service) għandu jitpoġġa taħt il-kontroll tagħha. Baqa' biss il-problema li tikkonċerna l-istat fiskali u soċjali tal-kumpanija. li qed jiġu diskussi mal-Gvern Belġjan. Dawn ifissru sfida pjuttost kbira (5 M €/fis-sena). Għad irid ukoll jinkisbu għat-32 persuna ta' l-intrapriża komuni l-istess kondizzjonijiet tax-xogħol bħal dawk tal-membri ta' l-ASE u tal-Kummissjoni. L-awtoritajiet Belġjani mhumiex kontra iżda huma jridu jkunu assigurati li l-kollaboraturi f'din l-intrapriża komuni jkunu protetti mis-sigurtà soċjali. Il-problema hija għalhekk aktar ta' natura amministrattiva milli fundamentali.

2.1.2 *Studji tekniċi u xogħlijiet ta' riċerka.*

Dawn jinkludu:

- l-aħħar xogħlijiet tal-fażi ta' definizzjoni;
- l-infrastruttura tal-bażi;
- lis-sistema EGNOS, li dalwaqt se tkun operazzjonali;
- il-pjan Ewropew ta' navigazzjoni bir-radju.

2.1.3 *Il-konferenza dinjija dwar il-komunikazzjoniet bir-radju ta' Ġunju 2003.*

2.1.3.1 L-isfidi kienu estremament importanti għall-Komunità Ewropea li għandha żewġ għanijiet:

- li takkwista l-konferma tal-medda ta' frekwenzi allokatu fl-2000;
- li tissorvelja li ġewwa din il-medda ta' frekwenzi, it-tqassim ma jkunx ta' żvantaġġ għas-sistema Ewropea u li l-aċċess għal din il-medda jkun ġust u bbażat fuq il-prinċipji ta' l-interoperabilità.

2.1.3.2 Id-diskussjonijiet għaddejjin f'sitwazzjoni kkondizzjonata mill-monopolju storiku tas-sistemi GPS Amerikani, iżda b'mod definittiv, il-Komunità Ewropea kisbet ir-riżultati li xtaqet, kemm għall-kondizzjonijiet ta' użu tal-medda ta' frekwenza kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-esiġenza ta' koordinazzjoni multilaterali imparzjali.

2.1.4 *L-integrazzjoni ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati.*

Ġew elaborati numru ta' inizjattivi fil-livell industrijali sabiex dawn il-pajjiżi jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-programm GALILEO skond ix-xewqa murija mill-Kummissjoni.

2.2 *L-iżvilupp tal-kooperazzjoni internazzjonali.*

2.2.1 Kif kien enfasizzat bosta drabi mill-Kunsill il-kooperazzjoni internazzjonali hija fattur essenzjali sabiex jiġu akkwistati

l-benefiċċji kollha tal-programm GALILEO. Minħabba f'hekk is-solleċitazzjonijiet ta' pajjiżi barranin qed ikunu aktar u aktar numerużi. Rigward dan, il-Kummissjoni qed issegwi simultanjamment avvċinamenti bilaterali u reġjonali.

2.2.2 L-ewwel ftehim ġie ffirmat maċ-Ċina fit-30 ta' Ottobru 2003 u għadhom għaddejjin negozjati ma' l-Indja u ma' Israel. Passi simili għaddejjin ukoll mal-Korea t'Isfel, mal-Brażil, mal-Ġappun, mal-Kanada, ma' l-Awstralja, mal-Messiku u maċ-Ċili.

2.2.3 F'dak li għandu x'jaqsam mal-kooperazzjoni reġjonali d-djalogu beda mar-reġjun tal-Mediterran, ma' l-Amerika Latina u ma' l-Afrika.

2.2.4 Fl-aħħarnett, bdew negozjati ma' l-Istati li għandhom diġà sistema ta' navigazzjoni permezz tas-satellita, jiġifieri r-Russja u l-Istati Uniti. Dawn in-negozjati huma b'mod partikolari importanti għaliex għandhom l-għan li tkun assigurata l-kompatibilità teknika u l-interoperabilità tas-sistemi tagħhom ma' GALILEO. Hemm bżonn li wieħed jiftakar, li għal xi żmien fil-bidu, l-Istati Uniti kienu kkontestaw il-meriti tal-programm GALILEO. F'kull dubju, il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni li jkun għadu qed jiġi diskuss għandu jistrieħ fuq simetrija ta' drittijiet u dmirijiet li għandhom l-imsieħba lejn xulxin, notevolment f'dak li għandu x'jaqsam mat-tħaddim eventwali tad-dritt tal-veto.

2.3 *Il-passaġġ lejn il-fażijiet ta' żvilupp u ta' utilizzazzjoni.*

Dan hu punt kruċjali. Il-fażijiet ta' żvilupp u ta' utilizzazzjoni tas-sistema għandhom jibdew rispettivament fl-2006 u fl-2008.

2.3.1 *Il-mandat formali tas-sistema.*

2.3.1.1 Dan il-mandat formali huwa mmaniġġjat minn erba' intrapriżi. Il-proċedura kienet mnedija f'Ottobru 2003. Erba' kandidati kienu rreġistrati u ġew aċċettati. Dawn ħerġin minn konsorzji ffurmati minn msieħba prinċipali li magħhom hemm magħquda kostellazzjoni ta' intrapriżi assoċjati. Il-kandidati kollha jikkonsidraw li l-futur tas-sistema Ewropea jista' jiġġenera dħul kummerċjali importanti u jikkalkulaw għalhekk li jistgħu jiffinanzjaw parti mhux ta' minn jinjoraha tal-kontribuzzjonijiet fl-ishma tal-kumpanija.

2.3.1.2 Dan il-fatt huwa barra minn hekk tant importanti li l-Kunsill jixtieq li l-kontribuzzjonijiet tal-fondi komunitarji ma jaqbżux terz tal-finanzjament tal-fażi ta' żvilupp. Fl-aħħarnett, għat-tieni fażi tan-negozjati kompetittivi, tliet konsorzji kienu aċċettati (Alcatel/Alenia/Vinci, EADS/Thalès/Inmarsat, Eutelsat).

2.3.1.3 *Sitt tipi ta' riżorsi ġew identifikati:*

- il-bejgħ tas-servizzi ġġenerati minn GALILEO;
- il-liċenzji u d-drittijiet tal-copyright industrijali;
- il-finanzjament komunitarju,
- l-għoti ta' self mill-Bank Ewropew għall-Investment;
- il-parteċipazzjoni ta' ċerti pajjiżi barranin;
- eventwalment liċenzja għall-kera fuq riċevituri tas-sinjali tar-radju-navigazzjoni bis-satellita.

2.3.2 L-Istruttura tas-sistema.

2.3.2.1 Il-Kummissjoni għaddiet lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew propożta ta' regolamentazzjoni dwar l-istrutturi ta' l-immaniġġjar tal-programm Ewropew tar-radju-navigazzjoni bis-satellita. Kien ipproponut li tiġi mwaqqfa fuq naħa, Awtorità ta' Sorveljanza u fuq naħa oħra Ċentru responsabbli mis-sigurtà li għandhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli li jirrappreżenta l-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni. Fl-aħħarnett, Awtorità ta' Sorveljanza għandha verament tkun imwaqqfa u hi għandha tir-ċievi l-kompetenzi f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà. Iċ-Ċentru responsabbli mis-sigurtà m'għandux ikun imwaqqaf u għandu jkun il-Kunsill innifsu li jieħdu d-deċiżjonijiet f'ħin reali f'każ ta' kriżi.

2.3.2.2 Kwistjoni oħra importanti f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istruttura tas-sistema hi dik li tikkonċerna xi theddid eventwali fuq il-privatezza. Hu meħtieġ li jiġi mfakkar li l-programm GALILEO ma jippreżenta fih innifsu ebda theddida fuq il-privatezza għaliex hu ma jirċievi ebda informazzjoni dwar dawk li jużawh (m'hemm l-ebda kollegament lejha). Mill-banda l-oħra, l-informazzjoni akkwistata minn dak li jużah tista' tkun trasmettita b'sistema oħra – bil-mobile GSM per eżempju – u hi tippermetti li tkun lokalizzata. Ir-responsabbiltà li tirregola l-użu ta' l-informazzjoni pprovduta minn GALILEO ma taqax fuq l-istrutturi Ewropej li jmxexxu l-programm, iżda taqa' fuq l-awtoritajiet nazzjonali. L-attenzjoni ta' dawn ta' l-aħħar għandha tkun miġbuda fuq il-provvedimenti li jgħabbuhom bir-responsabbiltà li jistrutturaw l-użu ta' GALILEO u, mil-lum il-quddiem, dak tal-GPS.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-Kumitat japprezza il-politika deċisiva murija fid-dokument tal-Kummissjoni, peress li dan il-proġett hu wieħed ta' importanza estrema u ta' diffikultà kbira. F'dan l-ispirtu, li juri volontà li jsir suċċess, ċertu kwistjonijiet iridu jingħataw attenzjoni kontinwa:

- l-integrazzjoni ta' ħtiġijiet ta' sigurtà fit-twaqqif tas-sistema u fit-tmexxija tagħha;
- il-konklużjoni tan-negozjati ma' l-Istati Uniti sabiex jintlaħaq fehim ibbażat fuq impenji simetriċi u dwar l-għan ta' interoperabilità;
- it-tfittix għal finanzjament privat suffiċjenti u għal garanzija ta' self fit-tul mill-BEI (Bank Ewropew għall-Investment);
- l-għajnuna għall-ispejjeż sabiex jitwettaq il-programm fl-istruttura tal-budget provviżorju.

3.2 Is-suċċess ta' dan il-proġett jiddependi fuq ir-rieda politika u finanzjarja affermata b'mod ċar u miżmuma b'mod sod mill-Kunsill. Bl-involviment tiegħu f'GALILEO, il-Kunsill wera l-ambizzjoni li għandu għall-Unjoni Ewropea u għall-politika spazjali tagħha.

4. Konklużjoni

4.1 Fil-konklużjoni tagħha, il-Kummissjoni tidher li qed turi ċertu tħassib u inċertezzi dwar il-kwistjoni tal-finanzjament. Din il-kwistjoni hija fundamentali, jekk il-finanzjament ikun dubjuż, il-programm kollu jista' jitqiegħed f'periklu. Bħalma jagħmel għall-progressi li jolqtu l-konstruzzjoni Ewropea, il-KESE ma jistax ħliet jerġa jafferma l-importanza strateġika kbira tal-proġett GALILEO għall-Unjoni Ewropea u għas-suċċess ta' setur spazjali tagħha kif diġà għamel fil-kuntest ta' l-Opinjoni tiegħu dwar il-Green Paper u l-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Politika Spazjali Ewropea.⁽¹⁾ Hu jaqsam is-sodisfazzjon tal-Kummissjoni dwar il-progressi effiċjenti ħafna li kienu mwettqa fil-bidu tiegħu u jixtieq li l-ottimizzmu muri ma jkunx imnaqqas bid-diffikultajiet li jinqalgħu fl-aħħar sekondi.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-White Paper: Space: a new European frontier for an expanding Union – an action plan for implementing the European Space Policy (COM(2003) 673 final). Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Green Paper dwar il-Politika Spazjali Ewropea (COM(2003) 17 final – ĠU C 220 of 16.9.2003)

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta ta’ Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-għoti ta’ liċenzji lill-intrapriżi tal-linji tal-ferroviji (verżjoni kodifikata)”

COM(2004) 232 finali - 2004/0074 (COD)

(2004/C 302/09)

Fis-27 t'April 2004, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond Artikolu 71 tat-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea, dwar “Il-Proposta ta’ Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-għoti ta’ liċenzji lill-intrapriżi tal-linji tal-ferroviji (verżjoni kodifikata)”.

Is-Sezzjoni għat-Trasport, Enerġija, Infrastruttura u s-Soċjetà ta’ l-Informatika, li kienet responsabbli għat-thejjja tax-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fl-10 ta’ Ġunju. Ir-rapporteur kien Is-Sur Chagas.

Waqt is-sessjoni plenarja nru. 410 tat-30 ta’ Ġunju u l-1 ta’ Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta’ Ġunju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni segwenti, b’160 voti favur u 10 astensjonijiet.

1. L-iskop tal-proposta hi l-kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta’ Ġunju 1995 dwar l-għoti ta’ liċenzji lill-intrapriżi tal-linji tal-ferroviji ⁽¹⁾.
2. Is-simplifikazzjoni u kjarifikazzjoni tal-liġi Komunitarja hi materja ta’ importanza kbira fil-kuntest ta’ Ewropa tal-popli. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għaldaqstant

irrimarkaw il-bżonn li jiġu kodifikati atti leġislattivi li kienu emendati ta’ spiss, u intlaħaq qbil inter-istituzzjonali, fl-20 ta’ Diċembru 1994, li dan jista’ jsir bi proċedura mgħaġġla. L-ebda bidliet sostanzjali ma jistgħu jsiru meta l-atti jiġu kodifikati.

3. Il-proposta tal-Kummissjoni tosserva din il-ħtieġa, u l-KESE għalhekk m’għandu l-ebda oġġezzjonijiet xi jqajjem.

Brussel, 30 ta’ Ġunju, 2004.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Roger BRIESCH

⁽¹⁾ ĠU L143 of 27.6.1995, p. 70 – Opinjoni KESE: ĠU C393 tal-31.12.1994, p. 56.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 rigward id-data ta' l-applikazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet għas-Slovenja

COM(2004) 309 finali – 2004/0109 (COD)

(2004/C 302/10)

Fil-11 ta' Mejju 2004, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 rigward id-data ta' l-applikazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet għall-Islovenja.

It-Taqsimha għat-Trasport, Enerġija, Infrastruttura u s-Soċjetà Informatika, li kienet responsabbli biex tipprepara x-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett addottat l-opinjoni tagħha fl-10 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien Is-Sur Simons.

Fis-sessjoni plenarja Numru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta' Ġunju) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew addotta din l-opinjoni b' 158 vot favur, 2 kontra u 7 astensjonijiet.

1. Daħla

1.1 Ir-Regolament 1228/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għan-network għal skambji ta' l-elettriku lil hinn mill-fruntieri (ir-Regolament dwar l-Elettriku) jimmira li jistabbilixxi suq verament uniku billi jżid ill-kummerċ ta' l-elettriku bejn il-fruntieri. Għandhom jiġu introdotti regoli ekwi, orjentati skond l-ispejjeż, trasparenti u li japplikaw direttament, għall-iffissar tal-prezzijiet għat-trasferimenti lill hinn mill-fruntieri u l-allokkazzjoni tal-kapaċità disponibbli għall-konnessjonijiet. Dawn ir-regoli għandhom jieħdu kont ta' paragun bejn operaturi tan-network effiċjenti minn żoni strutturalment komparabbli u jissupplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/92/KE sabiex it-transazzjonijiet lill hinn mill-fruntieri jingħataw garanzija ta' aċċess effettiv għan-networks tat-trasmissjoni.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1 Ir-Repubblika ta' l-ISlovenja sottomettiet lill-Kummissjoni talba għal emenda tar-Regolament ta' l-Elettriku li tippermetti lis-Slovenja biex tkompli topera s-sistema kurrenti ta' amministrazzjoni tal-konġestjoni fl-interkonnessjoni ma' l-Awstrija u ma' l-Italja sal-1 ta' Lulju 2007. Bħalissa nofs il-kapaċità disponibbli totali taż-żewġ interkonnessjonijiet in kwistjoni huwa allokat lis-Slovenja fuq il-bażi ta' din is-sistema. Fil-fatt, skond arranġament bejn l-operaturi tas-sistema tat-trasmissjoni, in-nofsijiet l-oħrajn tal-kapaċità tat-trasmissjoni huma allokatil mill-operatur tas-sistema Taljan jew Awstrijakk rispettivament. Taħt is-sistema Slovena kurrenti, il-kapaċità disponibbli, jekk it-talba totali toħloq konġestjoni, hija allokata lill-applikanti fuq bażi pro rata. Il-kapaċità hija allokata mingħajr hłas. Tali sistema ma tistax titqies soluzzjoni mhux diskriminatorja u bbażata fuq is-suq skond ir-Regolament dwar l-Elettriku. L-ISlovenja ġġustifikat it-talba tagħha għal deroga bl-argument li l-istrutturar mill-ġdid ta' l-industrija Slovena għadha ma tlestietx u l-produzzjoni Slovena ta' l-elettriku għadha qiegħda taġġusta ruħha għall-kondizzjonijiet ġodda tas-suq (spejjeż kbar ta' investment fil-ħarsien ta' l-ambjent).

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-proposta tal-Kummissjoni ta' l-UE hi bbażata fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li hu parti mill-Kapitlu dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet. Il-fatti, madankollu ir-Regolament 1228/2003 ħareġ wara t-tmiem tan-negozjati ta' sħubija u l-iffirmar tat-trattat ta' sħubija, b'hekk is-Slovenja ma setgħetx tieħu sehem fil-proċess ta' adozzjoni-jiġġustifikaw taħt kull aspekk approċ ibbażat fuq it-Trattat ta' Sħubija u l-Att ta' Sħubija rilevanti.

3.2 Dan ta' l-aħħar fih dispożizzjonijiet rigward l-applikazzjoni tad-deċizzjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet, u b'mod partikolari jekk Stat Membru ġdid setax jieħu sehem fin-negozjati li jikkonċernaw deċizzjoni li ttieħdet bejn id-data li fiha t-Trattat kien iffirmit u s-sħubija attwali tal-pajjiż nhar l-1 ta' Mejju 2004. Dan kien il-każ għas-Slovenja.

3.3 Hu fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet li wieħed għandu jikkunsidra t-talba mill-Gvern Sloven għal posponiment ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament u tad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness marbut direttament miegħu, flimkien ma' din il-proposta tal-Kummissjoni, sa' l-1 ta' Lulju 2007.

3.4 Skond il-qawl "pacta sunt servanda", rifjut jista' jkun ikkunsidrat biss jekk il-proposta tirriżulta f'dannu irreparabbli għall-Unjoni sħiħa.

3.5 Madankollu, il-Kummissjoni, fil-proposta tagħha tgħid li l-impatt prattiku tal-perjodu transizzjonali fuq il-funzjonament tas-suq elettriku intern ikun żgħir ħafna. Il-KESE jista' jaqbel ma' din l-opinjoni. Hu diffiċli wkoll li wieħed ihaqqaq li matul il-perjodu tranżizzjonali mitlub is-Slovenja tista' tirrealizza l-potenzjal tagħha li ssir ċentru reġjonali importanti fil-qafas tas-suq intern.

3.6 Barra minn hekk, l-argument li r-Regolament 1228/2003 kien imressaq għar-raġuni biex sa fl-aħħar jinkiseb kummerċ internazzjonali xieraq fl-elettriku lil hinn mill-fruntieri⁽¹⁾, u l-għajdut li t-talba Slovena tikser dan ma jġorr, fis-sens tat-tul taż-żmien, l-iskop u ż-żona ġeografika involuta, biżżejjed piż biex it-talba tkun irrifjutata.

3.7 Id-dikjarazzjoni – li fiha innifisha hi tajba- li l-kompetizzjoni onesta bejn, fil-fatt, l-produtturi Ewropej ta' l-aluminju u l-azzar kif ukoll bejn il-produtturi ta' l-elettriku hu komponent essenzjali għas-suq uniku ma tgħoddx hawnhekk.

3.8 Minn angolu ieħor, jista' jingħad li l-fatt li fis-Slovenja tiġi pprovduta sistema sigura u ta' min iserraħ fuqha u l-għoti taċ-ċans li investimenti ambjentali jsiru matul il-perjodu transizzjonali huma bażi sabiex il-proposta tal-Kummissjoni tiġi mil-qugħa.

3.9 Barra minn hekk il-KESE jixtieq jirrakkomanda l-aċċettazzjoni tal-proposta peress li, fl-opinjoni tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2001⁽²⁾ dwar ir-Regolament 1228/2003, hu qal dan li ġej rigward il-konsegwenzi għall-pajjiżi applikanti, kif kienu dak iż-żmien: "... is-setturi ta' l-elettriku u l-gass naturali fil-pajjiżi applikanti... iżommu infrastrutturi u metodi ta' tmexxija mhux kompetittivi. Il-konsegwenzi immedjati ta' dan jistgħu jkunu telf ta' impjegji fil-kumpaniji f'dawn is-setturi, b'mod partikolari għal dawk il-pajjiżi li m'għandhomx l-istess tip ta' sistema ta' sigurtà soċjali bħalma hemm fl-Istati Membri. L-Unjoni Ewropea għandha taqsam ma' dawn il-pajjiżi l-esperjenza li nkisbet mill-proċess ta' liberalizzazzjoni li qiegħed isir bħalissa fl-Ewropa, u tipprovdi fondi biex tghinjom jimmodernizzaw il-kumpaniji tagħhom. Il-ftuħ ta' dawn is-swieq ġodda mhux biżżejjed; is-setturi enerġetiċi tagħhom għandhom ikunu ristrutturati sabiex il-kumpaniji fil-pajjiżi applikanti jkunu jistgħu jikkompetu taħt l-istess kondizzjonijiet."

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

4. Sommarju u konklużjoni

4.1 L-argumenti mressqa fil-proposta tal-Kummissjoni sabiex is-Slovenja tkun tista', sa l-1 ta' Lulju, taqbel ma' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament 1228/2003 u mad-dispożizzjonijiet rilevanti rigward it-tmexxija tal-konġestjoni mhumiex ġustifikati meta meqjusa purament mill-ottika ta' l-interessi ta' kompetizzjoni onesta fis-suq uniku.

4.2 Madankollu, wara li jitqiesu l-fatti taż-żmien li fih sar ir-Regolament u n-negozjati tas-sħubija kienu iffirmati, il-KESE jħoss li dawn l-argumenti huma ġustifikati. L-awtorizzazzjoni għal perjodu tranżizzjonali qasir mitlub ma tissarrafx fi ħsara irriparrabbli għall-Unjoni sħiħa- bil-kontra: is-sigurtà u l-kredibilità kif ukoll l-investimenti ambjentali fis-sistema Slovena huma żgurati- u fl-opinjoni tiegħu dwar ir-Regolament 1228/2003⁽³⁾, dwar il-kwistjoni tal-kompetizzjoni mill-pajjiżi applikanti bħalma kienu dak iż-żmien, il-KESE kien irrakkomanda li l-UE għandha tagħti daqqa t'id. Il-KESE jemmen li hu ċar biżżejjed li s-Slovenja ma setgħetx tieħu sehem fin-negozjati rigward jew b'approvazzjoni tar-Regolament 1228/2003.

4.3 Minbarra l-ispjegazzjoni u l-bażi għall-proposta tal-Kummissjoni, li għandha titlesta jew tkun adattata skond l-opinjoni-jiet imsemmija hawn fuq, il-KESE jirrakkomanda aċċettazzjoni tal-proposta sabiex l-applikazzjoni tar-Regolament 1228/03 tiġi posposta sa' l-1 ta' Lulju 2007.

⁽¹⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-Proposta għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet ta' aċċess għan-network ta' skambji fl-elettriku lil hinn mill-fruntieri, ĠU C 36 of 8.2.2002, page 10.

⁽²⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-Proposta għar-Regolament fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet ta' aċċess għan-network fl-iskambji fl-elettriku lil hinn mill-fruntieri, ĠU C 36 of 8.2.2002, paġna 10.

⁽³⁾ Punt 6.6 ta' l-opinjoni tal-KESE, ĠU C 36 of 8.2.2002, paġna 10.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Bidla industrijali u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali”

(2004/C 302/11)

Fid-29 ta' Jannar 2004 il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond ir-Regolament 29(2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, iddeċieda li jħejji opinjoni dwar “Il-bidla industrijali u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali”.

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidla Industrijali, li kienet responsabbli għat-tħejija tax-xogħol tal-Kumitat fuq dan is-suġġett, addotta l-opinjoni tagħha fis-7 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien is-Sur Leirião u l-co-rapporteur kien is-Sur Cué.

Fis-sessjoni plenarja nru. 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (il-laqgħa tat-30 ta' Ġunju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew addotta l-opinjoni li ġeja b'155 vot favur u 13-il astensjoni.

Fil-qosor

L-għan ta' din l-opinjoni huwa li jiġi vverifikat jekk l-istrumenti għat-tkattir tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali humiex tajbin u jekk il-qafas tal-kondizzjonijiet humiex favorevoli jew le għall-kumpanniji, biex tkun tista' ssir il-bidla industrijali b'mod li tkun kompatibbli mal-kriterji tal-kompetittività tal-kumpanniji.

Fit-taqsimha tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ġew stabbiliti sbatax-il punt; dawn kollha jippuntaw lejn il-ħtieġa biex ikun hemm titjib f'termini ta' politika, fl-istrumenti, fil-kriterji biex tkun stabbilita l-eliġibiltà tar-reġjuni għall-fondi tal-Komunità, fl-implimentazzjoni ta' prattiċi tajbin, u fit-tiftix għal sinerġiji bejn il-politika u l-istrumenti, kif ukoll il-koordinament ġenerali biex ikunu mħaddma l-istrateġiji strutturali ta' l-UE, bħalma huma l-istrateġija ta' Lisbona, ir-Riformi Strutturali u l-Iżvilupp Sostenibbli.

Il-ħsieb wara dan huwa bbażat fuq l-ideat li ġejjin; dawn huma stabbiliti wara xulxin u jipprovdu t-temi ewlenin li jidhru l-opinjoni kollha:

- l-iżvilupp reġjonali bħala fattur li jirregola l-globalizzazzjoni, bil-ħolqien ta' gruppi ta' reġjuni, bħala mod effettiv biex kumpanniji jiġu mħajra lejn żona partikolari u biex jinkuraġġihom jibqgħu hemm;
- ir-responsabbiltà soċjali konġunta u t-tħaddim ta' “prattiċi tajbin” bħala parti minn avvċinament li jinvolvi miżuri ta' prevenzjoni u oħrajn biex tkun antiċipata u mħaddma l-bidla;
- in-negozjanti u d-djalogu soċjali fil-kumpanniji biex ikun żgurat li r-ristrutturar isir b'mod li jkun soċjalment responsabbli, bi tmexxija tal-kumpannija u ħaddiema li jaddottaw attitudni pożittiva lejn it-tiftix ta' soluzzjonijiet li jkunu jidhru tajbin mill-kumpannija, il-ħaddiema u l-komunità, biex b'hekk ikun hemm bilanċ bejn l-aspetti soċjali u dawk ekonomiċi;
- azzjoni konġunta bejn in-negozjanti, l-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili (universitajiet, ċentri ta' riċerka u innovazzjoni, għaqdiet, eċċ.) u l-awtoritajiet lokali, biex jinħolqu l-kondizzjonijiet tajbin għat-tkabbir tal-produttività u għat-titjib tal-potenzjal tat-tkabbir ta' bejn ir-reġjuni; u

- proposta biex jinholq l-istat ta' “reġjun aktar favorit” għal dawk ir-reġjuni li jkollhom livell għoli ta' koeżjoni soċjali u ta' impjegji, u f'daqqa waħda dawn jitolqu l-opportunitajiet minħabba li l-kumpanniji jitolqu lejn post ieħor, mingħajr ma jkollhom l-ebda attivitajiet ekonomiċi alternattivi biex iżommu livelli ta' impjeg lokali; dawn ir-reġjuni jistgħu jir-ċievu appoġġ finanzjarju, bl-għan speċifiku li jiġġeneraw l-istruttura ekonomika lokali.

Introduzzjoni

Fl-opinjoni fuq inizjattiva tiegħu stess, imsejħa Il-bida industrijali: l-istat preżenti u prospetti – Avvċinament ġenerali⁽¹⁾, il-KESE esprima l-ħsieb li x-xogħol tal-ġejjieni tas-CCIC għandu jimmira biex imexxi 'l quddiem “qafas u kondizzjonijiet li jkunu jippermettu l-bidla industrijali biex din isseħħ b'mod li jkun kumpatibbli mal-bżonnijiet tal-kumpanniji għall-kompetittività u mal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali”. B'hekk tkun qed titpoġġa l-bażi għax-xogħol ta' din il-kummissjoni, tkun qed titfassal l-għamla ta' għajnuna li din għandha tagħmel, kif ukoll it-tip ta' suġġett li għandu jkun ittrattat fl-opinjoni tagħha. Id-deċiżjoni biex titfassal din l-opinjoni fuq inizjattiva tiegħu stess fuq il-bidla industrijali u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandha titqies f'dan l-isfond.

1. Id-Definizzjonijiet

1.1 Biex din l-opinjoni tkun tista' titqies fil-kuntest proprju tagħha u tkun tista' tiġi interpretata tajjeb, “il-bidla industrijali” ġiet iddefinita bħala “il-proċess normali u kontinwu ta' qasam industrijali li jkun jirrispondi b'mod pro-attiv għall-movimenti dinamiċi fl-ambjent tan-negozju tiegħu biex jibqa' wieħed kompetittiv u johlq opportunitajiet ta' tkabbir”⁽²⁾. “Ristrutturar” tirreferi għal “forma partikolari ta' bidla industrijali, u b'mod regolari [din titqies bħala] proċess ad hoc (ħafna drabi sfurzati) ta' addattament għall-kondizzjonijiet fl-ambjent tan-negozju biex dan jerġa' jkseb mill-ġdid il-kompetittività, waqt li jwassal għal waqfien fil-ħidmiet tan-negozju”⁽³⁾. L-idea li tkun “antiċipata” il-bidla jipprovdi l-muftieħ għat-tmexxija tajba ta' din il-bidla, għaliex dan ikun ifisser li fil-proċess tar-ristrutturar il-problemi jkunu jistgħu jiġu evitati. Li tkun antiċipata l-bidla jinvolvi l-istudju u t-tbassir tat-termini tal-ġejjieni tal-kriterji tal-kompetizzjoni u s-suq, waqt li jkunu jistgħu jsiru l-aġġustamenti meħtieġa biex dawn ikunu mfasla fi żmien tajjeb. B'hekk il-problemi soċjali u dawk ta' produktività ta' kumpannija jkunu jistgħu jibqgħu żgħar kemm jista' jkun.

⁽¹⁾ ĠU K 10 ta' l-14.1.2004, pp 105 et seq.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE fuq inizjattiva tiegħu stess fuq “Ir-riperkussjonijiet tal-politika tal-kummerċ fuq il-bidla industrijali, l-aktar fil-qasam ta' l-azzar” (KESE 668/2004).

⁽³⁾ Ibidem.

1.2 Il-Globalizzazzjoni tista' tiġi ddefinita bħala sforzi biex jiżiedu u jkunu mħaffa r-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-pajjiżi, biex jitneħħew l-ostakli kummerċjali bejn il-pajjiżi, biex jinaqqsu jew jitneħħew it-taxxi fuq l-importazzjoni, u biex jissaħħu organizzazzjonijiet internazzjonali, bħalma huma l-UE u l-Mercosur. Bħala parti minn dan il-proċess, il-gvernijiet f'kull pajjiż għandhom joffru inċentivi biex iħajru kumpanniji barranin jistabbilixxu ruħhom fit-territorji tagħhom, waqt li jħaffu l-internazzjonalizzazzjoni ta' l-aspetti kollha tal-kummerċ tagħhom. Il-globalizzazzjoni ssejjaħ ukoll għal regoli bażiċi u komuni li jkunu stabbiliti u mħarsa mad-dinja kollha.

1.3 Il-politika tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali timmira biex tnaqqas l-iżbilanċ ekonomiku u soċjali li hemm bħalissa bejn l-Istati Membri u bejn ir-reġjuni, biex tħaffef it-tkabbir u tinkuraġġixxi l-iżvilupp sostenibbli, waqt li tgħin lil dawk ir-reġjuni li huma lanqas vantaġġati biex dawn jaddattaw irwieħhom għall-isfidi ta' ekonomija bbażata fuq it-tagħrif; b'hekk ir-reġjuni kollha jkunu qed jiġu megħjuna biex jilhqqu l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona.

B'mod aktar speċifiku, din il-politika għandha tilħaq infrastrutturi, l-ambjent, l-intrapriża, id-dħul per capita, l-aċċess għall-impjegi u s-sigurtà soċjali, mezzi biex tkun miġġielda l-eskużjoni soċjali, l-aċċess għal teknoloġiji ġodda ta' tagħrif, l-edukazzjoni u t-tagħlim għall-ħajja, tmexxija aħjar u rwol aktar b'saħħtu għall-operaturi ekonomiċi u soċjali.

1.4 Definizzjoni tajba ta' "grupp" (cluster), kif definit minn Michael Porter (Professur fl-Iskola tal-Kummerċ ta' Harvard), fil-ktieb tiegħu "The Competitive Advantage of Nations", hija "grupp ta' kumpanniji marbuta flimkien li jkunu qrib ġeografikament u istituzzjonijiet assoċjati (universitajiet, aġenziji pubbliċi jew għaqdiet tal-kummerċ) f'qasam partikulari, li jkunu marbuta b'kompetizzjoni u b'kooperazzjoni".

2. L-impatt tal-globalizzazzjoni u l-bidla industrijali li ma tistax tkun evitata

2.1 Fis-soċjetà Ewropea kollha, huwa fatt aċċettat li l-bidla industrijali ma tistax tkun evitata minħabba l-globalizzazzjoni u minħabba l-bidla fl-ekonomija dinjija li ddum tinħass sew; dawn jidhru ċar mill-iżviluppi mgħaġġla u ta' importanza kbira li qed iseħħu fis-suq u fl-imġieba, fil-komplessità teknika dejjem tikber, kif ukoll fl-involvement sostanzjali tal-konsumatur fit-fassil u l-produzzjoni ta' oġġetti, prodotti u t-tqassim ta' servizzi.

2.2 Il-globalizzazzjoni hija tabilħaqq il-forza wara s-suq dinji tax-xogħol u l-kompetizzjoni tal-produttività. Kumpanniji multinazzjonali qed jinvestu f'pajjiżi fejn hemm xogħol, aċċess dirett għas-suq, kif ukoll ħiliet teknoloġiċi bi spejjeż baxxi.

2.3 Il-kompetizzjoni dejjem tiżdied, il-popolazzjoni li dejjem qed tikber, u l-kriterji u l-livelli ġodda tal-konsumatur qed jispiċċaw flimkien biex joħlqu ambjent fejn ikun hemm, u se jkompli jkun hemm, tensjonijiet u problemi akbar.

2.4 L-Unjoni Ewropea għandha tiffaċċja dawn it-tensjonijiet u problemi b'rieda kbira li tuża miżuri li jkunu jantiċipaw id-de-industrijalizzazzjoni fl-Ewropa, jiġifieri jittieħdu miżuri biex ikun evitat li t-tliet problemi li ġejjin ma jseħħux fl-istess żmien:

- ir-relokazzjoni tal-kumpanniji (!);
- it-tnaqqis fix-xogħol u l-produzzjoni; u
- l-bilanċ kummerċjali li jmur għall-aġġar.

Għalkemm dawn it-tliet affarijiet mhumiex qed jiġru fl-istess waqt, huwa ċar li hemm deterjorazzjoni ġenwina fl-istat tal-bilanċ tax-xogħol u l-kummerċ.

2.5 L-UE tkun tista' tħejji rispons tajjeb għal dawn l-isfidi biss jekk il-politika industrijali tiġġedded b'tali mod li din tkun aktar pro-attiva u tkun tipprovdi trasparenza komprensiva u sistematika dwar l-effetti partikolari u kumulattivi dwar kull deċiżjoni li tkun taffettwa n-nefqa ta' l-industrija fl-Ewropa u l-istrutturi ta' l-effiċjenza – f'termini kemm ta' aspetti orizzontali kif ukoll ta' oqsma industrijali speċifiċi, bħalma huma l-industrija ta' l-azzar u tat-tessuti. Fl-istess waqt din għandha iżomm quddiem għajnejha l-impatt tat-tkabbir.

3. L-iżvilupp reġjonali bħala fattur li jirregola l-globalizzazzjoni: il-gruppi (clusters)

3.1 Huwa paradoss ta' żminijietna li l-inugwaljanzi jibqgħu jeżistu fi żmien meta l-progress xjentifiku u tekniku huwa tali li x-xewqa ta' kulħadd għandha titwettagħ iżda fl-istess waqt jeżisti riskju serju li din "l-ekonomija globali għda", minħabba li din għandha l-għeruw tagħha f'kompetizzjoni mhux ikkontrollata, tista' tħarrax dawn l-assimetriji.

Huwa f'dan l-isfond li għandu jitqies l-iżvilupp reġjonali bħala strument importanti biex jirregola l-globalizzazzjoni nfisha, waqt li tingħata aktar attenzjoni għal ħtiġiet tan-nies, irrispettivament minfejn jgħixu, waqt li jingħatalhom aċċess eħfef għall-affarijiet, servizzi u opportunitajiet.

3.2 L-iżvilupp għandu jasal għand in-nies, ikunu fejn ikunu; ma jistax wieħed jassumi b'indifferenza li l-mobilità disponibbli għal xi wħud biex ikabbru l-iżvilupp personali hija wkoll disponibbli għal kulħadd, barra minn kull ħaġa oħra, għaliex dawk li għandhom lanqas mezzi huma wkoll dawk li lanqas jistgħu jiċ-ċaqalqu.

Ir-reġjuni għandhom juru l-ambizzjonijiet tagħhom dwar il-bidla u r-ristrutturar industrijali, jiddefinixxu l-investimenti li jeħtieġ isiru, kif ukoll il-kooperazzjoni meħtieġa bejn il-qasam pubbliku u dak privat, u l-aktar l-infrastruttura għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

3.3 Il-KESE jqis il-ħolqien ta' "gruppi" reġjonali bħala l-aktar mod effettiv biex il-kumpanniji jkunu mħajra waqt li jinkuraġġuhom jibqgħu; dan huwa fattur ewlieni tal-kompetittività reġjonali u fl-istess ħin forza importanti għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll mezz biex ikunu evitati riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali u territorjali negattivi li jistgħu jiġru minħabba l-bidla u r-ristrutturar industrijali.

(!) F'Settembru 2004, il-KESE se jaddotta opinjoni fuq inizzjattiva tiegħu stess dwar "L-għan u l-effetti tar-relokazzjonijiet tal-kumpanniji" (CCMI/014).

Il-fatturi li għejjin x'aktarx jiżguraw li s-sistema tal-"grupp" tagħmilha aktar faċli għall-kumpanniji biex dawn jibqgħu f'żona u jżommu l-ħiliet f'reġjun:

- kooperazzjoni aktar b'saħħha u aħjar bejn il-kumpanniji;
- opportunitajiet biex jitjiebu l-ħiliet teknoloġiċi marbuta mal-preżenza ta' l-istituti tat-T&R li għandhom x'jaqsmu mal-proċess tal-"grupp" (eż. il-"grupp" ta' l-industrija tal-karrozzi);
- xibka ta' klijenti, sotto-kuntratturi u fornituri, li tkattar it-twaqqif u l-iżvilupp ta' rabtiet aktar mill-qrib bejn l-operaturi soċjo-ekonomiċi, l-aktar bejn ir-reġjuni;
- l-involvement tal-kumpanniji f'networks transnazzjonali li jagħtu aċċess għal swieq ġodda; u
- l-iżvilupp ta' l-esperjenza tal-mobbiltà tal-ħaddiema fil-"gruppi".

3.4 Minħabba li fil-klima ekonomiku ta' bħalissa l-kumpanniji jikkompetu fuq bażi globali, dawn ixaqilbu lejn "gruppi" li jkollhom x'jaqsmu mal-qasam tal-kummerċ tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jiksbu vantaġġi kompetittivi. Dawn il-vantaġġi għandhom l-għeruf tagħhom ffatturi ġenerali bħal: il-kwalifiki u l-ħiliet tan-nies li jaħdmu, il-kwalità ta' tmexxija, l-infrastruttura territorjali, l-innovazzjoni lokali u reġjonali u l-livelli ta' żvilupp u, ġeneralment, il-kwalità tal-ħajja fir-reġjun (li jista' jkun jeħtieġ, per eżempju, l-intervent pubbliku biex jitnaddfu żoni industrijali maħmuġin). "Gruppi" reġjonali jistgħu jkunu fatturi ewlenin biex tiżdied il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u biex ikun hemm raġuni għaliex il-kumpanniji jiċċaqalqu lejn reġjuni li qed jiżviluppaw, sakemm l-UE u l-gvernijiet nazzjonali iwettqu u jiffinanzjaw programmi biex jingħata appoġġ għat-twaqqif ta' kumpanniji ta' teknoloġija, biex jitmexxew l-quddiem l-iżvilupp, l-innovazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll biex titkattar is-sħubija bejn il-kumpanniji, l-universitajiet, l-awtoritajiet lokali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili.

3.5 Inħawi metropolitani, bħal ċentri ta' kultura u varjetà ta' attivitajiet, fejn l-operaturi pubbliċi u privati jaħdmu flimkien biex ifittxu soluzzjonijiet għall-bidla u l-iżviluppi moderni, għandhom rwol ewleni biex joħlqu b'suċċess dawn il-"gruppi", minħabba li dawn l-inħawi "huma fuq ta' quddiem fil-bidla teknoloġika, li taffettwa t-trasport, il-bini u xogħlijiet pubbliċi, it-teknoloġiji ta' taħriġ u komunikazzjoni, it-tmexxija ta' l-infrastruttura, eċċ. Din il-bidla teknoloġika tinsab ukoll fl-għeruf tar-ristrutturar industrijali u fir-relokazzjoni tal-ħidmiet tal-forza tax-xogħol u s-servizzi b'valur għoli miżjud. L-ispeċjalizzazzjoni ekonomika għandha wkoll turija ta' l-ispazju: 'gruppi' jew gruppi ta' kummerċ li jaħdmu bħala parti minn xibka b'ċentri ta' riċerka u innovazzjoni u universitajiet" (¹).

L-akbar sfida għaż-żoni metropolitani għandha x'taqsam ukoll mal-problemi tal-koeżjoni soċjali, bħalma huma l-esklużjoni u l-faqar. Is-soluzzjoni għal dawn tinvolvi b'mod ċar l-iżvilupp armonjuż, ibbilanċjat u appoġġjat ta' l-akbar żoni metropolitani fl-Ewropa, inklużi rabtiet ma' nħawi fil-qrib. Minkejja dan, innuqqas ta' taħriġ konsistenti jagħmilha diffiċli biex jinstabu soluzzjonijiet addattati.

(¹) Opinjoni tal-KESE fuq "Iż-Żoni Metropolitani fl-Ewropa: l-implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għall-ġejjieni ta' l-Ewropa" (CESE 968/2004)

4. L-effetti fuq il-bidla industrijali u r-ristrutturar

Il-proċess tal-bidla industrijali u r-ristrutturar jinvolve riperkussjonijiet fuq gradi differenti f'varjetà ta' aspetti, kif ukoll sfidi fuq livell settorjali u u reġjonali.

4.1 L-aspetti soċjali

L-operaturi ekonomiċi kollha jagħrfu li r-ristrutturar u t-tisħiħ huma prerekwiżit għan-negożji biex jibqgħu jeżistu u jtejbu l-kompetittività tagħhom.

Ir-ristrutturar huwa problema soċjali meta la jkun hemm alternattivi addattati ta' xogħol fir-reġjun ikkonċernat u lanqas possibiltajiet għall-mobbiltà.

Barra minn hekk, il-kumpanniji għandhom jaġixxu b'mod li jkun ġenwinament u soċjalment responsabbli, billi jinvolve entitajiet ta' rappreżentanti tal-ħaddiema kif ukoll awtoritajiet lokali u reġjonali kemm jista' jkun fil-bidu tal-proċess tagħhom biex jirristrutturaw irwieħhom.

Il-kompetittività għandha tinkiseb bi djalogo soċjali.

4.2 L-isfidi li qed jiffaċċjaw in-negożji

L-ikbar sfida li qed jiffaċċjaw in-negożji hija li jinstab rispons tajjeb għall-bidla, waqt li titqies il-ħtieġa biex titjeb il-kompetittività f'ambjent kumpless, u l-aktar f'sitwazzjoni soċjali u istituzzjonali.

Ir-riperkussjoni tal-bidla industrijali biex ikunu sottokuntrattati impriżi żgħar u medji, li qed isseħħ minħabba kumpanniji kbar, ma tistax tkun imwarrba. Għandu jkun hemm xibka ta' kooperazzjoni li tkun tippermetti li impriżi żgħar u medji jkunu jistgħu jagħmlu t-tibdiliet meħtieġa.

4.3 L-impatt fuq il-pajjiżi li se jissieħbu, l-aktar fuq ix-xogħol

Għandhom jtfasslu żvilupp speċifiku u politika ta' appoġġ għax-xogħol biex ikun żgurat li t-tmexxija tal-bidla u r-ristrutturar industrijali fil-pajjiżi li se jissieħbu jitqiesu bħala opportunità akbar biex jitmexxew it-tkabbir ekonomiku, it-titjeb fil-kwalità tal-ħajja u l-ħarsien ta' l-ambjent.

L-investment dirett barrani (IDB) jiġi l-aktar mill-pajjiżi ta' l-UE (aktar minn 60 % fl-1998) u huwa l-aktar indirizzat lejn ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja. Fl-aħħar ta' l-2001 dawn it-tliet pajjiżi kellhom madwar 75 % ta' investment 'il gēwwa fil-pajjiżi tat-tkabbir. Il-każ tal-Košiċe (ir-Repubblika Slovakkja) huwa eżempju wieħed ta' suċċess fil-qasam ta' l-azzar, fejn l-IDB ppermetta l-immodernizzar ta' l-impjanti lokali mingħajr telf ta' impjiegi, bi ftehim bejn l-awtoritajiet lokali, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, inċentivi, innovazzjoni u kompetizzjoni. L-impatt ta' strateġiji multinazzjonali fuq ix-xogħol jiddependi fuq it-tip ta' investment involut.

L-IMPATT FUQ IX-XOGĦOL: TLIET XENARJI LI HUMA POSSIBBLI

Strateġija multinazzjonali	L-impatt tax-xogħol	
	Il-pajjiż minfejn qed joriġina l-IDB	Il-pajjiż li qed igawdi mill-IDB
(1) It-twessiegħ tan-network: prodotti u servizzi lokali u mhux li jkunu esportati wisq – Enerġija – Transport – Banek – Kummerċ – l-Industrija ta' l-Ikel – Turiżmu	Baxx jew ma jeżistix f'terminu ta' żmien qasir. F'terminu ta' perjodu medju għal perjodu twil: ir-riorganizzazzjoni tal-funzjonijiet back office.	Il-qies jiddependi l-aktar fuq ix-xiri ta' ħidmiet eżistenti (bil-qligħ tal-produttività jew mingħajru) jew fuq il-ħolqien ex-nihilo.
(2) It-twessiegħ orizzontali tal-ħiliet: prodotti jew servizzi li jiġu esportati mill-ġdid – Karrozzi – Kimikali – Hadid u Azzar	Impatt indirett immedjat (l-ebda ħiliet maħluqa) u effetti possibbli ta' sostituzzjoni f'terminu ta' żmien medju, eż: Seat/Skoda	Ristrutturar akbar fil-każ li jibdeu mill-ġdid il-ħidmiet ta' qabel. Il-ħolqien ta' impjegji fil-każ ta' impriżi "Greenfield".
(3) Ir-Rilokazzjoni biex jitnaqqsu l-ispejjeż: prodotti jew servizzi li jiġu esportati ħafna mill-ġdid – Tessuti – Funderija – Komponenti tal-karrozzi – prodotti ta' elettronika fuq skala kbira - Servizzi tal-Kompjuter b'valur miżjud baxx jew medju	Impatt kbir ta' perjodu qasir jew medju (it-tul tas-sostituzzjoni tvarja ż-żmien skond l-attivitajiet)	Ristrutturar akbar fil-każ li jibdeu mill-ġdid l-attivitajiet ta' qabel. Il-ħolqien ta' impjegji fil-każ ta' impriżi "Greenfield". Riskji f'terminu ta' żmien medju għal wieħed twil: ir-rilokazzjoni.

(Sors: studji analizzati mill-grupp Alpha)

(1) & (2): Dawn iż-żewġ xenarji jkopru strateġija ta' investiment orizzontali addottata mill-kumpanniji multinazzjonali. Fl-ewwel xenarju, il-kumpanniji multinazzjonali jfittxu l-iżjed li jimxu lejn swieq ġodda u jwessgħu in-network tas-servizzi tagħhom, bħalma huma s-servizzi bankarji u n-networks tat-trasport u l-enerġija. Fit-tieni, il-kumpanniji multinazzjonali jippruvaw iwessgħu l-ħiliet tal-produzzjoni tagħhom għal servizzi jew prodotti li jistgħu jiġu esportati faċilment mill-ġdid.

(3): Dan ix-xenarju jkopri strateġija vertikali ta' delokalizzazzjoni li jkollha impatt akbar fuq ix-xogħol.

Dan ix-xenarju jkopri kumpanniji li l-ħidmiet tagħhom jkunu jinvolvu ħafna ħaddiema (per eżempju, tessuti u prodotti ta' elettronika tal-karrozzi).

4.4 Effetti reġjonali u lokali

4.4.1 Fil-każ ta' ristrutturar industrijali jew inkella r-rilokazzjoni ta' xi kumpannija x'imkien ieħor, l-infrastruttura, it-tagħmir u r-riżorsi umani għandhom ikunu vvalutati, u għandhom jittieħdu miżuri biex negozji ġodda jkunu mħajra jmorru f'dik iż-żona. F'ċerti każijiet, ikun importanti ħafna li meta kumpannija tħalli reġjun, l-art u taħt l-art jitnaddfu biex daww l-inhawwi jkunu jistgħu jintużaw għal għanijiet oħra.

L-investituri li jkunu qed jirċievu l-iffinanzjar pubbliku għandu jkollhom aktar responsabbiltà lokalment u din għandha tkun sorveljata sew.

Ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet kollha huma meħtieġa biex jagħtu nifs ġdid lir-reġjuni li jintlaqtu b'mod ħażin bil-bidla industrijali.

4.5 L-Impatt fuq ir-riżorsi umani

Il-partijiet kollha għandhom jintrabtu fl-avviċinament tagħhom biex jiżguraw li l-ħaddiema bl-inqas kwalifiki jkollhom aċċess għat-taħriġ. Din hija kondizzjoni waħda biex ikun żgurat li n-negozji lokali jibqgħu vijabbli.

Fit-tmexxija tal-ħiliet tal-ħaddiema, il-kumpanniji għandhom iqisu li jidħlu fi ftehim u jaddottaw avviċinamenti konġunti mal-ħaddiema dwar il-kriterji għat-taħriġ, il-ħiliet u l-kwalifiki.

4.6 L-Impatt fuq il-Mudell Soċjali Ewropew

Huwa importanti ħafna għas-sostenibbiltà tal-Mudell Soċjali Ewropew li jintlaħaq livell għoli ta' koeżjoni ekonomika, soċjali, ambjentali u territorjali.

Ir-ristrutturar industrijali fil-Mudell Soċjali Ewropew ikun ta' suċċess jekk kull min ikun involut ikun jista' jgawdi minnu.

4.7 Aspetti ta' interazzjoni bejn l-oqsma ta' l-industrija u s-servizzi

4.7.1 Mis-snin sebgħin, it-tkabbir ekonomiku kien ikkaratterizzat mill-qasam tas-servizzi, meta dan ħa post dak tal-manifattura fl-industrija. Madankollu, huwa importanti li jkun hemm ċertu interdipendenza u interazzjoni bejn iż-żewġ oqsma biex tkun tista' tiżdied il-produttività, tiżdied l-innovazzjoni u titjeb il-kwalità tal-prodotti u s-servizzi.

Fejn għandhom x'jaqsmu r-ristrutturar u l-bidla industrijali, din l-interazzjoni hija importanti ħafna, minħabba li l-kumpanniji li jipprovdu s-servizzi (bħal R&Z) għal kumpanniji industrijali, ġeneralment dawn isegwu din ta' l-aħħar f'każ li dawn jirrilokaw ruħhom.

5. Ir-Responsabbiltà soċjali konġunta u l-koeżjoni ekonomika u soċjali

5.1 L-Opinjoni tal-KESE fuq il-bidla industrijali: Is-sitwazzjoni preżenti u prospetti - avvċinament ġenerali ⁽¹⁾ tiddikjara li l-Ewropa jeħtieġ tapplika "mudell ġdid" iffukat fuq "il-bidla industrijali b'wiċċ uman" li jkun ibbażat fuq il-kompetittività, l-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni soċjali u territorjali. L-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona jipprovdu tweġiba għal din id-dikjarazzjoni; għal dan il-għan, l-UE għamlet appell speċjali lill-kumpanniji biex dawn ikollhom sens ta' responsabbiltà soċjali, waqt li jqisu l-kriterji tat-taħriġ vokazzjonali u l-aħjar prattiċi għall-ħajja b'mod ġenerali, l-organizzazzjoni tax-xogħol, opportunitajiet indaqs, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli.

5.2 B'mod ġenerali huwa magħruf li r-responsabbiltà soċjali konġunta, ibbażata fuq avvċinament etiku, tista' titħaddem f'żewġ sferi ewlenin:

- il-kondizzjonijiet tax-xogħol; u
- il-kondizzjonijiet ta' għixien fl-inħawi fejn in-negozji kkonċernati jkunu qed jaħdmu, i.e. l-involvement ta' negozju biex ikabbar l-ekonomija lokali u li jmessi 'l quddiem prattiċi ambjentali aċċettabbli fil-komunità lokali.

Ġeneralment, il-kumpanniji jkunu mitluba biex jinvolvu l-imsieħba soċjali, l-awtoritajiet lokali, il-konsumaturi u l-fornituri, kull wieħed minn dawn fuq il-livell tiegħu ta' responsabbiltà.

5.3 Dan l-eżerċizzju ta' responsabbiltà soċjali konġunta (b'rabta ma' l-aspetti msemmija fuq) jista' jkun ta' ġid kbir bħala mezz biex tkun tista' tintlaħaq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Dan jekk ikun addottat avvċinament proattiv u preventiv biex ikunu jistgħu jitmexxew il-bidla u r-ristrutturar; minn dan jistgħu igawdu l-partijiet kollha involuti.

6. "Prattiċi tajbin" fir-ristrutturar, f'termini ta' responsabbiltà soċjali u lokali

6.1 Il-Fond Soċjali Ewropew qed jinkuraġġixxi u jappoġġja "prattika tajba" dwar il-modi kif titmexxa l-bidla industrijali. Iċ-Ċentru tal-Monitoraġġ Ewropew fuq il-Bidla (ĊMEB), fil-Fundazzjoni Ewropea bbażata f'Dublin għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u x-Xogħol, jirrefletti b'mod regolari din il-prattika tajba fix-xogħol tiegħu biex imexxi 'l quddiem ir-responsabbiltà soċjali konġunta lokali u reġjonali. Barra minn hekk, l-ewwel fażi ta' konsultazzjoni mibdija mill-Kummissjoni, li ġġib l-isem "L-Antiċipazzjoni u t-tmexxija tal-bidla: avvċinament dinamiku għall-aspetti soċjali tar-ristrutturar konġunt", għam-

litha wkoll possibbli li jkun hemm sensiela ta' prattiċi tajbin f'dan il-qasam.

Ġeneralment, din il-prattika tajba tinvolvi:

- il-ħtieġa li jkunu antiċipati l-problemi tax-xogħol li jiġu bħala konsegwenza tar-ristrutturar u li dawn ikunu ttrattati fil-proċess;
- il-ħtieġa li jiġi studjat l-impatt dirett u indirett fuq ir-reġjun ikkonċernat;
- azzjoni, u l-mobilizzazzjoni ta', operaturi fil-qasam (kumpanniji, trade unions, awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali, għaqdiet u s-soċjetà ċivili, eċċ.);
- it-tmexxija 'l quddiem ta' negozjar kollettiv u l-ħtieġa għal "djalogu soċjali" bejn il-kumpanniji, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, u l-awtoritajiet lokali u reġjonali – dawn huma importanti fit-tiftix għal soluzzjonijiet u alternattivi meta kumpanniji jiddeċiedu li jwettqu relokazzjoni strateġika;
- miżuri ta' appoġġ soċjali li jkunu qed jakkumpanjaw il-bidla (it-taħriġ mill-ġdid, it-taħriġ, it-tmexxija 'l quddiem tal-ħiliet fost il-ħaddiema, gwida għall-karrieri u passi biex jiġġeddu il-bażijiet tax-xogħol, l-iżvilupp ta' l-istruttura industrijali; il-ħaddiema li jwaqqfu negozji, eċċ.);
- rabtiet mill-kumpanniji biex iwettqu negozju ma' ħaddiema li kellhom jitolqu minħabba attivita' li tkun ġejja minn barra u li bħalissa jkunu qed jipprovdu s-servizzi tagħhom bħala sotto-kuntratturi;
- is-sejbien ta' soluzzjonijiet ġodda bl-iżvilupp ta' spirtu intra-prenditorjali; u
- t-tagħrif f'waqtu għanll-intrapriżi żgħar u medji li jkunu sotto-kuntratturi, is-servizzi u l-awtoritajiet pubbliċi, universitajiet u għaqdiet tan-negozji fuq pjani ta' ristrutturar multinazzjonali li jkun ibbażati lokalment dan huwa diffiċli biex jitħaddem meta kumpanniji multinazzjonali jkunu involuti u jkollhom ċentru ta' teħid ta' deċizzjonijiet li jkun jinsab barra r-reġjun, il-pajż jew inkella l-Ewropa.

6.2 In-negozjati u d-djalogu soċjali huma importanti ħafna jekk ir-ristrutturar għandu jitħaddem b'mod li jkun soċjalment responsabbli; għalhekk, huwa importanti li kemm il-kumpanniji kif ukoll it-trade unions iħarsu b'mod pożittiv lejn l-avvċinament tagħhom biex ifittxu formuli tajbin ta' ristrutturar li jkunu jgħoddu għall-kumpanniji, il-ħaddiema, kif ukoll il-komunitajiet lokali. Il-Kummissjoni tat spinta kbira 'l quddiem għal dawn il-prattiċi tajbin fid-Direttivi 98/59/KE, 2001/23/KE, 94/45/KE, u 2002/12/KE, li jstabbilixxu ċerti linjigwida u kriterji. L-inizjattiva fuq livell Ewropew ta' l-2002 li titkellem favur ir-ristrutturar li jkun "soċjalment responsabbli" għandha titqies sew hawnhekk li, fuq il-bażi ta' din, f'Ġunju ta' l-2003 kienu ħarġu sensiela ta' linjigwida. Kull alternattiva ta' twassal biex jitkeċċew il-ħaddiema għandha tkun eżaminata sew.

(1) ĠU K 10 ta' l-14.1.2004, pp 105 et seq.

6.3 Hemm ħafna eżempji pożittivi ta' prattika tajba f'dan il-qasam, fejn kumpanniji Ewropej addottaw prattiċi li huma soċjalment responsabbli b'hal partii mill-istrategġiji tal-bidla u r-ristrutturar industrijali. Każ wieħed – fost bosta – huwa dak tal-grupp ta' l-azzar Arcelor, li kien ir-riżultat ta' l-inkorporazzjoni bejn Arbed, Aceralia u Usinor; dan iddeċieda – kontra l-waqgħa lura ta' ħiliet strutturali żejda fil-produzzjoni batuta ta' l-azzar u bil-ħsieb li jitjiebu s-sinerġiji – li jagħlaq gradwalment iċ-ċentri ta' l-azzar ta' Liège u jnaqqas il-produzzjoni fi Bremen u Eisenhüttenstadt. Minħabba t-telf fl-imġiegi li dawn il-miżuri jistgħu jgħibu, l-Arcelor daħlet li tgħin lil daww kollha kkonċernati, li tirriabilita l-postijiet kollha affettwati, u tgħin biex tindustrializza mill-ġdid l-istruttura ekonomika lokali, bl-għajnuna tal-partijiet kollha involuti.

Min-naħa l-oħra, eżempju ta' x'jiġri meta dawn il-prattiċi tajbin ma jkunux addottati jista' jidher fil-proċess ta' ristrutturar fil-industrija tal-karrozzi fil-Mezzogiorno (l-Italja), fejn il-kumpannija involuta kienet qed tippjana li tittrasferixxi parti min-negozji tagħha ta' sotto-kuntratt barra l-pajjiż, mingħajr ma kienu meqjusa jew organizzati miżuri jew soluzzjonijiet tajba ta' appoġġ għall-problemi li setgħu nħolqu minħabba f'hekk.

6.4 Il-bidla industrijali meħtieġa għall-kumpanniji biex dawn jibqgħu kompetittivi għandha tkun appoġġjata mill-awtoritajiet; din għandha tinkludi ffinanzjar għall-edukazzjoni u t-taħriġ għall-forza tax-xogħol, u f'dan l-isfond għandhom jittieħdu passi biex jitmexxew 'il quddiem teknoloġiji ġodda. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li dawn jaħdmu lejn responsabbiltà soċjali konġunta miżjuda, lejn benefiċċji soċjali biex jinħolqu aktar impjegi u li jkunu aħjar, u lejn sostenibbiltà ambjentali fir-reġjuni fejn ikunu jinsabu dawn in-negozji.

7. Il-bidla industrijali u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali b'hal strumenti ta' żvilupp sostenibbli

7.1 L-għan ta' żvilupp sostenibbli huwa importanti ħafna għall-UE. Il-proġetti trans-Ewropej ewlenin, b'halma huma n-networks tat-trasport u infrastrutturi oħrajn li qed jithejw fuq livell ta' UE, mhumiex biżżejjed biex imexxu 'l quddiem żvilupp sostenibbli jew biex iniedu żvilupp ġenerali fir-reġjuni li huma l-inqas vantaġġati. L-iżbilanċ persistenti bejn il-pajjiżi u r-reġjuni fil-produzzjoni, il-produttività u l-aċċess għax-xogħol isibu l-għeruq tagħhom f'nuqqasijiet foqasma ewlenin ta' kompetittività, l-aktar il-kapital uman u fiżiku, aspetti ambjentali, il-ħila ta' l-innovazzjoni u t-tmexxija reġjonali.

7.2 L-opportunitajiet maħluqa bil-bidla industrijali – minħabba l-impatt tagħha fuq l-istruttura ekonomika, punti soċjali u xjentifiċi u s-soċjetà ċivili u l-involvement ta' l-awtorità lokali, bl-użu kkumbinat ta' l-istrumenti u l-politika tal-koeżjoni soċjali u l-politika strutturali tal-Komunità – jistgħu jgħinu b'mod sostanzjali fil-proċess ta' żvilupp sostenibbli u b'bilanċjat. Fil-fatt, il-bidla tkun teħtieġ ċertu aġġustament, riċerka, innovazzjoni u attitudnijiet ġodda, kemm min-naħa tan-negozjanti u l-imsieħba soċjali u kemm mis-soċjetà ċivili li tkun qed taġixxi fi

sħubija. Hawnhekk, l-għan huwa li daww ir-reġjuni jkunu megħjuna jżommu l-istrutturi ekonomiċi u soċjali tagħhom b'mod ibbilanċjat.

8. Il-proposti għar-riforma stabbilita fit-Tielet Rapport fuq il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali

8.1 Il-Kummissjoni qed tippromponi mod ġdid għall-politika ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ta' l-UE, li jinbena fuq tliet prijoritajiet:

Konverġenza

L-għan huwa li jtkatru t-tkabbir u l-ħolqien ta' impjegi fl-Istati membri u fir-reġjuni li huma l-inqas żviluppati.

Il-kompetittività reġjonali u x-xogħol: li tkun antiċipata u mkattra l-bidla

Il-KESE jilqa' l-prijorità b'rabta mas-suġġett ta' din l-opinjoni, għaliex din torbot il-bidla industrijali mal-politika tal-koeżjoni, bi programmi nazzjonali u reġjonali li huma speċifikament immirati lejn ċerti effetti relatati, il-prevenzjoni, l-antiċipazzjoni u l-aġġustament lejn l-iżviluppi ekonomiċi. Dan kollu jorbot mal-prijoritajiet politiċi ta' l-istrategġija Ewropea għax-xogħol u għat-tmexxija 'l quddiem tal-kwalità tax-xogħol u l-produttività, flimkien ma' l-inklużjoni soċjali.

Il-Kooperazzjoni reġjonali Ewropea

Hawnhekk, l-għan huwa li jinkuraġġixxi armonizzazzjoni tajba u b'bilanċjata fl-Unjoni Ewropea b'miżuri li jkattu l-kooperazzjoni ta' bejn it-territorji u transnazzjonali.

9. Kummenti fuq il-proposti tat-Tielet Rapport ta' Koeżjoni fuq il-bidla u r-ristrutturar industrijali

9.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li t-Tielet Rapport fuq il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, ippubblikat fis-17 ta' Frar, ittratta speċifikament u b'mod oġġettiv is-suġġett tal-bidla industrijali u ekonomika in ġenerali.

9.2 L-aktar, dan japprova bis-sħiħ il-prinċipji li huma l-bażi ta' l-istrategġiji tat-Tielet Rapport ta' Koeżjoni, u r-rabta bejn l-istrategġija ta' Lisbona u l-politika reġjonali tal-gejjeni dwar programmi bbażati fuq l-għerf u programmi nazzjonali u reġjonali, bil-ħsieb li jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp ekonomiku ta' l-aktar reġjuni żvantaġġati. Madankollu, huwa jqis dawn il-miżuri b'hal mhux adekwati, u fil-fatt iqajjem numru ta' hsbijiet dwar il-punti li ġejjin:

— in-nuqqas ta' għanijiet ikkwantifikati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' koeżjoni, kemm fuq livell ta' Stat Membru jew fuq livell reġjonali, li juri nuqqas fil-kriterji biex jinkisbu dawn l-għanijiet sa mill-bidunet;

- in-nuqqas ta' garanziji li, matul il-programm li ġej għall-2007-2013, se jkun hemm koeżjoni akbar bejn ir-reġjuni u mhux biss bejn l-Istati Membri kif kien il-każ bil-programmi ta' l-1994-1999 u l-2000-2006; jekk dan ma jinbidilx, dan ikun juri implimentazzjoni ta' politika fqira u nuqqas minnaħa ta' l-UE biex din timplimenta l-politika ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha biex tgħin lir-reġjuni li huma l-inqas żviluppati;
- in-nuqqas ta' proċess ta' monitoraġġ speċifiku biex ikun żgurat li r-riżorsi finanzjarji meħtieġa huma tabilħaqq immirati lejn l-iżvilupp tar-reġjuni l-aktar żvantaġġati, waqt li wieħed iżomm f'moħħu li, bħal fl-imgħoddi, l-iktar reġjuni vantaġġati jistgħu jgawdu iżjed minn dawn li huma l-inqas vantaġġati għaliex dawn ikollhom produzzjoni aħjar u dispożizzjoni ta' servizzi aħjar;
- in-nuqqas ta' proposti għal inċentivi biex ikunu inkuraġġiti negozji biex jissuktaw b'politika ta' responsabbiltà soċjali b'impatt pożittiv fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
- in-nuqqas ta' metodu effettiv biex ikun ikkoordinat ir-riżultat tal-politika ta' koeżjoni, bid-dħul ta' multi għall-Istati Membri li ma jilhqax l-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni;
- il-fatt li l-bidla industrijali ma kinitx magħrufa bħala fattur li jista' jiġġenera u jimbotta l-iżbilanċi reġjonali minħabba l-possibbiltà li n-negozji jistgħu jiċċaqalqu għal post ieħor, u b'hekk ikun hemm problemi kbar fuq livelli differenti; tabilħaqq, ir-reġjuni kkonċernati qed jirriskjaw li l-pożizzjoni tagħhom tal-koeżjoni, li setgħet kienet waħda b'saħħitha, tista' tiġi affettwata ħażin, waqt li jkun qed jipperikolaw il-ħiliet tagħhom ta' perjodu ta' żmien medju u twil biex dawn ikunu jistgħu jirkupraw; ir-rapport ma jagħmel l-ebda proposti speċifiċi dwar kif din tista' tkun evitata milli sseħħ.

10. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

10.1 Il-KESE jqis li l-proposti għar-riforma tal-politika ta' koeżjoni ippreżentata mill-Kummissjoni mhumiex tajbin biżżejjed, u li l-opportunità biex titmexxa l-bidla għadha ma ġietx ittrattata b'mod sħiħ; din il-bidla mhix waħda biss li ma tistax tkun evitata, iżda hija element importanti ħafna biex tiżgura ekonomija dinamika u għodda biex jinkiseb żvilupp sostenibbli. Dan kollu minħabba li għadhom ma ttieħdux passi biżżejjed biex jinkiseb l-aħjar ġid mis-sitwazzjoni u biex jingħaqdu l-opportunitajiet li nħolqu bl-Istrateġija ta' Lisbona, bl-avviċinament pożittiv tagħha dwar il-bidla, bil-kompetittività u l-koeżjoni, bl-Aġenda tal-Politika Soċjali – li l-għan ewleni tagħha huwa li jagħraf u jantiċipa t-tmexxija tal-bidla – u bl-istrateġija Ewropea dwar l-impjiegi, l-aktar l-attenzjoni ta' din fuq l-addattabbiltà.

10.2 Il-KESE jħoss bħala meħtieġ li jkun hemm bilanċ bejn l-aspett ekonomiku u soċjali u biex il-bidla industrijali titmexxa b'żewġ għanijiet: a) li jkun żgurat u mmexxija 'l quddiem għanijiet soċjali komprensivi (taħriġ, xogħol, opportunitajiet u ħarsien soċjali) u b) li jkun żgurat l-għajxien tan-negozji b'politika ta' appoġġ speċifiku li jkun jigarantixxi r-ristrutturar u t-tisħiħ bħala kondizzjoni ta' l-għajxien tagħhom u ż-żjieda fil-kompetittività, b'azzjonijiet integrati u kumulmentari li jkun jinvolvi l-operaturi ewlenin, jiġifieri l-istat (fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali) u n-negozji kkonċernati.

10.3 Il-KESE jqis bħala importanti għas-suċċess tal-politika ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali li jkun hemm koordinament aħjar fit-tħaddim tal-politika ta' żvilupp ta' l-UE li hemm bħalissa, billi jkun involuti: id-direttivi li hemm bħalissa li jirregolaw is-sehem tal-ħaddiema fil-kumpanniji; id-djalogu soċjali li jkopri l-oqsma industrijali kollha; il-konsultazzjoni regolari tal-Kummissjoni Konsultattiva tal-KESE fuq il-Bidla Industrijali (KKBI); iċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ fuq il-Bidla (ĊEMB); it-tiftiħ ta' l-iffinanzjar strutturali; il-politika tal-kompetittività; u passi biex titmexxa 'l quddiem l-implimentazzjoni tar-responsabbiltà soċjali konġunta. Għal dan il-għan, huwa importanti ħafna li l-partijiet kollha kkonċernati juru sens ta' rieda u rabta.

10.4 Il-KESE jqis bħala meħtieġ li titfassal sensiela ta' prinċipji għal sitwazzjonijiet fejn ir-ristrutturar ikun meħtieġ; dawn il-prinċipji għandhom jipprovdu bażi ta' appoġġ għal Prattika tajba, li tkun tinvolvi l-kriterju li titkabbar il-kompetittività tal-kumpanniji, kif ukoll kriterji oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-konsolidament tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

10.5 Il-KESE jħoss li t-taħsir kontinwu fil-kompetittività ta' l-Ewropa, meta mqabbla ma' dik ta' l-Istati Uniti, qed jiġri minħabba li m'hemm l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri biex dawn jilhqax ż-żmien għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji u l-istrumenti bażiċi ta' l-UE, bħalma huma l-Istrateġija ta' Lisbona, riformi strutturali u l-iżvilupp sostenibbli.

Jekk din ix-xejra tkompli, l-UE tkun qiegħda fir-riskju li din tmur lura mit-tieni għat-tielet post f'termini ta' setgħa dinjija (il-Ġappun, iċ-Ċina u l-Indja diġà qed jistennew); dan għandu jiġi evitat. Għalhekk, il-KESE jikkonkludi li l-Kummissjoni għandha timponi kriterji aktar stretti u tiegħu rwol aktar attiv biex tikkordina u tissorvelja l-implimentazzjoni effettiva ta' l-istrateġiji msemmija fuq. Miżura ewlenija ta' koordinament tista' tinvolvi l-ħatra ta' kummissarju li jkun responsabbli mis-sorveljanza tal-bidla u r-rilokazzjoni ta' l-industrija; dan ikun jista' jippermetti rabta aħjar bejn il-politika industrijali u l-ħarsien ambjentali.

F'din l-opinjoni ta' l-inizjattiva tiegħu, il-KESE jirrakkomanda dan li ġej:

- a) Huwa meħtieġ li l-viżjoni strateġika għall-koeżjoni tkun ikkunsidrata mill-ġdid minħabba l-isfidi li qed tiffaċċja bħalissa l-UE. Dan billi jittfassal kunċett ġdid u aktar b'saħħtu ta' koeżjoni, li ma jkunx limitat biss għall-aspetti finanzjarji tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni, iżda li jkun iqis ukoll dan l-għan maqsum fi tliet partijiet:

— li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika Ewropea;

— li jitmexxa 'l quddiem "spirtu ta' komunità" fl-Ewropa;

u

— li titkabbar is-solidarjetà bejn il-pajjiżi u r-reġjuni ta' l-UE.

- b) Il-kriterju assolut ta' PGD per capita biex tkun stabbilita l-eliġibbiltà għandu jinbidel, minħabba li dan huwa għajn ta' inġustizzja fejn għandha x'taqsam l-implimentazzjoni tal-politika strutturali. Kif inhu magħruf sew, il-ġid relattiv mhuwiex rifless fi statistiċi indifferenti, bħalma huma l-PGD per capita. Il-livelli ta' ħiliet tal-ħaddiema, in-nuqqasijiet ta' l-infrastruttura, id-distanza miċ-ċentru ta' l-ekonomija Ewropea u ta' l-istruttura demografika – dawn huma fatturi relevanti għall-eliġibbiltà ta' reġjun.

- c) Għandha titfassal matriċi ġdida ta' kriterji biex ikunu vvalutati r-reġjuni, biex b'hekk tinħoloq mappa ġdida tal-kriterji tal-koeżjoni Ewropea.
- d) Safejn għandha x'taqsam il-koeżjoni territorjali, il-mod kif it-territorju tal-Komunità qed jitmexxa jrid jinbidel kompletament biex ikun jista' jseħħ żvilupp li jkun tassew multi-ċentrali, armonjuż, ibbilanċjat u sostenibbli. Dan l-ippjanar spazjali għandu jqis il-koeżjoni fiżika u ekonomika inter-reġjonali, li tkun tinvolvi awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej fil-bini ta' mudell ta' żvilupp territorjali Ewropew li jwassal għal strateġiji ekonomiċi ġodda (investment, R&Z u strateġiji soċjali (tax-xogħol)).
- e) Għandu jiġi addottat avviċinament aktar mgħaġġel biex tkun ifformulata politika strutturali għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; dan bħala mezz biex tkun antiċipata l-bidla ekonomika in ġenerali u l-bidla industrijali b'mod partikulari. Il-livell preżenti fuq ir-riżorsi finanzjarji (1.2 %) – li jista' jibaxxa fil-perspettivi finanzjarji għas-snin 2007-2013 – huwa baxx wisq biex ikopri l-ħtiġiet. Għalhekk, dan iwassal biex l-għanijiet tal-koeżjoni ma jkunux jistgħu jinkisbu aktar malajr.
- f) Huwa importanti li tingħata attenzjoni lir-riżorsi umani, waqt li jkun magħżula r-riżorsi għall-korsijiet vokazzjonali fl-iskejjel u kulleġġi u għat-taħriġ vokazzjonali per se, iżda waqt li jkun addottat avviċinament flessibbli li jkun jista' jiġi addattat għad-diversi problemi li l-Istati Membri u r-reġjuni jiffaċċjaw.
- g) Għandha tingħata għajnuna speċjali lir-reġjuni fejn l-istrutturi tal-produzzjoni industrijali jkun għaddejjin minn ristrutturar drammatiku. Dan jista' jsir billi jkun identifikati dawk is-setturi u r-reġjuni fejn ikun hemm riskju għoli li l-kompetittività tista' tintilef; għalhekk għandhom isiru proposti speċifiċi għall-appoġġ, waqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċjali ta' kull settur. Għandha tingħata attenzjoni kbira għall-impatt tar-ristrutturar industrijali fuq l-Istati Membri l-ġodda.
- g) F'din ir-rabta, għandu jiġi stabbilit "prinċipju reġjun aktar vantaġġat", li bih ikun possibbli li jkun hemm appoġġ finanzjarju speċifiku maħsub biex ikattar il-bidla reġjonali. Id-djalogu soċjali għandu sehem importanti ħafna hawnhekk, hekk ukoll id-djalogu ċivili li jinvolvi l-protagonisti lokali kollha (kumpanniji, universitajiet, ċentri ta' riċerka, l-awtoritajiet lokali, għaqdiet, trade unions, eċċ.). Għalhekk, ikun possibbli li jingħata nifs ġdid fl-istruttura ekonomika ta' reġjun billi jinħolqu alternattivi ġodda għall-ħidma ekonomika.
- għ) Huwa importanti li l-iżvilupp ta' "gruppi" reġjonali jitmexxa 'l quddiem billi jtkattar it-tkabbir ta' l-oqsma tat-tagħrif u tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni, industrij kreattivi, u industrij b'bażi teknoloġika b'saħħitha, biex dawn ikunu jstgħu jkabbri l-potenzjali reġjonali u l-ħiliet, waqt li jmexxu 'l quddiem il-kapaċità ta' reġjun biex dan iħajjar kumpanniji u jinkuraġġihom jibqgħu hemm. Dan jgħin biex ikun żgurat li l-bidla industrijali u r-ristrutturar ikunu jiġġeneraw kompetittività reġjonali aktar b'saħħitha, koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali akbar, u aktar xogħol.
- Ikun importanti ħafna li studji reġjonali jkomplu jsiru u li jittieħdu passi flimkien ma' gvernijiet nazzjonali u reġjonali biex jiffassal il-mod kif jintuża b'mod sħiħ il-potenzjal ta' reġjun biex dan jibni "grupp".
- h) Għandha titqies ukoll l-esperjenza pożittiva ta' qabel bi programmi settorjali, bħalma huma Rechar, Resider u Retext, fil-formulazzjoni ta' politika għall-immodernizzar industrijali tar-reġjuni biex isir użu sħiħ tal-potenzjal tagħhom għall-iżvilupp.
- h) Il-Kummissjoni għandha tkompli ġġedded u tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-politika industrijali bil-ħsieb li tarmonizza r-regoli tagħha skond il-kuntest dinji ġdid. Hawnhekk, il-KESE jilqa' l-proposta riċenti li terġa' tiġi trattata l-politika industrijali, li kienet ġiet ippreżentata fl-20 ta' April 2004. (1) Huwa importanti ħafna li jkun żgurat li l-politika industrijali tkun ikkoordinata mal-politika l-oħra tal-Komunità, l-aktar dik ambjentali.
- ie) L-Ewropa għandha tkun konformi sew ma', u tinforza, ir-regoli ta' l-OIX (ILO); jekk ma jsir xejn biex jitwaqqaf "ir-rimi soċjali u fiskali" finhawi oħra li ma jkunux iħaddmu r-regoli tas-suq b'mod indaqs, din tista' tispiċċa fi kriżi ekonomika minħabba nuqqas ta' kompetittività min-naħa tal-kumpanniji Ewropej.
- i) L-Ewropa għandha taħdem fuq ix-xenarju dinji billi turi livelli għoljin ta' ħiliet tekniċi, teknoloġiċi u umani. Iżda biex tagħmel hekk din għandha tittratta mill-ġdid il-politika tagħha biex tappoġġja r-riċerka, u l-aktar il-kapital uman. Instab li minn madwar 14,000 riċerkatur Ewropew li jtilqu biex imorru jistudjaw fl-Istati Uniti, madwar 3,000 minnhom biss jerġgħu lura lejn l-Ewropa. Din hija sitwazzjoni serja ħafna li teħtieġ miżuri immedjati. Pass wieħed fid-direzzjoni t-tajba huwa l-inizjattiva "Reġjuni għall-Cherf" (KnowREG), li taħthom kien ġie deċiż fis-27 ta' April 2004 li jitwaqqfu 14-il proġett pilota biex imexxu 'l quddiem l-ekonomija ta' l-għerf fuq livell lokali u reġjonali.
- j) Il-Kunsill Ewropew għandu jstabbilixxi rabta ċara bejn l-għanijiet tal-kompetittività u dawk ta' l-għerf min-naħa waħda, u l-politika reġjonali tal-ġejjieni min-naħa l-oħra.

Brussel, it-30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

(1) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: "It-Tkattir tal-bidla strutturali: politika industrijali għal Ewropa wara t-tkabbir" (KOM(2004) 274)

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħaddiema Immigrati

(2004/C 302/12)

Fid-29 ta' Jannar 2004 il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, skond l-Artikolu 29(2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni dwar "il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħaddiema Immigrati".

It-Taqsima tax-Xogħol, Affarijiet Soċjali u Ċittadinanza, li kienet responsabbli biex tipprepara x-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett addottat l-opinjoni tagħha fl-14 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien is-Sur Pariza Castaños.

Fis-sessjoni plenarja Nru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta' Ġunju 2004), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew addotta din l-opinjoni b'162 vot favur, 3 kontra u 11-il astensjoni.

1. Daħla

1.1 Il-konvenzjoni ġiet addottata mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fir-riżoluzzjoni tagħha Nru. 45/158 tat-18 ta' Diċembru 1990. Daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2003 wara ratifika mill-ewwel 20 stat. S'issa, 25 stat irratifikaw il-konvenzjoni⁽¹⁾. Kif inhu huwa trattat internazzjonali li jista' jiġi għal kollox inforzat u li għandu jiġi osservat mill-Istati firmatarji.

1.2 L-għan tal-konvenzjoni huwa li jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni mad-dinja kollha li jemigraw għal skopijiet ekonomiċi jew raġunijiet relatati ma' l-impieg permezz ta' leġiżlazzjoni xierqa u Prattika nazzjonali tajba. Il-bażi komuni għal tali leġiżlazzjoni internazzjonali dwar il-prattiki fil-migrazzjoni għandha tkun il-promozzjoni tad-demokrazzija u d-drittijiet tal-bniedem. Il-Konvenzjoni tissalvagwardja wkoll il-bilanċ bejn is-sitwazzjonijiet differenti kemm fil-pajjiżi ta' l-oriġini kif ukoll fil-pajjiżi li jilqgħu.

1.3 Din il-konvenzjoni hija waħda mis-seba' trattati internazzjonali tal-Ġnus Magħquda li jirregolaw id-drittijiet tal-bniedem. Hija tagħraf illi xi drittijiet bażiċi tal-bniedem, kif definiti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem għandhom jiġu ggarantiti fuq livell internazzjonali għall-ħaddiema immigrati kollha u għall-familji tagħhom. Hija tikkodifika d-drittijiet tal-ħaddiema u tal-ħaddiema immigrati kollha b' mod komprensiv u universali, a bażi tal-prinċipju tat-trattament ugwali. Hija tistabbilixxi dawk id-drittijiet li għandhom jingħataw lill-immigrati li jinsabu f' sitwazzjoni regolari u irregolari, filwaqt li tistabbilixxi standards minimi ta' ħarsien bħala drittijiet ċivili, ekonomiċi, politiċi, soċjali u ta' l-impieg u tagħraf li l-ħaddiema immigrati għandu jkollhom drittijiet fundamentali li jiġu ssalvagwardjati bir-regoli internazzjonali.

1.4 Din il-konvenzjoni tkompli tiżviluppa konvenzjonijiet ta' l-ILO⁽²⁾ billi testendi l-qafas legali għall-immigrati mad-dinja

(1) L-Azerbajjan, Belize, il-Bolivja, il-Bożnja-Herżegovina, Burkina Faso, Cape Verde, il-Kolombja, l-Ekwador, l-Eġittu, El Salvador, il-Gana, il-Gwatemala, Guinea, Kirgiztan, il-Mali, il-Messiku, il-Marokk, il-Filippini, Senegal, Seychelles, Sri Lanka, it-Tajikistan, Timor tal-Lvant, l-Uganda, l-Urugwaj.

(2) Konvenzjoni Nru. 97 ta' l-1949 u Konvenzjoni Nru. 143 ta' l-1975.

kollha, u tippromwovi t-trattament ġust għall-immigrati u tipprova trażżan l-esplojtazzjoni ta' l-immigrati rregolari. Hija tha-res lejn il-proċess sħiħ tal-migrazzjoni, mill-edukazzjoni, l-għażla, it-tluq, it-transitu u r-residenza fil-pajjiż ta' l-impieg sa r-ritorn u l-istabbiliment mill-ġdid fil-pajjiż ta' l-oriġini.

1.5 L-istati individwali huma responsabbli biex jimmaniġġjaw il-movimenti migratorji. Il-KESE tappoġġja l-perspettiva tas-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda u hija favorevoli lejn kooperazzjoni aħjar bilaterali, reġjunali u internazzjonali bejn pajjiżi ta' l-oriġini u l-pajjiżi li jilqgħu. Il-konvenzjoni la tippromwovi u lanqas tamministra l-movimenti migratorji, iżda timmira biss illi tiggarrantixxi l-għarfien universali tad-drittijiet umani bażiċi u ssaħħaħ il-ħarsien tagħhom fid-dinja kollha.

1.6 Il-konvenzjoni tqis is-sitwazzjonijiet amministrattivi possibbli ta' l-immigrati f'modi differenti: tiggarrantixxi l-ħarsien tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem għall-individwi kollha, u tapplika d-drittijiet bi skop usa' għall-immigrati legali.

1.7 Permezz ta' din il-konvenzjoni, il-komunità internazzjonali u l-Ġnus Magħquda reġgħu asserixxew ix-xewqa tagħhom li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-Istati sabiex jitrażżnu u jiġu meqruda t-traffikar u l-impjegji klandestini ta' immigrati li jinsabu f'sitwazzjoni rregolari, kif ukoll li l-ħarsien tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem tiġi estiża mad-dinja kollha⁽³⁾.

2. Drittijiet ta' l-immigrati

2.1 Il-konvenzjoni timmira li tiggarrantixxi t-trattament ugwali u l-istess kondizzjonijiet legali għall-ħaddiema immigrati bħall-ħaddiema nazzjonali. Dan jimplika:

— Li jiġu evitati livelli ta' l-għixien u kundizzjonijiet tax-xogħol inumani, abbuż fiżiku u sesswali u trattament degradanti, li jinkludi l-iskjavità (Artikoli 10, 11, 25, 54);

(3) Skond l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, bħalissa 175 miljun persuna tgħix f' pajjiż li mhux ixiel il-pajjiż tat-twelid jew fejn għandu n-nazzjonalità.

- garanzija tad-drittijiet ta' l-immigrati għal-libertà tal-ħsieb, ta' l-espressjoni u tar-reliġjon (Artikoli 12, 13);
- għarfien tad-drittijiet ta' l-immigrati għall-privatizza u s-sigurtà personali (Artikoli 14, 15, 16);
- l-istabiliment ta' l-aċċess għal assistenza legali effettiva permezz ta' proċeduri legali ekwi li jggarantixxu d-dritt għall-ugwaljanza fil-liġi u d-dritt tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u li fihom jiġu applikati proċeduri legali xierqa għall-immigrati u jingħataw servizzi ta' interpretazzjoni (Artikoli 18, 19, 20);
- garanzija ta' l-aċċess għall-informazzjoni lill-immigrati dwar id-drittijiet tagħhom (Artikoli 33, 37);
- garanzija ta' l-aċċess indaqs għall-edukazzjoni u s-servizzi soċjali għall-immigrati kollha (Artikoli 27, 28, 30, 43 to 45, 54);
- għarfien tad-dritt ta' l-immigrati li jieħdu sehem u jipparteċipaw fit-trade unions (Artikoli 26, 40).

2.2 Il-konvenzjoni tistipula wkoll li l-immigrati għandu jkollhom id-dritt li jżommu l-kuntatt mal-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom. Dan jimplika:

- li jiġi żgurat li l-immigrati jistgħu jmorru lura fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom jekk jixtiequ u jitħallew kultanti iżuruhom u jżommu konnessjonijiet kulturali (Artikoli 8, 31, 38);
- li tiġi garantita l-parteeċipazzjoni politika ta' l-immigrati fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom (Artikoli 41, 42);
- li jiġi ssalvagwardjat id-dritt ta' l-immigrati li jittrasferixxu d-dħul lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom (Artikoli 32, 46, 48).

2.3 Il-konvenzjoni hija bbażata fuq il-prinċipju fundamentali li jiġi żgurat livell minimu ta' ħarsien għall-immigrati kollha. Hija tqis iż-żewġ sitwazzjonijiet li jistgħu possibilmint jinsabu fihom il-ħaddiema immigrati (regolari u irregolari), u tistabbilixxi serje ta' drittijiet bi skop usa' għall-immigrati legali u tagħraf xi drittijiet bażiċi għall-immigrati illegali.

2.4 Il-konvenzjoni tipproponi li jittieħdu inizjattivi sabiex l-immigrazzjoni illegali tiġi eradikata, prinċipalment billi telimina l-informazzjoni li tista' tikkrea disgwid użata biex in-nies jitqarrqu f' immigrazzjoni irregolari u billi timponi sanzjonijiet fuq it-traffikanti u fuq min iħaddem l-immigrati mhux dokumentati.

2.5 Hija tistabbilixxi Kumitat għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Immigrati kollha u l-Membri tal-Familja tagħhom, jikkonsisti f' għaxar esperti li għandhom jiġu appuntati mill-istati partijiet u li għandu jissorvelja l-applikazzjoni tal-konvenzjoni.

3. Il-pajjiżi tal-punent għadhom ma rratifikawx il-konvenzjoni

3.1 L-immigrazzjoni internazzjonali hija konsegwenza tan-nuqqas kbir ta' ugwaljanza ekonomika u soċjali bejn il-pajjiżi għonja tat-tramuntana u l-pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw. Dan in-nuqqas ta' ugwaljanza qiegħed jikber fis-sistema ekonomika tal-lum li dejjem qiegħda ssir aktar globalizzata. U xorta, il-parti l-kbira ta' daww il-pajjiżi li s'issa rratifikaw il-konvenzjoni huma l-pajjiżi ta' l-oriġini ta' l-immigrati. L-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kanada, l-Awstralja, il-Ġappun u l-pajjiżi li jifdal fil-punent, li jospitaw numru kbir ħafna ta' immigrati⁽¹⁾, s' issa la rratifikaw u lanqas iffirmaw⁽²⁾ il-konvenzjoni.

3.2 L-Unjoni Ewropea, li hija ħerqana li tistabbilixxi regoli internazzjonali f' numru kbir ta' oqsma (fil-kummerċ internazzjonali għewwa l-ODK, fl-ambjent permezz ta' Kyoto, u oħrajn), għandha wkoll tiżgura illi d-drittijiet bażiċi ta' l-immigrati jiġu ggarantiti permezz ta' regoli internazzjonali.

4. Il-politika ta' l-immigrazzjoni għewwa l-Unjoni Ewropea

4.1 L-Unjoni Ewropea hija żona fejn id-drittijiet umani huma appoġġati u mħarsa u jiġu applikati ħafna mill-istrumenti legali internazzjonali tal-Ġnus Magħquda. L-Unjoni Ewropea għandha wkoll l-istrumenti tagħha f'dan il-qasam, bħall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

4.2 L-Unjoni Ewropea żviluppat ukoll serje ta' strumenti legali biex tikkumbatti d-diskriminazzjoni⁽³⁾. Minkejja dan, diversi esperti, inkluż iċ-Ċentru Ewropew għas-Sorveljanza fuq ir-Razzizzmu u x-Xenofobija, irrappurtaw li xi immigrati sofwew diskriminazzjoni rigward il-kundizzjonijiet tax-xoġhol tagħhom.

⁽¹⁾ 55 % ta' l-immigrati tad-dinja jgħixu fl-Amerika ta' Fuq u fl-Ewropa tal-punent.

⁽²⁾ L-istati firmatarji huma stati li indikaw ix-xewqa tagħhom li jsiru membri tal-konvenzjoni fil-futur, bħaċ-Ċili, il-Bangladexx, it-Turkija, Komoros, Guinea-Bissau, il-Paragwaj, São Tomé and Príncipe, Sierra Leone, Burkina Faso u t-Togo.

⁽³⁾ Direttiva 2000/43 u Direttiva 2000/78.

4.3 Minn żmien il-Kunsill Ewropew ta' Tampere, l-Unjoni Ewropea kienet fil-proċess li tabbozza leġislazzjoni komuni li tkopri l-eżilju politiku u l-immigrazzjoni. Tampere stabilixxa bażi politika soda li tippermetti lill-Unjoni tarmonizza l-leġislazzjoni tagħha rigward l-immigrazzjoni u l-eżilju politiku u ttejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex timmaniġġja l-immigrazzjoni aħjar. Minbarra dan, intlaħaq qbil f'Tampere rigward il-ħtieġa li jiġi ggarantit trattament ugwali għall-individwi kollha u li tiġu żviluppata politika għall-promozzjoni ta' l-integrazzjoni u l-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni.

4.4 Il-Kummissjoni fformolat diversi proposti leġislattivi li, madankollu, ġew irrezistiti b'mod konsiderevoli mill-Kunsill⁽¹⁾. Erba' snin wara, ir-riżultati għadhom fqar: il-leġislazzjoni li ġiet addottata hija diżappuntanti u tbiegħdet konsiderevolment mill-għanijiet ta' Tampere, mill-proposti tal-Kummissjoni, mill-opinjoni tal-Parlament u mill-pożizzjoni tal-KESE. Is-sistema kurrenti wżata fil-Kunsill biex jiġu addottati l-ftehim tippermetti li l-proposti jiġu mblukkati. Dan, flimkien ma' l-attitudnijiet ta' xi gvernijiet, jagħmilha diffiċli ħafna li jintlaħaq ftehim.

4.5 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sejjaħ lill-Kunsill permezz ta' serje ta' opinjonijiet sabiex jaġixxi b'responsabbiltà akbar u jaddotta metodu aktar kostruttiv fuq bażi tal-koperazzjoni mtejjba. Qiegħed isir dejjem aktar neċessarju li l-Unjoni Ewropea jkollha leġislazzjoni komuni xierqa biex tkun tista' timmaniġġja l-immigrazzjoni b'mod legali u trasparenti.

4.6 Il-KESE abbozzat diversi opinjonijiet⁽²⁾ li fihom hija thegġegħ lill-Unjoni Ewropea taddotta politika li tiżgura li l-immigrazzjoni ekonomika tiġi pproċessata mit-toroq legali korretti, li tiġi mrażżna l-immigrazzjoni irregolari u li jieqaf it-traffikar illegali tan-nies.

4.7 Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-approvazzjoni tad-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul, residenza u aċċess għall-impieg, għall-immigrati, li hija bbażata fuq il-proposta tal-Kummissjoni⁽³⁾ u tikkunsidra l-opinjoni tal-KESE⁽⁴⁾, issa saret kwistjoni ta' urġenza.

4.8 Il-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u l-impieg⁽⁵⁾, li fiha tipproġetta li l-immigrazzjoni fuq xogħol lejn l-Unjoni Ewropea ser tiżdied b' mod konsiderevoli fis-snin li ġejjin u li għalhekk tkun meħtieġa leġislazzjoni xierqa li tippermetti li l-immigrazzjoni tiġi mmaniġġjata f' qafas legali. Il-Kummissjoni tgħid ukoll li jkun meħtieġa policies dwar l-integrazzjoni li jiffukaw fuq il-popolazzjoni immigrati u li jipprovwaw jeliminaw kull forma ta' esplojtazzjoni u diskriminazzjoni.

(1) Sa mill-1994, il-Kummissjoni, fil-White Paper dwar il-Politika Soċjali Ewropea (COM(1994) 333 final), irrakomandat li l-Istati Membri jirratifikaw din il-Konvenzjoni.

(2) Ara l-opinjonijiet tal-KESE dwar l-għaqda mill-ġdid tal-familji, ĠU C 204 tat-18.7.2000 u ĠU C 241 tas-7.10.2002; dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar politika ta' l-immigrazzjoni Komunitarja, ĠU C 260 of 17.9.2001; dwar l-istat ta' residenti fit-tul, ĠU C 36 of 8.2.2002; dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza għall-iskop ta' impieg bil-ħlas, ĠU C 80 tat-3.4.2002; dwar politika komuni dwar l-immigrazzjoni illegali, ĠU C 149 tat-21.6.2002; dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza għall-iskop ta' studju, tahrir vokazzjonali jew servizzi volontarji, ĠU C 133 tas-6.6.2003; u dwar l-aċċess għaċ-ċittadinanza Ewropea, ĠU C 208 of 3.9.2003.

(3) Cf. ĠU C 332 tas-27.11.2001.

(4) Opinjoni tal-KESE f' ĠU C 80 tat-3.4.2002 (rapporteur Is-Sur Pariza Castaños).

(5) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2003) 336 finali u opinjoni tal-KESE fil-ĠU C 80 tat-30.03.2004 (rapporteur Is-Sur Pariza Castaños).

4.9 Xi leġislazzjoni nazzjonali dwar l-immigrazzjoni mhiex għal kollox skond il-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem applikabbli, u xi Direttivi Ewropej (per eżempju, dwar l-għaqda mill-ġdid tal-familji) anke jitqiesu minn diversi OMG u mill-Parlament Ewropew bħala kuntrarji għad-drittijiet bażiċi tal-bniedem. Il-KESE jemmen illi l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem eżistenti kif ukoll il-Karta ta' l-UE tad-Drittijiet Fundamentali għandhom ikunu l-baży ta' l-istruttura sħiħa leġislattiva Ewropea fejn tidħol l-immigrazzjoni.

5. Il-valuri globali ta' l-Unjoni Ewropea

5.1 Dan l-aħħar, l-Istati Uniti kienet qiegħda tiżviluppa metodu unilaterali għat-tmexxija ta' l-affarijiet internazzjonali. Bħala riżultat ta' din is-sitwazzjoni, is-sistema sħiħa tal-Ġnus Magħquda qiegħda tiffaċċja problemi serji. B'riżultat ta' dan, l-unika sistema eżistenti bħalissa li fiha jistgħu jiġu mffitxija soluzzjonijiet multilaterali għal kunflitti internazzjonali permezz tal-kooperazzjoni, tinsab fil-periklu.

5.2 Minkejja li qed tiltaqa' ma diffikultajiet kbar, l-Unjoni Ewropea qiegħda tifformola l-politika barranija komuni tagħha li fiha l-Ġnus Magħquda jkollha rwol essenzjali. It-Trattat Kostituzzjonali tal-futur ser jikkonsolida dan il-mandat tal-politika esterna bħala wieħed mill-funzjonijiet tal-Komunità.

5.3 Ir-relazzjonijiet esterni ta' l-Unjoni Ewropea huma bbażati fuq il-multilateraliżmu u kompromess attiv fil-Ġnus Magħquda. F' document reċenti⁽⁶⁾ il-Kummissjoni Ewropea sostniet illi: "L-isfida li l-ĠM qiegħda tiffaċċja bħalissa hija ċara: ir-'regolamentazzjoni globali' tibqa' dgħafa jekk l-istituzzjonijiet multilaterali ma jistgħux jiżguraw implimentazzjoni effettiva tad-deċizzjonijiet u tar-regoli tagħhom – kemm fl-isfera ta' 'politika għolja' tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, kif ukoll fl-implimentazzjoni Prattika tar-rabtiet li saru f' konferenzi reċenti tal-ĠM fl-oqsma soċjali, ekonomiċi u ambjentali. L-UE għandha responsabbiltà partikolari f' dan ir-rigward. Minn banda, irrendiet lill-multilateraliżmu bħala prinċipju kostanti tar-relazzjonijiet esterni tagħha. Min-naħa l-oħra, tista' u għandha sservi bħala mudell lill-oħrajn fl-implimentazzjoni – u anke oltre – tar-rabtiet internazzjonali tagħha".

5.4 Il-globalizzazzjoni qiegħda tiġġenera opportunitajiet ġodda u problemi ġodda għar-regolamentazzjoni globali⁽⁷⁾. Bħalissa, l-immigrazzjoni timplika problemi maġġuri kemm għall-immigrati stess kif ukoll għall-pajjiżi ta' l-orijini u l-pajjiżi li jospitaw. L-isfida li niffaċċjaw hija li nittrasformaw dawn il-problemi f' opportunitajiet għal kulħadd, għall-immigrati, għall-pajjiżi ta' l-orijini u għall-pajjiżi li jospitaw. Il-multilateraliżmu u l-kooperazzjoni internazzjonali huma t-triq lejn regolamentazzjoni globali tajba, għal sistema ta' regoli u istituzzjonijiet stab-biliti mill-komunità internazzjonali u magħrufa universalment.

(6) COM(526) 2003, "L-Unjoni Ewropea u l-Ġnus Magħquda: L-għażla tal-multilateraliżmu".

(7) "L-immaniġġjar tal-globalizzazzjoni – l-unika għażla għall-aktar vulnerabbli."

5.5 Kif qal Kofi Annan, Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, fil-Parlament Ewropew tad-29 ta' Jannar 2004, il-koopezzjoni internazzjonali huwa l-aħjar metodu biex tiġi mmaniġġjata ż-żieda fl-immigrazzjoni fis-snin li ġejjin. "Nistgħu nibnu relazzjoni bejn il-pajjiżi li qed jilqgħu u dawk li jibagħtu fl-interessi tat-tnejn; nesploraw l-innovazzjonijiet biex l-immigrazzjoni tkun kaġun ta' l-iżvilupp; nikkumbattu l-kuntrabandu u t-traffikanti; u naqblu dwar standards komuni għat-trattament ta' l-immigrati u biex tiġi mmaniġġjata l-immigrazzjoni bil-koopezzjoni biss – bilaterali, reġjonali u globali".

5.6 L-Ewropa hija żona ta' libertà, demokrazija u rispett għad-drittijiet tal-bniedem tal-popli kollha. Sabiex insaħħu dawn il-valuri fil-futur, l-Istati Membri ta' l-UE għandhom jirratifikaw il-konvenzjonijiet internazzjonali li jħarsu dawk id-drittijiet bażiċi tal-bniedem u l-preċetti legali tagħhom għandhom jiġu inkorporati fil-leġislazzjoni kemm Komunitarja kif ukoll nazzjonali.

5.7 L-Artikolu 7 ta' l-abbozz tal-Kostituzzjoni għall-Ewropa tappoġġa l-adeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Il-KESE tappoġġa dan. Il-KESE tappoġġa wkoll l-inklużjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni fil-Kostituzzjoni, li toħloq bażi komuni għad-drittijiet tan-nies kollha ġewwa l-Unjoni.

5.8 Dawn il-valuri għandhom ukoll isiru parti integrali tar-relazzjonijiet interni ta' l-Unjoni. L-Ewropa għandha tipprom-

wovi l-ħolqien ta' korp ġudizzjarju komuni għall-ħarsien fid-dinja kollha tad-drittijiet bażiċi tan-nies kollha, irrISPETTIVAMENT mill-orijini nazzjonali u l-post tar-residenza, fuq bażi tal-konvenzjonijiet internazzjonali li saru mill-Ġnus Magħquda.

6. Proposta tal-KESE

6.1 Skond l-opinjoni li fformolat dwar il-politika ta' l-immigrazzjoni Ewropea u b' appoġġ ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iħeġġeġ lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Immigrati Kollha u l-Membri tal-Familja tagħhom, li għet approvata mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fir-risoluzzjoni Nru 45/158 tat-18 ta' Diċembru 1990, u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2003.

6.2 Il-KESE ssejjaħ lill-President tal-Kummissjoni u l-President kurrenti tal-Kunsill biex jieħdu l-inizjattivi politiċi meħtieġa biex jiżguraw li l-Istati Membri jirratifikaw din il-konvenzjoni fl-24 xahar li ġejjn u li l-UE tirratifikaha wkoll hekk kif il-Kostituzzjoni tagħtiha s-saħħa li tiffirma ftehim internazzjonali. Biex tiġi ffaċilitata r-ratifika, il-Kummissjoni għandha twestaq studju li janalizza l-leġislazzjoni nazzjonali u Komunitarja rigward il-konvenzjoni. Iktar minn hekk, l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili se jissieħbu mal-KESE u l-Kummissjoni biex iħeġġu r-ratifikazzjoni.

Brussel, 30 ta' Ġunju, 2004

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar it-tema “It-tieni pilastru tal-PAK: il-perspettivi ta’ adattament tal-politika ta’ l-iżvilupp tat-territorji rurali (Is-segwitu tal-konferenza ta’ Salzburg)”

(2004/C 302/13)

Nhar id-29 ta’ Jannar 2004, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond l-Artikolu 29, paragrafu 2 tar-Regolament Intern tiegħu, iddeċieda li jħejji opinjoni fuq inizjattiva tiegħu stess dwar is-suġġett li ġej: “ it-tieni pilastru tal-PAK: il-perspettivi ta’ adattament tal-politika ta’ l-iżvilupp tat-territorji rurali (Is-segwitu tal-konferenza ta’ Salzburg)”.

Is-sezzjoni speċjalizzata “Agrikoltura, żvilupp rurali, ambjent”, ġiet mitluba tħejji x-xogħlijiet tal-Kumitat f’dan is-suġġett.

Permezz ta’ ittra bid-data tat-3 ta’ Mejju 2004 indirizzata lill-KESE mis-Sur Silva Rodriguez, DĠ Agrikoltura, il-Kummissjoni Ewropea wriet ix-xewqa li ssir taf dwar il-pożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar dan is-suġġett fl-iqsar żmien possibli. Minħabba l-urġenza tax-xogħlijiet, matul is-sessjoni plenarja numru 410 tat-30 ta’ Ġunju u l-1 ta’ Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta’ Ġunju 2004) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħatar lis-Sur Gilbert BROS bħala rapporteur ġenerali* u adotta din l-opinjoni b’127 vot favur u 9 astensjonijiet.

1. Introduzzjoni

1.1 Il-Kummissjoni organizzat konferenza f’Novembru 2003, f’Salzburg, dwar il-futur tal-politika komunitarja ta’ l-iżvilupp rurali fil-perspettiva tat-tkabbir ta’ l-Unjoni Ewropea. Din il-konferenza tat lok, fid-dawl ta’ dik ta’ Cork favur “qafas rurali viventi”, sabiex:

- tiġbor l-atturi prinċipali involuti fit-tnejn u t-tweġġ tal-politika ta’ l-iżvilupp rurali;
- tipproponi, f’dikjarazzjoni, l-orjentazzjonijiet politiċi prinċipali ta’ l-atturi ta’ l-iżvilupp rurali;
- tgħid b’mod preċiż liema huma l-assi ta’ intervent ta’ “fond rurali” il fuq mid-dibattitu dwar il-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007-2013.

Hu għalhekk li l-Kumitat jipproponi li r-riflessjoni dwar l-adattamenti tal-politika ta’ żvilupp tat-territorji rurali għall-perjodu 2007-2013 isserraħ fuq il-konklużjonijiet ta’ din il-konferenza.

1.2 Wara li jitkellem dwar il-fatt li t-tkabbir ta’ l-Unjoni Ewropea jintroduċi diversità ħafna akbar ta’ territorji rurali, u aktar minn hekk dwar l-importanza tal-kwistjoni soċjali u tax-xogħol fl-Istati membri ġodda, il-Kumitat iqis li jaqbel li tiġi ikkunsidrata l-koerenza u l-artikolazzjoni bejn il-politika reġjonali u t-tieni pilastru tal-PAK.

1.3 Il-Kummissjoni ippubblikat żewġ dokumenti li jippreżentaw il-perspettivi finanzjarji għall-perjodu ta’ programmazzjoni futur u t-tielet rapport dwar il-Koeżjoni. Minn dawn iż-żewġ dokumenti jidher li l-politika reġjonali tidħol bis-siġħ fl-istrateġija ta’ Lisbona favur ekonomija kompetittiva u ta’ l-

għarfien u l-politika futura dwar l-iżvilupp rurali tinsab frubrika bl-isem ta’ “Żvilupp sostenibbli u l-ħarsien tar-riżorsi naturali” li tirreferi għall-istrateġija ta’ żvilupp sostenibbli. Din ir-rubrika tinkludi wkoll l-ewwel pilastru tal-PAK u l-programmi komunitarji tal-ħarsien ta’ l-ambjent.

1.4 Il-konklużjonijiet tas-Summit Ewropew ta’ Goteborg, tal-15 ta’ Ġunju 2001, taw lok għall-adozzjoni ta’ strateġija Ewropea favur l-iżvilupp sostenibbli, li fiha jiġi ppreċiżat li Politika Agrikola Komuni “...fost l-oħrajn għandha tipprevedi sabiex tagħti kontribut għal żvilupp sostenibbli billi qabel kollox theg-geġ il-prodotti tajbin u ta’ kwalità għolja, u metodi ta’ produzzjoni ekoloġikament viabbli...”.

1.5 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill “Biedja u Sajd” tal-Lussemburgu ta’ l-20 ta’ Ġunju 2003 jikkonfermaw tisħiħ tat-tieni pilastru tal-PAK bil-għan li “... ssir promozzjoni ta’ l-ambjent, tal-kwalità u tas-saħħa ta’ l-annimali u biex il-bdiewa jkun meħjuna ħalli jikkonformaw man-normi ta’ produzzjoni Ewropea li se jidhru fis-seħħ fl-2005”. Hu għalhekk li din l-opinjoni fuq inizjattiva tal-Kumitat stess trid tanalizza u tapprofondixxi r-riflessjoni dwar it-tliet assi ta’ azzjoni msemmija f’Salzburg, jiġifieri agrikoltura kompetittiva, il-ħarsien ta’ l-ambjent u l-kontribut għal koeżjoni ekonomika u soċjali fit-territorji rurali.

1.6 L-atturi ta’ l-iżvilupp rurali saħqu wkoll fid-dikjarazzjoni finali ta’ Salzburg li kien hemm bżonn u urġenza ta’ simplifikazzjoni tal-politika komunitarja ta’ l-iżvilupp rurali. Din is-simplifikazzjoni fl-istess ħin kellha tagħti responsabilitajiet lill-imsieħba tal-programmi sabiex l-istrateġija jiġu definiti u mwettqa.

1.7 Il-Kumitat għalhekk ippropona li jeżamina, fil-qafas ta' l-opinjoni ta' inizjattiva, il-koerenza bejn il-politika reġjonali futura u l-politika ta' żvilupp rurali futura sabiex jiġu limitati "ż-żoni griżi", sabiex il-proposta tat-tliet assi futuri li jiffurmaw il-politika ta' żvilupp rurali tiġi approfondita u biex jinstabu l-elementi ta' simplifikazzjoni amministrattiva.

A. IL-KUMPLIMENTARJETA' BEJN POLITIKA TA' ŻVILUPP REĠJONALI U TA' ŻVILUPP RURALI

2. Il-politika reġjonali: mill-prinċipju ta' koeżjoni ekonomika u soċjali għall-prinċipju ta' solidarjeta' territorjali

2.1 L-adozzjoni ta' l-Att Uniku fl-1986 għaġġel il-proċess ta' integrazzjoni ta' ekonomiji ta' l-Istati Membri. Madankollu, id-diversità tal-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni tat-territorju ta' l-Unjoni Ewropea u l-kompetizzjoni bejniethom ħolqu l-premessi għal politika ta' koeżjoni li kellha twassal għar-reciprocity a' l-obbligi tas-Suq waħdieni għall-pajjiżi tan-nofsinar ta' l-Ewropa u r-reġjuni l-anqas favoriti. Wara dan, it-Trattat ta' Maastricht dwar l-Unjoni Ewropea, li daħal fis-seħħ fl-1993, ta dimensjoni istituzzjonali lill-politika ta' koeżjoni ekonomika u soċjali.

2.2 B'mod parallel, l-iżvilupp tar-relazzjonijiet kummerċjali ta' l-Unjoni u l-ftuħ progressiv tas-suq intern kompli żied il-kompetizzjoni fost ir-reġjuni Ewropej filwaqt li huma ma mhux kollha kellhom l-istess possibilitajiet. Għalhekk, matul is-snin Disgħin il-politika strutturali kellha tħabbat wiċċha ma' dawn l-isfidi li ġejjin:

— tnaqqas id-differenzi ta' l-iżvilupp bl-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħol fiż-żoni l-anqas favoriti;

— tikkompensa għan-nuqqasijiet tar-reġjuni li ma jibbenefikawx mill-istess possibilitajiet u aċċess għas-suq dinji;

— tappoġġja l-fatturi li jholqu l-ġid fiż-żoni l-anqas favoriti.

2.3 Billi tawlet l-elementi tal-politika strutturali eżistenti, ir-riforma deċiża fl-1999 (Aġenda 2000) kellha l-ħsieb li:

— tisħaq fuq trasferiment finanzjarju mir-reġjuni "l-aktar vantaġġjati" lejn ir-reġjuni li kienu lura fir-rata ta' tkabbir (tnaqqis tan-numru ta' għanijiet u 75 % tal-fondi ddedikati għall-għan 1),

— tiżviluppa r-relazzjonijiet ekonomiċi fost dawn ir-reġjuni (Interreg III),

— tappoġġja l-integrazzjoni tar-reġjuni li kienu lura fir-rata ta' żvilupp fis-suq waħdieni grazzi għall-fondi ta' koeżjoni.

2.4 Id-dikjarazzjoni tal-Ministri ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea responsabbli għall-Iżvilupp tat-territorju (Postdam, 10-11 ta' Mejju 1999) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Goteborg (Ġunju 2001) dwar id-definizzjoni ta' strateġija Ewropea favur l-iżvilupp sostenibbli jisħqu dwar il-bżonn ta' koeżjoni territorjali għal żvilupp tat-territoji ta' l-Unjoni Ewropea ekwibrat u sostenibbli. Dan il-proċess laħaq il-massimu meta l-Konvenzjoni ipproponiet, fl-Artikolu 3 tal-proġett ta' Kostituzzjoni għall-Ewropa, li tinkludi l-koeżjoni territorjali fl-għanijiet ta' l-Unjoni.

2.5 Aktar minn hekk, ir-Regolament Nru 1260/99 li jstipula d-dispożizzjonijiet ġenerali tal-fondi strutturali jagħraf li l-bini fuq potenzjal lokali f'żoni rurali jibqa' għan prinċipali għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp u l-adattament strutturali ta' reġjuni li waqgħu lura fir-rata ta' żvilupp.

2.6 Fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tal-prinċipji li jmexxu l-politika strutturali, jiġifieri l-appoġġ tat-tkabbir u l-iżvilupp li jtu, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ifakkru, fil-qafas tal-koeżjoni territorjali, li l-iżvilupp tat-territorji rurali għandu jibqa' wieħed mill-għanijiet prioritarji tal-politika reġjonali. Barra minn hekk, il-problemi tal-ħolqien tax-xogħol, tat-tagħlim kontinwu u ta' l-aċċess għal teknoloġiji ta' informazzjoni ġodda fil-qasam rurali għandhom isibu r-risposti tagħhom f'din il-politika.

3. Il-politika ta' l-iżvilupp rurali: mill-"Ewropa Ambjentali għall-Kompromess ta' Lussemburgu"

3.1 Il-bidliet li saru fl-agrikoltura matul dawn l-aħħar ham-sin sena kienu sostanzjali. Maż-żmien inħoloq mudell ta' evoluzzjoni tal-politika komunitarja ta' l-istrutturi agrikoli. Mill-1962 sa l-1972, l-intervent komunitarju kien limitat għall-kordinazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni tas-swieq, peress li dawn kienu fil-proċess ta' ħolqien tagħhom. Mill-1972 sa' l-1985, ħarġu żewġ kategoriji ta' azzjonijiet supplementari kbar: minn naħa l-azzjonijiet orizzontali, applikabbli fl-Istati Membri kollha (formazzjoni professjonali, irtirar minn kmieni...), minn naħa l-oħra l-azzjonijiet reġjonali maħsuba biex itaffu n-nuqqasijiet naturali strutturali u biex itejbu l-agrikoltura kollha.

3.2 Mill-1985 sa' l-1999, il-politika strutturali agrikola evolviet fid-dimensjoni agrikola ta' l-istrategġija politika l-għdida bħala riżultat ta' numru ta' fatturi, jiġifieri ir-riċerka għal bilanċ bejn it-tijib neċessarju fil-kompetittività tas-settur agrikolu Ewropew minn naħa u l-adattament tal-produzzjoni potenzjali mal-kondizzjonijiet tas-suq minn naħa l-oħra, ħarsien ambjentali u l-iżvilupp ta' reġjuni anqas favoriti. Għalhekk il-politika strutturali mhux biss tinvolvi l-miżuri orizzontali, iżda tinkludi wkoll azzjonijiet maħsuba biex jipproteġu żoni rurali, iħarsu l-ambjent u jiżviluppaw infrastruttura rurali u turistika u attivitajiet ta' biedja.

3.3 Fuq il-bażi tal-konferenza ta' Cork, Aġenda 2000 ippermettiet it-tweġġ ta' politika integrata ta' l-iżvilupp rurali permezz taż-żewġ strumenti ġuridiċi (FEAGG Garanzija u FEAGG-Orjentazzjoni). Dawn huma maħsuba għal koerenza aħjar bejn il-politika ta' l-iżvilupp rurali (it-tieni pilastru tal-PAK) u l-politika tas-swieq (l-ewwel pilastru tal-PAK) billi jippromwovu, b'mod partikolari, id-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali.

3.4 Barra minn hekk, kienet introdotta l-għażla ta' modulazzjoni ta' għajjniet diretti. Hi tippermetti li jiżiedu l-mezzi finanzjarji għall-miżuri agro-ambjentali, ta' rtirar kmieni, ta' afforestazzjoni jew dawk maħsuba għaż-żoni anqas favoriti fuq l-għajjniet kompensatorji permezz ta' taxa fuq it-tnaqqis tal-prezzijiet istituzzjonali deċiżi fl-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli.

3.5 Ir-Regolament Nru 1257/99 rigward l-għajnuna għall-iżvilupp rurali mill-FEAGG jisħaq dwar il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

- il-miżuri ta' żvilupp rurali għandhom jakkumpanjaw u jikkumplementaw il-politika tas-swieq;
- it-tliet miżuri ta' akkompanjament stipulati mir-riforma tal-PAK fl-1992 għandhom jikkumplementaw ir-reġim favur izoni l-anqas favoriti (sfidi naturali) u taż-żoni sottomessi għal sfidi ambjentali;
- miżuri oħra ta' żvilupp rurali jistgħu jidħlu fil-programmi ta' żvilupp integrat favur ir-reġjuni ta' l-għanijiet Nru 1 u Nru 2.

3.6 Is-serje tat-22 miżura, li l-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-programm ta' għajjniet fil-qasam ta' l-iżvilupp rurali, tinqasam kif ġej fil-programm 2000-2006: 39,2 % għat-tijib tal-kompetittività u l-adattament ta' l-agrikoltura, 35 % għaż-żoni l-anqas favoriti u l-miżuri agro-ambjentali u 25,8 % għall-adattament u l-iżvilupp taż-żoni rurali.

3.7 Ir-riforma tal-PAK, adottata f'Ġunju 2003, saħħet waħda mill-missjonijiet tal-politika ta' żvilupp rurali, jiġifieri l-miżuri biex l-agrikoltura tiġi adattata għall-esiġenzi tas-soċjetà. Il-kamp

tal-miżuri twessa' sal-promozzjoni tal-kwalità tal-prodotti, it-tijib tal-livelli ta' produzzjoni (ambjent, saħħa ta' l-annimali), it-tweġġ ta' Natura 2000 u t-tisħiħ tal-miżuri favur l-involvement tal-bdiewa żgħażaġh.

3.8 Barra minn hekk, il-modulazzjoni issa hi obligatorja fuq livell Ewropew. Se tfisser trasferiment finanzjarju ta' kważi 1.2 biljun Ewro, f'sena sħiħa, mill-politika tas-swieq lejn il-politika ta' l-iżvilupp rurali.

3.9 Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, il-Kumitat jisħaq li t-tieni pilastru tal-PAK għandu jkollu bħala għan ewlieni l-appoġġ ta' l-agrikoltura fl-adattament tagħha biex tirrispondi għall-evoluzzjonijiet strutturali ta' l-istennija taċ-ċittadini.

3.10 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007-2013 tippreżenta budget stabbli u pjuttost baxx li jżomm il-livell tar-riżorsi ta' l-Unjoni Ewropea għal 1,24 % tal-PGD. Il-Kumitat jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni u jisħaq li tnaqqis tar-riżorsi komunitarji jkun sinjal ħażin fil-mument li fih it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea jkun qiegħed iseħħ.

3.11. Dan jgħodd ukoll għall-politika ta' żvilupp rurali. Fil-fatt, l-unika riżorsa "supplementari" għal din il-politika tkun l-applikazzjoni tal-modulazzjoni. Li tippermetti biss transfer finanzjarju bejn l-ewwel u t-tieni pilastru tal-PAK. Hu għalhekk li l-Kumitat bħalissa jitlob lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jagħtu l-mezzi finanzjarji adegwati għal din il-politika li tinsab fil-periklu li tiflew is-sustanza tagħha.

3.12 Fl-aħħar, il-politika ta' żvilupp rurali futura se titwettaq minn Kummissjoni għdida li se tinkludi 25 Kummissarju. Ġestjoni ta' żewġ pilastru tal-PAK minn Kummissarji distinti tirra-preżenta riskji ta' telf ta' koerenza serju bejn dawn iż-żewġ policies. Il-Kumitat jixtieq jisħaq dwar l-oppożizzjoni tiegħu għal kull volontà li jitħaddmu żewġ Direzzjonijiet ġenerali distinti u għall-ħatra ta' Kummissarju differenti għall-kwistjonijiet agrikoli u ta' l-iżvilupp rurali.

4. Ir-rwol tal-multifunzjonalità ta' l-agrikoltura fil-politika ta' l-iżvilupp rurali

4.1 Il-Kumitat diġa' fakkar, fl-opinjoni jiet li ħareġ qabel, li swieq agrikoli huma instabbli minnhom u sottomessi għal varjazzjonijiet fil-prezzijiet. Hu għalhekk, il-mekkaniżmi tar-regolamentazzjoni ta' l-offerta u tas-suq huma l-kondizzjoni sine qua non sabiex l-esplojtazzjonijiet agrikoli jkunu jistgħu jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' produzzjoni agrikola li ttul. Il-Kumitat jisħaq li ż-żamma ta' politika favur ir-regolamentazzjoni tas-swieq tal-prodotti agrikoli tgħin ukoll sabiex politika ta' żvilupp tat-territorji rurali tkun tista' tirnexxi.

4.2 Barra minn hekk, is-soppressjoni ta' relazzjoni bejn l-att ta' produzzjoni u l-appoġġ pubbliku għall-agrikoltura ġie introdott waqt l-aħħar riforma tal-PAK tas-26 ta' Ġunju 2003. Din l-evoluzzjoni ssaħħaħ il-bżonn ta' perspettiva ta' żvilupp ekonomiku ta' attivitajiet agrikoli sabiex ikun hemm konsiderazzjoni aħjar ta' esigjenzi ġodda bħall-biodiversità, il-manteniment ta' pajsaġġi speċifiċi jew il-ħolqien ta' impjiegi minn dan is-settur. B'hekk il-Kumitat jixtieq ifakkar li l-attività tal-produzzjoni agrikola l-ewwel u qabel kollox taħdem favur l-emerġenza tal-kampanji viventi peress li hi tippermetti l-iżvilupp ta' relazzjoni diretta bejn l-attivitajiet umani u t-territorji tagħhom.

4.2.1. Ir-rabta territorjali tas-sistemi ta' produzzjoni, il-mezzi ta' valorizzazzjoni tal-produzzjonijiet agrikoli, b'mod partikolari permezz ta' l-iżvilupp ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetta (DOP) u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-Produzzjoni (IĠP), u l-bejgħ dirett huma wħud mill-aspetti ta' multifunzjonalità ta' l-agrikoltura favur l-iżvilupp rurali.

4.3 Fl-Unjoni tal-25 Stat Membru l-agrikoltura se tirra-preżenta aktar minn 13-il miljun impjieg dirett u aktar minn 5 miljun impjieg indirett fis-settur marbut ma' l-agrikoltura. Dawn l-impjiegi huma marbuta mat-territorju bis-sħiħ minħabba n-natura tagħhom. U l-evoluzzjoni ta' l-iskambji intrakomunitarji lejn parti dejjem aktar dominanti ta' prodotti agroalimentari mibdula, issaħħaħ ir-relazzjoni bejn is-settur agrikolu u dak agroalimentari. Il-manteniment u t-tqassim ta' l-attività agrikola fit-territorji rurali b'hekk isiru priorità b'riskju li tkun fattur limitattiv għall-integrazzjoni taż-żoni rurali fl-ekonomija reġjonali.

4.4 L-attività agrikola se titwessa' għal 45 % tat-territorju Ewropew, jiġifieri 190 miljun ettaru (UE tas-27). Fl-2001, aktar minn 10 % ta' Wiċċ Agrikolu Utli (SAU) kien taħt miżuri agroambjentali. 15 % taż-żoni klassifikati taħt id-direttiva "ħarsien ta' l-ambjent u ta' l-għasafar" huma żoni agrikoli. U 38 % ta' l-artijiet agrikoli fl-UE tal-15 kienu msemmija bħala "żona vulnerabbli għan-nitrati". Dawn il-miżuri jirrispondu għal għanijiet lokali ta' manteniment ta' l-ambjent u/jew ta' żvilupp tat-territorju. Jidher ċar li l-attività agrikola dejjem se tokkupa post minn ta' quddiem fil-ġestjoni tat-territorji.

4.5 Il-Kumitat jixtieq ifakkar li l-aspetti multifunzjonali tal-produzzjoni agrikola jaħdmu, taħt diversi aspetti, għal manteniment ta' kampanja ħajja. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ifakkru dan qabel kull orjentazzjoni ġdida tal-politika ta' żvilupp rurali.

4.6 Filwaqt li jappoġġja l-konklużjonijiet tal-konferenza ta' Salzburg dwar id-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali, il-

Kumitat jisħaq li jkun jaqbel li jiġi evitat l-iżball ta' l-urbanizzazzjoni tal-kampanja, jiġifieri li l-istess azzjonijiet ta' żvilupp taż-żoni urbani jiġu applikati għaż-żoni rurali. Dwar dan, il-Kumitat bħalissa qiegħed iħejji opinjoni fuq inizjattiva dwar l-agrikoltura peri-urbana. Hu għalhekk li l-assi "diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali" fil-qafas ta' politika ta' żvilupp rurali għandu jikkonċentra dwar xi temi b'rabta mill-qrib ma' l-agrikoltura, b'mod partikolari s-servizzi għall-popolazzjoni agrikola li jtejjbu l-kondizzjonijiet ta' ħajja tagħhom, l-iżvilupp ta' l-agrituriżmu u l-appoġġ tal-pluriattività bbażata fuq attività agrikola.

5. L-ispeċifitajiet u l-limiti tal-politika ta' żvilupp rurali

5.1 Il-konklużjonijiet tat-tielet rapport dwar il-koeżjoni juru li d-differenzi kbar bejn ir-reġjuni fil-qasam tal-produzzjoni li ttul, tal-produttività u tal-ħolqien ta' l-impjiegi tirriżulta minn nuqqasijiet strutturali li jikkonċernaw il-fatturi prinċipali tal-kompetittività. Il-Kumitat jisħaq li l-politika ta' żvilupp rurali għandha tiġi ispirata wkoll minn dawn il-prinċipji sabiex tidħol ukoll fi programm ta' żvilupp strutturali tat-territorji rurali.

5.2 It-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea jsaħħaħ il-problematika ta' l-iżvilupp ekonomiku tat-territorji rurali minħabba l-preżenza qawwija tal-"qgħad moħbi" fl-Istati Membri ġodda. Dan ikompli jgerfex id-distinzjoni bejn il-politika reġjonali u dik ta' żvilupp rurali. Il-Kumitat jipproponi li t-tematiċi komuni għall-politika reġjonali u għall-iżvilupp rurali jkunu ppreċiżati fil-qafas ta' regolament ġdid dwar il-fondi strutturali u li n-numru ta' miżuri li jistgħu jkunu finanzjati minn waħda minn dawn il-policies ikun limitat sabiex dawn isiru aktar mifhuma.

5.3 Għalkemm l-agrikoltura ma tistax tasal, waħidha, biex tassigura l-iżvilupp tat-territorji rurali, jidher li dan is-settur jibqa' indispensabbli sabiex il-politika ta' żvilupp rurali tirnexxi. Ir-relazzjoni ta' l-impjiegi diretti u indiretti mat-territorju u l-firxa ta' l-ispazju immaniġġjat, li huma l-akkumpanjament ta' l-agrikoltura fl-adattament tagħha għall-evoluzzjonijiet ta' l-istennija taċ-ċittadini, tibqa' prioritarja. Barra minn hekk, kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni pilastru tal-PAK jieħdu sehem fl-għanijiet ta' l-iżvilupp rurali billi jżommu jew isaħħu l-attivitajiet agrikoli.

5.4 It-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea jirrapreżenta wkoll sfida importanti għall-ġejjieni tal-PAK. Il-Kumitat jisħaq li l-iskambji ta' esperjenzi u t-trasferiment tal-metodoloġiji għandhom jokkupaw post partikolari fil-kondizzjonijiet tat-twertiq ta' t-tieni pilastru tal-PAK għall-perjodu li ġej.

5.5 Il-Kumitat jixtaq li r-reġjuni b'popolazzjoni b'densità baxxa bħall-gżejjer, ir-reġjun Artiku u ż-żoni fil-muntanji jiddependu dejjem, minħabba n-nuqqasijiet naturali permanenti tagħhom, mill-għan tas-suċċess tas-suq uniku. Kemm il-politika reġjonali kif ukoll il-politika ta' żvilupp rurali għandhom jikkonsidraw dan l-aspett fil-modalitajiet ta' twettiq tagħhom, b'mod partikolari billi jipproponu rata ta' kofinanzjament għola sabiex jiġu kkunsidrati dawn id-difetti. Barra minn hekk, il-Kumitat bħalissa qiegħed iħejji opinjoni fuq inizjattiva tiegħu stess li tittratta aktar mill-qrib il-modalitajiet li jippermettu integrazzjoni aħjar taż-żoni b'nuqqas naturali fl-ekonomija reġjonali.

5.6 Fl-aħħar, il-Kumitat jixtaq li l-politika ta' żvilupp rurali u l-politika reġjonali m'humiex l-uniċi mezzi ta' azzjoni pubbliċi favur żvilupp armonjuż tat-territorji ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat ifakkar li stabbiliment territorjali adegwat tas-servizzi pubbliċi għall-popolazzjoni jgħin ukoll fl-għan tal-koeżjoni territorjali.

B. L-APPROFONDIMENT TAL-PROPOSTI TA' TITJIB TAL-MIŻURI

6. Il-Miżuri deċiżi fil-qafas tal-kompromess tal-Lussemburgu tas-26 ta' Ġunju 2003

6.1 Ir-riforma tal-PAK li saret f'Ġunju 2003 ħolqot relazzjoni msaħħa bejn it-tieni pilastru tal-PAK, dedikat għall-iżvilupp rurali, u l-adattament ta' l-ewwel pilastru. Barra minn hekk ġiet introdotta serje ta' miżuri ġodda ta' akkumpanjament ta' l-ewwel pilastru tal-PAK biex b'hekk in-numru ta' dawn il-miżuri tela' minn 22 għal 26.

6.1.1 Żewġ miżuri ġodda ġew introdotti favur il-kwalità ta' l-ikel (sehem volontarju fi programm nazzjonali ta' tikketti ta' kwalità rikonoxxuti u azzjonijiet ta' promozzjoni u taġġir ta' dawn il-prodotti lill-konsumaturi). Iż-żewġ miżuri ġodda l-oħra huma marbuta ma' l-adattament tat-tekniki ta' produzzjoni għal-livelli Ewropew rigward l-ambjent u s-saħħa ta' l-annimali u tal-pjanti.

6.1.2 Diversi miżuri eżistenti ġew adottati (konsiderazzjoni tal-kwistjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali fil-qafas tal-miżuri agro-ambjentali, tisħiħ ta' l-appoġġ pubbliku għall-installazzjoni tal-bdiewa żgħażagħ, it-twettiq tad-Direttiva "Abitat u għasafar" u finanzjament ta' investimenti forestali fil-qafas tal-foresti immatnigġjati skond il-kriterji ambjentali u soċjali).

6.2 Rigward l-Istati Membri ġodda, programm ta' żvilupp rurali temporanju ġie adottat għall-perjodu bejn l-2004 u l-2006. Dan, minn barra l-erba' miżuri ta' akkumpanjament ġodda, se jiffinanzja: l-ghajnunna fi grupp lill-bdiewa, ghajnunna għall-irziezet li fuqhom wieħed kważi jgħix, ghajnunna teknika u kumpliment għall-għajnuniet diretti ta' l-ewwel pilastru tal-PAK.

7. Toroq ġodda għat-tliet assi msemmija f'Salzburg

7.1 Is-suċċess tas-suq waħdieni u l-ftuħ progressiv tas-suq intern għal ekonomiji agrikoli li jibbenefikaw minn vantaġġi komparattivi naturali u mill-iżgħar normi ambjentali jagħtu lok li l-mudell agrikolu Ewropew jibqa' taħt il-bżonn ta' titjib bżonnjuż tal-kompetittività tiegħu.

7.2 Għalhekk il-Kumitat jaqbel li l-assi "ghajnunna għall-investimenti fl-affarijiet agrikoli", fil-qafas ta' politika ta' żvilupp rurali, dejjem għandu jkun imsaħħa. L-investimenti li jippermettu lill-produzzjoni agrikola sabiex tikkonsidra kemm l-esiġenzi ambjentali kif ukoll it-tijib tas-saħħa ta' l-annimali u l-kondizzjonijiet ta' xogħol għandhom ikunu appoġġjati, dejjem aktar jekk huma jagħtu kontribut lill-attività agrikola f'territorju.

7.3 Il-Kumitat jixtaq li t-twettiq tal-miżura "Kunsill agrikolu" li tippermetti ghajnunna għall-adattament tal-livelli ta' produzzjoni ġodda għandu jsir qabel. Fil-fatt hi ma tistax titwettaq b'mod effettiv fi ħdan l-Istati Membri ħlief mill-2006 'il quddiem. Issa, l-kondizzjonalità se tibda tapplika mill-2005 'il quddiem.

7.4 Id-dgħjufija ta' l-għodda tar-regolamentazzjoni tas-swieq tal-prodotti agrikoli, l-evoluzzjonijiet klimatiċi u l-miżuri marbuta mal-kriżijiet sanitarji għal dawn l-aħħar snin qajjmu mill-ġdid l-importanza tal-kontroll taċ-ċifra ta' produzzjoni. Fil-qafas tar-riforma tal-PAK li saret fl-2003, il-Kummissjoni ipprevediet li tistudja, frapport, il-possibilità li persentaġġ tal-modulazzjoni jkun jista' jintuża fuq livell nazzjonali għal miżuri speċifiċi maħsuba biex jaffaċċjaw ir-riskji, l-kriżijiet u l-katastrofi naturali. Il-Kumitat ifakkar li l-Kummissjoni għandha tikkomunika dan ir-rapport qabel tmiem l-2004 u għandha titkellem ukoll dwar it-toroq, kemm nazzjonali kif ukoll komunitarji, ta' żvilupp tas-sistemi ta' assigurazzjoni agrikola. Hu jitlob, jekk ikun il-każ, li l-kontribuzzjoni tat-tieni pilastru tal-PAK ikun analizzat bħala strument ta' akkumpanjament.

7.5 Il-politika futura ta' żvilupp rurali għandha tikkonferma bħala t-tieni assi l-ħarsien ta' l-ambjent u l-ġestjoni ta' l-ispazju, u għandu jkollha bħala għodda prinċipali l-miżuri agro-ambjentali u l-kumpens għan-nuqqasijiet naturali, fuq il-bażi tal-kriterji komuni bil-għan li tiġi żgurata ż-żamma ta' l-ekwilibriju territorjali.

7.6 Ir-riforma tal-PAK introduċiet il-prinċipju ta' kundizzjonalità ta' l-għajnuniet diretti lill-agrikoltura fir-rispett tal-leġislazzjoni komunitarja (19-il direttiva u regolament) li jnvolvu l-ambjent, is-saħħa pubblika, u dik ta' l-annimali u l-ħxejjex. Il-Kumitat jisħaq li dan l-aspett il-ġdid ta' l-ewwel pilastru tal-PAK ma jistax ikun konfuż mal-miżuri agro-ambjentali (MAE). Dawn ta' l-aħħar ma jsewewx loġika regolamentari iżda jappoġġjaw l-azzjonijiet volontarji u parteċipattivi tal-bdiewa bil-għan li jwettqu metodi ta' produzzjoni agrikola maħsuba biex iħarsu l-ambjent u jippreservaw l-ispazju naturali.

7.7 Il-Kumitat jisħaq li d-dispożizzjonijiet amministrattivi tat-twertiq tal-MAE għandhom ikunu semplifikati. Jisħaq ukoll li d-definizzjoni ta' l-għanijiet ta' dawn il-miżuri għandha tiddependi fuq is-sussidjarjetà. Hu jistaqsi anke dwar il-bżonn li l-kamp ta' dawn il-miżuri jittwessa' għal problemi ambjentali oħra meta wieħed iqis l-istabilità baġitarja. Madankollu, għandha tingħata importanza partikolari lill-MAE li jaħdmu favur id-diversità tas-sistemi ta' produzzjoni agrikola bil-għan li l-ekwilibriju ta' l-agro-sistemi jiġi ppreservat.

7.7.1 Minħabba d-dikjarazzjoni tas-Summit Ewropew ta' Goteborg, il-miżuri agro-ambjentali għandhom isiru obligatorji f'kull wieħed mill-programmi nazzjonali.

7.7.2 Il-Kumitat jisħaq li l-finanzjament ta' Natura 2000 m'għandux isir għad-detriment tal-miżuri eżistenti. Hu għalhekk li hu jixtieq li l-Kummissjoni tidentifika finanzjamenti ġodda għall-kumpens ta' l-ispejjeż maħluqha mill-applikazzjoni tad-Direttiva "Abitati u Għasafar".

7.8 It-tielet assi tal-politika futura ta' l-iżvilupp rurali għandu jkun ibbażat fuq id-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali b're-lazzjoni ma' l-attività agrikola sabiex iservi bħala kontribut għall-manteniment tal-popolazzjoni fl-ispazju rurali.

7.9 Il-Kummissjoni tisħaq fit-tielet rapport ta' koeżjoni tagħha li tliet tipi ta' azzjonijiet, jiġifieri t-turiżmu, l-artiġjanat u l-patrimonju rurali, għandhom jiddependu mill-kamp komuni tal-politika reġjonali u tal-politika ta' żvilupp rurali. Il-Kumitat għandu interess li dan l-ekwilibriju jinżamm. Jidher li l-infrastutturi rurali m'għandhomx jibqgħu jkunu iffinanzjati mill-fondi strutturali. Għalhekk il-Kumitat hu kontra li jsir dan it-trasferiment ta' responsabilità ta' dan it-tip ta' investment mill-politika reġjonali għall-politika ta' żvilupp rurali.

7.10 Barra minn hekk il-Kumitat jipproponi li, minħabba l-evoluzzjoni tal-politika reġjonali, l-azzjonijiet tar-rinnovazzjoni jew valorizzazzjoni tal-patrimonju rurali li ma jidħlux fi proġett "agroturistiku" ma jibqgħux jgħoddu fuq il-politika ta' żvilupp rurali.

7.11 Fl-aħħar, il-Kumitat jipproponi li l-assi "ekonomija rurali" jikkonsidra ċertu numru ta' servizzi li jippermettu titjib

tal-kwalità tal-ħajja favur il-popolazzjoni agrikola (servizzi ta' rimpjazzament tal-bdiewa, per eżempju).

Ċ. TITJIB TAL-KONDIZZJONIJET TA' ĠESTJONI TAL-POLITIKA TA' ŻVILUPP RURALI

8 L-ewwel punt li fih għandu jsir titjib tal-kondizzjonijiet ta' ġestjoni hu l-kontinwazzjoni tal-programmazzjoni tal-pjanijiet ta' żvilupp rurali. Il-Kumitat għalhekk jappoġġja lill-Kummissjoni fl-isforz tagħha għat-tħejjija ta' politika ġdida ta' żvilupp rurali sabiex "iż-żmien ta' waqfien" bejn żewġ perjodi ta' programmazzjoni jkun limitat kemm jista' jkun.

8.1 Id-diffikultajiet li nħolqu f'xi Stati Membri rigward it-twertiq amministrattiv tal-politika ta' żvilupp rurali juru li l-intervent ta' diversi strumenti finanzjarji għar-regoli differenti jista' jmur kontra leġġibilità aħjar ta' l-azzjoni pubblika. Anke l-mossa pożittiva li kienet tirrapreżenta r-raggruppament ta' l-azzjonijiet favur żvilupp rurali fi ħdan l-istess regolament setgħet kienet meqjusja mill-benefiċjarji bħala sors ta' kumplessità amministrattiva żejda.

8.2 Is-simplifikazzjoni tal-programm twassal sabiex ma jkunx hemm aktar minn fond wieħed li jħaddem l-azzjonijiet rilevanti mill-politika ta' żvilupp rurali. Madankollu, l-Kumitat jisħaq li l-modalitajiet ta' ġestjoni ta' dan il-fond uniku għandhom ikunu koerenti ma' dawk applikati mill-fondi strutturali.

8.3 L-istrutturazzjoni tal-politika futura ta' żvilupp rurali fuq tliet assi (kompettività ta' l-agrikoltura, ġestjoni ta' l-ispazju u diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali) wkoll għandha tinstab fit-tħejjija tar-regolament li jmiss dwar l-iżvilupp rurali. Dan jista' jippreċiża l-prinċipji ta' intervent, l-għanijiet tat-tliet assi u jagħmel lista tat-tipi ta' azzjoni possibli (għajjnuna għall-investimenti, self bonifikat, għajjnuna pubblika pluriannwali fuq garanzija ta' ċerti speċifikazzjonijiet, għajjnuna teknika, inġenerija finanzjarja...). Il-modalitajiet tat-twertiq ta' kull waħda mill-miżuri msemmija għandhom jiġu mis-sussidjarjetà nazzjonali. Il-Kumitat jisħaq li l-ġestjoni ta' deċizzjoni waħda mill-Istat Membri permezz ta' dokument strateġiku jkollha l-vantaġġ li tistabbilixxi qafas komunitarju fiss għal matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

8.4 Il-proċedura attwali ta' adozzjoni tal-modifiki tal-miżuri fil-Kumitat STAR (Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-Istrutturi Agrikoli u ta' l-Iżvilupp Rurali) mhix ċara biżżejjed peress li l-proċedura ta' evalwazzjoni ex-ante għadha twila wisq. Il-Kumitat jipproponi li l-proċedura ġdida li għandha titwettaq hi ispirata minn dik tal-validazzjoni ta' għajnuniet ta' l-Istat. Jiġifieri li meta l-pjan ta' żvilupp rurali jkun adottat fil-bidu ta' programmazzjoni, il-modifiki ta' intervent tal-miżuri jistgħu jkunu mibgħuta lill-Kummissjoni għall-evalwazzjoni tal-legalità (evalwazzjoni ex-post).

8.5 Il-validazzjoni tal-programmi operattivi għandha tiġi mis-sussidjarjetà nazzjonali jew infra-nazzjonali skond l-organizzazzjoni ta' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni għalhekk hi responsabbli biex tara li tevita kull tgħawwiġ fil-kompetizzjoni permezz tat-twettiq ta' l-azzjonijiet tagħha, li tivverifika l-leġalità tal-modalitajiet ta' intervent u li tassigura ruħha mill-koe-renza bil-fondi strutturali. Il-Kumitat jisħaq ukoll li l-Kummissjoni, minħabba l-esperjenza li kisbet, tista' takkumpanja dawn l-azzjonijiet ta' trasferiment ma' esperjenzi fil-qafas ta' l-għajnuha teknika, b'mod partikolari għall-Istati Membri ġodda.

8.6 Il-Kumitat jixtieq li n-numru ta' stadji għall-validazzjoni tal-programmi jitnaqqas billi tiġi deskritta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-livelli deċiżivi: Kummissjoni, Stati Membri u kollettivitajiet territorjali.

8.7 L-għażla ta' fond uniku għall-azzjonijiet li jiddependu mill-politika ta' l-iżvilupp rurali tista' twassal ukoll għas-simplifikazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja. Fil-loġika tal-fondi strutturali, dan il-fond ġdid għandu jkollu l-karatteristiċi prinċipali tagħhom jiġifieri:

- jkun ibbażat fuq kalendarju proviżorju u annwali,
- iwettaq programmazzjoni pluri-annwali,
- jibbenefika mill-modalitajiet ta' ħlas aktar flessibbli minn dawk ta' FEAGG-Garanzija (kreditu fuq wegħda- kreditu ta' ħlas).

8.8 Il-kwistjoni tal-kontrolli għandha bżonn ukoll tas-simplifikazzjoni tal-ġestjoni amministrattiva tal-politika ta' żvilupp rurali. Il-Kumitat jappoġġja l-orjentazzjonijiet tal-Kummissjoni ippreżentati fil-qafas tat-tielet rapport dwar il-Koeżjoni, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-proporzjonalità tax-xogħol ta' kontroll. Taħt ċertu limitu, l-Istat Membri jista' jagħżel li japplika s-sistema ta' kontroll nazzjonali tiegħu għall-programmi konċernati. Il-Kumitat jisħaq li dawn l-orjentazzjonijiet għandhom jiġu applikati għall-ġestjoni ta' politika ta' żvilupp rurali safejn jassiguraw l-istess effikaċità tal-kontrolli u għalhekk l-użu xieraq tal-fondi komunitarji.

8.9 Ir-riserva li tingħata skond ir-rendiment, kif imwarrqfa għall-fondi strutturali fil-qafas ta' l-Aġenda 2000, hi aktar meqjusa bħala frustrazzjoni wara r-riskju tat-twettiq amministrattiv tal-programmi. Aktar minn hekk, l-attribut tagħha fid-dawl ta' l-uuniku kriterju li jserraħ fuq il-konsum tal-krediti jista' jkollu inċidenzi negattivi li jħajru programmazzjoni ta' malajr segwita minn segwitu limitat tat-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet, li ma jaqbilx ma' animazzjoni ta' programm multiannwali ta' l-iżvilupp rurali. Hu għalhekk li l-Kumitat jisħaq li l-prinċipju ta' riserva, li tingħata skond ir-rendiment, m'għandux jiġi applikat għall-politika futura ta' żvilupp rurali.

8.10 Il-kwistjoni tas-sħubija tirispondi wkoll għal loġika ta' simplifikazzjoni fit-twettiq tal-programmi. Fid-dawl ta' dak li jsir fil-qafas tal-politika reġjonali, il-Kumitat jixtieq li kull Stat jagħmel l-almu tiegħu sabiex jorganizza l-koperazzjoni bejn il-livelli ta' amministrazzjoni differenti iżda wkoll ma' l-imsieħba soċjali u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u organizzata, mill-fażi tal-bidu sat-twettiq u s-segwitu tal-programmi.

8.11 Minn meta tnediet l-inizjattiva Leader fl-1989, il-post ċentrali tar-riċerka ta' modi ta' żvilupp f'żoni rurali kien parti mis-suċċess ta' din l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-fażi attwali tal-programmazzjoni poġġiet l-evidenza fuq il-fatt li jimmultiplika l-iskambji ta' esperjenzi billi jiffaċilita s-sħubija fost gruppi ta' azzjoni lokali tal-pajjiżi differenti. Il-Kumitat jisħaq dwar il-fatt li l-inizjattiva Leader għandha tkompli takkumpanja l-inizjattivi lokali filwaqt li tesplora toroq ġodda ta' żvilupp għaż-żoni rurali, b'mod partikolari permezz ta' linja identifikata fil-politika ta' żvilupp rurali: kif jiġu antiċipati l-bżonnijiet ta' formazzjoni kontinwa fuq territorju, ir-riċerka ta' opportunitajiet ġodda għall-prodotti agrikoli, l-iżvilupp ta' sinerġiji bejn l-atturi ekonomiċi fi ħdan l-istess territorju wkoll huma suġġetti li jistgħu jifgħu dawl ġdid fuq il-futur tal-politika ta' l-iżvilupp rurali. B'hekk il-Kumitat jappoġġja l-kontinwazzjoni ta' l-inizjattiva Leader fil-qafas ta' politika ta' żvilupp bil-ħsieb tar-riċerka ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-iżvilupp taż-żoni rurali.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

Opinjoni ta' l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-Tielet rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali- Sħubija ġdida għall-Koeżjoni-konverġenza, kompetittività u kooperazzjoni"

(COM(2004) 107 final)

(2004/C 302/14)

Fit-8 ta' Diċembru l-Kummissjoni Ewropea ddeċidet li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, skond Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar "It-Tielet rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali-Sħubija ġdida għall-Koeżjoni-konverġenza, kompetittività u kooperazzjoni".

Is-Sezzjoni dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, koeżjoni ekonomika u soċjali, li kienet responsabbli mit-tħejjija tax-xogħol tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fit-8 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien Is-Sur Barros Vale.

Matul is-sessjoni plenarja Nru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju (sessjoni tat-30 ta' Ġunju) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-Opinjoni segwenti b'118 vot favur, u 5 astensjonijiet:

1. Introduzzjoni

1.1 It-tielet rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali, li jgħib l-isem – "Partnership ġdid għall-koeżjoni – konverġenza, kompetittività, kooperazzjoni" jippreżenta l-bilanċ tal-politika ta' koeżjoni fl-Unjoni Ewropea (UE), u partikolarment tal-progressi miksuba f'termini ekonomiċi, soċjali u territorjali, kif ukoll tal-prospetti għall-futur.

1.2 Id-dokument huwa bażikament strutturat f'erba' taqsimiet, li magħhom irid jiżdied sommarju tar-rapport (ippreżentat f'dawn il-paġni inizjali), kif ukoll proposta ta' riformi tal-politika ta' koeżjoni (preżenti fil-konklużjoni):

- L-ewwel taqsima – Koeżjoni, kompetittività, xogħol u żvilupp – Sitwazzjoni u tendenzi;
- It-tieni taqsima – L-impatt tal-policies ta' l-Istati membri fuq il-koeżjoni;
- It-tielet taqsima – L-impatt tal-policies komunitarji – kompetittività, xogħol u koeżjoni;
- Ir-raba' taqsima - Impatt u valur miżjud tal-politika strutturali.

1.3 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa' b'mod favorevoli r-riżultati akkwistati dawn l-aħħar snin b'din il-politika, li hi waħda fundamentali fl-Unjoni Ewropea. Hu jikkonsidra li l-proposti li jinstabu fir-rapport jikkorrispondu ma' l-għanijiet imressqa mill-KESE fid-dokumenti li hu adotta suċċessivament.

1.3.1 B'konnessjoni ma' dan, il-KESE hu sodisfatt li l-Kummissjoni ma segwix ċerti teżijiet li jirrakkomandaw bi sħiħ nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-politika ta' koeżjoni.

1.4 Minħabba l-komplessità u d-diversità ta' l-elementi diskussi mir-rapport, sabiex l-opinjoni ikunu espressi b'mod ċar, kien deċiż li hawn hekk tkun segwita l-istruttura tar-rapport tal-Kummissjoni u b'diskussjoni ta' l-ewwelwazzjoni ta' l-evolviment miksuba u tal-prospetti tal-futur fil-konklużjoni.

2. L-ewwel taqsima – Koeżjoni, kompetittività, xogħol u żvilupp – Sitwazzjoni u tendenzi

2.1.1 Skond il-bażi ta' riżultati statistiċi differenti, ir-rapport javviċina l-istat tal-koeżjoni fl-Ewropa, taħt is-sezzjonijiet ekonomiċi, soċjali u territorjali tagħha, notevolment f'dak li jikkonċerna l-effetti possittivi dwar il-konverġenza.

2.2 Id-dokument janalizza b'mod dettaljat il-progressi tal-"pajjiżi tal-koeżjoni" lejn konverġenza reali, skond il-bażi ta' informazzjoni relattivi għal 2001, għalkemm ċerti banek ta' data jirreferu għal 2002; hu wara jabbozza xi prospettivi. L-analiżi tinfirex ukoll fuq is-sitwazzjoni tal-koeżjoni fl-Ewropa mkabbra.

2.3 Fost l-oqsma diskussi f'din it-taqsisma tar-rapport, insibu prinċipalment: l-iżvilupp tal-produzzjoni u x-xogħol fil-pajjiżi tal-koeżjoni għal dawn l-aħħar snin meta jitqabblu mal-bqija ta' l-UE u l-evolviment matul dawn l-aħħar għaxar snin tad-differenzi kbar bejn ir-reġjuni fl-Ewropa ta' 15, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni li jaqgħu taħt Objective 1. Ir-rapport fih ukoll analiżi ta' l-iżvilupp ekonomiku riċenti fl-Istati membri ġodda. Ir-rapport janalizza l-kapaċitajiet diverġenti fi ħdan dawn il-pajjiżi u l-fatt li sabiex dawn il-pajjiżi javviċinaw il-livelli ta' dħul ta' l-UE, rati għolja ta'żvilupp huma neċessarji għal ħafna żmien.

2.4 Ix-xjuħija tal-popolazzjoni Ewropea, il-fatturi deċiżivi tal-kompetittività, l-iżvilupp u x-xogħol, notevolment l-innovazzjoni u t-tagħrif, kif ukoll il-protezzjoni ta' l-ambjent fl-istruttura ta' l-għanijiet a' Göteborg, jidhru fost l-aspetti enfazizzati f'din it-taqsisma tar-rapport.

2.5 Konsiderazzjonijiet ta' natura ġenerali

2.5.1 Matul dawn l-aħħar sentejn, b'mod partikolari t-tieni nofs tad-Disgħinijiet, il-koeżjoni nazzjonali u reġjonali għamlet progressi sensibbli, billi naqqset id-differenzi kbar kemm bejn il-pajjiżi kif ukoll bejn ir-reġjuni ta' l-UE. Għaldaqstant, il-koeżjoni bejn l-Istati membri kienet ogħla minn dik tar-reġjuni.

2.5.2 Minkejja l-kontribuzzjoni positiva tal-Fondi Strutturali, u minkejja l-progressi milħuqin, xorta waħda għad baqa' differenzi relattivi u sinifikanti f'termini ta' prosperità/riżultati ekonomiċi, li jirriflettu l-problemi strutturali ta' ċerti pajjiżi/reġjuni.

2.5.3 Għad hemm ukoll bosta problemi fil-livell tal-kompetittività tar-reġjuni żvantaġġjati. Ċerti reġjuni ta' l-Ewropa għadhom wisq iżolati, ma għandhomx biżżejjed ħaddiema kkwalifikati u investimenti u ma għandhomx il-mezzi li jaġġtuhom l-aċċess biex isiru soċjetà ta' informatika.

2.5.4 Fil-koeżjoni soċjali ta' l-impjiegi, l-iżviluppi jidhru inqas:

2.5.4.1 Il-qgħad għal tul ta' żmien għadu għoli;

2.5.4.2 Żvilupp limitat, fl-2001, tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea bi 15, assoċjat ma' tnaqqis fix-xogħol, dawn l-aħħar snin, fil-pajjiżi kandidati, ikkontribwixxa biex ikunu aktar u aktar enfasizzati d-differenzi kbar fir-reġjuni;

2.5.4.3 Iż-żieda naturali tal-popolazzjoni qed tonqos f'bosta reġjuni Ewropej u huwa previst li hija se tkompli tonqos fis-snin li ġejjin (ħlief f'ċerti eċċezzjonijiet, il-projezzjonijiet demografiki jindikaw tnaqqis fl-Istati Membri differenti u fil-pajjiżi li qed jissieħbu);

2.5.4.4 Fattur aktar importanti f'termini ta' impjiegi: il-popolazzjoni li tista' tkun impjegata qed tonqos b'mod aktar mgħaġġel mill-popolazzjoni globali. Il-projezzjonijiet għal 2025 jindikaw li l-persuni li se jkollhom aktar minn 50 sena se jikkostitwixxu sa dak iż-żmien 35 % tal-popolazzjoni li tista' tkun impjegata fl-UE bi 15, kontra 26 % fis-sena 2000. Din is-sitwazzjoni se tkun akkumpanjata b'żieda kontinwa tal-proporzjoni tal-persuni li jkunu qabżu 'l fuq minn 65 sena;

2.5.4.5 Il-figuri juru wkoll żieda fir-rata ta' persuni anzjani dipendenti. Fl-UE bi 15, l-anzjani ta' 65 sena jew aktar jirrapreżentaw attwalment kważi 25 % tal-popolazzjoni li tista' tkun impjegata, fi kliem ieħor, hawn erba' persuni li għandhom l-età tagħhom bejn il-15 u l-65 sena għal kull persuna rtirata mix-xogħol. Fl-2025, dan il-persentaġġ se jitla' għal 36 %, jiġifieri anqas minn tliet persuni li jistgħu jkunu impjegati għal kull persuna rtirata. Fil-pajjiżi kandidati, il-proporzjon se jitla' għal minn anqas minn 20 % għal aktar minn 30 %.

2.5.4.6 Ir-rapport jiġbed xorta waħda l-attenzjoni dwar il-fatt li din l-informazzjoni ma tindikax kemm persuni li jistgħu jkunu impjegati se jkunu impjegati sabiex jagħmlu tajjeb għal persuni anzjani ta' 65 sena u aktar (fl-2002, 64 % tal-popolazzjoni li tista' tkun impjegata kienet imħaddma fl-Unjoni bi 15, din ir-rata kienet ta' 56 % fil-pajjiżi kandidati, b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi u r-reġjuni).

2.5.5 Ir-rapport jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li d-differenzi kbar li jeżistu bejn pajjiżi u bejn reġjuni fl-Unjoni Ewropea, kemm f'termini ta' dħul kif ukoll ta' xogħol, se jkomplu jikbru iżjed ma' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda f'Mejju 2004. Dawn il-pajjiżi kellhom rata ta' żvilupp għoli, iżda l-PGD tagħhom għal kull abitant, u f'ħafna każijiet, ir-rata ta' l-impjieg tagħhom hija ħafna anqas għolja mill-medja tal-15.

2.5.6 Minħabba ż-żieda fl-interdipendenza li teżisti f'termini ta' kummerċ u ta' investment, l-iżvilupp ekonomiku fl-Istati Membri ġodda se jkun jista' joħloq rata għolja ta' żvilupp għall-UE kollha. Il-vantaġġi tiegħu se jkunu b'mod partikulari jinħassu fil-Ġermanja u fi Franza.

2.5.7 F'Unjoni Ewropea mkabbra, se jkun possibbli li jin-qasmu l-pajjiżi fi tliet gruppi skond il-PGD tagħhom għal kull abitant f'termini ta' PPS:

— l-ewwel grupp, ifformat minn tnaqqis mill-ħmistax-il Stat membru attwali, se jkollu PGD għal kull abitant li jkun b'mod ċar aktar superjuri għall-medja ta' l-UE (b'10 % jew aktar);

— fit-tieni grupp ta' seba' pajjiżi, ifformat minn tliet Stati Membri li attwalment huma membri, Spanja, il-Portugall, u l-Greċja u minn Ċipru, is-Slovenja, Malta u r-Repubblika Ċeka, li l-PGD tagħhom għal kull abitant se jkun bejn 73 % u 92 % tal-medja ta' l-UE b'25;

— fit-tielet grupp ta' tmien pajjiżi (fosthom il-Bulgarija u r-Rumanija), li l-PGD tagħhom għal kull abitant se jkun inferjuri għal 60 % tal-medja komunitarja.

2.5.8 Fit-taqsima tar-rapport iddedikata għall-koeżjoni territorjali, ġie magħruf li l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni, fid-dimeszjonijiet ta' bejn il-fruntieri, ta' bejn in-nazzjonijiet u interreġjonali, ikkontribwit b'mod importanti biex ikun inkoraġġut żvilupp ibbilanċjat ta' territorju komunitarju.

2.5.9 Dwar il-fatturi deċiżivi ta' l-iżvilupp u tal-kompetittività, ir-rapport jistqarr li hemm persistenza ta' asimetrija reġjonali:

— fil-livell tar-riżorsi umani, ir-reġjuni inqas sinjuri għandhom rata aktar għolja ta' dawk li jħallu s-sistema skolastika kmieni, ir-rata ta' parteċipazzjoni f'taħriġ kontinwu hija ħafna aktar baxxa fil-pajjiżi ta' koeżjoni, bl-eċċezzjoni ta' l-Irlanda, u f'ħafna każijiet, għadha aktar baxxa fil-pajjiżi kandidati;

— ir-rapport jippreżenta indikaturi differenti li juru differenza kbira u għolja bejn il-pajjiżi ta' l-UE bi 15 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attivitajiet ta' innovazzjoni. L-ispejjeż għar-riċerka u għall-iżvilupp (R&D) jikkonfermaw id-dewmien tar-reġjuni biex jilhqqu l-livell ta' Objective One (fis-settur ta' l-intrapriżi, l-ispejjeż għar-riċerka u għall-iżvilupp (R&D) mqabbla mal-PGD ma jilhqax il-medja Ewropea, b'livell bil-kemm għolja aktar minn 1/5 ta' din ta' l-aħħar).

2.5.9.1 Fil-pajjiżi kandidati, l-ispejjeż għar-riċerka u għall-iżvilupp (R&D) mqabbla mal-PGD huma anqas mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ta' l-UE bi 15, u kemm kemm aktar għolja minn dawk tar-reġjuni li jaqgħu taħt Objective 1.

2.5.9.2 Kif inhu l-każ fl-UE bi 15, wieħed jinnotta wkoll li fil-livell tal-pajjiżi tat-tkabbir hemm relattivament konċentrazzjoni ta' l-ispejjeż għar-riċerka u għall-iżvilupp (R&D) fir-reġjuni l-aktar sinjuri.

2.5.9.3 Id-differenzi kbar reġjonali jippersistu ukoll f'termini ta' aċċess għat-teknoloġija ta' l-informatika u tat-telekomunikazzjoni.

2.5.10 Ir-rapport jagħmel ukoll referenza għan-neċessità li jkun stabbliti kondizzjonijiet determinati sabiex jintlaħaq żvilupp reġjonali għal tul ta' żmien, kif ukoll li jkun segwiti strateġiji li jinkoraġġixxu x-xogħol. Fil-livell nazżjonali, hu jenfazizza n-neċessità li jkun iggarantit ambjent makro-ekonomiku xieraq għall-istabbiltà u għall-iżvilupp kif ukoll sistema fiskali u statutorja li tinkoraġġixxi l-intrapriżi. Fil-livell reġjonali, ir-rapport jenfazizza n-neċessità li jkun hemm disponibbli infrastrutturi fiżiċi u ħaddiema kkwalifikati b'mod partikolari fir-reġjuni li jaqgħu taħt Objective 1 filwaqt li fil-pajjiżi kandidati, fejn għadhom jippersistu differenzi kbar f'dawn iż-żewġ oqsma, hu jenfazizza b'mod partikolari n-neċessità li r-reġjuni jagħqu ġabra ta' kondizzjonijiet b'mod aktar dirett li jkun marbutin mal-fatturi intanġibbli tal-kompetittività, bħalma huma l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&D) u l-użu tat-TIC (Teknoloġija ta' l-Informatika u tal-Komunikazzjoni), sabiex ikunu mil-huqa l-għanijiet indikati fl-istrateġija ta' Lisbona.

2.5.11 Ir-rapport isemmi wkoll l-eżistenza ta' differenzi sostanzjali bejn l-Istati membri u bejn ir-reġjuni fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent, bl-għan li jkun mwettqa l-għanijiet ta' Göteborg.

2.6 Pajjiżi tal-koeżjoni

2.6.1 L-analiżi ddettaljata dwar il-konverġenza f'termini ta' PGD għal kull abitant ta' impjeġi u ta' produttività fil-pajjiżi tal-koeżjoni, tippermetti li jkun innotat li dawn il-pajjiżi qed jippruvaw iġibu l-ħin li tilfu, bejn il-perijodu 1994-2001 huma kellhom żvilupp superjuri għal dak tal-medja fl-UE. Il-każ Irlandiż huwa użat biex ikun mogħti eżempju effettiv tal-kontribuzzjoni possittiva li għandhom il-Fondi strutturali meta huma jkun magħqudin ma' policies nazżjonali orjentati lejn l-iżvilupp.

2.6.2 Ir-rapport jiġbed l-attenzjoni dwar id-dgħjufija li tinħass fl-iżvilupp ekonomiku fl-UE mill-pubblikazzjoni ta' l-aħħar rapport 'l hawn, dgħjufija li influwenzat b'mod inevitabbli l-koeżjoni, mhux biss għax hija reġġet ġabet żieda ta' qgħad, iżda wkoll għax ġabet klima ta' żvantaġġ fl-insewiment tat-naqqis tad-differenzi kbar fid-dħul u x-xogħol bejn ir-reġjuni.

2.6.3 It-naqqis ta' l-iżvilupp ekonomika fl-UE ħalliet effett kważi fuq l-Istati membri kollha. Fost il-pajjiżi tal-koeżjoni, il-Portugall jidher li hu dak li l-aktar intlaqat. Ir-rapportjevoka ukoll il-possibbiltà li jkun hemm fil-Portugall inverżjoni tat-triq ta' konverġenza lejn il-medja Ewropea, meta tkun kkonsidrata l-informazzjoni relattivi għal 2001 u jekk il-previżjonijiet għal 2004 jkun kkonfermati.

2.6.4 Ir-rapport jindika li sa l-2001 assistejna għat-naqqis tad-differenzi kbar fid-dħul u fil-PGD għal kull abitant bejn ir-reġjuni li huma l-inqas sinjuri ta' l-UE (li kienu l-miri prinċipali tal-politika ta' koeżjoni) u r-reġjuni l-oħra. Mhux possibbli li

ssir diskussjoni dwar dak li seħħ mis-sena 2001 'l hawn, għaliex ma għandniex f'dispożizzjoni tagħna informazzjoni aktar riċenti dwar ir-reġjuni.

2.7 Pajjiżi kandidati

2.7.1 Wieħed jinnota differenzi kbar f'termini ta' PGD għal kull abitant bejn ir-reġjuni tal-pajjiżi kandidati. Fir-Repubblika Ċeka u fl-Islovakja, 20 % tal-popolazzjoni li tgħix fir-reġjuni l-aktar sinjuri għandha dħul li hu d-doppju għal dak ta' l-20 % tal-popolazzjoni li tgħix fir-reġjuni l-aktar fqar.

2.7.2 Hu spjegat fir-rapport li sabiex il-livell ta' dħul ta' dawn il-pajjiżi javviċina l-livell tad-dħul medju ta' l-UE, ir-rata ta' żvilupp tagħhom għandha tibqa' għolja għal ħafna żmien. Hu spjegat ukoll li l-iżvilupp f'dawn il-pajjiżi se jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-Komunità kollha, għat-naqqis tal-qgħad u għaż-żieda tal-koeżjoni soċjali.

2.7.3 Mill-2001, 'l hawn, wieħed jinnota tnaqqis fl-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi kandidati, parti minnu attribwit għat-naqqis fl-iżvilupp fl-UE, is-suq prinċipali ta' esportazzjoni tagħhom, li għab miegħu waqgħa fir-rata ta' xogħol.

2.7.4 Fl-2002, ir-rata medja ta' xogħol fl-għaxar pajjiżi kandidati kienet telgħet għal 56 %, dan iffisser livell ħafna aktar baxx mill-medja ta' l-UE b'15, li kien madwar 64 %. Fil-pajjiżi kollha kandidati, b'eċċezzjoni ta' Ċipru, ir-rata ta' xogħol hija inferjuri għall-għanijiet ddefiniti għall-Ewropa fl-istrateġija ta' Lisbona (67 % fl-2005 u 70 % fl-2010).

2.8 It-tkabbir

2.8.1 It-tkabbir għab żieda fid-differenzi kbar li hemm bejn l-aktar Stati Membri sinjuri u daww fqar Anki jekk l-Istati Membri ġodda kellhom reċentament żvilupp aktar mgħaġġel minn dak ta' l-UE bi 15, id-differenza f'termini ta' PGD għal kull abitant tibqa tidher ħafna. Fl-2002, Malta, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovenja biss kellhom PGD għal kull abitant maħdum b'PPP li b'mod ċar kien superjuri għal 60 % tal-medja ta' l-UE bi 15. Il-Polonja, l-Estonja u l-Litwanja raw ir-rata tagħhom tistabilixxi ruħha madwar 40 %, filwaqt li hi kienet 35 % għal-Latvja u bejn wieħed u ieħor 25 % għall-Bulgarija u għar-Rumanija.

2.8.2 It-tkabbir se jkollu effett li se jibqa' jidher ħafna fil-livell tad-differenzi kbar li jeżistu bejn ir-reġjuni u dan il-livell bejn il-pajjiżi. Skond l-aħħar kalkoli (2001), bejn 73 miljun persuna, jiġifieri 19 % tal-popolazzjoni ta' l-UE bi 15, għandhom dħul ta' flus għal kull abitant li hu inferjuri għal 75 % tal-medja komunitarja. It-tkabbir se jżied in-numru ta' persuni li jgħixu f'reġjuni li għandhom PGD għal kull abitant inferjuri għal 75 % tal-medja ta' l-UE b'25. Dawn il-persuni se jkun madwar 123 miljun f'UE b'25 u jekk wieħed jinkludi lill-Bulgarija u lir-Rumanija, it-total tan-numru tagħhom se jaqbeż għal 153.5 miljun, li jfisser darbtejn aktar milli hu llum.

2.8.3 Minħabba l-effetti statistiċi tat-tkabbir, li se jnaqqsu il-medja tal-PGD għal kull abitant, huwa nnotat fir-rapport, li jekk il-kriterju li jiddetermina l-istatut tar-reġjun taħt Objective 1 jibqa' l-istess, ċerti reġjuni se jgħidli d-dritt tagħhom għall-għaj-nuna li tiddependi minn dan l-istat, anki jekk id-dħul tagħhom ma laħaqx il-livelli mistennija (qabel jew wara t-tkabbir). Bosta reġjuni fil-Ġermanja, Spanja, il-Greċja, l-Italja u l-Portugall se jkunu per eżempju f'din is-sitwazzjoni.

3. It-Tieni taqsima – l-impatt tal-policies ta' l-Istati membri fuq il-koeżjoni

3.1 It-tieni taqsima tar-rapport tanalizza l-kontribuzzjoni tal-policies nazzjonali, bħala tkomplija tal-politika ta' koeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea, sakemm it-tnejn li huma jifthemu li jikkontribwixxu mhux biss għal tqassim aktar ibbilanċjat ta' dħul u ta' kwalità ta' ħajja bejn ir-reġjuni, iżda wkoll dwar żvilupp territorjali aktar ibbilanċjat fil-livell ta' kull pajjiż u ta' dak ta' l-Unjoni kollha.

3.1.1 Il-Kummissjoni tispesjifika li r-restrizzjonijiet imposti għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż pubbliċi jgħajru titjib fil-kwalità tal-programm. Huwa għaldaqstant impossibbli li jsir magħruf sa liema punt irnexxielhom iżidu l-effikaċja tal-politika f'termini ta' koeżjoni reġjonali.

3.1.2 L-informazzjoni relattiva għall-ispejjeż pubbliċi fl-Istati membri differenti għalkemm mhux kompluti, jindikaw b'mod ċar li parti sostanzjali ta' l-ispejjeż pubbliċi fl-Istati membri ta' l-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni soċjali, huma marbutin mal-mudell soċjali Ewropew u li, deliberatament jew mhux, huma kkontribwixxew b'mod pożittiv biex ikunu mnaqsa d-differenzi kbar f'termini ta' dħul u ta' kwalità ta' ħajja.

3.1.3 Rigward il-modifikazzjonijiet fil-kompożizzjoni ta' l-ispejjeż pubbliċi, ir-rapport jenfasizza l-fatt li, minkejja x-xjuħija tal-popolazzjoni u ż-żieda fin-numru tal-pensjonanti, kien hawn fl-UE, bejn 1995 u 2002, tendenza għat-tnaqqis fil-percentage tal-PGD u ta' l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' għaj-nuniet soċjali, b'eċċezzjoni ta' ċerti pajjiżi bħall-Ġermanja, il-Greċja, il-Portugall u flivell inqas, l-Italja.

3.1.4 Fil-paragrafu ddedikat għall-politika ta' żvilupp reġjonali fl-Istati Membri, kien imsemmi fir-rapport li l-metodu wżat biex jinkiseb l-iżvilupp territorjali hu differenti bejn Stat membru u ieħor, minħabba fatturi istituzzjonali (bażikament, fil-livell ta' deċentralizzazzjoni tal-politika ta' żvilupp ekonomiku) kif ukoll opinjonijiet differenti rigward fatturi li jiddeterminaw l-iżvilupp ekonomiku.

3.1.5 Filwaqt li jikkonsidraw l-kontribuzzjoni tagħhom għall-ħolqien ta' xogħol u l-fatt li hija kwistjoni ta' mekkaniżmu ta' trasferiment ta' teknoloġija u ta' kompetenzi, il-policies li jgħajru biex jattiraw investimenti diretti minn barra jikkostitwixxu element importanti fl-istrateġija ta' żvilupp reġjonali, u hu għalhekk li parti sinifikanti ta' l-għaj-nuna reġjonali timmira preċiżament biex tkun imkabbru l-attrazzjoni tar-reġjuni għall-investituri barranin.

3.1.6 Għalkemm mhix informazzjoni kompluta, l-indikaturi disponibbli jindikaw li l-kurrenti ta' investimenti għandhom tendenza li b'mod sproporzjonat jiddirreġu lilhom infushom lejn reġjuni li f'termini ekonomiċi huma l-aktar dinamiċi, u dan japplika kemm għall-intern tal-pajjiżi kif ukoll għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

3.1.7 Minħabba dan il-gvernijiet kollha tal-pajjiżi tal-koeżjoni, kif ukoll il-pajjiżi kandidati qed jikkonfrontaw dilemma partikolari, minħabba li jridu joħolqu, fuq naħa, in-neċessità li jattiraw l-investimenti lejn ir-reġjuni l-inqas żviluppatti, u fuq in-naħa l-oħra, minħabba l-fatt li dawn l-investimenti għandhom tendenza li jkunu attirati mir-reġjuni l-aktar dinamiċi.

4. It-tielet taqsima – L-impatt ta' policies komunitarji: kompetittività, impjeg u koeżjoni

4.1 It-tieni rapport kien ippreżenta l-kontribuzzjonijiet tal-policies komunitarji għall-koeżjoni. It-tielet taqsima tar-rapport eżaminat tippreżenta t-tibdil prinċipali li seħħ mill-2001, fid-dawl ta' l-għanijiet ta' Lisbona u ta' Göteborg.

4.1.1 Ir-riżultati ta' inizjattivi differenti mibdijin fisem l-istrateġija ta' Lisbona jixhdu progressi, b'mod partikolari fil-livell ta' l-użu ta' teknoloġiji ġodda (skejjelel attrezzati b'kompjuters imqabbdin ma' l-Internet, żvilupp tas-servizzi pubbliċi elettroniċi fil-pajjiżi kandidati kollha, xi wħud minn dawn huma aktar avvanzati f'ċerti oqsma minn ċerti Stati membri li attwalment qegħdin diġà fl-UE).

4.1.2 Anki jekk jeżistu differenzi bejn l-Istati membri, wieħed jista' jinnota l-effetti pożittivi li l-istrateġija Ewropea għall-impjeg kellha fuq is-suq tax-xogħol (tnaqqis tar-rata medja tal-qgħad fl-UE u żvilupp fir-rata ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema fost il-popolazzjoni attiva).

4.1.3 Fl-istruttura ta' l-eżaminazzjoni tal-policies l-oħra komunitarji li jgħajru lejn it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, notevolment il-policies dwar it-trasport, tat-telekomunikazzjonijiet, ta' l-enerġija, ta' l-agrikoltura, tas-sajd u ta' l-ambjent, ir-rapport jenfasizza l-iżvilupp tan-networks transewropej ta' trasport u ta' komunikazzjoni li ppermettew żieda fir-rata ta' aċċessibilità, l-aktar mill-1991 'l hawn. It-tama bħalissa hi li dawn l-effetti se jkomplu jikbru aktar fis-snin li għejjin, b'mod partikolari fil-pajjiżi kandidati.

4.1.4 Minħabba li l-iżvilupp għal tul ta' żmien hu wieħed mill-prijoritajiet tal-politika dwar l-enerġija, b'konformità mal-protokoll ta' Kyoto, ir-rapport jenfasizza li l-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' enerġija se jippermetti lir-reġjuni periferali biex jiddiversifikaw is-sorsi ta' enerġija tagħhom u biex itejbu l-kwalità tal-ħajja. L-investimenti għall-protezzjoni ta' l-ambjent se jkunu jistgħu wkoll jikkontribwixxu b'mod pożittiv ħafna għall-ħolqien ta' l-impjegi.

4.1.5 Ir-rapport jinnota l-eżistenza ta' kumplimentarità bejn l-għajjniet statali u l-politika ta' koeżjoni u jagħraf li dawn l-għajjniet għandhom ikunu strettament ikkontrollati sabiex ikunu milfuq l-għajjniet ta' l-istrategġija ta' Lisbona u dawk ta' Göteborg, raġuni li għaliha l-Istati membri kienu msejħin biex jorjentaw mill-ġdid dawn l-għajjniet lejn oqsma orizzontali.

4.2 Fl-aħħarnett, garanzija ta' sigurtà, fejn il-liġi hi b'mod bażiku rispettata, jirrappreżenta kondizzjoni essenzjali li tkun magħmula minn qabel ma jibda' l-iżvilupp ekonomiku għal tul ta' żmien.

5. Ir-raba' taqsima – Impatt u valur miżjud tal-politika strutturali

5.1 Din it-taqsima tar-rapport teżamina r-riżultati ta' l-intervenzjonijiet imwettqa fl-istruttura tal-politika ta' koeżjoni matul il-perijodu 1994-1999. Hija kkunsidrat ir-riżultati preliminari tat-tħaddim ta' ċerti programmi relattivi għall-perjodu ta' pjani-fikazzjoni 2000-2006. Aspetti differenti tal-politika tal-koeżjoni huma analizzati: kontribuzzjoni miġjuba mill-policies strutturali bħala appoġġ għall-iżvilupp fir-reġjuni aktar żvantaġġjati, effetti ta' dawn il-policies lil hinn mir-reġjuni ta' Objective 1, rwol speċifiku tal-FSE (Fond Soċjali Ewropew) fil-livell ta' l-investiment fl-edukazzjoni, fl-impjieg u fit-taħriġ, rwol ta' policies strutturali fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni u, fl-aħħarnett, kontribuzzjoni ta' l-għajjniet ta' qabel l-adeżjoni fl-Istati membri ġodda.

5.2 Fost ir-riżultati ppreżentati, ejjew impoġġu enfasi fuq dawn li ġejjin:

5.2.1 Bejn l-1989 u l-1993 kif ukoll bejn l-1994 u l-1999 kważi l-pajjiżi kollha li għandhom x'jaqsmu ma' Objective 1 kellhom żieda konsiderevoli ta' investimenti pubbliċi.

5.2.2 Il-Fondi Strutturali appoġġjaw l-iżvilupp ta' networks transewropej ta' trasport, li ppermetta żieda fl-attrazzjoni tar-reġjuni u fl-iżvilupp ta' l-attività ekonomika.

5.2.3 Huwa magħruf li l-investiment fl-infrastrutturi u fit-tagħmir mhux biżżejjed fih innifsu sabiex tkun żviluppata ekonomija bbażata fuq know-how. Għalhekk, matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-policies strutturali kellhom ukoll bħala għan li jikkontribwixxu fit-tkattir tal-kapaċitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp (R&D), b'mod partikulari fir-reġjuni ta' Objective 1.

5.2.4 L-interventi strutturali kkontribwixxew ukoll b'mod pożittiv għall-protezzjoni ta' l-ambjent.

5.2.5 Studji empiriċi reċenti analizzaw il-konverġenza reali bejn ir-reġjuni. Huma wrew l-eżistenza ta' korrelazzjoni pożittiva bejn l-ammont ta' l-għajjniet strutturali u l-iżvilupp tal-PGN f'termini reali.

5.2.6 Fuq bażi ta' simulazzjonijiet imwettqa fuq l-effetti makro-ekonomiċi tal-policies strutturali bejn l-1994 u l-1999, kien ikkalkulat li fil-Greċja l-PGN f'termini reali fl-1999 qabeż bi 2,2 %, u li din iċ-ċifra kienet laqgħet 1,4 % fi Spanja, 2,8 % fl-Irlanda u 4,7 % fil-Portugall. Dawn id-differenzi jirriflettu l-livelli differenti ta' ftuħ f'ekonomiji, li kienu aktar għolja fl-aħħar żewġ pajjiżi.

5.2.7 L-interventi strutturali kienu wkoll akkompanjati minn żieda importanti fl-investiment – ikkalkulati, bħala konsekwenza, aktar għoljin minn 24 % fil-Portugall u minn 18 % fil-Greċja fl-1999 – b'mod partikulari fl-infrastruttura u fir-riżorsi umani.

5.2.8 L-esperjenza turi li, f'ċerti każijiet, l-għajjnuna strutturali vvantaġġjat il-konverġenza nazzjonali (Irlanda), filwaqt li f'każijiet oħra, kellha tendenza li tfixx l-effetti tal-polarizzazzjoni ta' l-attività ekonomika (Spanja). Għaldaqstant, il-limitu li fih arbitraġġ simili jeżisti bejn konverġenza reġjonali u konverġenza nazzjonali jiddependi fuq kolloxx mit-tqassim spazjali ta' l-attività ekonomika u taż-żoni ta' popolazzjoni fil-pajjiżi konċernati.

5.2.9 Il-Fondi strutturali kkontribwixxew għal integrazzjoni ekonomika żviluppata. L-ekonomiji Ewropej kienu aktar integrati, minħabba ż-żieda ta' l-influssi kummerċjali u ta' investiment. L-iskambji kummerċjali tal-pajjiżi tal-koeżjoni mal-bqija ta' l-Unjoni Ewropea rdoppjaw u l-aktar matul l-aħħar għaxar snin. Parti minn din iż-żieda tirrifletti l-akkwisti li pajjiżi oħra ħadu mill-għajjnuna strutturali mogħtija lir-reġjuni relattivament iżvantaġġjati. Huwa kkalkulat li bejn l-2002 u l-2006, kważi kwart (24,1 %) ta' dawn l-ispejjeż ikunu reġġu lura fil-bqija ta' l-Unjoni, essenzjalment taħt forma ta' żieda fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi tal-koeżjoni, notevolment ta' magni u ta' tagħmir. Dan il-persentaġġ kien partikularment għoli fil-Greċja (42.3 % ta' għajjnuna strutturali) u fil-Portugall (35.2 %).

5.2.10 L-interventi tal-FondiS taw kontribut ukoll, lil hinn mir-reġjuni li jaqgħu taħt Objective 1 fl-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni oħra ta' l-UE li jsoffru minn problemi strutturali (żoni li qed jtitlifu l-influenza industrijali tagħhom, żoni rurali). Ir-rapport jippreżenta r-riżultati ta' studji riċenti fuq l-effetti prinċipali reġistrati f'dan il-qasam matul il-perijodu 1994-1999. L-għajjniet komunitarji taw kontribut lir-ristrutturazzjoni ta' l-industrija tradizzjonali, lid-diversifikazzjoni ta' l-attività ekonomika u lill-ħolqien ta' l-impjieg fiż-żoni li bbenefikaw mill-għajjnuna matul dan il-perijodu.

5.2.11 Studji ddetalġati juru li l-ispejjeż fir-riċerka u fl-iżvilupp (R&D), fl-innovazzjoni u fit-transferimenti ta' teknoloġija jidhru li kienu b'mod partikulari effikaċi f'termini ta' kreazzjoni ta' impjieg ġodda kif ukoll fil-preservazzjoni ta' impjieg eżistenti. Għaldaqstant, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, il-kapaċità ta' innovazzjoni tibqa' f'dawn iż-żoni għal kolloxx inqas minn dik ta' reġjuni inqas żviluppata fl-UE. Dan jikkontrasta maż-żieda tagħom fl-infrastruttura, b'mod partikolari f'termini ta' sistemi ta' trasport u ta' telekomunikazzjonijiet, u ta' riżorsi umani. Sforzi sostanzjali kienu wkoll imwettqa fil-livell tar-rikonverżjoni ta' żoni industrijali qodma u fit-titjib ta' l-ambjent, partikolarment fiż-żoni urbani.

5.2.12 Għal dak li għandu x'jaqşam ma' l-għajnuniet fl-agrikoltura, fl-iżvilupp rurali u fis-sajd, ir-rapport jippreżenta wkoll ir-riżultati ta' miżuri meħudin fisem Objectives 5a u 5b matul il-perijodu 1994-1999.

5.2.13 Parti sostanzjali ta' l-għajnuniet tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) servew biex jgħinu minbarra mir-reġjuni ta' Objective 1, reġjuni oħra ta' l-UE. Matul il-perijodu 1994-1999, l-għajnuniet tal-FSE lir-reġjuni ta' l-Objectives 3 u 4 kellhom effett posittiv f'termini ta' qgħad, u b'mod partikulari fil-qgħad għal tul ta' żmien, kif ukoll f'dak li jikkonċerna l-minoritajiet etniċi u l-ugwaljanza fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel.

5.2.14 Bosta inizjattivi komunitarji li jimmiraw biex jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni u n-networks iwettqu b'mod li mhux negliġibbli l-politika ta' koeżjoni. INTERREG II ikkontribwixxa biex ikunu inkoraġġuti n-networks bejn il-pajjiżi, il-bdil ta' esperjenzi bejn ir-reġjuni u t-tifrix tat-tagħrif (know-how), għalkemm ir-riżultati relattivi għat-tnaqis ta' l-iżolament kellhom ikunu mnaqqsin, jeħtieġ li jkun magħruf li f'ċerti reġjuni żviluppaw b'mod sensibbli konnessjonijiet terrestri kif ukoll installazzjonijiet fil-portijiet (dan kien notevolment il-każ fil-Greċja, fil-Ġermanja u fil-Finlandja) filwaqt li f'żoni oħra viċin il-fruntieri, bħal dik li tissepura lill-Portugall minn Spanja, l-effetti kienu aktar limitati.

5.2.15 Ir-rapport jenfasizza wkoll il-kontribuzzjoni ta' l-inizjattiva komunitarja URBAN fl-iżvilupp ta' żoni urbani u fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja.

5.2.16 It-tkabbir jippreżenta sfida supplimentari f'dak li jikkonċerna il-politika ta' koeżjoni. Hu magħruf li l-għajnuna tal-Fondi Strutturali se jkollha importanza vitali għall-Istati membri ġodda; sabiex huma jsaħħu l-kompetittività tagħhom u javviċinaw il-livell tagħhom tal-PGD għal kull abitant lejn il-medja Ewropea, filwaqt li dawn jiħtieġu minnhom eżerċizzju li matulu huma jitgħallmu jużaw b'mod effikaċi l-għajnuniet finanzjarji qabel ma jirċievu krediti aktar importanti. Jiġri x'jiġri l-kapaċità amministrattiva u l-kapaċità ta' deċentralizzazzjoni tat-tħaddim tal-programmi għandhom, minkejja kollox, ikunu rinforzati wara l-2006.

6. Konsiderazzjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

6.1 Ir-riżultati preżentati f'dan ir-rapport juru li l-politika ta' koeżjoni għandha effetti posittivi li jidhru b'mod ċar.

6.2 Il-KESE jiġbed għaldaqstant l-attenzjoni dwar il-preokkupazzjoni tiegħu rigward il-fatt li t-tweġġ ta' l-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni huma aktar viżibbli bejn l-Istati Membri milli

bejn ir-reġjuni. Minkejja evoluzzjoni pożittiva, differenzi kbar reġjonali jippersistu f'termini ta' żvilupp ekonomiku u soċjali. Il-KESE jenfasizza wkoll li t-tkabbir iżjed aktar dawn id-differenzi kbar u jpoġġi l-politika ta' koeżjoni quddiem sfida kbira.

6.3 Il-KESE hu wkoll tal-fehma li t-tkabbir se jżid b'mod konsiderevoli s-suq intern komunitarju u dan joffri opportunitajiet ġodda filwaqt li jippreżenta impatt varjat fil-pajjiżi differenti ta' l-UE (il-Fondi strutturali kkontribwew għat-tkabbir fl-integrazzjoni ekonomika, u dan jixhed ukoll iż-żieda ta' l-influssi ta' skambji u ta' investimenti).

6.4 Il-KESE jinnota wkoll li r-reġjuni eliġibbli għal għajnuna ma kinux l-uniċi li bbenefikaw mill-Fondi strutturali. Parti sostanzjali ta' l-għajnuna li marret lejn ir-reġjuni li għadhom lura fl-iżvilupp terġa' tmur lura lejn reġjuni aktar żviluppatti ta' l-Unjoni Ewropea taħt il-forma ta' żieda fl-esportazzjonijiet tagħhom. Għall-perijodu 2000 u 2006, dan l-effett ta' ritorn kien ikkalkulat li jlaħħaq bejn wieħed u ieħor kwart (24,1 %) ta' l-investimenti strutturali fl-istruttura ta' Objective 1. fuq medda twila ta' żmien, l-iżvilupp ġenerat f'dawn ir-reġjuni se jiftaħ ukoll swieq ġodda għar-reġjuni u pajjiżi li huma kontributuri netti, u għalhekk l-ekonomija tagħhom tgawdi wkoll.

6.5 L-informazzjoni disponibbli jindikaw li l-influss ta' investimenti għandhom tendenza b'mod sproporzjonat li jkunu lokalizzati fir-reġjuni u l-pajjiżi l-aktar dinamiċi fl-UE, dan iqajjem dilemma partikolari għall-gvernijiet tal-pajjiżi tal-koeżjoni u tal-pajjiżi kandidati.

6.6 Il-koordinament tal-policies differenti, komunitarji u settorjali hija posittiva għall-għan tal-koeżjoni, b'mod partikolari fil-policies differenti ta' l-agrikoltura, tas-sajd, tat-trasport, tar-riċerka u l-iżvilupp (R&D), ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ professjonali.

6.7 L-għajnuniet komunitarji huma wkoll importanti għar-reġjuni li mhumiex taħt Objective 1 sabiex jitnaqqsu d-differenzi kbar ekonomiċi u soċjali.

6.8 L-indeboliment ta' l-iżvilupp ekonomiku kellu b'mod ġenerali konsegwenzi għall-impjeg. Ir-rata ta' impjeg fl-UE bi 15 qiegħda sew anqas mill-għan ambizzjuż stipulat mill-Kunsill Ewropew ta' Lisbona; il-valur medju jaħbi d-differenzi profondi bejn id-differenzi li jiffurmaw l-Unjoni.

6.9 It-tendenzi demografiċi, b'mod partikolari l-età tal-ħaddiema, se jkollhom influwenza qawwija fuq il-perspettivi tas-suq tax-xogħol fl-UE; huma jġagħlu tidher b'mod ċar in-neċessità li jkun imsaħħaħ it-taħriġ/tagħlim matul il-ħajja kollha.

6.10 Il-perspettivi demografiċi jorhorgu l-importanza li jkun milħuq livell ta' impjeg għoli fis-snin li ġejjin, b'mod li ma jiġix ikkawżat tkabbir ta' tensjonijiet soċjali, dan għandu jimxi id fid ma' l-inkoraġġiment għal żieda fil-produttività.

6.11 Jidher neċessarju li l-ekonomija Ewropea tiffoka fuq attivitajiet ibbażati fuq it-tagħrif l-innovazzjoni u t-teknoloġiji ġodda ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni, sabiex tissaħħa l-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea, jiżiedu l-impjeg u jittejjeb il-livell tal-ħajja. Fil-qosor hemm bżonn li jkunu mwettqa l-għanijiet ta' l-istrateġija ta' Lisbona.

7. Priorità tal-politika ta' koeżjoni

7.1 Il-KESE jissottoskrivi għal wara l-2006 l-arkitettura ġdida mogħtija lill-politika ta' koeżjoni ta' l-UE, organizzata madwar numru limitat ta' prijoritajiet (I – konverġenzi; II – kompetittività reġjonali u xogħol; III – kooperazzjoni territorjali Ewropej) u ffokalizza it-tweġiq tagħhom fuq l-istrateġija ta' Lisbona u ta' Göteborg fil-livell nazzjonali u reġjonali.

7.2 Fl-opinjoni tal-KESE, l-informazzjoni ppreżentata fir-rapport juri b'mod ċar in-neċessità li jkunu rdoppjati l-isforzi preżenti biex tinkiseb il-koeżjoni fl-Unjoni wara t-tkabbir, għalhekk hu jaqbel li l-għan tal-konverġenza għandu jkun l-ewwel orjentat lejn ir-reġjuni li għandhom il-PGD għal kull abitant tagħhom inferjuri għal 75 % tal-medja komunitarja. Hu kuntent bit-trattament speċjali li jirċievu r-reġjuni mmirati mill-“effett statisiku”, li għalihom kienet maħsuba għajna li l-livell tagħha jaqbeż dak li fl-1999 kien ġie deċiż li jingħata lir-reġjuni li kellhom bżonn ta' “appoġġ transitorju”.

7.3 Il-KESE jilqa' b'mod favorevoli l-proposta li jkun allokat il-Fond ta' koeżjoni għall-għan ta' konverġenza u jikkalkula li dan għandu jkompli jiffunzjona skond loġika nazzjonali (Stati membri li l-GNI hu inferjuri għal 90 % tal-medja komunitarja) u li l-applikazzjoni tagħhu ma tkunx limitata bi kriterji reġjonali.

7.4 Il-KESE jaqbel mas-sens li hu meħtieġ li jingħata lill-politika ta' koeżjoni lil hinn mill-Istati membri u mir-reġjuni l-inqas żviluppatti (li jkun magħruf kif tkun inkoraġġuta l-kompetittività u kif jitnaqqsu d-differenzi bejn ir-reġjuni, kif ukoll li tkun akkompanjata l-istrateġija Ewropea għall-impjeg). Hu jiddefendi l-konċentrazzjoni tematika ta' numru limitat ta' prijoritajiet għall-kompetittività (ekonomija tat-tagħrif, aċċessibilità, ambjent u servizzi ta' interess ġenerali).

7.5 Hu jaqbel ukoll mal-fatt li fil-livell tat-tieni prijorità, hu meħtieġ li jingħata trattament speċjali lir-reġjuni attwalment eliġibbli għall-Objective 1 u li ma lehqux il-kriterji ta' eliġibiltà fl-istruttura tal-priorità mogħtija lill-konverġenza, dawn se jibbenefikaw minn għajna akbar matul perijodu transitorju (“appoġġ temporanju”).

7.6 L-għajna għall-kooperazzjoni bejn it-territorji, trans-nazzjonali u interreġjonali kienet importanti għall-integrazzjoni territorjali Ewropea, reġuni li għaliha l-KESE jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni li timmira li jinħoloq Objective ġdid biex jittieħed vantaġġ mill-esperjenza akkumulata fl-istruttura ta' l-inizjativa INTERREG. Dan se jolqot il-kooperazzjoni territorjali, billi jżomm d-dimensjonijiet ta' bejn il-fruntieri, interreġjonali u transnazzjonali u biex l-Istati Memrbi jkunu jistgħu jibqgħu jinkludu reġjuni marittimi fil-koperazzjoni bejn il-fruntieri. Iktar minn hekk reġjuni li għandhom fruntiera ma' Stat Membru ġdid għandhom jadattaw għas-sitwazzjoni l-ġdida; għalhekk se jinħoloq għalihom programm speċjali. Il-KESE jaqbel għalhekk ma' żieda netta fil-mezzi finanzjarji allokati għat-tielet prjorità, meta mqabbla mal-fondi li kienu mogħtija qabel l-INTERREG.

7.7 Il-Kumitat jilqa' b'mod favorevoli l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi l-kreazzjoni ta' strument ġdid ġudizzjali, taħt il-forma ta' “kollettivitajiet reġjonali bejn il-fruntieri”, b'mod li tkun iffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati membri u l-awtoritajiet lokali u biex ikunu msaħħa l-irbit bejn il-fruntieri esterni, jiġifieri mal-ġirien il-ġodda.

7.8 Hu jaqbel mal-Kummissjoni li t-totalità tal-programm taħseb għal tweġiba integrata ma' l-ispeċifitajiet territorjali u għandha tikkunsidra l-bżonn li jkun missielta d-diversi forom ta' diskriminazzjoni.

7.9 Hu jilqa' b'mod favorevoli l-importanza mogħtija lid-dimensjoni urbana: hu tal-parir li jkunu integrati fil-programmi ta' azzjoni f'dan il-qasam u li jingħataw rilevanza partikulari, il-problemi ta' l-ibliet u li jkun magħruf ir-rwol tagħhom bħala l-matur ta' l-iżvilupp reġjonali. Bħall-Kummissjoni, il-KESE jagħraf l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-ibliet bħala element bażiku tal-kooperazzjoni territorjali.

7.10 Il-KESE jikkalkula li hu partikolarment importanti li jkun garantit li l-istrumenti ġodda użati fiż-żoni rurali jintegraw lilhom infushom fil-politika agrikola komunitarja, billi jinżamm il-livell attwali ta' konċentrazzjoni fil-qasam ta' l-għajna lir-reġjuni u lill-pajjiżi żviluppatti koperti mill-programmi ta' konverġenza. Il-KESE jinsisti li l-appoġġ għaż-żoni rurali m'għandux ikun limitat għall-proġetti agrikoli, iżda għandu jinkludi proġetti oħra li jippromwovu l-iżvilupp rurali.

8. Sistema ta' immaniġġar

8.1 Il-KESE jaqbel li n-numru ta' strumenti finanzjarji konkurrenti mal-politika ta' koeżjoni jkunu limitati għal dieta (FEDER, FSE u l-Fondi ta' koeżjoni) u mal-prinċipju tat-tnaqqis fin-numru ta' għanijiet kif ukoll f'dak ta' l-istrumenti finanzjarji li huma assoċjati meġħu, dan se jikkontribwixxi biex tizzied is-semplifikazzjoni u l-effikaċità tal-pjanifikazzjoni.

8.2 Il-kumitat huwa favur it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati membri, l-awtoritajiet lokali u l-imsieħba ekonomiċi u soċjali.

8.3 Hu jaqbel ma' l-importanza mogħtija lill-evalwazzjoni regolari ta' l-impatt territorjali fil-politika reġjonali kif ukoll ma' l-evalwazzjoni ta' l-impatt territorjali ta' policies oħra, din ta' l-aħħar għandha wkoll tinkludi, kif il-Kummissjoni tirrakkomanda, evalwazzjoni ta' l-impatt kummerċjali.

8.4 Il-KESE jiġġudika importanti li l-Kummissjoni, frapporti futuri, tenfasizza aktar l-ugwaljanza għall-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel u l-evalwazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-politika ta' koeżjoni għal dan l-għan.

8.5 Rigward is-sistema ta' immaniġġar, il-KESE jaqbel maż-żamma ta' erba' prinċipji (pjanifikazzjoni, partnership, konċentrazzjoni u addizzjonalità) u mas-simplifikazzjoni bbażata fuq aktar deċentralizzazzjoni. Hu jikkalkula għaldaqstant li din iż-żieda ta' deċentralizzazzjoni ma għandiex tiddubita n-neċessità li l-Kummissjoni għandha tkompli ssegwi mill-qrib it-tweġiq tal-programmi, sabiex tkun iggarantita l-koeżjoni tal-politika reġjonali fil-livell ta' l-Unjoni u sabiex ikunu evitati l-kurrenti li jiddevalorizzaw l-għanijiet li jridu jintlaħqu. Il-kontroll mħaddem mill-Kummissjoni għandu jkun iebes ħafna, mhux biss fejn għandu x'jaqsam it-tħaddim korrett tal-fondi sabiex b'hekk tkun igarantita kull assenza ta' divjazzjoni, iżda wkoll sabiex ikun vverifikat jekk il-proġetti finanzjarji jilhqax jew le l-funzjonijiet li għalihom kienu maħsuba.

9. Il-partnership għat-tħaddim tal-fondi strutturali

9.1 Il-KESE jerġa' jfakkar l-opinjonijiet espressi fl-opinjoni tiegħu dwar il-Partnership fl-Implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali ⁽¹⁾ u jiġbed l-attenzjoni għal dawn il-punti partikolari:

9.2 Huwa ta' importanza kbira i li ssir riflessjoni dwar il-kumitati ta' evalwazzjoni previsti f'Artikolu 35 tar-regolament li għandu x'jaqsam mal-fondi strutturali. Il-funzjonijiet ġodda u importanti li kienu attribwiti lill-dawn l-organi, jew lil dawki li se jeħdulkom posthom, jagħmel indispensabbli r-reviżjoni tal-mekkaniżmi tal-parteċipazzjoni ta' l-imsieħba soċjali.

9.3 Huwa qabel kollox neċessarju li l-parteċipazzjoni ta' l-imsieħba soċjali fil-kumitati ta' evalwazzjoni issir obligatorja u tkun ivalorizzata billi jingħatalhom id-dritt tal-vot, li jagħmel iktar ċar il-pożizzjoni tagħhom dwar il-kwistjonijiet dibattuti fi ħdan din l-awtorità.

9.4 Il-Kummissjoni għandha tordna l-elaborazzjoni ta' studju aġġornat tal-mudelli differenti ta' parteċipazzjoni li kienu użati fil-livell nazzjonali u reġjonali, biex jippermetti li tkun evalwata u mifruxa sensjela ta' Prattiki inqas magħrufin iżda li jippreżentaw interess kbir għal futur.

⁽¹⁾ Il-paragrafu 9 hu meħud mill-Opinjoni tal-KESE dwar "Is-sħubija għat-tweġiq tal-fondi strutturali", ĠU C 10 ta' 14.1.2004, p. 21.

9.5 Il-KESE jikkalkula li huwa indispensabbli li awtorità li tevalwa programm partikulari jkollha l-indipendenza tagħha ggarantita mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-eżekuzzjoni tiegħu u li hawn ukoll, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali se jkunu jistgħu jkollhom rwol akbar minħabba t-tagħrif li huma jakkwistaw permezz ta' riżultati Prattiċi miksuba waqt inter-venti differenti.

9.6 Is-selezzjoni ta' l-imsieħba u t-trasparenza fil-funzjonijiet u fir-responsabbiltajiet tagħhom, huma fl-opinjoni tal-KESE ta' importanza primordjali.

9.7 Inkompatibilità eventwali tista' tinħoloq mill-fatt li l-imsieħba jipparteċipaw effettivament waqt fażijiet differenti tat-tħaddim tal-programmi meta fl-istess ħin huma istess ikunu promoturi ta' proġetti. Din toħloq in-neċessità li jiġu stabbiliti regoli li għandhom jippresjedu s-selezzjoni ta' l-imsieħba sabiex ma jkunux assoċjati fil-partnership awtoritajiet li jiddependu mill-Istati u li l-indipendenza ta' l-azzjoni tagħhom tista' tkun bħala konsegwenza limitata f'termini funzjonali kif ukoll ta' tħaddim.

9.8 Barra mill-entitajiet li jiffirmaw tradizzjonalment l-imsieħba ekonomiċi u soċjali (trade unions tal-ħaddiema, assoċjazzjonijiet ta' l-industrija, bdiewa, artiġjani u kummerċjanti, settur terzjarju, kooperattivi, eċċ.), huwa importanti li tkun imsaħħa l-parteċipazzjoni fil-policies strutturali komunitarju ta' "l-organizzazzjonijiet funzjonalment awtonomi", bħalma huma il-Kmamar tal-Kummerċ, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet soċjali, eċċ.

9.9 Il-formazzjoni tal-partnership u l-ineffikaċità eventwali tal-proċessi minħabba pluralità ta' funzjonijiet inkompatibbli mat-trasparenza u ma' l-indipendenza tad-deċiżjonijiet (per eżempju, il-parteċipazzjoni fil-fażijiet ta' pjanifikazzjoni/akkompanjament/evalwazzjoni ta' l-istess persuni li huma barra minn hekk spiss dawki li jkunu qed jibbenefikaw mill-programmi), jistgħu jkunu ta' ħsara.

9.10 Jidher li hemm spiss inkompatibilità bejn il-fatt li tkun dak li jiddeċiedi u fl-istess waqt dak li jkun qed jibbenefika mill-fondi strutturali, din is-sitwazzjoni tista' ukoll toħloq konflitti ta' interess.

9.11 Il-KESE jikkalkula li l-imsieħba soċjali għandhom ikollhom aċċess għal finanzjament u taħriġ sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-funzjoni f'data lilhom b'mod sodisfaċenti, din il-prattika hija rari, anki Prattikament ineżistenti għalissa.

9.12 In-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' l-imsieħba f'ċerti każi hu minħabba l-fatt li huma ma għandhomx impjegati speċjalizzati biżżejjed l-anqas il-kompetenzi suffiċjenti biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-foras li għandhom x'jaqsmu mal-fondi komunitarji, li għalihom huma jistgħu u għandhom id-dmir li jipparteċipaw.

9.13 Il-KESE jemmen li l-Istati Membri għandhom ikunu b'mod partikulari attenti għal kull proċess burokratiku, u għandhom jillimitaw kemm jista' jkun l-effetti ħżiena tiegħu. Spiss, hija kompleksità amministrattiva esaġerata u sproportjonata li tikkomprometti l-prinċipju anki tal-partnership, billi toħloq barrieri u billi tiffavorixxi Prattiki li huma frekwentement kontro-produttivi.

9.14 Il-KESE jemmen li hemm vantaġġi kbar fit-twaqqif ta' limitu ta' parteċipazzjoni, regolat permezz ta' regolazzjoni komunitarja, filwaqt li lill-Istati membri titħallielhom r-responsabbiltà li jiffissaw livelli akbar ta' parteċipazzjoni jekk huma jkun jixtiqha, permezz ta' leġislazzjoni jew permezz ta' provvedimenti nazzjonali. Ir-regoli li għandhom jitwaqqfu għandhom jippermettu informazzjoni aħjar kif ukoll forom aktar intensivi, stabbli u permanenti ta' parteċipazzjoni għall-imsieħba ekonomiċi u soċjali.

9.15 Ir-rwol ta' l-imsieħba soċjo-ekonomiċi, il-kontenut tal-proposti u l-proċeduri ta' parteċipazzjoni huma differenti fl-istadji ta' preparazzjoni, finanzjament, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-miżuri strutturali tal-Komunità. Hu għalhekk meħtieġ li jkun kjarifikat x'inhum mistenni mill-imsieħba, x'għandhom jagħmlu biex jassiguraw li l-programm ikunu ta' suċċess kemm jista' jkun, fuq liema livelli ssir din il-partnership u l-organi politiċi u tekniċi li fihom l-imsieħba għandhom ikunu involuti.

9.16 Il-partnership hi ta' importanza kruċjali f'żewġ stadji:

- fl-istadju "Politiku" tal-programmazzjoni tal-Fond u meta jittehdun deċiżjonijiet ġenerali, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll nazzjonali;
- fl-istadju ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

10. Kontribuzzjonijiet tal-KESE fid-dibattitu li huwa għaddej u fil-konstruzzjoni ta' partnership ġdid għall-koeżjoni – konverġenza kompetittività u kooperazzjoni

10.1 Prioritajiet fil-politika ta' koeżjoni

10.1.1 Il-Kumitat jilqa' b'mod favorevoli l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jitwaqqaf fl-istruttura ta' konverġenza, mekkaniżmu speċifiku li jimmira biex jikkompensa għad-dgħufijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll għal dawm li huma milquta minn dgħufijiet strutturali permanenti.

10.1.2 Il-KESE jirrakkomanda li jkun analizzat fl-istrategġija ta' għajjnuna għar-reġjuni differenti l-metodu li permezz tiegħu l-informazzjoni kwantitattiva disponibbli tirrifletti, b'mod ta' min joqgħod fuqu, il-progress ekonomiku u soċjali, u li din ma tkunx ir-riżultat ta' l-impatt statistiku ta' aspetti esterni li spiss huma irrilevanti għar-reġjuni, bħalma hu l-każ ta' twaqqif ta' sistemi off-shore, li jgħibu tagħwiġ fl-indikaturi użati.

10.2 Komplementarjetà tal-policies komunitarji settorjali

10.2.1 Il-KESE jattira l-attenzjoni dwar il-komplimentarità tal-policies komunitarji settorjali ma' l-għanijiet tal-koeżjoni,

b'mod partikulari fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp (R&D), tas-soċjetà ta' l-informatika u tat-trasporti. Hu kuntent bl-intenzjoni li tikkonsidra l-koerenza bejn il-koeżjoni u l-politika ta' kompetizzjoni bħala element essenzjali fil-policies komunitarji differenti.

10.2.2 Waqt li jinnota li 50 % fondi ddestinati għar-riċerka u għall-iżvilupp (R&D) huma kkonċentriati f'numru limitat ħafna ta' reġjuni ta' l-UE, il-KESE jinsisti li l-komplimentarità mal-policies settorjali ma tħallix din il-konċentrazzjoni eċċessiva u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-miżuri li jħajru t-trasferiment ta' teknoloġija bejn ir-reġjuni.

10.3 Budget

10.3.1 Minħabba l-ambizzjonijiet li l-Istati membri poġġew fl-UE, minħabba l-għanijiet tat-tkabbir u ta' l-istrategġija ta' Lisbona, ma jagħmilx wisq sens li jkun maħsub li l-livell ta' riżorsi jkun jista' jiġi miżmum fl-istess livell. Il-KESE staqsa ripetutament fl-opinjoni jiet maħruġin matul dawn l-aħħar snin li l-limiti tal-budget komunitarju għandu jiżdied. Fid-dawl tal-limiti proposti mill-Kummissjoni (1.24 %) fl-istruttura tal-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007-2013, il-KESE jqis bħala insufficienti l-0.41 % iddedikati għal politika ta' koeżjoni (0.46 % qabel it-trasferimenti ddestinati għall-iżvilupp rurali u għas-sajd) li jikkorrespondu ma' l-għola limitu tat-totali tar-riżorsi li hu livell baxx wisq biex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi li ġew proposti.

10.3.1.1 F'dan ix-xenarju, u f'kuntest ta' ħtiġijiet finanzjarji kbar biex tiġi megħluba ż-żieda fid-differenzi kbar reġjonali li jirriżultaw mit-tkabbir, se jkun r-reġjuni li attwalment qed jibbenefikaw mill-politika ta' koeżjoni li se jkollhom b'mod bażiku jergħu l-ispejjeż tat-tkabbir, minħabba it-tnaqqis intermedjarju ta' l-għajjnuniet komunitarji li huma se jirċievu.

10.3.1.2 Fl-opinjoni tal-KESE, din is-sitwazzjoni ma tistax tkun iddefenduta mill-aspett kemm politiku jew ekonomiku, għaliex hi assolutament kontra kull prinċipju ta' retezza fit-tqasim ta' l-ispejjeż tat-tkabbir.

10.3.1.3 Il-KESE ma jifhimx kif jista' jkun possibbli li tkun assigurata l-kompatibilità, fuq naħa, ta' l-għan tal-politika ta' tkabbir u ta' aktar żvilupp ta' l-Unjoni li dwarhom jaqbel kulħadd, u fuq in-naħa l-oħra, li l-kontribuzzjoni finanzjarja tibqa' l-istess jew saħansitra tonqos. Hu jopponi viżjoni ta' tnaqqis fil-konstruzzjoni Ewropea, iġġustifikata biss minħabba diffikultajiet ekonomiċi u b'nuqqas ta' viżjoni tal-gejġjani min-naħa ta' ċerti parteċipanti li huma l-aktar essenzjali f'dan il-proċess.

11. Rakkomandazzjonijiet oħra

11.1 Il-KESE jikkonsidra li huwa ta' importanża kbira li l-kriterji ekonomiċi, soċjali u territorjali, li se jippresiedu waqt it-tqassim bejn l-Istati Membri tar-riżorsi ddestinati għall-priorità "kompetittività reġjonali u impjieg", ikunu ddefiniti bl-akbar oġġettività u bl-akbar strettezza, billi jkunu kkonidrati b'mod partikulari l-indikaturi soċjali, u mhux biss ekonomiċi.

11.2 Għal dak li hu tħaddim tal-fondi, il-KESE hu ta' l-opinjoni li wieħed għandu aktar u aktar javvanza lejn forom ġodda ta' parteċipazzjoni ta' partnerships istituzzjonali, ekonomiċi u soċjali li jmorru verament lil hinn minn parteċipazzjoni f'organi ta' pjanifikazzjoni, ta' immaniġġar, u ta' kontroll/monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.

11.3 Il-konkretizzazzjoni ta' mekkaniżmi ispirati mis-sussidji globali hija minn dan l-aspett triq li teħtieġ li tiġi msaħħa, billi tkun imposta fuq l-Istati Membri l-esiġenża li jkunu adottati dawn it-tip ta' mudelli, għall-inqas għal parti limitata ta' l-istrutturi komunitarji ta' appoġġ, minħabba vantaġġi suxxettibbli li jkunu akkwistati (tnaqqs tad-diffikultajiet burokratiċi, għaġla u nuqqas ta' sforz fl-estimi) mill-Istati Membri, minħabba r-restrizzjonijiet ġeneralizzati li għalihom huma sottomessi attwament il-finanzi pubbliċi.

11.4 Barra minn hekk, hemm bżonn li jkunu mħeġġa l-partnerships pubbliċi/privati, sabiex ikunu megħluba r-restrizzjonijiet attwali fil-livell tal-finanzi pubbliċi u biex ikun salvagwardjat il-finanzjament tagħhom fuq medda twila ta' żmien.

11.5 Il-KESE jikkonsidra li hu meħtieġ li jkunu msaħħa r-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-abbuż f'termini ta' relokazzjoni ta' intrapriżi; hemm bżonn, partikolarment, li jkunu introdotti pieni aktar qawwija li jservu ta' eżempju u jitolbu li l-inċentivi ikunu mogħtija lura jekk ikun ipprovat li t-tneħħija ta' l-investment ma għandhiex bħala bażi t-telf tal-viabilità ta' l-

unità tal-produzzjoni, u li r-relokazzjoni ssir biss sabiex l-intrapriża tiegħi żieda fl-għajnuniet li hi tirċievi.

11.6 Il-Kumitat jikkonsidra wkoll adatt li fl-istruttura ta' l-għajnunata għall-intrapriża tkun rikonoxxuta l-importanza ta' l-industrija żgħira u ta' daqs medju, fid-dawl tar-rwol tagħhom fil-kuntest soċjo-ekonomiku, notevolment f'dak li jirrigwarda l-kapaċità tagħhom li jholqu l-impjieg u l-ġid, u l-involvement magħruf tagħhom fl-iżvilupp tar-reġjun fejn jinstabu.

11.7 Fl-aħħarnett, l-ambizzjoni li tkun segwita politika ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'Ewropa mkabbra tik-kostitwixxi ċertament waħda mill-isfidi l-kbar li magħhom l-UE se jkolla tiffaċċja. Minħabba d-diffikultajiet riċenti li ltaqa' magħhom il-proċess ta' kostruzzjoni ta' l-Unjoni u peress li l-politika ta' koeżjoni fiha nfisha hi pilastru essenzjali ta' l-integrazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, il-KESE jinsisti ma' l-Istati membri ta' l-Unjoni li huma jwasslu b'mod sħiħ din ir-riforma sabiex iċ-ċittadini jergħu jibdeu jemmnu fil-kostruzzjoni Ewropea.

11.8 Fl-opinjoni tal-KESE, huwa kruċjali li l-Istati membri jżommu u jsaħħu l-isforzi tal-politika ta' koeżjoni tagħhom, b'mod indipendenti minn dawk skjarati permezz tal-policies ta' l-Unjoni.

11.9 L-istruttura l-ġdida u l-prioritajiet tal-politika ta' koeżjoni ta' l-Unjoni huma kkondizzjonati mit-tkabbir, kif ukoll mill-limitazzjoni tar-riżorsi disponibbli, u mhux mit-tneħħija tad-differenzi kbar reġjonali u soċjali. Għalhekk, ċerti Stati membri u reġjuni, li kienu s'issa qed jibbenefikaw b'mod importanti mill-politika ta' koeżjoni Ewropea, se jieqfu bil-mod il-mod milli jkunu eliġibbli għal parti sostanzjali ta' l-instrumenti disponibbli. Evidentement, dan ma jfissirx li huma leħqu l-livell ta' żvilupp u ta' koeżjoni mixtieqa, u għalhekk hu ġġustifikat li huma jkunu l-mira ta' attenzjoni partikulari fl-istruttura tal-policies nazzjonali.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew: Tassazzjoni fuq dividendi ta' individwi fis-suq intern"

COM (2003) 810 final

(2004/C 302/15)

F'19 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' Artikolu 262 tat-Trattat li jstabblilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni, tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: Tassazzjoni fuq dividendi ta' individwi fis-suq intern".

Is-sezzjoni dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, koeżjoni ekonomika u soċjali, mitluba biex tipprepara x-xogħlijiet tal-Kumitat f'dan is-suġġett, adottat l-opinjoni fit-8 ta' Ġunju 2004 (rapporteur: Is-Sur RETUREAU).

Waqt is-sessjoni plenarja nru. 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta' Ġunju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni li ġejja, b'151 voti favur, 1 kontra u 12-il astensjoni.

1. Introduzzjoni

1.1 Il-komunikazzjoni sottomessa għall-opinjoni tikkonċerna prinċipalment it-taxxa tad-dividendi li jirċievu individwi għat-titoli ta' investiment tagħhom.

1.2 Din hi segwitu għall-komunikazzjoni marbuta ma' l-istudju dwar it-Tassazzjoni ta' l-Intrapriżi, ⁽¹⁾ li kien diġà qed jipproponi li jkun ddefiniti linji gwida li jikkonċernaw l-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet prinċipali tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja) f'dan il-qasam, u fil-każ tad-dividendi li jirċievu individwi, jirreferi għad-deċiżjoni Verkooijen ⁽²⁾. L-inklużjoni ta' dividendi li ħerġin jew deħlin f'pajjiż taħt iċ-ċaqliq ħieles tal-kapital hi xi ħaġa ġdida, id-dividendi mhumiex imsemmija espressivament fit-Trattat jew fid-Direttiva.

1.3 Id-diverġenzi, fis-sistemi fiskali tal-pajjiżi membri, li jikkonċernaw 'it-tassazzjoni doppja fuq it-tqassim ta' biċċa mill-profitti (profit-sharing) tal-kumpaniji lill-azzjonisti taħt forma ta' dividendi ⁽³⁾ jikkostitwixxu sors ta' diskriminazzjoni importanti, kif ukoll ostakolu għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-kapitali fi ħdan is-suq uniku.

1.4 Il-linji-gwida proposti dwar ir-riperkussjoni li għandu dritt komunitarju fuq il-metodi ta' tassazzjoni tad-dividendi użati fl-Istati membri jimmiraw għalhekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti msemmija hawn fuq, biex ikunu eliminati r-restrizzjonijiet li jiltaqgħu magħhom l-individwi minħabba t-tassazzjoni fuq id-dħul minn ishma miżmuma bħala titoli ta' investiment. Il-proposta tfittex ukoll li jitnaqqsu rati ta' withholding tax eċċessivament għoljin fl-Istati minn fejn joriġinaw id-dividendi.

1.5 L-għan hu 'li jkun meġġunin dawn (l-Istati membri) sabiex jissorveljaw il-kompatibilità tas-sistemi fiskali tagħhom ma' l-obbligi tas-suq intern b'konformità mal-prinċipji tat-Trattat dwar iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-kapitali.

1.6 Jekk l-Istati Membri ma jaċċettawx il-metodu propost sabiex jiġu eliminati l-ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-ishma tat-titoli ta' investiment, il-Kummissjoni jkolla għalhekk tirreferi għall-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE fir-rwol tagħha ta' għassiesa tat-trattati.

1.7 Hu meħtieġ li jiġi mfakkar li l-Qorti tista' ssib fil-kliem tal-mistoqsijiet interlokutarji magħmula minn imħallef nazzjonali, fid-dawl tal-fatti esposti minnu, l-elementi li jiddependu fuq id-dritt komunitarju, bl-iskop li tingħata possibbiltà lil dan l-imħallef li jsołvi l-problema ġudizzjarja li fiha jkun jinsab maqbud ⁽⁴⁾.

2. Tassazzjoni fuq id-dividendi fis-suq intern

2.1 It-tassazzjoni fuq ir-riżultati tas-soċjetà kummerċjali tinkludi t-taxxa tal-korporazzjoni, li r-rata tagħha tvarja skond il-pajjiżi bejn 12.5 u 40 % (bejn medja ta' 30 %). It-tassazzjoni tad-dividendi mqassma fuq il-profitti wara t-taxxa fuq soċjetajiet kummerċjali (IS) tista' ssir fis-sors u tkun imnaqqsa mid-dividend mqassam, iżda tkun ukoll maqbuda mill-IRPP b'rata marġinali jew skond rata distinta.

2.2 It-tassazzjoni tar-riżultati tas-soċjetajiet kummerċjali u ta' dak tad-dividendi toħloq, skond il-Kummissjoni 'tassazzjoni ekonomika doppja', u barra minn hekk l-individwi jkun qed jissograw ukoll tassazzjoni legali intenazzjonali doppja (tassazzjoni minn żewġ pajjiżi differenti fuq dividendi li huma jkun qed jirċievu minn barra l-pajjiż).

⁽¹⁾ Lejn suq intern mingħajr tfixkil fiskali, COM (2001) 582 finali.

⁽²⁾ Każ C-35/98 Verkooijen Kompendju 2000 I-4071.

⁽³⁾ Rapport Ruding ta' Marzu 1992 pp. 207-208.

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 1992, Bachmann, CR09204/90, Rec. p. I-249.

2.2.1 Il-mudell tal-konvenzjoni ta' l-OEDP, ipproponut biex tiġi evitata t-tassazzjoni legali internazzjonali doppja ma jitrattat tax it-tassazzjoni ekonomika doppja.

2.2.2 Fuq il-bażi tal-konvenzjoni mudell ta' l-OECD it-taxxa, li tkun diġà mħallsa fis-sors fuq dividendi fl-ewwel pajjiż, għandha tkun imħallsa fil-pajjiż ta' residenza fiskali ta' l-azzjoni, taħt forma ta' kreditu ordinarju limitat għal taxxa li tista' tkun li trid tingħata minnu fuq dividendi fil-pajjiż ta' residenza fiskali tiegħu.

2.2.3 Il-mudell OECD japplika, skond il-Kummissjoni, għas-sistemi ta' tassazzjoni fuq id-dividendi, taħt forma pura jew mħallta (sistema klassika, klassifikata, tassazzjoni, eżenzjoni).

3. Id-deċiżjoni Verkooijen u xi deċiżjonijiet rilevanti oħra

3.1 Fis-sentenza tal-Qorti marbuta mal-każ Verkooijen, li kien dwar ir-rifjut li jingħata lil dan ta' l-aħħar benefiċċju ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul tad-dividendi ta' l-ishma mħallsa minn soċjetà kummerċjali stabbilita fi Stat membru ieħor u mhux fl-Olanda.

3.2 Din l-eżenzjoni kienet tapplika għad-dħul ta' flus minn ishma jew titoli kummerċjali li fuqhom, it-taxxa Olandiża fuq dividendi kienet diġà miżmuma fis-sors fl-Olanda, iżda li kienet teskludi dħul ta' flus minn ishma li ġew riċevuti f'pajjiżi oħra.

3.2.1 L-ewwelnett, l-eżenzjoni kienet maħsuba bħala miżura mmirata biex ittejjeb il-livell tal-valuri ta' l-ishma ta' l-intrapriżi u tqajjem l-interess ta' persuni privati fl-ishma Olandiżi; it-tieni, b'mod partikulari għall-investituri ż-żgħar, l-eżenzjoni kellha bħala objettiv li tikkumpensa sa ċertu punt it-tassazzjoni ekonomika doppja permezz ta' eżenzjoni ta' elf guildens.

3.2.1.1 Fl-istampa sħiħa ta' tassazzjoni tad-dħul tas-Sur Verkooijen, l-ispettur tat-taxxi ma applikax l-eżenzjoni tad-dividendi, billi kkalkula li s-Sur Verkooijen ma kellux dritt għaliha għaliex id-dividendi li hu kien tħallas "... ma kinux ġew sottomessi għat-taxxa Olandiża fuq id-dividendi".

3.2.2 Mistoqsija mit-tribunal nazzjonali kompetenti f'kwistjonijiet interlokutorji, il-Qorti kkalkulat li l-introġtu ta' dividendi barranin kienu b'mod indissolubbli marbut ma' moviment ta' kapitali; għalhekk it-trattament fiskali differenti u anqas vantaġġi tad-dividendi deħlin minn barra meta mqabbla mad-dividendi domestiċi jikkostituxxi limitazzjoni li ma' tħallix iċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-kapital.

3.2.2.1 Il-Qorti speċifikat li provvediment leġislativ bħalma kien dan li dwaru nqalgħet il-kwistjoni "... għandu bħala effett li jiddisswadi liċ-ċittadini ta' Stati Membri li jkun qed joqogħdu fl-Olanda milli jinvestu l-kapitali tagħhom f'soċjetajiet kummerċjali li għandhom il-kwartieri tagħhom fi Stat Membru ieħor".

3.2.2.2 "Provvediment bħal dan johlq ukoll effett restrittiv għal soċjetajiet kummerċjali stabbiliti fi Stati membri oħra għaliex hu jikkostitwixxi fil-konfront tagħhom ostakolu għal ġabra ta' kapitali fl-Olanda."

3.3 Fil-każ Schmid (¹), l-Avukat Ġenerali nnota li d-dividendi li kienu ġejjin minn ishma ta' oriġini barranija, li fl-Awstrija mhumiex sottomessi għaż-żamma fis-sors sabiex ikunu meħ-lusa mit-taxxa fuq id-dħul tal-kapitali, kienu, bħala konsegwenza, kollha kemm huma sottomessi għat-taxxa tad-dħul (income tax) u ma setgħux, minħabba f'hekk jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' rata ta' tassazzjoni mnaqqa bin-nofs. L-Avukat Ġenerali kkonkluda li f'dan il-każ kien hemm ksur għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-kapital.

4. Osservazzjonijiet ġenerali tal-Kumitat

4.1 Fi kwistjonijiet fiskali, l-Istati Membri żammew il-ġurisdizzjoni. Artikoli 56 u 58 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea li huma attwalment applikati jiffisaw għaldaqstant il-limiti ta' din il-kompetenza nazzjonali, li ma tistax tikser liberta' fundamentali u l-anqas ma tista' toqogħod iddur madwar il-liġi komunitarja: Artikolu 56 jimpedixxi li jinholq ostakolu għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-kapital, filwaqt li Artikolu 58 jagħraf li jekk il-provvedimenti fiskali nazzjonali jistgħu jstabbilixxu distinzjoni bejn il-kontributuri li ma jinstabux fl-istess sitwazzjoni f'dak li jirrigwardja r-residenza tagħhom jew il-post fejn il-kapitali tagħhom huma investiti ' u li l-Istati jistgħu jjeħdu 'il-miżuri indispensabbli sabiex iwaqqfu il-ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti tagħhom, notevolment f'kwistjoni fiskali jew f'dak li hu kontroll prudenti ta' l-istabbilimenti finanzjarji... jew... jjeħdu miżuri ġustifikati minn raġunijiet marbuta ma' l-ordni u mas-sigurtà pubblika', jeħtieġ xorta waħda li l-miżuri meħuda minnhom għal dawn l-għanijiet ma jkunux qed jikkostitwixxu mod ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħ-bija li tillimita ċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-kapital u tal-ħlasijiet'.

4.2 Il-ġurisprudenza tal-Qorti titlob bażikament trattament ugwali tal-persuni taxxabblu, u tikkundanna t-tassazzjoni internazzjonali doppja.

4.3 Minħabba t-tkabbir ta' l-Unjoni, u d-differenzi tar-rati li huma aktar aċċentwati f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-IS (taxxa fuq is-soċjetajiet kummerċjali) u l-IRPP tad-dividendi, il-Kumitat hu tal-parir li hu urġenti li jkun mħeġġa l-Istati Membri kollha, li għadhom ma għamlux arranġamenti internazzjonali kontra t-taxxa doppja, li jagħmlu dan fuq bażi minima tal-mudell propost mill-OECD, sabiex b'hekk tinholq ugwaljanza fit-trattament fil-livell nazzjonali tad-dividendi riċevuti fuq titoli ta' investment, b'mod indipendenti mill-oriġini tagħhom fi ħdan il-Komunità.

(¹) Każ C-516/99, 30 ta' Mejju 2002.

4.4 Il-Kumitat jinnota li t-Trattat jinkludi wkoll iċ-ċirkulazzjoni tal-kapital lejn u minn pajjiżi barranin, u li ċerti numri ta' arranġamenti internazzjonali bilaterali jeżistu ukoll bejn pajjiżi membri u pajjiżi barranin.

4.5 Newtralità sħiħa ma tistax tkun milħuqa b'mod ideali, billi tgħaqquad flimkien il-kondizzjonijiet magħmula mill-komunikazzjoni, u billi tillimita lilha nfisha fl-ispazju komunitarju. Din tista' isir biss permezz ta' rata ta' taxa komunitarja li tkun l-istess għas-soċjetajiet kummerċjali f'sistema ta' eżenzjoni, u bil-kondizzjoni li l-kondizzjonijiet tat-tassazzjoni ta' l-IRPP ikunu kullimkien l-istess ugwali fil-pajjiżi kollha konċernati u biex b'hekk ikun ġie kkonsidrat li d-dħul minn ishma jikkostitwixxi l-uniku dħul tal-kontributor li jkun qed jinvesti f'titoli ta' investiment. Il-Kummissjoni tagħraf barra minn hekk li n-newtralità fiskali b'mod sħiħ ma tistax tkun milħuqa ħlief permezz ta' armonizzazzjoni kompluta tal-fiskalità tal-pajjiżi membri.

4.6 Is-sovranità fiskali tal-Parlamenti u ta' l-Istati, li jiddeċiedu t-tassazzjoni ta' persuni fiżiċi u morali flimkien mal-budget nazzjonali, hija storikament fil-qiegħ tad-demokrazzija Ewropej. L-ugwaljanza taċ-ċittadini Ewropej quddiem it-taxxi pubbliċi tikkostitwixxi prinċipju bażiku tal-valuri kostituzzjonali. L-Istati membri għad għandhom, fil-livell attwali ta' l-integrazzjoni Ewropea, raġunijiet serji li jixtiequ jżommu, kif maħsub fit-trattati, il-kompetenzi nazzjonali tagħhom fil-qasam tat-tassazzjoni. Din is-sitwazzjoni tista' ċertament tkun żviluppata fil-futur. Il-Kumitat jixtieq għaldaqstant li l-libertà li għandhom l-Istati membri ma twassalx f'sitwazzjoni ta' dumping fiskali.

4.7 Il-Kumitat jikkonsidra li l-linji-gwida proponuti, jekk huma limitati effettivament għall-kwistjonijiet trattati mill-Qorti, jitniżżlu b'din il-kondizzjoni fl-istruttura tal-kompetenzi rispettivi tal-Kummissjoni u ta' l-Istati membri. Jekk ikun deċiż hekk, il-Parlament Ewropew u l-entitajiet komunitarji konsultattivi għandhom ikunu b'mod sħiħ involuti fil-kontinwazzjoni ta' din il-proċedura.

4.8 Fl-aħħarnett il-Kumitat jistaqsi jekk it-theddida ta' referiment għall-Qorti tal-Ġustizzja hiex verament ta' natura li tiffaċilita t-tfittxija indispensabbli ta' soluzzjonijiet; xorta waħda l-Kumitat hu favur l-Istati Membri konċernati għandhom, malajr kemm jista' jkun, jadottaw dispożizzjonijiet biex jevitaw diskriminazzjoni fuq dividendi li deħlin jew ħerġin. Din tista' barra minn hekk tmur lura għax-xewqa, li tissogra li twassal għal konfużjoni ta' poteri, li l-Qorti jingħata r-rwol ta' leġislatur fiskali komunitarju, biex b'hekk hu jaqbeż il-kompetenza li għandhom l-Istati membri.

5. Osservazzjonijiet partikulari

5.1 Il-Kumitat jinnota li l-mudell ta' l-analiżi relattivament sempliċi tal-Kummissjoni ma jkoprix ħlief waħda mill-ipoteżi ta' l-investiment ta' l-ishma, dik tat-titoli ta' investimenti kom-

posti minn ishma f'soċjetajiet kummerċjali f'bosta pajjiżi membri u dawk li mhmiex.

5.2 Il-Kumitat jirrimarka wkoll li d-dħul ta' l-ishma (stocks u shares) jistgħu wkoll ikunu ġejjin minn soċjetajiet kummerċjali ta' investiment kollettiv jew minn fondi ta' pensjonijiet, taħt forom li ma jippermettux li tkun magħrufa l-oriġini nazzjonali tad-diversi komponenti tad-dividendi tagħhom u tal-prifitti kapitali mogħtija. Barra minn hekk, regoli fiskali distinti qed jintużgħu kultant għall-profitti kapitali ta' dawn il-forom ta' investimenti u għad-dħul ta' flus mogħtija, meta mqabbla ma' dawk li għandhom x'jaqsmu mad-dħul dirett minn dividendi ta' persuna fiżika li għandha l-ishma propji tagħha. Il-Kummissjoni mhix qed tittratta dawn il-każijiet.

5.3 Il-Kumitat jistqarr li l-anqas mhi trattata fil-komunikazzjoni l-kwistjoni tat-tassazzjoni tal-profitti kapitali li tirriżulta minn profitti ta' titoli ta' investiment fil-Borża. Id-dħul mid-dividendi mhux l-uniku għan ta' l-investiment f'titoli għal individwu. Iż-żieda fil-valur tat-titoli ta' investiment fil-Borża sabiex eventwalment jinkisbu profitti tikkostitwixxi raġuni oħra kultant aktar bażika ta' l-investiment, u tipparteċipa b'mod sħiħ fl-immaniġġar ta' titoli u tad-dħul minnhom. Din il-kwistjoni trid bla dubju ta'xejn tkun ukoll studjata.

5.4 Rigward id-dibattitu dwar it-taxxa doppja, il-Kumitat jikkalkula li mhux illegali li tiddistingwi bejn persuni fiżiċi u persuni morali, indipendentament mill-metodi u mir-rati ta' tassazzjoni mħaddma fir-rigward tagħhom. Il-parti tal-qliegħ imqasam lill-azzjonisti jikkostitwixxi għal dawn ta' l-aħħar dħul ta' flus disponibbli iżda t-totalità tal-profitti ma tkunx neċessarjament il-mira ta' tqassim. Parti minnhom isservi għall-finanzjament awtonomu tas-soċjetà kummerċjali, li jagħti aktar valur lit-titoli u aktar akkwist ta' ġid lill-azzjonisti, din il-parti tal-profitti mhix maqbuda mill-IS u l-anqas mill-IRPP fl-ipoteżi kkonnsidrati mill-Kummissjoni. Għalhekk hu meħtieġ li jkun magħruf jekk dawn il-profitti kapitali humiex taxxati jew le meta jsiru l-porfitti tagħhom u f'liema kundizzjonijiet, il-komunikazzjoni ma tittrattax din il-kwistjoni li għaldaqstant hija importanti f'għajnejn il-Kumitat.

6. Konklużjoni

6.1 Il-Kumitat jikkalkula li t-trattament ta' tassazzjoni doppja u tat-tassazzjoni tad-dħul individwali fis-sors li jikkonċernaw d-dividendi domestiċi u d-dividendi deħlin jew ħerġin minn barra bi ħsieb li jkun qed jassiguralhom trattament mhux diskriminatorju, jikkostitwixxi għan importanti mingħajr ma jfisser li titfa' dubju fuq il-prinċipju fundamentali ta' l-ugwaljanza tal-persuni fiżiċi quddiem it-taxxi pubbliċi fil-livell nazzjonali. L-Istati membri jistgħu wkoll jikkonsidraw kooperazzjonijiet bejn il-pajjiżi li għandhom prattiki fiskali simili, biex ikunu studjati l-aqwa prattiki fiskali.

6.2 Il-kwistjonijiet imqajma mill-Kumitat fl-osservazzjonijiet individwali tiegħu jista' jkunu eżaminati aktar 'il quddiem, bl-iskop ta' armonizzazzjoni fiskali akbar tat-taxxa fuq kumpaniji u ta' taxxi fuq id-dħul fuq bl-għan partikolari li s-suq intern jit-ħaddem aħjar.

6.3 Il-Kumitat jikkalkula finalment li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tiftaħ perspettiva sabiex ikunu solvuti l-problemi li huma s-suġġett ta' ħafna riferimenti għall-Qorti tal-Ġustizzja, hu jirrikomanda li dawn ikunu evitati fil-futur, sabiex jevitaw li l-Qorti tkun mgħobbija żżejjed b'rikorsi f'dan il-qasam.

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Roger BRIESCH

ANNEX

Għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi segwenti m'għaddewx minkejja li kisbu kwart tal-voti espressi.

Paragrafu 4.6

Ħassar l-aħħar frażi tal-paragrafu.

Riżultat tal-vot:

Voti kontra: 84
Voti favur: 58
Astensjonijiet: 9

Paragrafu 4.8

Supprimer ce paragraphe.

Résultat du vote:

Voti kontra: 85
Voti favur: 53
Astensjonijiet: 16

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni u l-imsieħba soċjali fuq livell Komunitarju dwar l-eżaminazzjoni mill-ġdid tad-Direttiva 93/104/KE dwar ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol

COM(2003) 843 final

(2004/C 302/16)

Fil-5 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, skond Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni u l-imsieħba soċjali fuq livell Komunitarju dwar l-eżaminazzjoni mill-ġdid tad-Direttiva 93/104/KE dwar ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

Is-Sezzjoni dwar ix-Xogħol, Affarijiet Soċjali u Ċittadinanza, li kienet responsabbli mit-thejjja tax-xogħol tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fl-14 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien Is-Sur Hahr.

Matul is-sessjoni plenarja tiegħu tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (laqgħa tat-30 ta' Ġunju 2004), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni segwenti b' 154 voti favur, 71 kontra u 13-il astensjoni.

1. Aspetti Prinċipali tad-Dokument tal-Kummissjoni

1.1 Is-suġġett tal-Komunikazzjoni hi d-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993, kif emendata mid-Direttiva 2000/34/KE, li tistipula l-ħtiġijiet minimi fir-rigward ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol b'mod li jkun assigurat livell aħjar ta' sigurtà u ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema.

1.2 L-għan tal-komunikazzjoni huwa triplu:

1.2.1 L-ewwel nett, ftitex li tevalwa l-applikazzjoni ta' tnejn mid-dispożizzjonijiet tad-direttiva li kienu suġġetti għall-analiżi qabel jiskadi l-perjodu ta' seba' snin, maħdum minn l-aħħar data valida għat-traspożizzjoni mill-Istati Membri, jiġifieri qabel it-23 ta' Novembru 2003, preċiżament id-derogi f'Artikolu 17(4) mill-perjodi ta' referenza għall-applikazzjoni ta' Artikolu 6 dwar il-ġimgħa massima ta' xogħol u l-għażla f'Artikolu 18(1)(b)(i) għall-Istati Membri biex ma japplikawx Artikolu 6, sakemm jittieħdu miżuri li jassiguraw li l-ħaddiema individwali jagħtu kunsens biex jaħdmu aktar minn 48 siegħa (ġeneralment magħrufa bħala opt-out).

1.2.2 It-tieni, il-komunikazzjoni għandha l-għan li tanalizza l-impatt ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti dwar id-definizzjoni tal-ħin tax-xogħol u l-kwalifikazzjoni tal-ħin fuq sejħa (on call), kif ukoll żviluppi ġodda li għandhom l-għan li jtejjbu l-kompatibilità ta' xogħol u ħajja familjari.

1.2.3 Fl-aħħar, l-għan tal-komunikazzjoni hu li jkun konsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iżda wkoll il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-imsieħba soċjali, dwar il-possibilità li d-Direttiva tiġi riveduta.

1.2.4 Għandu jkun rrimarkat li fil-11 ta' Frar 2004, il-Parlament Ewropew adotta rapport li biex id-dispożizzjonijiet dwar id-derogi jitneħħew kompletament. Il-Kummissjoni ħarġet it-tieni karta għall-konsultazzjoni fid-19 ta' Mejju. Skond il-Kummissjoni, l-iskop tad-dokument hu biex l-imsieħba soċjali jinnegozjaw u, jekk ifallu, jagħtu indikazzjonijiet ġenerali tad-direzzjoni tal-legislażzjoni li tista' eventwalment tiġi proposta 'il quddiem mill-Kummissjoni.

2. Kummenti ġenerali

2.1 Il-KESE jikkunsidra l-metodu ta' konsultazzjoni użat mill-Kummissjoni bħala inadegwat, minħabba li din il-materja hi suġġetta għal negozjar kollettiv fuq livell nazżjonali. Il-Kummissjoni missa l-ewwel ikkonsultat l-imsieħba soċjali qabel ma tibda l-proċedura ta' konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet Ewropej, il-KESE u l-Kumitat tar-Reġjuni.

2.2 Il-Kummissjoni mhix qed tagħmel proposti konkreti biex temenda d-direttiva. Il-konsultazzjoni titlob risposti dwar ħames temi ewlenin bl-għan li fil-futur issir revizzjoni għad-direttiva:

- It-tul tal-perjodi ta' referenza – bħalissa huma ta' erba' xhur, b'ċertu dispożizzjonijiet li jippermettu għal sitt xhur jew sena.
- Id-definizzjoni ta' "ħin tax-xogħol" wara deċiżjonijiet reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar il-ħin fuq sejħa (on call).
- Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-deroga.
- Miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari.
- Kif jista' jinkiseb l-aħjar bilanċ possibbli bejn dawn il-miżuri.

2.2.1 B'mod li jkunu jistgħu jagħtu risposti dettaljati għall-ħames mistoqsijiet tal-Kummissjoni, minn iwieġeb irid ikollu mhux biss għarfien preċiż tad-Direttiva ġenerali dwar il-Ħin tax-Xogħol 93/104/EC, iżda wkoll analiżi tal-mod ta' kif din ġiet implimentata fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri u l-impatt li din kellha meta mqabbla ma' leġislazzjoni nazzjonali preċedenti u ta' ftehim nazzjonali ta' negozjar kollettiv. Il-Kumitat jinnota li r-rapport ⁽¹⁾ ipubblikat mill-Kummissjoni u l-kontenut tal-Komunikazzjoni preżenti jipprovdu biss analiżi limitat ta' l-impatt. Il-kummenti tal-Kumitat għalhekk jeħtieġu li jkunu usa'.

2.2.2 B'mod li s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tkun assigurata skond id-dispożizzjonijiet soċjali tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (136 et seq.) u d-Direttiva 89/391/KEE, id-Direttiva ġenerali dwar il-Ħin tax-Xogħol 93/104/KE tistipula b'mod partikolari:

- massimu ta' 48 siegħa xogħol fil-ġimgħa bħala medja, inkluża s-sahra;
- minimu ta' 11-il siegħa konsekuttiva ħin ta' mistrieħ f'kull perjodu ta' 24 siegħa;
- ħin ta' mistrieħ fejn il-ġurnata tax-xogħol hi itwal minn sitt siegħat;
- minimu ta' perjodu ta' mistrieħ ta' ġurnata fil-ġimgħa;
- erba' ġimgħat leave imħallsa fis-sena;
- medja ta' mhux aktar minn tmien sigħat xogħol bil-lejl f'kull perjodu ta' 24 siegħa.

2.2.3 Tistabbilixxi wkoll il-kondizzjonijiet li bihom, l-Istati Membri, permezz tal-leġislazzjoni, u l-imsieħba soċjali nazzjonali, permezz ta' ftehim kollettiv, jistgħu jieħdu deroga mir-regoli msemmija fid-direttiva. Deroga tista' tkun permessa biss fejn il-prinċipji ġenerali tas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiem jkunu osservati.

2.2.4 Sfortunatament l-ebda analiżi komprensiva ma saret dwar jekk l-implimentazzjoni tad-direttiva fl-Istati Membri wasslietx għat-titjib mistenni fil-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema fl-UE, iżda l-Kumitat jassumi li dan hu l-każ, mill-anqas fuq medda twila ta' żmien. Kull emendi għad-direttiva għandhom għalhekk meqjusa bir-reqqa, partikolarment mill-aspett ta' l-imsieħba soċjali.

2.2.5 Fl-istess ħin, għandu jkun imfakkar li d-direttiva tibni fuq id-diskussjonijiet u l-kummenti li jmorru lura għal aktar minn erbatax-il sena. L-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar "ħin tax-xogħol" u "mistrieħ b'kumpens" ħolqu problemi serji għal numru ta' Stati Membri. Għalhekk, il-Kumi-

⁽¹⁾ Rapport mill-Kummissjoni – Stat ta' l-Implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar ċertu aspetti dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol) COM(2000) 787 final.

tat jinnota b'interest, li filwaqt li jirrimarka l-limitazzjonijiet diġà indikati, il-proċedura ta' konsultazzjoni mnedija mill-Kummissjoni, li tippermetti li jingħaqdu flimkien numru ta' opinjonijiet minn diversi oqsma dwar kif ħadmet id-direttiva u l-leġislazzjoni sussegwenti fl-Istati Membri, u b'hekk jitpatta għannuqqas ta' informazzjoni imsemmi aktar 'il fuq. Naturalment, skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE, l-imsieħba soċjali b'mod partikolari, għandhom rwol importanti ħafna x' jilgħabu.

2.2.6 Il-ħin tax-xogħol u l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol huma kruċjali fir-relazzjonijiet bejn l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u t-trade unions kif ukoll fir-relazzjonijiet ta' kuljum bejn min iħaddem u l-ħaddiem. Għalhekk, il-mod ta' kif jiġu definiti r-regoli dwar il-ħin tax-xogħol fi ftehim kollettiv hu ta' importanza kruċjali għall-imsieħba soċjali, li għandhom għarfien u esperjenza kbira f'dawn il-materji.

2.2.7 Ġeneralment, il-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-ħin tax-xogħol hi bbażata fuq ir-responsabilità konġunta ta' min iħaddem u l-ħaddiema biex jassiguraw li l-ħin tax-xogħol hu organizzat b'mod xieraq. Hu fidejn l-imsieħba soċjali fil-livelli differenti fl-Istati Membri biex isolvu l-kwistjonijiet marbuta mal-ħin tax-xogħol li jinqalgħu fuq il-post tax-xogħol, bid-deċizzjonijiet tagħhom ikunu bbażati kemm fuq regoli dwar il-ħin tax-xogħol u bħala parti mill-ftehim kollettiv.

2.2.8 Analiżi purament legali tar-regoli tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol dwar il-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum, ħin ta' mistrieħ u siegħat ta' xogħol fil-ġimgħa, turi li meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet għal deroga permessi skond Artikolu 17, u mingħajr kunsiderazzjoni ta' l-impatt tad-deċizzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar ħin fuq sejħa (on call), id-direttiva tista' titqis bħala waħda li tipprovdi ċertu element ta' flessibilità fin-negozjati. Madankollu, għandu jkun irrimarkat li d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol hi qasam pjuttost kumpless fil-liġi tal-Komunità. Għaldaqstant, il-Kumitat jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, barra l-proposta biex tirrevedi d-Direttiva, tfittex ukoll kundizzjonijiet biex tissimplifikaha. Madankollu, is-simplifikazzjoni m'għandiex tippermetti li l-ħtiġijiet ta' saħħa u sigurtà bażiċi tal-ħaddiem jiġu mwarra.

3 Kummenti speċifiċi

3.1 Perjodi ta' referenza

3.1.1 Kwistjonijiet dwar il-perjodu ta' xogħol annwali ġa kienu tqajmu fl-Ewropa meta kienet mnedija d-direttiva. "Perjodu ta' xogħol annwali" jista' jiġi definit l-aħjar bħala sistema li fiha l-perjodu ta' referenza jkopri sena jew 365 ġurnata.

3.1.2 Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jinkludi regola li stipula medja ta' ħin tax-xogħol ta' 48 siegħa fil-ġimgħa. Din tista' tinqas fuq erba' xhur jew, skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 17, fuq sitta jew tnax-il xahar⁽¹⁾. Id-Direttiva għalhekk tippovdi ċertu ammont ta' libertà biex isigħat tax-xogħol jinġabru fuq perjodu ta' referenza. L-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għandha, ovvjament, tosserva d-dispożizzjonijiet dwar il-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum, mistrieħ ta' matul il-ġimgħa u xogħol ta' matul il-lejl, eċċ., u tirrispetta l-prinċipji ġenerali tas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiem.

3.1.3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tinnotta li "mhux dejjem hu faċli li tanalizza l-leġislazzjoni nazzjonali fir-rigward tat-traspożizzjoni ta' Artikoli 6 u 16"⁽²⁾ (li jitkellmu dwar il-ħin massimu ta' xogħol fil-ġimgħa u l-perjodu ta' referenza rispettivament) u li "B'mod ġenerali, jidher li hemm tendenza lejn l-espressjoni tal-ħin tax-xogħol bħala figura annwali".⁽³⁾

3.1.4 Il-kwistjoni hi l-estent ta' kemm il-perjodu ta' referenza jħalli effett fuq is-saħħa u sigurtà tal-ħaddiem. Il-Kummissjoni ma tindirizzax din il-problema. Jista', ovvjament, ikun inkonvenjent li trid tikkonċentra dan ix-xogħol kollu f'perjodu relattivament qasir ta' żmien, iżda minħabba li l-perjodi ta' referenza ta' sena huma, fil-fatt, użati f'numru kbir ta' ftehim kollettiv – jista' jkun issoponut li kull impatt negattiv ta' perjodu itwal ta' referenza f'termini ta' saħħa u sigurtà jtpatta mill-firmatarji tal-ftehim kollettiv, jekk perjodi ekwivalenti ta' mistrieħ ikunu provduti.

3.1.5 Wieħed mill-argumenti wżati favur l-estensjoni tal-perjodu ta' referenza hu li dan jagħti lill-intrapriżi aktar flessibilità fl-immaniġġjar tal-ħin tax-xogħol. Din il-flessibilità diġà teżisti f'numru ta' pajjiżi, grazzi għall-ftehim kollettiv, u l-problema ta' flessibilità limitata tħalli effett l-aktar fuq pajjiżi fejn il-ftehim kollettiv ġeneralment għandu rwol anqas sinifikanti. Għalhekk ikun xieraq li jissaħħu l-ftehim kollettiv dwar it-tema tal-ħin tax-xogħol, speċjalment f'dawk il-pajjiżi fejn dan it-tip ta' ftehim ma tantx hu b'saħħtu.

3.1.6 Il-KESE jinnotta li t-Trattat KE Artikolu 137, li fuqu hi bbażata d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, fiha dispożizzjoni li d-direttivi adottati fuq bażi ta' dak l-Artikolu huma "biex jevitaw l-impożizzjoni ta' ostakli amministrattivi, finanzjarji u legali b'mod li jillimitaw il-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi zġhar u medji".

(1) 1. Minn erba' sa sitt xhur għall-ftehim kollettiv jew ftehim konklużi bejn żewġ naħat ta' l-industrija (referenza għal Artikolu 17 (3) fl-ewwel sentenza ta' Artikolu 17(4)).

2. Barra minn hekk l-Istati Membri jistgħu jippermettu għall-ftehim kollettiv jew ftehim konklużi bejn żewġ naħat ta' l-industrija biex jistipulaw perjodi ta' referenza li ma jeċċedux it-tnax-il xahar, "sakemm josservaw il-prinċipji ġenerali marbuta mas-saħħa u s-sigurtà tla-ħaddiema" jew "għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi marbuta ma' l-organizzazzjoni tax-xogħol".

(2) COM(2003) 843 final, p. 5

(3) COM(2003) 843 final p. 6

3.1.7 Peress li l-perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar diġà jintuża f'numru ta' Stati Membri minħabba numru ta' ftehim kollettiv, il-KESE tħoss, li peress li d-dispożizzjonijiet preżenti jippermettu l-estensjoni tal-perjodu ta' referenza fi ftehim kollettiv, li l-imsieħba soċjali jkollhom l-flessibilità li jadattaw il-ħin tax-xogħol skond is-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri, setturi u intrapriżi. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinżammu.

3.1.8 Minħabba l-arranġamenti speċjali tal-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema fil-livell maniġerjali, il-Kumitat hu favur l-involviment ta' organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw din il-kategorija fil-proċeduri u negozjati li jistipulaw il-kondizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol. Dan ikun jeħtieġ dispożizzjonijiet speċjali.

3.2 Definizzjoni tal-Ħin tax-Xogħol

3.2.1 Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jiddefinixxi l-"ħin tax-xogħol", bħala "kull perjodu, li matulu l-ħaddiem qed jaħdem, jinsab għad-dispożizzjoni ta' min iħaddmu u qed iwettaq l-attività jew id-dmirijiet tiegħu skond il-liġijiet u / jew prattika nazzjonali". Artikolu 2(2) jiddefinixxi l-ħin ta' mistrieħ bħala "kull perjodu li mhux ħin tax-xogħol".

3.2.2 Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kellha tinterpreta d-definizzjoni tal-ħin tax-xogħol fid-direttiva f'żewġ okkażjonijiet. Fl-ewwel deċiżjoni⁽⁴⁾ dwar il-ħin mgħoddi fuq sejħa (on call) minn tobbja fi stabbiliment tal-kura tas-saħħa, il-Qorti qalet li l-ħin li tabib jgħaddih fuq sejħa għandu jitqies bħala ħin tax-xogħol fl-ambitu ta' Artikolu 2(1) tad-direttiva jekk it-tabib irid ikun fiżikament preżenti fl-istabbiliment tas-saħħa. Iżda dan il-ħin jinkludi d-dover li jkun fiżikament preżenti fil-post magħżul minn min iħaddem u disponibbli biex jaħdem kif jis-sejjaħ minn min iħaddmu. Fid-deċiżjoni fil-każ Jaeger⁽⁵⁾, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-interpretazzjoni preċedenti u kkonkludiet li l-perjodu ta' inattività attwali ta' tabib waqt li jkun fuq sejħa (on call) għandha titqies bħala parti mit-tifsira tad-direttiva. Iddeċidiet ukoll li l-mistrieħ b'kampens jittieħed immedjatament.

3.2.3 Il-KESE jinnotta li s-sentenzi – partikolarment, iżda mhux eskusivament marbuta mas-settur tas-saħħa – jista' jkollhom konsegwenzi vasti fuq l-organizzazzjoni tax-xogħol. Numru ta' Stati Membri għandhom leġislazzjoni nazzjonali li fiha regoli dwar ħin mgħoddi fuq sejħa. Dawn ir-regoli huma fformulati b'modi differenti iżda li għandhom komuni hu li l-ħin mgħoddi fuq sejħa ma jgħoddx jew jgħodd biss bħala parti mill-ħin tax-xogħol. Madankollu mhux meqjus, lanqas, bħala mistrieħ.

(4) Deċiżjoni ta' l-ECJ tat-3.10.2000 fil-każ C-303/98 (Simap).

(5) Deċiżjoni ta' l-ECJ tad-9.10.2003 fil-każ C-151/02 (Jaeger), għadha mhux ippubblikata.

3.2.4 Hu ta' min jinnota l-fatt li d-definizzjoni ta' ħin tax-xogħol f'Artikolu 2(1) tad-direttiva jidher li ma kienetx analizzata jew diskussa b'mod sodisfaċenti qabel ma d-direttiva ġiet adottata. M'hemm l-ebda spjegazzjoni oħra għal mod kif l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri kienu sorpriżi bid-deċizzjonijiet tal-Qorti speċjalment għaliex parti kbira mill-Istati Membri diġà kellhom regoli dwar il-ħin mgħoddi fuq sejħa (on call) fil-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-ħin tax-xogħol.

3.2.5 Il-Kumitat jaqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni li hemm diversi soluzzjonijiet possibbli. Fiċ-ċirkostanzi preżenti, il-Kumitat ma jixtieqx jirrakkomanda xi soluzzjoni partikolari. Dik magħżula, għandha jkollha l-għan, l-ewwel nett, li:

- tipprovdi aktar ħarsien għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fil-konfront tal-ħin tax-xogħol;
- tipprovdi lill-intrapriżi u lill-Istati Membri aktar flessibilità fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol;
- tagħmilha aktar faċli biex jingħaqdu l-ħajja tax-xogħol u tal-familja;
- tevita l-ħolqien ta' ostakli, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u medji.

3.3 Implimentazzjoni tad-deroga skond Artikolu 18(1)(b)(i)

3.3.1 Artikolu 18 tad-Direttiva jagħti lill-Istati Membri d-dritt li fil-leġislazzjoni tagħhom jieħdu deroga minn Artikolu 6 tad-Direttiva, li tillimita l-medja ta' ħin tax-xogħol fil-ġimgħa għal 48 siegħa. L-implimentazzjoni ta' din id-deroga hi suġġetta għal numru ta' kondizzjonijiet:

- a) il-ħaddiema jridu jkunu aċċettaw li jaħdmu numru akbar ta' siegħat;
- b) m'għandha tittieħed l-ebda azzjoni kontra ħaddiema li ma jaċċettawx;
- c) min iħaddem hu obligat li jżomm tagħrif dettaljat tal-ħaddiema kollha li għamlu dan ix-xogħol;
- d) dan it-tagħrif għandu jkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

Għandu jkun innutat ukoll li dawk il-ħaddiema li qed jaħdmu skond id-deroga f'Artikolu 18 huma intitolati għal mistrieħ ta' kuljum ta' 11-il siegħa u waqfa ta' mistrieħ wara sitt siegħat.

3.3.2 Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol hi mibnija fuq it-twemmin mhux ikkonfermat ta' dik li tista' tisfejja kultura ta' ħin ta' xogħol li hi tajba għas-saħħa. Skond Artikolu 137 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, "il-Komunità għandha tappoġġa u tikkumplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri" biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u "li tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema" L-eżistenza stess tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u l-fatt li din kienet implimentata fil-parti kbira ta' l-Istati Membri hi evidenza tal-fatt li hemm xewqa ġenerali li jitnaqqas l-iskop għall-kultura ta' ħin tax-xogħol li jmur kontra s-saħħa. Id-deroga li hemm dispożizzjoni għaliha f'Artikolu 18 (1)(b)(i) għalhekk tista' tiġi applikata biss jekk l-Istat Membru jirrispetta "il-prinċipji ġenerali tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem".

3.3.3 Analiżi ta' jekk l-użu tad-deroga hux leġittimu tiddependi minn jekk hemmx rabta bejn il-fatt li ħaddiem jaħdem aktar minn 48 siegħa f'ġimgħa u s-saħħa u s-sigurtà tiegħu. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni ssostni li l-analiżi ta' l-impatt tad-deroga fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema "ma tidhirx li hi possibbli minħabba li m'hemmx tagħrif ta' min joqgħod fuqu".⁽¹⁾ Madankollu, il-Kummissjoni ssemmi studju riċenti li jsostni li hemm rabta bejn ħinijiet twal ta' xogħol u s-saħħa fiżika, speċjalment meta l-ħin tax-xogħol jaqbeż it-48 sal-50 siegħa fil-ġimgħa. Fl-opinjoni tiegħu għall-proposta tal-1990 għad-Direttiva, il-KESE kien diġà sostna li minn numru ta' studji kien jidher li perjodu twil ta' xogħol mingħajr mistrieħ jista' jkun ta' dannu għas-saħħa tal-ħaddiema, iwassal għal mard marbut mal-post tax-xogħol, u jnaqqas l-abilità tal-ħaddiema.⁽²⁾

3.3.4 Hu importanti li d-deroga għandha tintuża b'mod volontarju. Skond ir-regoli tad-direttiva, ħaddiem għandu jkun ħieles li jagħżel jekk jaħdimx aktar minn medja ta' 48 siegħa fil-ġimgħa. Ir-regoli kienu kritikati għaliex dan il-ħelsien mhux dejjem hu possibbli: hu diffiċli li impjegat jirrifjuta li jiffirma ftehim meta jmur biex jintagħżel għax-xogħol.

3.3.5 Skond il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, studju li sar fir-Renju Unit juri li 48 % tal-ħaddiema fl-industrija tal-konstruzzjoni jaħdmu aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa.⁽³⁾ Dan ir-riżultat hu sorprendentement għoli, speċjalment għaliex ħafna minnhom jaħdmu, aktarx, f'impjegi li jeħtieġu saħħa fiżika u preċizzjoni. Għal min iħaddem, il-benefiċċju ta' dawn is-siegħat żejda ma jidhirx li jkun kbir wisq, peress li l-paga tas-sahra tiġi tiswa ferm aktar. Għalhekk wieħed jitħasseb dwar jekk il-kultura ta' ħinijiet twal tax-xogħol fir-Renju Unit hix marbuta ma' problemi strutturali oħra.

⁽¹⁾ COM(2003) 843 final, p. 14.

⁽²⁾ ĠU C 60 tat-8.3.1991, p. 26.

⁽³⁾ COM(2003) 843 final, p. 13.

3.3.6 Kwistjoni importanti oħra hi l-impatt tas-sigħat twal fuq il-familja. Kif jirnexxihom il-ġenituri li jaħdmu aktar minn 48 siegħa jieħdu ħsieb ta' kollox? Il-kultura tas-siegħat twal tista' tkun fattur li żżomm persuna minn koppja – ġeneralment il-mara – parzjalment jew kompletament barra mis-suq tax-xogħol? Jekk iva, din id-deroga tista' tmur kontra l-għan ta' l-Istrateġija ta' Lisbona li sal-2010 ikun hemm 60 % tal-popolazzjoni femminili fl-UE taħdem? Hu pjuttost sorprendenti li fis-suq tax-xogħol fir-Renju Unit id-differenza fil-parteċipazzjoni ta' l-irġiel u n-nisa hi fil-fatt ftit aktar baxxa mill-medja ta' l-Unjoni Ewropea, iżda, min-naħa l-oħra, ir-Renju Unit, wara l-Olanda, hi l-aktar pajjiż fejn in-nisa, kważi n-nofs, jaħdmu part-time. ⁽¹⁾ Skond il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, 26.2 % ta' l-irġiel Ingliżi jaħdmu aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa, fil-waqt li għan-nisa l-proporzjon hi ta' 11.5 % ⁽²⁾. Studju ppubblikat fil-British Medical Journal sab li l-ebda kontroll fuq is-sahra hu riskju għas-saħħa tan-nisa, speċjalment għall-ħaddiema manwali li għandhom familja. ⁽³⁾ Għalhekk jidher li d-deroga għandha effett negattiv fuq l-opportunitajiet indaqs bejn nisa u rġiel. Dan l-aspett għandu jkun analizzat f'aktar dettall.

3.3.7 Il-KESE m'għandux l-intenzjoni li jieħu pożizzjoni fuq id-deroga f'dan l-istadju. Analiżi aktar profonda li tinvolvi l-imsieħba soċjali hi meħtieġa qabel ma tista' tittieħed din il-pożizzjoni.

3.4 Miżuri favur titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari

3.4.1 Xi jfisser bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari għall-ħaddiema? Xi tfisser ħajja familjari? Jekk nistaqsu din il-mistoqsija lill-ġenituri ta' tfal żgħar, se nirċievu tweġiba partikolari. Jekk nistaqsuha lill-koppja mingħajr tfal, kważi ċertament it-tweġiba tkun differenti. Missier waħdu se jirrispondi differenti. Għalhekk, ma tistax tagħti tweġiba sempliċi għal kif se jitjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari.

3.4.2 Madankollu, ġeneralment jista' jintqal li għal parti l-kbira tan-nisa, il-possibilità li jinfluwenzaw jew jidderieġu sitwazzjoni tax-xogħol tagħhom hu fattur pożittiv li jwassal

għal ambjent tajjeb tax-xogħol. Dan jgħodd l-aktar għall-ġenituri bi tfal żgħar. Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol tenfasizza b'mod partikolari l-fatt li:

- hemm possibilità akbar li n-nisa jbatu mill-effetti negattivi fuq is-saħħa u l-kundizzjoni fiżika tagħhom jekk iridu jlaħħqu mal-ħajja tax-xogħol u r-responsabilitajiet familjari;
- għandha tingħata attenzjoni għall-problema li n-nisa jaħdmu żewġ xogħlijiet part-time li spiss twassal għal ħin tax-xogħol totali f'ġimgħa li jeċċedi l-limitu legali, b'mod li jaqilgħu biżżejjed flus biex jgħixu;
- li l-kultura ta' sigħat twal tax-xogħol fi professjonijiet għolja u impjegji maniġerjali huma ostaklu għall-mobilità tan-nisa u żżomm is-segrazzjoni tas-sessi fuq il-post tax-xogħol ⁽⁴⁾.

Il-KESE jaqbel fermament ma' din l-opinjoni, iżda jżid ukoll li l-problemi msemmija ma japplikawx biss għall-irġiel, iżda għall-ġenituri b'mod ġenerali li jbatu biex ilaħħqu mal-ħajja tax-xogħol u tal-familja. Dan jimplika wkoll riskju għas-saħħa.

3.4.3 Il-KESE jiġbed ukoll l-attenzjoni li kull politika dwar il-ħin tax-xogħol għandha tippermetti lill-kulħadd jagħti ftit mill-ħin tiegħu, barra mill-ħin tax-xogħol u l-familja, biex jagħti kontribut lejn is-soċjetà u l-ħajja demokratika.

3.4.4 Preżentement, kemm il-liġi Komunitarja kif ukoll naz-zjonali jinkludu regoli li jikkunsidraw il-bżonn ta' aktar għaqda bejn il-ħajja familjari u t-trobbija tat-tfal ma' l-impjeg. Hemm per eżempju, dispożizzjonijiet dwar il-leave tal-ġenituri, xogħol part-time, teleworking, ħinijiet tax-xogħol flessibbli, eċċ. Il-KESE japprezza jekk isir stħarriġ li jinvolvi l-imsieħba Soċjali dwar id-dispożizzjonijiet preżenti f'dan il-qasam qabel ma jiġu proposti u diskussi miżuri ġodda. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol tintalab twettaq dan l-istħarriġ. Il-Fondazzjoni diġà ppubblikat rapport li jindirizza, sa ċertu punt, dawn il-problemi. ⁽⁵⁾

Brussel, 30 ta' Ġunju 2004.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

⁽¹⁾ Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni – Rapport dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-irġiel, 2004 COM(2004) 115 final, p. 16.

⁽²⁾ COM(2003) 843 final, p. 12.

⁽³⁾ Ala-Mursula & al.: "Effect of employee worktime control on health: a prospective cohort study", Occupational and Environment Medicine; 61: 254-261, No. 3, Marzu 2004.

⁽⁴⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11.2.2004 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. (Emenda tad-Direttiva 93/104/EC), P5_TA-PROV(2004)0089, punt 20-22.

⁽⁵⁾ "A new organisation of time over working life", Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, 2003.

APPENDIĊI

Għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi segwenti kisbu aktar mill-25 % tal-voti mixħuta, iżda kienu miċħuda mill-maġġoranza:

Punt 3.1.7

Ibdel il-paragrafu bit-test li ġej.

Fil-Komunikazzjoni tad-19 ta' Mejju, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-perjodu ta' referenza għandu jkun estiż mingħajr ma tagħmel proposta konkreta. Għalhekk il-KESE mhux fi ħsiebu jieħu pożizzjoni dwar dan f'dan l-istadju. Il-KESE jagħmel hekk meta jkun konsultat fuq abbozz ta' direttiva.

Raġuni

Dwar żewġ temi oħra (definizzjoni ta' ħin tax-xoġħol, punt 3.2.5, u d-deroga, punt 3.3.7) il-KESE ma jieħux pożizzjoni qabel ma jkun hemm proposti konkreti. Għalhekk jidher li hu ġustifikat li l-attitudni tkun simili fil-konfront tal-perjodu ta' referenza.

Riżultat tal-Vot

Favur:	84
Kontra:	35
Astensjonijiet:	7

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija qabel il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004"

(2004/C 302/17)

Fit-28 ta' Jannar 2004, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda li jikteb opinjoni skond Regola 29 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu dwar "Ir-relazzjonijiet UE-Turkija qabel il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2004".

Is-Sezzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Esterni, li kienet responsabbli biex tipprepara x-xogħol tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fis-7 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kien is-Sur Tom Etty.

Fis-sessjoni plenarja numru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (laqgħa ta' l-1 ta' Lulju 2004), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni segwenti, b'166 vot favur, 17 kontra u 28 astensjonijiet:

1. Sfond

1.1 Il-KESE ilu snin twal isegwi l-iżviluppi fit-Turkija. It-Turkija assoċjat ruħha mal-KESE fl-1963, applikat għall-isħubija fl-1987, u ssieħbet fl-Unjoni Doganali ta' l-UE fl-1995.

1.2 Permezz ta' Kumitat Konsultattiv Konġunt, imwaqqaf mas-soċjeta ċivili organizzata fit-Turkija u li ilu jiffunzjona kif imiss sa mill-1995, il-KESE huwa infurmat sewwa bl-aspirazzjonijiet tal-gruppi b'interessi soċjali u ekonomiċi fit-Turkija fejn tidħol l-isħubija tal-pajjiż tagħhom fl-UE u sinċerament jemmen li s-Summit Ewropew ta' Diċembru 2004 se jkun jista' jikkonkludi li t-Turkija laħqet il-kriterji politiċi ta' Copenhagen tal-1993, u jiddeċiedi li n-negozjati għas-sħubija jistgħu jibdwew bla dewmien.

1.3 Il-Kumitat dejjem żamm kont ta' dawn l-aspirazzjonijiet.

1.4 It-Turkija wriet għal diversi deċennji li hija għażlet b'mod inekwivoku li ddawwar r-rotta tagħha lejn l-Ewropa.

1.5 It-Turkija hija stat sekolari li b'maġġoranza assoluta tal-popolazzjoni tħaddan twemmin Islamiku. Hija tixtieq timxi fuq l-istil demokratiku modern u sekulari. Isservi ta' eżempju importanti ħafna għal dawk il-pajjiżi li għandhom popolazzjoni li kważi kollha kemm hi tħaddan it-twemmin Islamiku u li jridu jsaħħu l-istrutturi politiċi tagħhom f'termini ta' sekulariżmu u demokrazija. Is-sħubija tat-Turkija fl-UE tkun turi fejn waslet l-UE f'termini tal-pluraliżmu, l-abilità li tħaddan djalogu bejn il-kulturi u reliġjonijiet, u dwar ir-rwol tagħha fil-promozzjoni tal-paċi u ġustizzja fid-dinja.

1.6 It-Turkija huwa pajjiż demografikament zagħżuġ b'economija li qed tikber b'rata qawwiya u li għandha potenzjal kbir. Iku madankollu inkorrett li titqis biss bħala suq kbir għall-esportazzjoni Ewropea jew bħala żona fejn jista' jsir investiment bi spiża baxxa. It-Turkija żviluppat, fuq medda twila ta' żmien, rwol li min-naħa waħda huwa dak ta' buffer zone, u min-naħa l-oħra bħala pont bejn il-punent u l-lvant, iżda qatt ma waqfet tikkunsidra lilha nnifisha bħala Ewropea. Jekk it-Turkija tirmexxielha ssir membru ta' l-UE, hija tkun tista' tagħti sehem aktar dirett għall-attivitajiet ta' l-UE għall-prevenzjoni tal-kunflitti, b'mod partikolari grazzi għar-relazzjonijiet eċċellenti li tgawdi mar-reġjun ta' l-Asja Ċentrali, il-Lvant Nofsani u ż-żona tal-Golf Għarbi.

2. Introduzzjoni

2.1 Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija huma fil-preżent, u għall-bqija ta' din is-sena ser jibqgħu, dominati mill-kwistjoni dwar jekk jinfetħux in-negozjati dwar l-isħubija. Il-Summit Ewropew ser jieħu deċiżjoni waqt il-laqgħa li ser ikollu f'Diċembru ta' din is-sena.

2.2 Dik id-deċiżjoni ser tkun avveniment deċiżiv wara perjodu ta' aktar minn ħmistax-il sena li matulhom it-Turkija baqgħet tistenna risposta ċara għall-applikazzjoni tagħha biex tisieheb ma' l-UE. Il-Kunsill ta' Helsinki ta' Diċembru 1999 poġġa lit-Turkija bħala kandidat għall-isħubija. Il-Kunsill ta' Copenhagen ta' Diċembru 2002 iddeċieda li d-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati tittieħed fuq bażi tar-riżultat ta' eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni, jekk sa dak iż-żmien it-Turkija tkun laħqet il-kriterji politiċi mfissra f'Kopenhagen fl-1993. Hija prekundizzjoni essenzjali li dawk il-kriterji jiġu sodisfatti qabel jingħata l-bidu għat-triq ta' l-isħubija sħiħa.

2.3 Id-deċiżjoni li għandha tittieħed hija ovvjament mhux biss ta' l-akbar importanza għat-Turkija, iżda wkoll għall-UE.

2.4 S'issa, ħareġ riżultat pożittiv mill-analiżi li saret mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress magħmul mit-Turkija. Skond il-Kummissjoni, ir-riżultati tal-proċess ta' riforma kienu partikolarment impressjonanti fl-aħħar sentejn jew tlieta. Madankollu għad jonqos progress sinifikattiv x'jinkiseb fejn tidħol l-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà ta' l-espressjoni, ir-rwol ta' l-armata, u d-drittijiet kulturali – ta' l-aħħar speċjalment fix-Xlokk tal-pajjiż.

Fl-aktar rapport riċenti tiegħu dwar it-Turkija, il-Parlament Ewropew għamel apprezzament simili. Jikkunsidra li t-Turkija, minkejja l-isforzi kollha li saru s'issa, għadha ma kkonformatx mal-kriterji politiċi ta' Copenhagen. Nuqqasijiet serji jinsabu fil-Kostituzzjoni ta' l-1982 adottata taħt tmexxija militari. Ir-riformi mill-2001 sal-lum għadhom ma nehhewliex il-karattru awtoritarju tagħha. Hemm ukoll tħassib, skond l-aħħar rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-riformi fil-prattika, it-tortura persistenti fl-istazzjonijiet tal-Pulizija, maltrattament ta' l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, u n-nuqqas ta' riżpett għad-drittijiet tal-minoritajiet (partikolarment tal-Kurdi).

2.5 It-Turkija ma rnexxieliex biss twestaq programm legiŝlativ impressjonanti, iżda ħadet ukoll miżuri mportanti biex tissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn il-liġijiet ġodda fil-prattika.

2.6 Din l-opinjoni tħejjiet, fost raġunijiet oħra, fuq bażi tax-xogħol imwettaq mill-Kumitat Konsultattiv Konġunt bejn l-UE u t-Turkija. Dan ippermetta lill-KESE biex jieħu kunsiderazzjoni ta' l-opinjoni, aspirazzjonijiet u aspettattivi ta' porzjon sinifikanti tas-soċjetà ċivili Torka.

3. Osservazzjonijiet Ġenerali

3.1 Irid ikun ċar mill-bidu nett li l-kwistjonijiet kruċjali li l-KESE huwa msejjaħ biex jiddiskuti f'dan iż-żmien partikolari huma bażikament il-kwistjonijiet politiċi tad-demokrazija, is-supremazija tal-liġi, id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoritajiet, kif deċiż mill-Kunsill ta' Copenhagen ta' Diċembru ta' l-2002.

3.2 Il-kriterji ekonomiċi u l-acquis ser jiġu diskussi hawn-hekk biss sa fejn il-progress magħmul fihom s'issa mit-Turkija jolqot it-tiŝhih tad-drittijiet tal-bniedem, tas-soċjetà ċivili u tad-demokrazija.

3.3 Il-KESE qies sewwa l-informazzjoni riċenti rilevanti, b'mod partikolari r-Rapport Regolari dwar il-progress tat-Turkija lejn l-iŝhubija maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea għas-sena 2003, ir-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar it-Turkija ta' April ta' l-2004 u r-Rapport dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-Turkija ta' Diċembru ta' l-2003. Il-Kumitat jikkondividi l-apprezzament ġenerali tal-proċess ta' riforma magħmul f'dawn ir-rapporti. Jikkunsidra li l-valur addizzjonali ta' din l-opinjoni jinsabu fil-veduti dwar il-kriterji politiċi li huma ta' importanza partikolari għall-gruppi ta' interess ekonomiċi u soċjali. Għaldaqstant din l-Opinjoni se tiffoka fuq dawn l-aspetti.

3.4 Għall-KESE, aspetti ta' importanza partikolari fil-kriterji politiċi huma:

- ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem (b'mod partikolari d-dritt ta' organiżazzjoni u d-dritt ta' negozjati kollettivi; id-drittijiet tal-mara u id-drittijiet kulturali tal-minoritajiet);
- id-demokrazija, b'mod partikolari il-kontribuzzjoni li gruppi ta' interess ekonomiċi u soċjali u s-soċjetà ċivili fil-maġġor parti tagħha jistgħu jagħmlu għall-proċess tad-deċiżjonijiet politiċi;
- il-libertà ta' l-espressjoni, il-mezzi ta' xandir ħielsa; u
- ir-rwol ta' l-armata fis-soċjetà Torka, b'mod partikolari fil-ħajja ekonomika u soċjali.

3.5 Il-Kunsill ta' Helsinki fl-1999 stqarr biċ-ċar li r-rendiment tar-riformi fit-Turkija ser jitkejjlu kontra l-istess kriterji ta' sħubija applikabbli għall-pajjiżi kandidati l-oħra.

3.6 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li wħud mill-pajjiżi li magħhom infetħu n-negozjati dwar l-iŝhubija diversi snin ilu, apparentament ma kienux jilhqnu l-kriterji politiċi kollha fil-mument li nfetħu n-negozjati magħhom. F'uħud minnhom għadhom jeżistu diskrepanzi serji minkejja li ssieħbu fl-UE. F'dan ir-rigward wieħed jista' jsemmi elementi importanti bħalma huma l-korruzzjoni, l-indipendenza tal-ġudikatura u t-trattament tal-minoritajiet. F'dan l-isfond huwa importanti jin-għad li fl-opinjoni tagħna t-Turkija m'għandiex tkun ġudikata biss bl-istess kriterji tal-pajjiżi kandidati l-oħra, iżda wkoll li dawn il-kriterji jiġu applikati magħha bl-istess mod.

3.7 F'Diċembru ta' l-2002, meta l-Kunsill stipula t-terminu biex tittieħed deċiżjoni dwar jekk jinfetħux in-negozjati mat-Turkija jew le, id-deċiżjoni tagħhom setgħet tisser biss li f'dak il-mument kienu ħassew li t-Turkija kienet għamlet biżżejjed progress biex tkun ġustifikata l-aspettativa li jekk tagħmel sforz qawwi fl-erbgħa u għoxrin xahar li kien fadal, in-nuqqasijiet li kien għad hemm kienu jintgħelbu. Jekk dan ma kienx il-każ, kien ikun mingħajr sens u inġust li t-Turkija ngħatat din il-perspettiva.

3.7.1 Għall-problemi ewlenin li jifdal, bħalma huma r-rwol ta' l-armata fis-soċjetà u t-trattament tal-minoritajiet, (b'mod partikolari il-Kurdi fix-Xlokk), li għandhom storja kumplikata ta' diversi deċennji, sentejn hu perjodu qasir wisq. Għaldaqstant huwa raġonevoli li wieħed jiddeduċi li l-Kunsill ma assumiex t-Turkija tkun f'pożizzjoni li tilħaq bi sħiħ il-kriterji politiċi sa Diċembru 2004.

3.7.2 Jekk dik hija interpretazzjoni korretta tad-deċiżjoni tal-Kunsill f'Diċembru tal-1992, il-mistoqsija hija kemm progress u fuq liema aspetti ta' l-kriterji politiċi jista' realistikament jiġi mistenni mingħand it-Turkija qabel jistgħu jinbdew in-negozjati.

3.8 Fid-diskussjoni kurrenti dwar il-ftuħ tan-negozjati dwar sħubija mat-Turkija, issir referenza regolari għall-problema ta' Ċipru. Ir-rwol pożittiv li labgħet it-Turkija biex tinkiseb soluzzjoni, u l-konsegwenti 65 % vot favur l-unifikazzjoni tal-gżira mogħti mill-komunità Ċiprijotta Torka, iridu jittieħdu in-konsiderazzjoni. Indubbjament, Ċipru jibqa' kwistjoni ta' importanza kapitali, kemm f'termini ta' prinċipji kif ukoll ta' relatajiet politiċi. Madanakollu, jekk wieħed jimxi fedelment u onestament mad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Copenhagen ta' Diċembru 2002, msemmi fil-para. 1.2., l-UE ma tistax tagħmel is-soluzzjoni dwar il-problema ta' Ċipru bħala kundizzjoni ġdida għall-ftuħ tan-negozjati għaliex dan ikun ifisser li qed tiġi stabbilita kundizzjoni supplimentari ex post.

4. Rimarki speċifiċi

4.1 *Drittijiet tal-bniedem*

4.1.1 Il-gruppi ta' interess ekonomiċi u soċjali jinsabu profondament involuti fil-kwistjonijiet relatati mad-dritt ta' l-organizzazzjoni u d-dritt ta' negozjati kollettivi, imnaqqa fil-Konvenzjonijiet ta' l-ILO numri 87 u 98, u fil-Karta Soċjali Ewropea. It-Turkija rratifikat iż-żewġ konvenzjonijiet ta' l-ILO u hija firmatarja għall-Karta Soċjali Ewropea. Hija żammet riżerva fuq l-Artikoli 5 (dritt ta' organizzazzjoni) u 6 (dritt ta' negozjati kollettivi, dritt għall-istrajk) tal-Karta.

4.1.2 Fl-aħħar żewġ deċennji, u b'mod partikolari bħala konsegwenza tal-kolp militari ta' l-istat ta' Settembru 1980, seħħ ksar serju ta' dawn id-drittijiet. Ir-reġim militari sa wasal li jikteb numru ta' vjolazzjonijiet gravi tad-drittijiet fundamentali tat-trade unions fil-Kostituzzjoni ta' l-1982.

4.1.3 Numru sostanzjali minn dawn l-artiklu u biċċiet ta' leġislazzjoni kienu emendati reċentement.

4.1.4 Madankollu, għadhom jeżistu devjazzjonijiet importanti mill-Konvenzjonijiet fundamentali ta' l-ILO. B'mod partikolari, Article 54 tal-Kostituzzjoni għad fih restrizzjonijiet dettaljati tad-dritt għall-istrajk. Artikolu 51 tal-Kostituzzjoni, li tistabbilixxi pre-kondizzjonijiet għall-elezzjoni ta' uffiċjali tat-trade unions, ġie emendat sabiex jiġi konformi mal-Konvenzjoni ta' l-ILO numru 87. Huma fil-kors li jiġu implimentati inizzjattivi biex jiġu emendati provvedimenti simili fl-Att numru 2821 dwar it-trade unions u l-Att numru 2822 dwar il-Ftehim Kollektiv tax-Xogħol, l-iSrajkijiet u l-lock-outs. Madankollu skond ir-Rapport għall-2004 tal-Kumitat ta' l-Esperti dwar Konvenzjonijiet Ratifikati ta' l-ILO lill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol, il-Gvern riċentement fetaħ proċeduri fil-Qorti bbażati fuq din il-liġi kontra d-DISK, waħda mil-konfederazzjonijiet tat-trade unions rappreżentata fil-Kumitat Konsultattiv Konġunt bejn l-UE u t-Turkija.

4.1.5 Għal aktar minn għoxrin sena, il-korpi ta' superviżjoni ta' l-ILO (il-Kumitat Indipendenti ta' Esperti dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet, il-Kumitat tal-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol, kif ukoll il-Kumitat tal-Korp Governattiv dwar il-Libertà ta' l-Assoċjazzjoni) ikkritikaw bl-aħrax dawn il-vjolazzjonijiet u semmew kif it-Turkija għandha twaqqafhom. L-azzjonijiet ta' Gvernijiet Torok suċċessivi biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni kienu deludenti u sfortunatament għad hemm nuqqas ta' sinjali ta' titjib.

4.1.6 Rapport dwar id-Djalogu Soċjali u d-Drittijiet Ekonomiċi u Soċjali fit-Turkija, preparat għat-tnax il-laqgħa tal-KKK UE-Turkija (1), issottolinea b'mod partikolari r-restrizzjonijiet tad-dritt ta' l-organizzazzjoni u d-dritt ta' l-istrajk fis-settur pubbliku. Minkejja diversi riformi fil-leġislazzjoni dwar it-trade unions u r-relazzjonijiet industrijali, dawn, sfortunatament, għadhom jippersistu sal-lum.

(1) "Djalogu soċjali u drittijiet ekonomiċi u soċjali fit-Turkija".

4.1.7 Dwar id-dritt ta' organizzazzjoni fil-forma ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), jeżistu restrizzjonijiet legali fil-Liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet, dwar kif wieħed isir membru, il-ġbir tal-fondi u l-iskop ta' l-attivitajiet. Fil-prattika, it-tħaddim ta' dawn l-organizzazzjonijiet huwa ta' spiss serjament ostakolat. NGOs kkunsidrati li jieħdu pożizzjoni paċifika kontra l-gvern huma konfrontati b'infiltrazzjoni, sorveljanza stretta, ċensura, eċċ.

4.1.8 Fondazzjonijiet ta' minoratijiet (reliġjużi) huma ffaċċjati b'diffikoltajiet partikolari fejn tidħol id-dritt tal-proprjetà. Il-Gvern donnu dispost jirrimedja dawn ir-restrizzjonijiet biex jippermetihom l-libertà ta' l-azzjoni. Ġie mwiegħed titjib għar-Rebbiegħa ta' l-2004, iżda dawn s'issa għadhom ma sarux.

4.1.8.1 Komplex jeżistu problemi serji dwar it-taħriġ reliġjuż tal-minoritajiet, b'mod partikolari il-kleru Grieg ortodoss. Il-kulleġġ teoloġiku ta' Halki ilu magħluq għal aktar minn tletin sena.

4.1.9 Fir-rigward tad-drittijiet tal-mara, il-Kumitat jinnota diversi difetti serji minkejja li t-Turkija rratifikat il-Konvenzjoni fundamentali ta' l-ILO fuq Paga Ugwali (Nru 100) u fuq Diskriminazzjoni (Impieg u Xogħol) (Nru 111). Il-Konvenzjonijiet huma implimentati fil-liġi b'ċertu eċċezzjonijiet (per eżempju, għad hemm ostakoli legali biex in-nisa jkollhom aċċess għal ċertu impjegi). L-implimentazzjoni, madankollu, fil-prattika turi diversi nuqqasijiet, per eżempju fejn jidħol il-ħlas indaqgħall-istess xogħol bejn persuni bl-istess kwalifiki u l-aċċess għal ċerti tipi ta' impjegi ta' kwalità. Jeżistu problemi simili f'hafta Stati Membri ta' l-UE.

4.1.9.1 Barra minn hekk punt ta' tħassib huwa l-problema ta' networks kriminali b'saħħithom li jħaddmu prostituzzjoni forzata kif ukoll it-traffikar internazzjonali tan-nisa, tfajliet u subien u organi.

4.1.10 Minkejja l-bidliet importanti fil-leġislazzjoni, għad hemm problemi gravi fir-rigward tat-trattament tal-Kurdi fil-prattika. Għad m'hemm ir-rispett xieraq bħala minorità, minkejja ċerti żviluppi riċenti importanti b'mod partikolari t-trasmissjonijiet fil-lingwa Kurda. Fit-Turkija, l-istat ta' minorità huwa riżervat għall-gruppi reliġjużi tal-pajjiż skond it-Trattat ta' Lausanne ta' l-1923 li jitellem biss fuq minoritajiet reliġjużi.

4.2 *Demokrazija*

4.2.1 Taħt dan il-kap, il-Kumitat jixtieq isostni għal darb'oħra l-importanza potenzjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ġdid tat-Turkija. Dan jista' jagħti kontribut sinjifikattiv sabiex jiġi msaħħaħ il-proċess demokratiku fil-qasam tat-teħid tad-deċiżjonijiet fuq kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali magħgħuri permezz ta' konsultazzjonijiet siewja bejn l-aktar gruppi ta' interess rappreżentattivi u l-Gvern. F'dak is-sens, huwa hafta aktar minn sempliċi element tad-djalogu soċjali ta' l-UE, kif tiferi għalih il-Kummissjoni fir-Rapport Regolari tagħha.

4.2.2 Il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Tork twaqqaf fl-2001. Huwa presdut mill-Prim Ministru u diversi Ministri tal-Kabinet oħra jieħdu sehem fix-xogħol tiegħu. Sa minn meta twaqqaf, ma ltaqax sakemm tala' fil-poter il-Gvern preżenti, sena u nofs ilu. S'issa ltaqa' tliet darbiet, skond l-iskeda, iżda ċertament ma ffunzjonax bil-mod irrakmandat mir-Rapport tal-KKK UE-Turkija dwar id-Djalogu Soċjali u d-Drittijiet Ekonomiċi u Soċjali, imsemmi fil-para. 3.1.4. aktar 'l fuq. Minflok jidher li hu ħanut tat-tpaċċ li fih jingħataw id-dikjarazzjonijiet u jsiru diskussjonijiet inkonklussivi, aktar milli korp influenti fejn gruppi ta' interess ekonomiċi u soċjali, uffiċjalment ikkonsultati mill-Gvern, jagħmlu sforzi serji biex jintlaħaq ftehim fuq kwistjonijiet diffiċli fl-oqsma ta' kompetenza u attività tagħhom. Huwa ċar li kumitat bħal dak u attivitajiet bħal dawk ma jsirux millum għal għada. Iżda s'issa l-Gvern naqas milli jipprovi lill-organizzazzjonijiet rappreżentati fuq il-Kunsill b'inċentivi li jkollhom negozjati vera bejniethom, per eżempju billi jagħtihom l-assigurazzjonijiet u jippruvallhom li, jekk jirnexxielhom jilhqqu kompromessi sinifikanti, dawn ta' l-aħħar jiġu riflessi b'mod sinifikattiv fil-politika tal-Gvern. Il-KESE jispera li l-Gvern tat-Turkija jikkopera b'mod serju u kostruttiv mal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali sabiex jgħinu jiżviluppa f'element sinifikanti tal-proċess ta' demokratizzazzjoni fit-Turkija. Fi Frar ta' din is-sena, il-Gvern ħabbar li bi ħsiebu jirrevedi l-kompożizzjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali, u b'mod partikolari il-pożizzjoni dominanti li hu stess għandu fih.

4.2.3 Il-Kumitat jixtieq ukoll jirrimarka l-importanza tal-libertà ta' l-espressjoni u l-mezzi tax-xandir ħielsa għall-proċess demokratiku fit-Turkija. Huwa jirrikonoxxi n-numru kbir ta' riformi f'dan il-qasam partikolari. Madankollu, jikkondividi t-tħassib espress mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa li uħud mil-bidliet (bħal per eżempju fil-Kostituzzjoni) jistgħu jkunu interpretati b'mod li jkunu aktar restrittivi mid-disposizzjonijiet li ssostitwew. Barra minn hekk, l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni Prattika ta' dawn id-disposizzjonijiet ġodda huwa l-eżami ta' dawn ir-riformi, bħalma huwa għal dawk foqasma oħra. L-esperjenzi bikrija li kien hemm fil-proċeduri legali sfortunatament juri f'tit konsistenza f'dan il-qasam.

4.3 Rwol tal-forzi armati fis-soċjetà Torka

4.3.1 Din is-sezzjoni hija konxja tar-rwol importanti li l-forzi armati kellhom u għad għandhom fl-istorja tal-pajjiż kif ukoll fis-soċjetà Torka fil-preżent. Hija tirrikonoxxi li kien hemm okkażjonijiet li fihom dan ir-rwol kien pożittiv. Madankollu, għandu jiġi osservat li bosta mid-diffikultajiet ffaċċjati mit-Turkija llum biex taderixxi mal-kriterji politiċi ta' Copenhagen ta' l-1993, jgħid mill-involvement estremament wiesa' u fond ta' l-armata fis-soċjetà. Dak l-involvement irid jintemm fuq bażi ta' programm konkret u aġenda stretta.

4.3.2 Is-sezzjoni tifhem li huwa impossibbli li rwol daqs-hekk dominanti f'diversi sferi tal-ħajja, u li jmur ħafna oltre mir-rwol normali ta' armata (id-difiża, is-sigurtà interna), jiġi eradikat fi żmien daqshekk qasir. Madankollu, għandu jkun assolutament ċar għat-Turkija li jekk trid issir membru ta' l-UE, ir-rwol ta' l-armata għandu jkun limitat għax-xogħol ta' kwalunkwe armata fl-iStati Membri l-oħra; cioè, limitat biex tiġi salvagwardja tas-sigurtà interna u esterna tal-pajjiż u biex tipparteċipa fl-operazzjonijiet internazzjonali, taħt il-kontroll demokratiku tal-Parlament.

4.3.3 B'żieda mal-punti li diġà ġew diskussi mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew (fost l-oħrajn ir-rwol u l-komposizzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tas-Sigurtà, ir-responsabilità politika għall-finanzi ta' l-armata, r-rappreżentanza militari fuq korpi ċivili fil-qasam ta' l-edukazzjoni u x-xandir awdjo-viżiv) għandu jkun hawn innutat li l-armata u l-uffiċjali ta' l-armata jieħdu wkoll pożizzjonijiet prominenti fil-ħajja ekonomika. Liġi ta' l-2003 tistipula li ż-żewġ fondi żejda tal-budget tal-forzi armati se jkunu inklużi bħala parti mill-budget Statali sa tmiem l-2004 u se jispiċċa minn titlu separat sal-2007. Dan ifisser li mill-2007 il-budget tal-forzi armati se jkun kompletament taħt kontroll demokratiku. Iżda għalissa, l-forzi armati għad għandhom saħħa konsiderevoli fis-soċjetà u l-ekonomija Torka: hemm qasam ta' influwenza vasta – formali u mhux formali – tal-militar, li għandha ssir traspratenti bl-istess mod bħall-attivitajiet ekonomiċi l-oħra kollha. (*) Id-diskussjonijiet fl-UE dwar ir-rwol potenti ta' l-armata fis-soċjetà Torka s'issa ma tawx każ dan l-aspett ekonomiku. Il-Parlament Ewropew indrizzaħ fl-aktar rapport riċenti tiegħu.

5. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

5.1 Il-KESE jikkunsidra lit-Turkija bħala demokrazija li qiegħda tiżviluppa, u li, speċjalment, minn Diċembru 2002 sal-lum għamlet progress importanti fl-isforzi tagħha li tilħaq il-kriterji politiċi ta' Copenhagen.

(*) Eżempji ta' dan huma: li l-fond tal-penzjoni ta' l-uffiċjali ta' l-armata hija proprjetarja ta' bank u ta' kumpanija holding, u l-pożizzjoni tagħha bħala l-investitur Tork f'intrapriża konġunta magħgħuri fl-industrija awtomobilistika. Skond l-OYAK, din twaqqfet bħala kumpanija, awtonoma kemm mill-aspett finanzjarju kif ukoll amministrattiv, suġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ċiviku u kummerċjali Tork bħall-istitutazzjonijiet oħra. Hi għandha l-għan li tagħti benefiċċji lill-membri tagħha, barra minn dawk provduti mis-sigurtà soċjali Torka, u bażikament tikkorrispondi għat-tip ta' fondi tal-penzjoni tat-tieni pilastru eżistenti fl-UE.

Il-membri militari u ċivili kollha tal-forzi armati huma membri tal-Fond ta' Pensjoni OYAK. Huma jibgħu membri permanenti ta' l-OYAK. Madankollu, ħliet il-bażi biex tissieħeb fiha, OYAK m'għandha l-ebda relazzjoni ma' l-Istati u l-forzi armati Torok f'termini ta' investimenti jew negozju; trasferiment ta' fondi jew għaj-nuna statali jew għajnuna finanzjarja oħra. OYAK hi fond tal-penzjoni simili bħal oħrajn fl-UE.

Biex tkun trasparenti, l-OYAK qed tippublika rapporti annwali għall-pubbliku ġenerali u qed tipubblika l-accounts kemm ta' l-Istituzzjoni u tas-sussidjarji tagħha li jiġu awditjati kull sena minn ditti internazzjonali ta' l-awditjar. OYAK provdjet benefiċċji ta' iritar supplementari.

5.2 It-Turkija m'għandiex biss tilħaq l-istess kriterji politiċi bħall-kandidati membri l-oħra qabel ma jistgħu jinfetħu n-negożjati; ir-rendiment tagħha fil-proċess ta' riforma għandu jikkonferma l-istess kriterji wżati fil-pajjiżi kandidati l-oħra. Irid isir kull sforz min-naħa ta' l-UE biex jiġi evitat saħansitra s-suġġeriment li qed jintużaw kriterji doppji.

5.3 Id-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Copenhagen fl-2002, tfisser li f'dak il-mument l-UE kienet konvinta li t-Turkija, jekk tagħmel sforzi serji, setgħet tissodisfa l-kriterji politiċi fi żmien sentejn. Fejn jidhru ċerri oqsma, li kienu dominati bi tradizzjonijiet u prattiċi antiki, dan seta' jfisser biss li aderenza sħiħa mal-kriterji politiċi sa Diċembru 2004 kien għadu possibbli, u li huwa pjuttost massa kritika ta' progress reali li qed jiġi mistenni biex jinfetħu n-negożjati. Anke uħud mill-iStati Membri l-ġodda li għaddew mill-proċess kollu tan-negożjati, illum mhux qiegħdin jilhqnu l-kriterji politiċi kompletament.

5.3.1 F'dawn l-oqsma partikolari, dak li l-UE tista' u għanda fir-realtà titlob mit-Turkija hu li progress kredibbli bħal dak ikun sar sal-aħħar ta' l-2004 sabiex wieħed ikun jista' jistenna li "punt li minnu m'hemm x ritorn lura" ikun ġie maqbuż sa dak iż-żmien. Eżempji oħri huma r-rwol ta' l-armata u t-treatment tal-minoritajiet b'mod partikolari il-Kurdi fix-Xlokk. Il-KESE jinsisti li r-riformi b'rispett għat-tnaqqis tas-saħħa tal-forazi armati fis-soċjetà b'mod ġenerali, kif ukoll dawk marbuta mad-drittijiet kulturali tal-minoritajiet se jinżammu bil-pass u d-direzzjoni preżenti u li l-ebda passi lura ma jsiru fil-futur, li jista' jxekkel il-proċess ta' negożjati.

5.3.2 Ir-rwol ta' l-armata, barra mill-iskop tal-funzjonijiet bażiċi tagħha ta' difiża u sigurtà, irid jitreġġa' lura b'mod determinat sabiex l-UE tingħata l-kunfidenza li beda proċess li ma jstax imur lura. Il-budget ta' l-armata għandu jtipogġa taħt kontroll demokratiku sħiħ.

5.3.3 L-UE għandha tkompli d-diskussjoni mat-Turkija dwar id-definizzjoni tal-minoritajiet (li qiegħdin jiġu bbażati mit-Turkija fuq it-Trattat ta' Lausanne), b'veduta fuq id-diffikultajiet li tqajjem għat-Turkija biex tirtatiffika mingħajr riżervi, kif ukoll timplimenta fil-prattika, l-istrumenti internazzjonali rilevanti. F'din id-diskussjoni l-UE għandha tagħti attenzjoni sħiħa lill-fatt li uħud mill-ħamsa u għoxrin membru tagħha wkoll jissottoskrivu għal definizzjoni dejqa tal-minoritajiet li tikkaġuna l-istess problema.

5.3.3.1 Il-KESE jirreferi għax-xogħol magħmul riċentement mill-KKK dwar l-iżvilupp reġjonali⁽¹⁾ u tenfasizza l-importanza ta' politika attiva dwar l-iżvilupp reġjonali fit-Turkija, meġħuna mill-UE, li tista' tnissel l-opportunità ta' l-involviment attiv tal-popolazzjoni fl-iXlokk tat-Turkija (kif ukoll f'żoni oħra) fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjun tagħhom. L-adozzjoni gradwali mit-Turkija tal-livelli ta' politika reġjonali ta' l-UE tirra-preżenta opportunità għall-promozzjoni ta' sħubija akbar u

(1) Rapporti dwar id-Disparitajiet Reġjonali fit-Turkija/Żvilupp Reġjonali minn Is-Sinjura Cassina u Is-Sur Guvenç.

konsistenti bejn l-entitajiet tas-soċjetà ċivili organizzata – b'mod partikolari gruppi ta' interess ekonomiċi u soċjali ħielsa, indipendenti u rappreżentattivi fuq naħa waħda, u l-awtoritajiet fil-livelli kollha rilevanti fuq in-naħa l-oħra. Flimkien, huma għandhom iżviluppaw opinjoni konġunta fuq il-politika ta' l-iżvilupp. Għandom ikunu mħeġġa l-iskambji ta' esperjenzi bejn l-organizzazzjonijiet soċjo-ekonomiċi ta' l-UE u Torok.

5.3.3.2 Il-KESE jinnota b'interess l-inizzjattivi tal-Gvern Tork bħalma huwa l-Abbozz ta' Liġi ta' l-2000 dwar kumpens għall-ħsara kaġunata mill-forzi ta' sigurtà matul l-attivitajiet anti-terroristiċi u l-proġett ta' persuni dispjazzati internament minn post għall-ieħor u "Lura għall-Villaġġ u r-Rijabilitazzjoni". Il-KESE jikkunsidra li huwa ta' importanza kbira għall-kredibilità tar-riformi dwar id-drittijiet tal-popolazzjoni fil-provinċji tax-Xlokk, li qabel Diċembru 2004 l-vittmi jibdeu jibbenefikaw b'mod konkret minn dawn l-inizzjattivi.

5.4 F'oqsma oħra bħalma huma d-drittijiet tal-bniedem, li fihom t-Turkija ilha żmien twil f'diskussjonijiet ma' l-ILO u l-Kunsill ta' l-Ewropa, u li fihom il-bidla ma teħtieġ jew ma teħtieġx daqstant, li jinqalgħu mill-qiegħ pożizzjonijiet ta' poter, tradizzjonijiet u twemmin antiki, it-Turkija suppost li qiegħda f'pożizzjoni li turi progress qawwi u tilħaq ir-rekwiżiti li ilha taf dwarhom għal żmien twil ħafna sa l-aħħar ta' l-2004. Per eżempju, sa dak iż-żmien għandhom jintemmu l-vjollazzjonijiet tal-Konvenzjonijiet ta' l-ILO numru 87 u 98 li ilhom għaddejjin madwar kwart sekl. Iridu jitneħħew ukoll ir-restrizzjonijiet anti-demokratiċi fuq it-tħaddim tal-NGOs li jinsabu fil-Liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet kif ukoll fil-prattika ta' kuljum. Il-proċess ta' riforma fit-Turkija bħalissa jagħti lok għal aspettattivi pożittivi. Madanakollu f'dan il-qasam iridu jintwerew riżultati konkreti u kompleti fit-terminu msemmi.

5.5 Il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Tork għandu, anke matul din is-sena, ikun ħafna aktar serjament involut fil-preparazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali. Il-Gvern għandu jikkonsultah fuq kwistjonijiet essenzjali f'dawn l-oqsma, u jrid juri li jieħu l-opinjoni u pariri tiegħu bis-serjetà. Huwa biss billi tingħata responsabilità reali lill-gruppi ta' interess ekonomiċi u soċjali, u billi jiġu premjati talli jieħduha, li l-Gvern jista' jistennihom jieħdu l-Kunsill bis-serjetà, kif ukoll l-intenzjonijiet tal-Gvern dwaru. Il-KESE jinnota b'interess li l-Gvern qiegħed jipprepara revizzjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali. Madankollu, dan m'għandux jintuża bħala argument biex jiġi pospost aktar l-involviment attiv tas-soċjetà ċivili organizzata fil-politika ekonomika u soċjali fit-Turkija.

5.6 Sabiex tissaħħaħ is-soċjetà ċivili fit-Turkija, il-Gvern mhux biss irid iwaqqaf l-interferenzi tiegħu fl-attivitajiet ta' NGOs ġenwini u tal-gruppi ta' interess ekonomiċi u soċjali. Hu għandu minflok iħajjar l-emerġenza tagħhom, jiffaċilita x-xogħol tagħhom u jikkopera magħhom.

5.7 Fl-opinjoni tal-KESE għandha tittieħed deċiżjoni pożittiva dwar il-ftuħ tan-negozjati dwar l-isħubija tat-Turkija jekk sa Diċembru li ġej il-Gvern tat-Turkija jkun:

- ħa miżuri biex jissodisfa t-talbiet dwar ir-rwol ta' l-armata fis-soċjetà Torka fil-paragrafi 4.3.1 u 4.3.2 fuq imsemmija;
- wera, b'miżuri konkreti, determinazzjoni biex iwettaq bis-sih fil-prattika ir-riformi legali dwar id-drittijiet kulturali tal-Kurdi fil-provinċji tax-Xlokk tal-pajjiż;
- beda jimplimenta fil-prattika l-intenzjonijiet imfissra u l-irbit magħmul fir-rigward tar-ritorn volontarju, r-rijabilitazzjoni u l-għoti tal-kumpens lill-vittmi dispjazzati b'konsegwenza tal-vjolenza tas-snin tmenin u disgħin;
- aderixxa kompletament, kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika, mal-Konvenzjonijiet ta' l-ILO dwar id-drittijiet bażiċi u liber-tajiet tat-trejd unions;
- naddaf il-Liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet minn kull tniġġis anti-demokratiku u jkun waqaf fil-prattika milli jimponi restrizzjonijiet fuq it-tħaddim liberu ta' l-organizzazzjonijiet ġenwini tas-soċjetà ċivili inklużi fondazzjonijiet reliġjużi, u

— nissel il-kondizzjonijiet għat-tħaddim ħieles u independenti tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tat-Turkija, kif ukoll l-bażi għal koperazzjoni xierqa u kostruttiva ma' dan il-Kunsill.

5.8 Il-KESE jemmen li r-riformi li saru s'issa mill-Gvern tat-Turkija dwar problemi marbuta mar-rwol ta' l-armata fis-soċjetà, kif ukoll dwar drittijiet kulturali tal-Kurdi fix-Xlokk, jirra-preżentaw progress kredibbli kif mitlub f'paragrafu 5.3.1 hawn fuq.

5.9 Iktar minn hekk, jekk il-punti mniżżla l-erba' inċiżi ta' paragrafu 5.7 jiġu sodisfatti qabel Diċembru ta' l-2004, il-KESE jemmen li tkun tniisset bażi ta' min jorbot fuqha għall-ftuħ tan-negozjati li, 'l quddiem, ser iwasslu għal riżultati li minnhom ser jibbenefikaw iż-żewġ naħat. F'dan il-każ, il-KESE hu tal-parir li kull istituzzjoni Ewropea, inkluż il-KESE stess, għandu jibda jħejji għall-effetti tas-sħubija tat-Turkija fuq it-tħaddim u l-kun-ċett ta' l-Unjoni Ewropea stess. Bħala riżultat ta' tali sħubija, l-Unjoni Ewropea tikber u tinbidel b'mod konsiderevoli, u dan ikun jeħtieġ l-apoġġ mifrux ta' l-opinjoni pubblika..

5.10 Tkun xi tkun id-deċiżjoni meħuda waqt il-Kunsill ta' Diċembru, il-KESE ser ikompli bil-koperazzjoni siewja tiegħu mas-soċjetà ċivili organizzata fit-Turkija.

Brussel, l-1 ta' Lulju 2004

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fuq il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: L-immodernizzar tal-ħarsien soċjali għal aktar impjiegi u ta' kwalità aħjar - avvċinament komprensiv li jwassal għal xogħol li jirrendi

(KOM(2003) 842 finali)

(2004/C 302/18)

Fil-5 ta' Jannar 2004 il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, taħt l-Artiklu 262 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, fuq il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Immodernizzar tal-ħarsien soċjali għal aktar impjiegi u li jkunu aħjar — avvċinament komprensiv li jwassal għal xogħol li jirrendi.

It-Taqsuma tax-Xogħlijiet, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, li kienet responsabbli għat-thejjja tax-xogħol tal-Kumitat fuq is-suġġett, addottat l-opinjoni tagħha fl-14 ta' Ġunju 2004. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura St Hill.

Fis-sessjoni plenarja Nru 140 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (il-laqgħa ta' l-1 ta' Lulju) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew addotta l-opinjoni li ġejja b'130 vot favur, 13 –il vot kontra u 24 –il astensjoni.

1. Introduzzjoni

1.1 Din ir-rebbiegħa, il-Kunsill Ewropew għamel talba għall-Komunikazzjoni preżenti u ltaqa' biex jiddiskuti l-progress fuq it-titjib u l-immodernizzar tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali bil-għan li jsiru aktar "qrib tax-xogħol". L-għan hu li dan għandu jinkiseb permezz ta' enfasi akbar fuq kemm l-inċentivi jkunu effettivi (jiġifieri, is-sistemi ta' benefiċċji fil-pajjiżi membri, ir-rikonċiljazzjoni bejn il-familja u l-ħajja tax-xogħol, il-pensjonijiet għal ħaddiema li jirtiraw, kif ukoll is-sussidji biex jitnaqqsu il-faqar u l-esklużjoni soċjali). Din il-laqgħa saret wara l-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tal-Forza tax-Xogħol dwar l-Impjiegi⁽¹⁾ lill-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2003. Il-komunikazzjonijiet li saru minn dawn iż-żewġ avvenimenti importanti jisħqu fuq l-isfidi ewlenin dwar l-impjiegi li qed tiffaċċja l-Ewropa, waqt li ġew identifikati riformi li jeħtieġ jitwettqu jekk l-UE trid tilħaq l-għanijiet li hija stabbiliet għaliha stess fl-istrateġija ta' Lisbona.

Hemm qbil li l-Unjoni Ewropea tinsab diġà tard biex din tilħaq l-għan ambizzjuż tagħha, li kien ġie stabbilit fil-laqgħa ta' Lisbona fis-sena 2000, li ssir l-aktar ekonomija kompetittiva u dinamika bbażata fuq l-għerf fid-dinja u li jkollha kemm tkabbir ekonomiku sostenibbli b'aktar impjiegi ta' kwalità aħjar, kif ukoll koeżjoni soċjali akbar sas-sena 2010. It-tnejn jagħrfu li waqt li l-għanijiet tal-laqgħa ta' Lisbona huma ambizzjużi, l-Ewropa ma tiflaħx titliffhom. Ir-rekwiżit ewleni biex l-għanijiet ta' Lisbona jkunu jistgħu jitwettqu huwa li l-Istati Membri kollha jżidu l-isforzi tagħhom.

Hawnhekk, l-indikaturi uffiċjali kollha juru li s-suċċess fil-ħolqien ta' aktar impjiegi u li jkunu aħjar jiddependi fuq erba' kriterji ewlenin:

1. Li tiżdied l-addattabbiltà tal-ħaddiema u l-intrapriżi;
2. Li aktar nies ikunu inklużi u miġbuda jersqu lejn is-suq tax-xogħol,
3. Li jkun hemm aktar u aktar investment effettiv fil-kapital uman,

⁽¹⁾ "Impjiegi, Impjiegi, Impjiegi, Il-ġolqien ta' aktar impjiegi fl-Ewropa". Rapport tal-Forza tax-Xogħol dwar l-Impjiegi ppreseduta minn Win Kok (Novembru 2003). Ara wkoll l-Opinjoni tal-KESE fuq "Il-mi...ri ta' appo[[g]all-impjiegi" (ĠU C 110 tat-30-4-2004).

4. Li tkun żgurata it-tħaddim effettiv tar-riformi bi tmexxija aħjar.

Waqt li dawn il-prerekwiżiti huma marbuta l-aktar mal-provvista u huma b'mod ċar fil-mira tal-gvernijiet nazzjonali, din l-Opinjoni se ddaħħal kriterju addizzjonali għal sħubija vera bejn il-pubbliku u l-privat dwar kif isir il-ħlas tax-xogħol; dan billi jkunu inklużi wkoll ir-responsabbiltajiet ta' min inħaddem f'dan l-isforz importanti.

1.2 Taħt dawn il-valutazzjonijiet reċenti hemm il-motivazzjoni addizzjonali biex ikun żgurata li l-inċentivi biex tiżdied il-provvista tax-xogħol ikunu b'bilanċjati b'mod effettiv mal-miżuri biex ikun hemm ħarsien soċjali tajjeb għal kulħadd fil-waqt li tinżamm l-effiċjenza ta' l-ispejjeż pubbliċi f'dan il-qasam. Dan il-bilanċ huwa importanti ħafna jekk il-pajjiżi jridu jevitaw il-possibiltà ta' periklu għal żmien twil li jkun ġej min-ħabba s-senilità tal-popolazzjonijiet ta' l-Ewropa, aspekk li għandu implikazzjonijiet serji mhux biss biex tinżamm forza tax-xogħol tajba ħafna, iżda wkoll li jista' jkun hemm theddida għall-vijabbiltà tas-sistemi soċjali Ewropej infushom. Ir-rabta dejjem tikber mas-suq tax-xogħol, l-aktar fost gruppi żvantaġġati, speċjalment l-ommijiet, minoritajiet razzjali, nies b'diżabbiltà u żgħażaġ li jkunu f'xogħol inċert, hija għan importanti għall-kombinazzjoni effettiva tal-ħarsien soċjali u t-twessiegħ ta' l-impjiegi. Din l-opinjoni tagħmel għażla bejn dawn il-gruppi għaliex biex tniżżel rekord dettaljat fuq kull żvantaġġ possibbli jsir ta' valur inqas għall-politika, u għaliex dawn il-gruppi msemminja fuq isibuha diffiċli ħafna biex jirbħu l-iżvantaġġi tagħhom; dan minħabba tradizzjonijiet ta' politika mhux korretti li jkomplu jqisu bħala ndaq s l-iżvantaġġi kollha tas-suq tax-xogħol.

1.3 Fuq il-livell ta' l-UE, l-isforzi li jkunu saru mill-Istati Membri biex jiġu riveduti is-sistemi tal-ħarsien soċjali biex dawn ikunu aktar faċli mad-dinja tax-xogħol, jgħaddu minn koordinazzjoni msaħħa ta' politika ekonomika, tax-xogħol u soċjali. Sas-sena 2010 ġew stabbiliti miri ambizzjużi fuq livell ta' UE: biex tiżdied ir-rata ġenerali tax-xogħol għal 70 %, ir-rata tan-nisa li jaħdmu titla' għal 60 %, u r-rata tan-nies li jaħdmu li għandhom bejn il-55 u l-64 sena titla' għal 50 %. Dawn il-miri huma msaħħa minn diversi linji ta' gwida u rakkomandazzjonijiet li huma inklużi fil-Linji ta' gwida ta' Politika Ekonomika Wiesgħa u fil-Linji ta' gwida dwar l-Impjiegi, kif ukoll fl-għanijiet komuni tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fl-oqsma tal-pensjonijiet u l-inklużjoni soċjali.

2. Kummenti ġenerali

2.1 Huwa importanti li din ir-reviżjoni tiġi ttrattata minn perspettiva ta' perjodu medju għal waħda ta' perjodu twil. Dan minħabba li r-resqien ta' aktar nies lejn is-suq tax-xogħol huwa marbut ma' spejjeż, kemm għal dawk li jkunu qegħda jew ekonomikament mhux attivi kif ukoll għall-gvernijiet, biex ir-riformi li jsiru jkunu jistgħu jiddeterminaw l-ispejjeż miżjuda, qabel ma l-piż ekonomiku fuq il-gvern dwar il-qagħad/nuqqas ta' xogħol ikun verament tnaqqas. L-investimenti pubbliċi u privati biex jitħejjew nies għal ekonomija bbażata fuq l-għerf u għall-iżvilupp kontinwu tal-kapital uman ta' nies li jkollhom età biżżejjed biex jaħdmu, għalkemm proċessi ta' żmien twil jistgħu jieħdu sa 20 sena biex jitwettqu kompletament, jipprovdu l-akbar dħul fuq l-investiment immirat biex jinbidel is-suq tax-xogħol ta' pajjiż. Hemm bżonn li ħaddiema b'inqas snajja, jib-benefikaw minn investimenti pubbliċi u privati għal ħiliet aħjar, b'mod partikolari, jingħataw opportunitajiet għal aktar taħriġ kemm mill-istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll minn min ihaddim-hom, sabiex dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu ilaħħqu mad-domandi li dejjem jinbidlu f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien. L-effett ta' miżuri ta' produttività għal żmien twil li jkunu marbuta l-aktar mal-provvista huwa li dawn inaqqsu l-provvista ta' dawk li għandhom ħiliet baxxi; inaqqsu l-qgħad (speċjalment il-qgħad għal perjodu twil ta' żmien); iżidu r-rati tal-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol (speċjalment tan-nisa); u dawn iżidu wkoll il-produttività ġenerali. Dawn huma r-riżultati permanenti. Approċ maħsub purament għall-provvista, madankollu, ma jkunx biżżejjed. Hemm bżonn ukoll li tiżdied id-domanda għall-ħaddiema billi tiġi segwita politika attiva finanzjarjament u li tħajjar l-impjegji. Madankollu, uħud mill-Istati Membri li enfasizzaw il-kisbiet mgħaġġla ta' ħaddiema b'ħiliet baxxi fid-dinja tax-xogħol bis-saħħa tal-kisba tal-kapital uman x'aktarx ma jsibux soluzzjoni għad-dilemma li dawn it-tipi ta' ħaddiema jew jitħallsu ftit jew inkella ma jitħallsux f'punti differenti matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom. Għalhekk, l-effetti jistgħu jiġru f'daqqa iżda jmutu f'daqqa wkoll, minħabba li persuni b'ħiliet baxxi mhumiex aktar sostenibbli fl-ekonomija globali ta' llum. Għalhekk, f'dan ir-rigward l-effiċjenza tan-nefqa hija importanti daqs it-tnaqqis fin-nefqa.

2.2 Waqt li l-inċentivi finanzjarji tradizzjonali involuti fis-sistemi ta' benefiċċji u taxxi jibqgħu ċ-ċentru tal-politika biex isir il-ħlas tax-xogħol, inċentivi oħra bħalma huma l-ħarsien tat-tfal, l-aċċess u d-dispożizzjonijiet speċjali għal nies b'diżabbiltà, l-assi ta' l-edukazzjoni u s-saħħa pubblika, qed ikunu aċċettati dejjem aktar, minħabba li dawn għandhom sehem kumplementari x'jilagħbu. Għalhekk, l-avviċinament komprensiv nazzjonali, li jinvolvi skala wiesgħa ta' inċentivi finanzjarji u oħrajn li jappoġġjaw l-kisba u ż-żamma tax-xogħol, għandu jiġi rakkomandat aktar milli jkun hemm avviċinament li jkun jenfasizza biss xi metodu jew ieħor. Għal darb'oħra, waqt li titqies is-sostenibbiltà għal perjodu twil ta' żmien, dawn il-punti ta' kura u investment fil-kapital uman għandhom jitqiesu mill-aspett ta' min jirċevihom (eż. it-tfal ta' ġenituri li jaħdmu u mhux il-ġenituri li jaħdmu stess). Dan minħabba li dawn id-drittijiet u dispożizzjonijiet jiffurmaw sies li ma jinbidilx biex fil-ġejjieni ikun hemm iżvilupp mgħaġġel tal-kapital uman f'kuntast ta' suq tax-xogħol. Għandu jsir rikors għall-Fondi Strutturali ta' l-UE sabiex jgħinu aħjar lil dawk in-nies b'ħiliet baxxi li jkunu qed ifittxu xi impjeg, kif ukoll biex ikun hemm investment essenzjali għal perjodu twil ta' żmien fil-kapital uman u l-infrastruttura soċjali.

2.3 Waqt li ħafna Stati Membri, flimkien ma' l-imsieħba soċjali, żiedu l-investimenti f'miżuri attivi biex jgħinu lil dawk li jkunu qed jidħlu mill-ġdid jew li qed jimxu 'l quddiem fis-suq tax-xogħol billi jtejbju l-ħiliet tagħhom u jsaħħu l-impjegar tagħhom, għandha tingħata aktar attenzjoni biex ikun hemm fatturi determinanti, inkluż l-użu ta' inċentivi fiskali u l-mixi 'l quddiem ta' l-aħjar prattiċi ta' min iħaddem, biex gruppi li jkunu vulnerabbli, bħall-ħaddiema l-aktar anzjani u dawk li jkollhom xi diżabbiltà, jkunu megħjuna fl-ekonomija. Il-KESE jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet xierqa ta' l-UE biex imexxu 'l quddiem u jtejbju politika li tkun tistimula d-domanda u li tkun taffettwa tajjeb il-livelli u l-kwalità tax-xogħol, waqt li tinkuraġġixxi d-dħul ta' eżempji u perspettivi fuq ir-rwol ta' responsabbiltà soċjali konġunta biex jintlaħqu l-għanijiet tal-laqgħa ta' Lisbona fuq l-impjegji. Kemm min iħaddem u l-impjegati jeħtieġ jagħmlu sforz biex "jagħmlu l-ħlas għax-xogħol". Għalhekk, il-politika li tistimula d-domanda teħtieġ avviċinament ibbilanċjat ta' "jirbaħ-jirbaħ" u dan iwassal biex min iħaddem jikkonċentra fuq il-ħidmiet ewlenin tiegħu tan-negozju waqt li jinħolqu l-impjegji, u min ikun qed ifittex xi impjeg ikun jista' jsib xogħol b'livelli ta' ħlas aħjar milli huma setgħu jkunu rċevew minn benefiċċji ta' qgħad jew ta' sigurtà soċjali u li joffri mezz ta' għixien. Kif il-Kumitat argumenta diġà, "is-sistemi ta' tassazzjoni u sigurtà soċjali fl-Istati Membri għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jkun jaqbel għall-ħaddiema li jissieħbu fis-suq tax-xogħol u li jibqgħu hemm biex javvanzaw il-karrieri tagħhom, waqt li dawn is-sistemi għandhom ikunu msaħħa b'miżuri biex jikber in-numru ta' l-impjegji disponibbli" (!).

2.4 L-appoġġ pubbliku għar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja jaħseb biex jgħin familji waqt li dawn ikunu qed jagħmlu xogħol li jkun fundamentali għall-organizzazzjoni u l-preservazzjoni proprja tas-soċjetà. L-aktar, dan jinvolvi l-appoġġ lil familji hekk kif dawn jagħtu ħajja, irabbu u jedukaw lil uliedhom u waqt li jieħdu ħsieb membri tal-familja li jkunu dipendenti fuqhom, l-aktar il-morda, dawk b'diżabbiltà, jew l-anzjani. Fil-kuntast ta' demografija li qed tixjieħ, din il-politika qed issir aktar importanti bħala mezz biex jitreggħu lura r-rati tal-fertilità li dejjem qed jonqsu.

2.5 Madankollu, huwa importanti li l-mekkaniżmi wżati biex il-familji jirċievu xi benefiċċji m'għandhomx jaffettwaw ħażin l-inċentivi tax-xogħol. F'ċerti pajjiżi, is-separazzjoni ta' supplimenti tal-familja għal dawk li jkunu jiddependu minn benefiċċji ta' qgħad, tgħin biex jissaħħu l-inċentivi finanzjarji għall-impjegji, l-aktar fost l-ommijiet u n-nisa li jkunu qed jieħdu ħsieb ta' qraha anzjani. In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' kura ta' tfal li wieħed ikun jiflaħ għaliha, minħabba spejjeż jew aċċessibbiltà fiżika, titqies bħala ostaklu ewleni għall-parteċipazzjoni tal-ġenituri, l-aktar in-nisa. Fil-fatt, ir-rwol ewleni ta' dispożizzjoni għal għoti ta' kura tat-tfal sussidjata, adegwata u li wieħed jaffordja biex titmexxa 'l quddiem il-parteċipazzjoni fix-xogħol, l-aktar tan-nisa, għandu jintlaqa' u jkun appoġġjat bis-sħiħ. F'uħud mill-Istati Membri, in-nisa ta' età li jrabbu t-tfal qed jitolfu r-rabta tagħhom mat-trobbija tat-tfal minħabba li l-ispejjeż finanzjarji personali għan-nisa marbuta mat-trobbija ta' l-ulied huma sempliċiment għoljin ħafna, li għalhekk iwassal biex ikun hemm ukoll taxxa fuq l-ommijiet li jaħdmu. Waqt li dawn l-attitudnijiet jistgħu jkunu b'nuqqas ta' ħsieb minn perspettiva nazzjonali, aktar minn hekk din hija ekonomija falza magħmula mill-politikanti, li żgur jistgħu jagħmlu aktar biex jitwaqqaf il-mawran lura kontinwu fir-rata tat-twelid fl-Ewropa. Dan jista' jsir billi jkun żgurati li r-rata ta' l-impjegji tan-nisa tikber permezz ta' inċentivi finanzjarji u non finanzjarji.

(!) Ara l-Opinjoni tal-KESE fuq "Il-Mi...ri ta' appo[[g]all-impjegji" (ĠU C 110 tat-30-4-2004).

2.6 Il-mobbiltà okkupazzjonali u ġeografika hija importanti ħafna biex ikun hemm livell għoli ta' effiċjenza ekonomika, u għalhekk jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li drittijiet skond skemi ta' pensjonijiet ta' l-istat u skemi ta' pensjonijiet tal-kumpaniji jinżammu meta l-persuni jibdlu lil min iħaddimhom jew il-post ta' residenza fi ħdan l-UE. Huwa importanti wkoll li jintlaqtu dawk li jkunu qed jidħlu fis-suq tax-xogħol jew li jkunu qed jinbidlu minn impjegat għal imprenditur; dan biex ikun żgurat li dawn ikunu appoġġjati tajjeb mill-ħarsien soċjali. Hemm ukoll spazju biex titnaqqas il-mobbiltà tax-xogħol bħala l-aħħar pass billi jiġu stimulati ekonomiji lokali wieqfa bi sħubija ta' investment bejn il-pubbliku u l-privat li jilħaq l-ogħla swieq lokali tax-xogħol. Meta wieħed iqis li waqt li aspett wieħed ta' mobbiltà professjonali miżjuda jista' jkun it-telf ta' hilit partikulari min-naħa waħda għall-oħra, in-naħa l-oħra tal-munita tal-mobbiltà hija li dawk il-persuni huma ħielsa li jmorru kulfejn ikun hemm domanda tassew għall-ħiliet u l-opportunitajiet tagħhom biex iġarrbu l-għamla ta' trasferiment ta' teknoloġija li jkompli jżid il-valur għall-ħiliet li jkollhom fil-mument. Għalhekk, il-mobbiltà ma tistax tiftiehem b'mod ristrett bħala li tirrappreżenta xi telf, iżda bħala allokkazzjoni aktar effettiva tal-ħiliet relevanti u t-talenti fejn huma l-aktar meh-tieġa.

2.7 In-nuqqas ta' ħila fiżika u mentali inaqqas sew il-provvisa tax-xogħol, l-aktar fost il-ħaddiema li jkollhom bejn il-50 u s-60 sena, li huma l-mira ewlenija ta' strateġija Ewropea fuq ix-Xogħol li jirrendi. F'uħud mill-Istati Membri, sa f'wieħed minn kull ħamsa jew anki sa kwart tal-poplu fl-eżatt ta' bejn il-55 u d-59 u ta' bejn is-60 u l-64 sena qed jgħixu fuq benefiċċi ta' invalidità. Dan il-fatt jirrifletti pressjoni sinifikanti fd-dinja tax-xogħol tal-lum li huma ta' detriment għas-saħħa fiżika u mentali. Dan il-fatt juri r-rata għolja ta' attrizzjoni fil-qasam tas-saħħa fid-dinja tax-xogħol. Hemm bżonn li dan jiġi miġġieled billi jiġu adottati l-istrateġiji xierqa rigward il-protezzjoni preventiva tal-ħaddiema u l-protezzjoni tas-saħħa u billi jittejjbu l-kondizzjonijiet ta' xogħol. Persuni li mhumiex diżabbli għal kollox iżda li għandhom biss nuqqas ta' abilità biex jaħdmu għandhom ċans żgħir biex isibu xogħol adattat għal-limitazzjonijiet tagħhom. B'hekk hemm bżonn li titkabbar il-provvisa ta' tali xogħlijiet sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet anke lil nies li mhumiex kapaċi jaħdmu għal kollox. Madankollu, ħafna nies li jinsabu f'din is-sitwazzjoni ta' qgħad moħbi jippreferu li jis-suktaw b'xi xogħol li jħalli l-qligħ jekk ikun għad għandhom ħila biżżejjed li jaħdmu. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-impjegati u l-benefiċċi ta' disabilità ma jdaħħlu lill-ħaddiema fi trappola ta' qgħad, iżda minflok jgħollu l-kumplimentarjetà tal-livelli differenti ta' politika soċjali fl-interessi tal-ħaddiema b'disabilità. Madankollu, għandu jkun rikonoxxut li d-diżabbiltà hija forma ta' abbiltà, u l-ħsieb il-ġdid jiddefinixxi d-diżabbiltà bħala risposta tas-soċjetà għal kemm persuna tkun għażlet li tqis lilha nfisha bħala waħda b'diżabbiltà, aktar milli kemm ir-restrizzjoni fiżika jew oħra tkun qed tiddetermina waħidha jekk persuna hijiex tabilħaqq b'diżabbiltà jew le. F'dan il-kuntest, il-Kumitat hu kawt dwar policies li mingħajr mixtieq jispiċċaw biex idallmu l-livelli vera tal-qgħad. Filwaqt li hemm bżonn ta' ħarsien u appoġġ għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà, kooperazzjoni aktar mill-qrib għall-osservazzjoni u t-titjib fl-iskambju ta' l-aqwa Prattika ta' politika ta' invalidità, huma kruċjali fl-Istati kollha. Hekk ukoll huwa l-bżonn għal qafas miftuħ ta' koordinazzjoni ta' Prattika tajba u azzjoni pożittiva li jkunu jipprovdu benefiċċi li jkoll-

hom x'jaqsmu mat-tmexxija 'l quddiem tax-xogħol u ta' xogħol għal rashom fost dawk li jkunu fuq livelli differenti ta' abbiltà fiżika u mentali.

2.8 F'termini ta' ħaddiema maturi, il-Kunsill ta' l-Ewropa ta' Stokkolma stabbilixxa l-għan ambizzjuż li jgħolli r-rata ta' impjegati ta' nies li għandhom bejn il-55 u l-64 sena għal 50 % (li kienet 40.1 % fis-sena 2002 u baxxa għal madwar kwart għal nies ta' bejn is-60 u l-64 sena). Il-Kunsill ta' l-Ewropa ta' Barċelona kien poġġa lill-Istati Membri mira ambizzjuża kumplementari li sas-sena 2010 idaħħlu miżuri sabiex tiżdied b'ħames snin l-eżatt medja effettiva ta' meta wieħed joħroġ mid-dinja tax-xogħol. Li jinkisbu dawn l-għanijiet ikun importanti ħafna biex tkun żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-ġejjieni tal-ħarsien soċjali, u l-aktar biex ikun iġgarantit dħul ta' livell aċċettabbli għall-pensjonanti tal-ġejjieni. Il-Kumitat iqisu bħala għan sensibbli.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 Flimkien ma' politika speċifika, immirata lejn l-ekonomija, ix-xogħol li jirrendi jinvolvi wkoll proċess. Flimkien ma' policies ekonomiċi speċifiċi u maħsuba apposta, jeżisti wkoll il-proċess ta' kif ix-xogħol jirrendi. Mod ta' kif ix-xogħol li jirrendi jkun lest għar-riforma hi s-sitwazzjoni, li teżisti f'ħafna Stati Membri, ta' ħaddiema li jtilqu mix-xogħol li jgħallgħom il-flus qabel jilhqnu l-eżatt tal-pensjoni. Per eżempju, f'ħafna Stati Membri persuni li jkollhom żmien twil ta' kontribuzzjoni jistgħu jkunu eliġibbli li jirċievu pensjoni qabel ma jkunu laħqu l-eżatt standard ta' l-irtirar, għalkemm spiss jeħlu multi konsiderevoli bħala riżultat. Dawn il-ħaddiema xorta għad jistgħu jagħtu kontribut finanzjarju u d-deċiżjoni li jibqgħu għaddejnin għandha tkun aktar faċli, mhux l-anqas permezz ta' ambjent tax-xogħol aktar sensitiv għall-bżonnijiet ta' l-anzjani. Għan-nisa l-ħruġ kmieni mix-xogħol mhux dejjem hu volontarju iżda spiss ikun marbut ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa fuq il-post tax-xogħol. Dan iħalli impatt ukoll fuq id-drittijiet għall-pensjoni tan-nisa li bosta minnhom ikunu waqfu mix-xogħol ta' karriera tagħhom minħabba t-tqala u t-trobbija u l-kura tat-tfal/anzjani, is-segregazzjoni okkupazzjonali fi professjonijiet "femminili" li jkunu ta' ħlas baxx u b'nuqqas ta' sigurtà, u d-differenza fil-ħlas skond is-sess, li kollha flimkien inaqqsu t-tul ta' żmien u l-kwantità ta' kontribuzzjonijiet għal skemi ta' pensjoni ta' irtirar; dan ikun qed jgħarraq biss il-prospetti ekonomiċi tan-nisa biex dawn jirtiraw billi jgħassru b'mod prematur l-impjeg bi ħlas tagħhom. Il-faqar femminili ilu għal żmien twil raġuni ta' tħassib u għalhekk l-Ewropa teħtieġ politika urġenti u attenta sabiex ittejjeb l-awtorizzazzjoni ekonomika tan-nisa matul ħajjithom. Per eżempju, l-impatt tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa matul il-ħajja tax-xogħol attiva tagħhom ikun imnaqqas sostanzjalment jekk ma' l-irtirar, fil-kalkolazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni, jin-għata aktar piż għall-perjodi ta' sostituzzjoni kreditati biex iko-priu perjodi ta' ħarsien tat-tfal.

3.2 Eżempju ieħor ta' fejn ir-riformi amministrattivi xierqa għandhom jiġu qabel l-inerzja pubblika huwa billi jkun żgurat li l-isforzi li jsiru għal xogħol li jirrendi ikunu ugwali għaż-żewġ sessi. Waqt li wħud mill-Istati membri huma mgħobbija b'politika soċjali u tax-xogħol li jnaqqsu l-aċċess tan-nisa għax-xogħol, oħrajn għandhom politika fiskali u soċjali kumplementari li tmexxi 'l quddiem livelli għolja ta' parteċipazzjoni ta' forza tax-xogħol fost in-nisa. Dawn ir-rati ta' impjegati li qabel

kienu għoljin ħafna bdew jonqsu matul it-transizzjoni ta' dawn il-pajjiżi lejn ekonomija tas-suq. Huwa importanti li l-qliegħ li l-ħaddiema nisa jkunu għamli f'impjiegi fissi m'għandux jiġi ssagrifikat fi sforz li ma jħarisx lejn is-sessi biex ikunu ristrutturati l-ekonomiji tal-pajjiżi li se jissieħbu. Il-politikanti nazzjonali għandhom ikunu inkuraġġiti biex jagħtu prijorità lil dawk il-ħaddiema li għalihom il-ħlas għax-xogħol jippreżenta l-akbar sfida, aktar milli jkomplu jaġixxu daqslikielu l-gruppi kollha ta' nies qiegħda jew ta' nuqqas ta' ħaddiema huma żvantaġġati l-istess.

4. Kummenti speċifiċi dwar xi wħud mis-seba' lezzjonijiet tal-policies tal-Kummissjoni

4.1 Il-lezzjoni ta' l-ewwel politika: Il-Kumitat iqis li l-idea tal-ħolqien ta' strumenti ta' protezzjoni soċjali ġodda kif ukoll l-użu aħjar ta' dawk li diġà jeżistu m'għandiex tintrema', iżda għandha tiġi żviluppata u magħmulha mutwalment komplimentari. Per eżempju, il-forom differenti u maqsuma ta' għaj-nuna u servizzi maħsuba għaż-żgħażaġh m'għadhomx adattati, minħabba t-tul ta' din il-fażi fil-ħajja tan-nies li qatt ma kienet intweriet qabel. In-nuqqas ta' strument ta' ħarsien soċjali maħsuba b'mod speċifiku għal din l-età iwassal biex xi żgħażaġh jagħżlu forom ta' taħriġ u xogħol bi ftit senġha, b'konsegwenzi serji ħafna għalihom matul ħajjithom, u b'impatt korrispondenti pożittiv fuq l-infiq pubbliku soċjali. Bl-istess mod, in-nuqqas ta' strumenti ġodda li joffru protezzjoni soċjali għal matul il-ħajja ta' xogħol- li joħlqu l-possibilità għal perjodu alternanti ta' taħriġ, xogħol u responsabilitajiet ta' kura- mingħajr ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali jimpedixxi l-mobilità u l-flessibilità tas-suq tax- xogħol (lezzjoni tas-sitt politika).

4.2 Il-KESE jqis li hu estremament importanti li tingħata attenzjoni mill-qrib għall-effetti li jdumu xi żmien maħluqha mill-ħafna inizjattivi adottati mill-Istati Membri bi prova ta' 'attivazzjoni' tal-benefiċċji soċjali.

4.3 Il-KESE jqis li wasal iż-żmien għal inċentivi Ewropej b'saħħithom (b'mod partikolari inċentivi maħsuba u implimentati flimkien ma' l-imsieħba soċjali) biex tiġi promossa l-koordinazzjoni ta' skemi ta' protezzjoni soċjali supplementari, li, bħalma tinnotta l-Kummissjoni, qiegħdin isiru element importanti tal-protezzjoni soċjali (lezzjoni tas-seba' politika).

5 Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

5.1 Il-Kumitat isejjaħ biex ikun hemm konverġenza fl-isforzi ta' l-Istati Membri biex il-ħlas tax-xogħol isir billi l-impjieg isir verament għażla ta' attirazzjoni ekonomika għall-qgħad jew il-benefiċċji. Dan billi jintlaqtu l-ħafna ostakli li jeżistu bħalissa għall-ħlas tax-xogħol. Il-politika lokali jeħtieġ tagħraf u tevita li tmexxi 'l quddiem l-iskambji l-aktar fil-ħiliet ta' dawk il-had-

diema li huma lanqas imħallsa jew bl-aktar ħiliet baxxi biex ikun evitat il-faqar b'xogħol iddikjarat u leġittimu. Għalhekk, il-punt ewlieni li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri biex isir il-ħlas tax-xogħol huwa t-tfassil ta' livell komuni u raġonevoli ta' appoġġ ta' impjiegi 'l ġewwa u 'l barra li jkun jista' jżomm l-inċentivi tan-nies għall-ġibda lejn is-suq tax-xogħol. Il-Kumitat għaraf bejn il-kontribuzzjonijiet ta' politika ta' qligħ mgħaġġel biex tipprovi benefiċċji qosra iżda li jintemmu għal dawk il-persuni bl-iktar ħiliet baxxi, u l-investimenti fil-kapital uman li huma għal perjodu itwal li huma l-muftieħ għall-ħlas tax-xogħol, l-aktar għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli, fit-terminu twil u sostenibbli ta' żmien.

5.2 Il-Kumitat jenfasizza l-għan sostanzjali għall-kontribuzzjoni tad-ditti privati u min iħaddem biex dawn jilhqqu l-għanijiet Ewropej tax-xogħol. Għandu jsir sforz biex tkun identifikata politika ta' domanda possibbli li tkun tista' tolqot l-imġiba li qed tinbidel ta' min iħaddem b'tali mod li jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet tal-laqgħa ta' Lisbona, li fl-Ewropa kollha jkun hemm aktar xogħol sostenibbli u ta' kwalità. Il-Kummissjoni għandha tipprovi u xxerred ix-xhieda u l-esperjenza dwar fejn l-imġiba korporattiva tajba verament tejbet il-kwantità u l-kwalità ta' l-impjiegi, waqt li tħares 'il quddiem għal modi kif tista' ttenni dawn is-suċċessi.

5.3 Barra milli tiġi mgħejuna l-prattika tajba, għandhom ikunu infurzati sanzjonijiet fuq imġiba mhux xierqa minn min iħaddem, liema mġiba tkun tinkludi diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, orjentazzjoni sesswali, reliġjon jew età. Dan biex ikunu appoġġjati l-innovazzjoni, il-provvista miżjuda tax-xogħol kif ukoll il-possibilità ta' ħajjiet itwal ta' xogħol fl-ekonomiji ta' l-Ewropa. Id-diskriminazzjoni tax-xogħol twassal biex nies b'ħiliet kbar jispiċċaw foqasma baxxi jew informali fejn il-produttività tkun baxxa, l-inċentivi għat-taħriġ u l-investment ikunu dgħajfa, u l-ħarsien soċjali ma jkunx jeżisti. Din l-imġiba ekonomika irraġonevoli mhux biss iċċaħħad lill-Ewropa minn kompetittività ekonomika, iżda wkoll tisraq l-ekonomiji nazzjonali mid-dħul l-aktar meħtieġ ta' taxxi.

5.4 Għalhekk, fl-Istati Membri jeħtieġ li tiġi applikata serje ta' strumenti u u skemi ta' benefiċċji. Din għandha tkun imsaħħa b'koordinazzjoni nazzjonali sħiħa li tkun tibbilanċja l-istrumenti tal-provvista u d-domanda tax-xogħol. L-effetti magħquda tal-benefiċċji jew tal-livelli tat-taxxa fuq id-dħul fuq dawk kollha li jgħixu fid-dar għandhom jiġu bbilanċjati u antiċipati sew, waqt li tingħata attenzjoni speċjali għall-istrutturi ta' inċentivi li dawn joħlqu għal familji fqar. Miżuri oħrajn, bħad-dispożizzjoni tal-ħarsien tat-tfal, sigħat ta' xogħol li jkunu flessibbli, is-sigurtà tax-xogħol, il-mobbiltà ta' l-impjiegi u l-oppurtunitajiet ta' taħriġ tqiesu bħala importanti ħafna għal qafas ta' politika komprensiva għall-ħlas tax-xogħol.

Brussel, l-1 ta' Lulju 2004

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni mingħand il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni: Il-futur tas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Unjoni Ewropea wara t-tkabbir"

COM(2003) 649 final

(2004/C 302/19)

Fit-28 ta' Ottubru 2003 il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, taħt Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar "Il-Komunikazzjoni mingħand il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni: Il-futur tas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Unjoni Ewropea wara t-tkabbir".

Is-Sezzjoni dwar is-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, li kienet responsabbli biex tħejji x-xogħol tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha fl-4 ta' Mejju 2004. Ir-relatur kien Is-Sur Pezzini u r-relatur konġunt kien Is-Sur Nollet.

Fis-sessjoni plenarja numru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju (sessjoni ta' l-1 ta' Lulju 2004), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'81 vot favur u 1 kontra.

1. Introduzzjoni

1.1 Il-fatt li 2.1 miljun persuna għadhom impjegati fl-industrija tat-tessuti Ewropea, hu indikattiv tal-mod li biha kompliet il-vitalità u l-potenzjal kbir tagħha. Din il-figura żdiedet b'aktar minn 500,000 bl-isħubija ta' l-Istati Membri ġodda. Grazzi għall-innovazzjonijiet konsiderevoli fl-oqsma kemm tal-proċessi kif ukoll tal-prodotti, l-industrija kompliet tagħti sehem għall-ġid Ewropew b'bejgħ ta' aktar minn €200 biljun, mingħajr ma jittieħed kont tas-settur anċillari, u tkabbir b'saħħtu – partikolarment fis-settur "mhux konvenzjonali" (tessuti tekniċi ta' teknoloġija ta' livell għoli) – li issa jgħoddu għal kważi 30 % tal-produzzjoni kollha, bl-infiq fir-Riċerka u l-iŻvilupp qed jilħaq 8-10 % tal-bejgħ kollu.

1.2 L-Unjoni Ewropea hija l-akbar protagonista fis-suq dinji tas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ. Is-suġġeriment li l-globalizzazzjoni kienet ser twassal biex jitwarrbu fil-ġenb l-industriji tat-tessuti tal-pajjiżi industrijalizzati, irriżulta li kien falz, u ċertament mhux il-każ fl-Ewropa. Il-Kontinent Ewropew għadu l-akbar esportatur tal-prodotti tessili fid-dinja, u t-tieni l-akbar esportatur tal-ħwejjeġ f'suq dinji ta' importazzjoni-esportazzjoni ta' l fuq minn €350 biljun fl-2002 (6 % tal-kummerċ dinji).

1.2.1 Tajjeb li wieħed jiftakar li ċ-Ċina hija l-akbar esportatur dinji tal-ħwejjeġ.

1.3 L-Ewropa s'issa rnexxielha tikkapitalizza fuq l-assi tagħha fejn tidħol il-kwalità u l-organizzazzjoni: kollezzjonijiet żgħar, sistema tal-moda, haute couture kreattiva ħafna, ħeffa fil-provvista għad-domanda, manifattura u żminijiet ta' konsenja mgħaġġla. Hija kienet ukoll innovattiva fil-qasam tal-proċessi u l-materjali ntelliġenti grazzi għan-nanoteknoloġija u fibri ġodda, cioè t-tessuti tekniċi, li huma kompetittivi ħafna u jħallu bilanċ pożittiv tal-kummerċ li dejjem qiegħed jikber. L-applikazzjonijiet kimiċi li dan l-aħħar saru lit-tessuti wasslu għat-tniissil ta' prodotti ġodda. Għandu jiġi nnotat f'dan il-kuntest li hemm varjazzjonijiet kbar f'dan is-settur fejn jidħlu l-kondizzjonijiet li taħthom hemm aċċess għas-swieq dinjin. Mentri l-UE tapplika tariffi doganali li fil-medja huma anqas minn 9 %, bosta pajjiżi oħra japplikaw tariffi sa 30 %, kif ukoll ostakoli iebsa mhux magħmula minn tariffi.

1.4 Fl-Ewropa, is-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ irnexxielu jlaħħaq ma' serje ta' tibdiliet radikali u malajr ħa vantaġġ mit-teknoloġija ġdida biex isib ir-risposta adegwata għall-ispejjeż differenti tal-produzzjoni, u b'hekk irreaġixxa fil-pront għall-kompetituri globali ġodda li nibtu. Ir-reazzjoni ta' l-industrija Ewropea kienet, fuq naħa waħda, impenn sod lejn il-modernizzazzjoni miksuba permezz tar-ristrutturazzjoni u assimilazzjoni tat-teknoloġija; u, min-naħa l-oħra, biex tokkupa pożizzjoni ġdida fis-suq bl-esplojtazzjoni ta' opportunitajiet ta' kollaborazzjoni fil-produzzjoni, distribuzzjoni, innovazzjoni u marketing teknoloġiċi.

1.5 Fl-2002 l-investment gross kien madwar 9 % tal-valur miżjud fis-settur, jew madwar €5 biljun. Naturalment, kważi 70 % ta' dawn marru fis-settur tat-tessuti, mentri s-settur tal-ħwejjeġ irċieva madwar 30 %. Il-bilanċ tal-kummerċ fis-settur tat-tessuti huwa pożittiv, mentri l-importazzjoni teċċedi l-esportazzjoni fis-settur tal-ħwejjeġ. Barra minn hekk, is-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, li miegħu jistgħu jiżdiedu ż-żraben, hija industrija komposta minn diversi elementi, b'firxa wiesja ta' prodotti, minn fibri sintetiċi ta' teknoloġija ta' livell għoli sa l-iproċessar tas-suf; mill-qoton sal-filtri industrijali; mill-bċejjeċ tad-drapp sa l-aqwa moda; u mill-papoċċi tas-sodda saż-żraben disinjati biex jiproteġu kontra l-kimika korrożiva.

1.6 L-industrija tat-tessuti, l-ħwejjeġ u ż-żraben hija konċentrata fil-ħames pajjiżi l-aktar popolati ta' l-Unjoni Ewropea, u l-kumpanniji tagħhom jgħoddu għall-fuq minn tlett kwarti mill-produzzjoni Ewropea fis-settur. Il-valur miżjud huwa kkonċentrat f'dawn il-pajjiżi, li fosthom l-Italja hija fil-wisa' l-aktar importanti, segwita mir-Renju Unit, Franza, il-Ġermanja u, fl-livell anqas, Spanja. Mill-pajjiżi iżgħar, il-Portugall, il-Belġju u l-Greċja huma partikolarment importanti f'termini ta' valur miżjud. Il-Belġju huwa speċjalment attiv fil-kamp tat-tessuti tekniċi u ntelliġenti. Għar-rigward ta' l-Istati Membri ġodda, is-settur huma partikolarment importanti fil-Polonja, l-Estonja u l-Litwanja, kif ukoll fil-pajjiżi kandidati – it-Turkija, ir-Rumanija u l-Bulgarija.

1.7 F'termini ta' impiegi, ir-rata naqset b'medja ta' 2.6 % fis-sena fuq l-aħħar ħames snin. Spanja u l-iSvezja huma l-uniċi eċċezzjonijiet għal din it-tendenza, b'żieda fl-impiegi (+ 2 %) fis-settur bejn l-1995 u l-2002. Bħala protagonista sħiħa fil-globalizzazzjoni tas-suq fis-settur, l-industrija tat-tessuti Ewropea rristrutturata u rfinata fil-fond il-kumpanniji tagħha, iddelegat lil terzi dawk l-operazzjonijiet l-aktar intensivi f'xogħol manwali u ffukat minflok fuq proċessi ta' manifattura intensivi fix-xogħol tas-sengħa. L-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, teknoloġija ġdida u produzzjoni aktar effiċjenti ukoll kellhom rwol f'dan il-qasam.

1.8 Fejn jidħol il-kummerċ, il-kwoti ta' importazzjoni mis-tennija jispiċċaw meta l-Arranġament Multi-Fibra (AMF) jitwaqqaf fl-2005. Dan ifisser li l-partijiet kollha jridu jirriflettu sewwa dwar il-kondizzjonijiet tal-kummerċ għall-prodotti tat-tessuti sabiex jippermettu lill-industrija tat-tessuti Ewropea tikkompeti globalment; u fl-istess waqt, jiġġarantixxu kondizzjonijiet xierqa għall-pajjiżi l-aktar fqar u vulnerabbli. Aktar ma jgħaddi ż-żmien qiegħed isir aktar ċar li l-implimentazzjoni tal-proċess ta' Barċellona għandha tkun priorità. Dan jipprovdni f'żona ta' kummerċ ħieles bejn l-Ewropa u l-kosta kollha tan-nofs inhar tal-Mediterran, biex b'hekk iż-żona pan-Ewro-Mediterranja issir realtà.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tindirizza il-problema kumplessa tas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ fi sforz biex tagħti spinta lill-kompetittività u dinamiżmu tagħha, bl-applikazzjoni ta' l-istrateġija ta' Lisbona għal dan is-settur speċifiku.

2.2 Il-komunikazzjoni tipproponi miżuri bbażati fuq politika industrijali u tal-kummerċ, b'enfażi partikolari fuq l-impiegi, l-iżvilupp fir-riċerka u t-teknoloġija, l-innovazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, l-iżvilupp reġjonali, l-iżvilupp sostenibbli, r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji, is-saħħa pubblika, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-ġlieda kontra l-oġġetti foloz, brevetti u drittijiet tal-proprjetà industrijali u intelletwali, politika tal-kompetizzjoni u l-ghajjnuna ta' l-istat.

2.3 Il-Kummissjoni tissuġġerixxi ċerti oqsma li fihom il-miżuri ta' politika industrijali għandhom ikunu aktar effiċjenti u effettivi, b'mod partikolari:

- riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, materjali ġodda u materjali intelliġenti, nanoteknoloġija, proċessi ta' produzzjoni ġodda u teknoloġija nadifa, enfażi fuq il-moderna u l-promozzjoni tal-kreattività;
- ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji: osservanza ma' l-istandards internazzjonali tax-xogħol u ta' l-ambjent, immanjagar reponsabbli tal-bidla industrijali, konsultazzjoni ta' l-impjegati;

- edukazzjoni u taħriġ: aċċess aktar faċli għall-finanzjamenti għan-negozji żgħar u medji (SMEs) permezz ta' proċeduri lineari, tixrid ta' l-informazzjoni, koordinament ta' l-azzjoni;
- l-iżvilupp tal-kapaċità u l-potenzjal ta' networking;
- il-Programm Doha, għat-tnaqqis u l-armonizzazzjoni tat-tariffi doganali u l-qerda ta' ostakoli għall-kummerċ;
- titlesta ż-żona Ewro-Mediterranja sa l-2005, sabiex tipprovdni għall-moviment ħieles tal-prodotti tat-tessuti f'pajjiżi bl-istess regoli ta' oriġini u s-sistemi ta' koperazzjoni amministrattiva;
- sistemi ta' tikkettjar għall-aċċess fl-UE: l-eżaminazzjoni ta' l-użu ta' tiketti għal artikoli/prodotti skond l-istandards internazzjonali tax-xogħol u ta' l-ambjent;
- Preferenzi tal-kummerċ ta' l-UE: li tiffoka fuq id-49 pajjiż l-aktar foqra (LDCs – "Less Developed Countries" – Pajjiżi l-anqas iżviluppatti) ⁽¹⁾, u li tingħata preferenza lill-prodotti ta' l-ħwejjeġ intermedjarji;

— Il-ġlieda kontra l-frodi u l-prodotti foloz, it-tisħiħ ta' miżuri eżistenti u l-adozzjoni ta' miżuri ġodda biex jipproteġu l-proprjetà industrijali u intelletwali, verifiki biex jiġu evitati l-prattiki kummerċjali iġusti; tisħiħ tas-sistema doganali komuni;

— Tikketta ta' l-oriġini "Magħmul fl-Ewropa" sabiex tippromwovi prodotti Ewropej ta' kwalità u tipproteġi l-konsumaturi;

— Fondi Strutturali: linjigwida ta' użu u ġodda, partikolarment fil-qafas tal-Perspettiva Finanzjarja għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013.

2.4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tissuġġerixxi wkoll xi toroq li messhom jiġu esplorati:

- azzjoni fil-livell tal-persuni kollha nteressati mill-viron ("stakeholders");
- azzjoni fil-livell ta' l-iStati Membri;
- azzjoni fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea.

2.4.1 Hija tipproponi li jiġi mwaqqaf Grupp ta' Livell Għoli magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni, l-iStati Membri u l-imsieħba soċjali, sabiex jissorvelja l-inizjattivi u l-implimentazzjoni tagħhom fid-diversi livelli. Il-komunikazzjoni tipprovdni wkoll li rapport regolari għandhom isiru bejn ir-Rebbiegħa ta' l-2005 u t-tmien ta' l-2006.

⁽¹⁾ Hemm 49 Pajjiż l-Anqas Żviluppatti, li minnhom 40 huma pajjiżi AKP (l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku) u 9 mhux AKP: l-Afghanistan, il-Bangladesh, il-Butan, il-Kambodja, il-Laos, il-Myanmar, il-Maldivi, in-Nepal u l-Yemen.

3. L-opinjoni tar-rappreżentanti tat-tessuti

Il-Kumitat nieda smieġh tar-rappreżentanti tat-tessuti fil-bini tiegħu fi Brussel fil-21 ta' Jannar 2004. Il-veduti mfissra f'dan il-punt jirriflettu l-kontribuzzjonijiet bil-miktub riċevuti u d-dikjarazzjonijiet magħmula waqt is-smieġh⁽¹⁾.

3.1 Il-partijiet soċjali preżenti – min iħaddem, rappreżentanti tat-trade unions u amministraturi lokali – kienu unanimi fit-talba ta' tagħhom sabiex tittieħed azzjoni urġenti biex ittaffi l-impatt veloċi ta' l-importazzjoni minn numru ta' pajjiżi, b'mod partikolari ċ-Ċina, l-Indja u l-Pakistan, fuq in-negozji Ewropej fis-settur.

3.2 Aktar ma tersaq viċin is-sena 2005 u b'hekk it-tmiem tar-reġim tal-kwoti, intalbu urġentement il-miżuri segwenti:

- il-possibilità li jiġu sfruttati riżorsi finanzjarji ġodda;
- attenzjoni speċjali introdotta fil-Fondi Strutturali;
- investiment fit-taħriġ u b'hekk fir-riżorsi umani;
- tikkettjar obbligatorju ta' l-oriġini tal-prodott għall-pajjiżi kollha;
- meżżi ta' verifika obbligatorji fl-istadji kollha tal-produzzjoni;
- li tingħata l-attenzjoni lis-saħħa tal-konsumatur permezz tat-tikkettjar ta' prodotti li ma jgorrux riskju;
- reċiproċità fit-tariffi doganali ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw rapidament fis-settur;
- reviżjoni tal-ftehim ma' terzi pajjiżi, it-tneħħija ta' konċessjonijiet dwar tariffi għall-pajjiżi li jiksru r-regoli tal-kummerċ, standards soċjali u żvilupp sostenibbli jew il-manifattura ta' l-armi nukleari;
- reviżjoni ta' l-organizzazzjoni tad-dwana Ewropea, sabiex jiġu simplifikati u jiġu żgurati verifiċi speċifiċi biex inaqqsu l-frodi, li issa laħqet livelli insostenibbli;

(¹) Attendiet għas-smieġ is-Sinjorina Concepció Ferrer i Casals, Membru tal-Parlament Ewropew u President tal-Forum tat-Tessuti, Ħwejjeġ u tal-Ġilda. Il-Kummissjoni Ewropea kienet rappreżentata mis-Sur Luis Filipe Girão, Kap ta' l-Unità fid-DG ENTR, u Is-Sur Ghazi Ben Ahmed tad-DG TRADE. Is-60 persuna li attendew kienu jinkludu Taljani, Ġermaniżi, Franċiżi, Torok, Litwani u Belġjani.

— riżoluzzjoni qawwija finanzjarja favur ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-assistenza għan-negozji speċjalment l-SMEs, sabiex dawn ikunu jistgħu jiddiversifikaw il-produzzjoni biex jinkludu tessuti tekniċi u intelliġenti.

3.3 Is-settur Taljan tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, li huwa wieħed mill-aktar vulnerabbli fl-Unjoni Ewropea, ippreżenta dokument konġunt miġfiethem bejn il-produtturi kollha tal-pajjiż, kbar u żgħar, u mar-rappreżentanti tat-trade unions, li ssottolinea numru ta' prioritajiet u rrakkomanda li dawn iwasslu għal miżuri prattiċi, effettivi u puntwali. Skond dan id-dokument, in-nuqqas ta' azzjoni f'dan l-istadju jista' jwassal għal piżijiet soċjali u ekonomiċi kbar fuq l-Ewropa.

3.3.1 Il-punti prinċipali kienu dawn li ġejjin:

3.3.2 Prodotti komunitarji jibbenefikaw minn rati ta' 0 % fi 22 pajjiż biss, filwaqt li fis-swieġ l-oħra huma soġġetti għal rata medja li tvarja bejn il-15 u s-60 %. Barra minn hekk, spiss iħabbtu wiċċhom ma' ħafna ostakoli mhux magħmula minn tariffi. B'mod partikolari mill-2005 'l quddiem, is-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ mhux ser ikun jiflaħ aktar għall-privileġġi konċessi lill-akbar kompetituri ta' l-UE (iċ-Ċina, l-Indja, il-Pakistan u l-Indonesja). Fi kwalunkwe każ, dawn il-privileġġi messhom ikunu ristretti għall-pajjiżi l-anqas żviluppatti u għal pajjiżi produtturi żgħar li fl-2005 ukoll ser ikunu f'pożizzjoni vulnerabbli ħafna.

3.3.3 Hu mixtieq li t-tikkettjar jevita frażi ġenerika bħal "Magħmul fl-UE" u minflok ikun aktar espliċitu b'formula tat-tip "Magħmul fl-Italja-UE", "Magħmul fi Franza-UE", eċċ. Aktar minn 60 % tal-prodotti fuq is-suq diġà huma volontarjament tikkettjati bl-oriġini. Jekk id-diċitura ssir obbligatorja, iridu jsegwu l-verifiki fuq il-multi: il-marġini t'azzjoni permessa fil-preżent ser tiftaħ beraħ il-bibien għall-oġġetti foloz u l-frodi, li huwa doppjament dannegjanti għall-industrija Ewropea. Barra minn hekk, ix-xerrejja Ewropej qiegħdin fi żvantaġġ meta mqabbla ma' dawk bħallhom fl-Amerika, il-Ġappun, iċ-Ċina jew l-Awstralja. M'hemm l-ebda raġuni għaliex ma jkunx hemm l-istess informazzjoni bħall-oħrajn, permezz tat-tikkettjar obbligatorju. Jekk il-konsumaturi Ewropej ikunu konxji ta' l-oriġini tal-prodott, ikunu jistgħu jiġġudikaw b'mod effettiv mhux biss il-prezz iżda wkoll il-proporzjon bejn il-prezz u kwalità applikat għall-bżonnijiet tagħhom.

3.3.4 In-ness bejn it-tessuti u s-saħħa ntwera kemm il-darba. Diversi kondizzjonijiet tal-ġilda jiġu kkawżati bl-użu ta' prodotti tat-tessuti ta' kwalità baxxa. Din hija raġuni oħra għala l-konsumaturi għandhom jitħallew jagħżlu ż-żona ta' oriġini tal-prodotti.

3.3.5 L-importazzjoni illegali ta' l-ħwejjeġ laħqet livelli allarmanti, u tikketti foloz "Magħmul fil- ..." qed jinfirxu mas-swieġ internazzjonali. F'dan il-qasam hemm bżonn għal verifiki aktar severi u multi aktar ħorox..

3.3.6 L-iżvilupp ta' materjali ġodda, proċessi tal-produzzjoni u teknoloġiji nodfa biex jgħinu l-iżvilupp sostenibbli huma ta' importanza partikolari għas-settur.

3.3.7 Min iħaddem u l-federazzjonijiet tat-trade unions sostnew li huma dejjem aderew mal-prinċipji li fuqhom iserraħ il-“Kodiċi ta’ Imġieba” għas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ, li fil-prattika ġie direttament inkorporat fil-ftehim kollettivi fl-iStati Membri. Għalhekk il-Kummissjoni qed tintalab biex tintroduċi d-dimensjoni soċjali fl-isfera tal-ftehim internazzjonali.

3.3.8 Id-dumping soċjali (manifattura tal-prodotti billi jitwaqqgħu l-ispejjeż ta’ l-impjegati b’detriment għad-drittijiet tal-ħaddiema bl-użu tax-xogħol bit-tfal jew furzat) huwa moralment ripunjanti u wieħed ma jstax jieħu ħsiebu bl-impożizzjoni ta’ tariffi anti-dumping. Il-pajjiżi industrijalizzati, ta’ l-Ewropa b’mod partikolari, messhom jiġġieldu kontra d-dumping b’mod aktar aħrax bl-użu ta’ klawsole aktar iebes u, l-aktar importanti, permezz tas-SĠP⁽¹⁾. Id-dumping ekoloġiku wkoll inaqas l-ispejjeż tal-produzzjoni, b’detriment għall-ambjent.

3.3.9 L-istituzzjonijiet internazzjonali, bl-għajjnuna tal-pajjiżi industrijalizzati, messhom iniedu proġetti mmirati biex iferrxu l-għerf li joħroġ mill-prinċipju ta’ l-iżvilupp sostenibbli fost il-pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw, kif fil-fatt qiegħda tagħmel il-Komunità ma’ l-iStati Membri ġodda.

3.3.10 L-użu tat-tikketti li jikkonfermaw li prodott jista’ jidħol ġewwa l-UE għaliex kien konformi mal-livelli ambjentali internazzjonali huwa wkoll ta’ għajjnuna biex jintlaħaq dan l-oġettiv.

3.3.11 L-għan li messu jintlaħaq huwa l-ħarsien ta’ l-ambjent u li n-negozji Ewropej jingħataw kondizzjonijiet realistiki fiex joperaw u jikkompetu, permezz ta’ revizzjoni mill-qiegħ ta’ dak li jgħidu d-diversi ftehim.

4. Kummenti tal-KESE

4.1 Il-KESE segwa mill-viċin l-isforzi tal-Kummissjoni, partikolarment matul dawn l-aħħar snin, li jerġa jstabilixxi lis-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ fil-livell ta’ kwistjoni li tinteressa sewwa lill-Komunità. Jinnota, b’mod partikolari, li l-preżentazzjoni ta’ l-aqwa prattika fl-oqsma differenti ta’ l-innovazzjoni u l-marketing kien ta’ tħassib lill-attendenza numeruża fil-Konferenzi organizzati dan l-aħħar mid-DĠ differenti fi Brussel⁽²⁾.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE 313/2004 (REX/141).

⁽²⁾ Konferenza tal-15 ta’ Ottubru 2002 “In-negozju Ewropew ta’ l-ħwejjeġ jaqleb għal teknoloġija għolja”, Borschette - Brussel. Konferenza ta’ l-20 ta’ Marzu 2003 “Il-futur ta’ l-industrija tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Ewropa wara t-tkabbir”. Konferenza tal-5-6 ta’ Mejju 2003 “Il-Futur tat-Tessuti u l-Ħwejjeġ wara l-2005”, Charlemagne - Brussel.

4.2 Sfortunatament, l-impatt flivell lokali ta’ dawk l-inizzjattivi provokanti tal-ħsieb ma kienx skond l-aspettattivi. Dan iwassalna biex għal darb’oħra nirriflettu dwar kif nistgħu niġbdu r-riedni ta’ l-għerf u l-informazzjoni u nwassluhom b’mod aktar wiesa’ lid-diversi persuni li għandhom interess fil-qasam (“stakeholders”).

4.2.1 L-involviment fil-viċin ta’ l-assoċjazzjonijiet professjonali ta’ min iħaddem u tal-ħaddiema fil-livelli kollha jrid imur id fid ma’, u jkun il-qafas ta’, il-proċess sħiħ ta’ innovazzjoni.

4.2.2 Hija biss politika ta’ koperazzjoni li ġiet ippruvata li taħdem bejn l-imsieħba soċjali, inkluża l-esperjenza ta’ l-Aġenziji Bilaterali⁽³⁾ u sforz komuni biex jgħin it-tkabbir fis-settur, li jippermetteli li nilqgħu l-isfida tal-globalizzazzjoni li, speċjalment f’dan is-settur, “...tippreżenta kwistjonijiet veri ta’ min jaħseb fuqhom...”, kif sewwa qal dan l-aħħar il-Kummissarju Lamy.

4.3 Il-Kunsill ta’ l-Industrija tas-27 ta’ Novembru 2003 iddeskriva l-kompetittività industrijali bħala wieħed mill-oqsma ewlenin li fihom l-Unjoni Ewropea u l-iStati Membri jrid jieħdu sehem attiv sabiex jintlaħqu l-oġettivi mfassla mill-istrateġija ta’ Lisbona (ĠU C 317 tat-30.12.2003, paġ. 2). Is-settur tat-tessuti huwa bla dubbju fil-preżent l-aktar wieħed espost għad-deindustrijalizzazzjoni li nħolqot bl-aspetti l-ġodda tal-kummerċ dinji.

4.3.1 Primarjament għal dawn ir-raġunijiet, is-settur tat-tessuti jrid jiffaċċja proċess permanenti ta’ ristrutturizzazzjoni u modernizzar, flimkien ma’ rallentament evidenti fl-attività ekonomika, produzzjoni u impiegi. Hu madanakollu settur strateġiku li jkompli jipprovdi x-xogħol, speċjalment għan-nisa. Fil-konklużjonijiet tiegħu hawn fuq imsemmija, il-Kunsill – konxju tal-valur tas-settur – stieden lill-Kummissjoni biex tagħti rapport lura sa’ Lulju 2004 dwar l-inizzjattivi li jstgħu jkunu fil-forma ta’ Pjan ta’ Azzjoni biex jsostnu s-settur tat-tessuti.

4.4 anke fid-dawl tal-punti magħmula fil-komunikazzjoni tagħha, tħares urġentement mill-ġdid lejn dawn il-punti li ġejjin:

4.4.1 Jiġu rrvivati n-negozjati ta’ l-Aġenda ta’ l-Iżvilupp ta’ Doha, billi jissaħħa id-dokument tiegħu stess (COM(2003) 734 finali tas-26 ta’ Novembru 2003) b’risposta għan-numru ta’ sinjali ċari mingħand il-gruppi ta’ l-impjegati, ta’ min iħaddem u tal-konsumaturi⁽⁴⁾.

⁽³⁾ L-Aġenziji Bilaterali jiġbru fihom n-negozji ż-żgħar u l-ħaddiema li, billi jaġixxu skond il-prinċipju ta’ reċiproċità, jipprovdu finanzjamenti għal-korsijiet innovattivi, ta’ tigidid u ta’ sostenn għall-ħaddiema u sidien ta’ negozji żgħar u żgħar ħafna.

⁽⁴⁾ Cf. is-smigħ tal-21 ta’ Jannar 2004 u l-konklużjonijiet fil-punt 13.

4.4.2 Ir-rwol tad-dwana fl-immaniġjar integrat tal-fruntieri esterni ⁽¹⁾, bl-adozzjoni tal-konsiderazzjonijiet u suġġerimenti oħra imfissra fl-opinjoni tal-Kumitat.

4.4.3 Regoli ta' l-oriġini fl-arranġamenti preferenzjali tal-kummerċ (COM(2003) 787 finali), sabiex il-livelli ta' tariffi futuri prodotti min-negozjati multilaterali jiġu stabilizzati, permezz ta' ftehim ta' kummerċ ħieles u bl-ghajjnuna għall-iżvilupp sostenibbli. Barra minn hekk, kif repetutament argumentat f'din l-opinjoni, "proċeduri ta' l-immaniġjar u mekkaniżmi ta' sorveljanza [...] ukoll iridu jifasslu sabiex jiżguraw li l-arranġamenti preferenzjali jintużaw sewwa u jipproteġu l-komunità kummerċjali u l-interessi finanzjarji nvoluti kontra l-abbużi mis-sistema." ⁽²⁾.

4.4.4 Il-provvedimenti tal-ftehim ta' sħubija maċ-Ċina ⁽³⁾, li fi ħdanu ntgħażlu diversi riżorsi komunitarji mfaßla sabiex tiżdied il-kompetizzjoni bejn iċ-Ċina u l-UE (Programm ta' Taħriġ għall-Junior Managers, L-iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, taħt it-titolu B7-3).

4.4.5 L-introduzzjoni ta' programm Komunitarju li jingħata r-riżorsi meħtieġa sabiex jgħin fir-riċerka, innovazzjoni (mhux eskluissivament teknoloġiċi) u taħriġ vokazzjonali fis-settur (kapaċità ta' persuni li jħaddmu fuq skala żgħira u l-ħaddiema b'mod partikolari sabiex jadattaw irwieħhom għas-sitwazzjoni internazzjonali ġdida u l-bżonnijiet tal-konsumaturi). Dan il-prinċipju ssemma' ċar mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-futur tas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ adottata fi Frar ta' l-2004.

4.4.6 Miżuri ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Il-konsumaturi huma dejjem aktar konxji ta' l-effetti potenzjali fuq is-saħħa ta' ċerti prodotti li jkollhom kuntatt mal-ġilda, mhux l-anqas in-konnessjoni mat-tifrix ta' allerġiji ta' kuntatt jew mard ieħor tal-ġilda ⁽⁴⁾. Fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-liġi Ewropea dwar trasparenza fis-settur ta' l-ikel, liġijiet simili għandhom jiġu ntrodotti biex ikun hemm tikkettjar obligatorju biex il-konsumaturi jkun mgħarrfa dwar l-oriġini tal-materjal li nuża u fejn ġie manifatturat il-prodott lest.

4.5 L-introduzzjoni ta' tikketta obligatorja "Magħmul fi ..." tista' tgħin biex iżżid il-kunfidenza tal-konsumaturi' li meta jixtru l-ħwejjeġ ikunu qiegħdin iħallsu prezz li iqis il-livelli ta' produzzjoni u stil applikati fil-pajjiż ta' l-oriġini – il-pajjiż ta' l-oriġini għandu jkun il-pajjiż li fi h il-ħwejjeġ ikunu tlestew u mhux il-pajjiż li fi h ġie prodott – iżda l-proposta tal-Kummissjoni "Magħmul fl-Ewropa" mhix konvinċenti. Tikketta unika Ewropea ma tagħtix każ tal-kwalitajiet partikolari u ta' min ifaħħarhom tal-prodotti tal-pajjiżi individwali – "uniti fid-diversità".

⁽¹⁾ COM(2003) 452 final ta' l- 24.4.2003.

⁽²⁾ COM(2003) 787 finali tat-18.12.2003.

⁽³⁾ COM(2003) 533 finali ta' l-10.9.2003.

⁽⁴⁾ Madwar 1,000 sustanza kimika huma l-aktar użati minn fost il-5,000 disponibbli fis-settur tat-tessuti. Barra minn hekk, teżisti kwantità mhux speċifika ta' taħlit differenti ta' diversi sustanzi, li wħud minnhom huma tossiċi, li jintużaw biex jagħtu l-kulur u għal trattament ieħor tat-tessuti. Fl-UE, is-sustanzi tossiċi jintgħażlu, jiġu mormija jew trattati qabel jintużaw skond il-liġijiet ambjentali u tas-saħħa. L-ispejjeż ta' dan jitħallsu min-negozji Ewropej.

4.5.1 Dwar l-alternattivi mfissra fil-proposta tal-Kummissjoni's dwar it-tikketti ta' l-oriġini, il-Kumitat jisħaq li għandu jintgħażel it-tikkettjar obligatorju kemm tal-prodotti importati kif ukoll ta' dawk manifatturati fis-Suq Uniku, meta jinbiegħu għewwa l-Unjoni Ewropea. Effett wieħed ta' dan huwa li jagħmilha aktar faċli li l-konsumaturi jitmexxew lejn prodotti "etiċi" f'termini kemm tal-kwalità intrinsika tagħhom kif ukoll osservanza tad-drittijiet tal-ħaddiema waqt il-proċess ta' produzzjoni.

4.6 Il-kultura tar-responsabilità soċjetarja għandha tiġi konsolidata bħala mudell Ewropew, iżda trid ukoll tiġi estiża għall-pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw permezz ta' strumenti speċifiċi li jkun jistgħu jiġu verifikati fil-livell tal-konsumaturi, u li għalhekk l-aspetti tagħhom relatati mal-kummerċ ikunu sinjifikanti ⁽⁵⁾.

4.7 Liġijiet dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li huma vigenti fl-industrija iridu jsiru aktar viżibbli għall-konsumaturi, sabiex tingħata spinta lill-vantaġġ kompetittiv.

4.7.1 Il-pożizzjoni skjetta ta' l-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli u, konsegwentement, dwar l-osservanza ta' l-aġenda tal-Protokoll ta' Kyoto, jista' jkollha suċċess u tkun approvata mis-settur tal-manifattura Ewropew, jekk tkun akkompanjata minn rikonoxximent ta' l-isforzi li jgħibu magħhom dawk l-obbligazzjonijiet. Jekk ma jittieħidx kont tal-kompetizzjoni nġusta jew li tittieħed azzjoni biex din ma tiġrix xejn m'hu ser jgħin it-tifrix ta' kultura ta' progress fost dawk li jħaddmu kif ukoll il-ħaddiema Ewropej. Barra minn hekk, dan jista' jgħaġġel id-deindustrijalizzazzjoni fl-Ewropa, li jista' jkun ta' benefiċċju għal xi uħud mill-kumpanniji multinazzjonali ⁽⁶⁾, li jistgħu jdur għall-produzzjoni f'pajjiżi li huma anqas konxji minn dan il-prinċipju, emblematicu ta' "ekonomija tas-suq soċjali".

4.7.2 L-isforzi tal-Kummissjoni favur it-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija, anke permezz ta' l-introduzzjoni ġenerali ta' rekwiżiti ta' disinn ekoloġiku għal prodotti li jużaw l-enerġija ⁽⁷⁾, jistgħu fiż-żmien jilhq u l-għan tagħhom, jekk l-industriji Ewropej, partikoalrment dawk tat-tessuti u ta' l-ħwejjeġ – ikun għad għandhom suq, u konsegwentement makkinarju, għall-produzzjoni. Inkella, wieħed jista' jestendi l-proposta għal xi pajjiżi li allegatement għadhom qiegħdin jiżviluppaw sabiex itejjbu l-konsum ta' l-enerġija mill-makkinarju li jużaw biex jimmanifaturaw il-prodotti tagħhom.

⁽⁵⁾ Cf. COM(2004) 101 ta' l-10.02.2004 – Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Bini tal-Futur Komuni Tagħna, Sezżjoni C: L-UE bħala imsieħeb globali.

⁽⁶⁾ Cf. Eurostat: Il-PGD fid-Dinja. Mill-PGD dinji, li kien €34,000 biljun fl-2002, l fuq minn 55 % kien f'idejn madwar 45,000 kumpanniji multinazzjonali.

⁽⁷⁾ Proposta għal Direttiva, COM(2003) 453 finali ta' l-1.8.2003.

4.8 Il-Kumitat jostni li anke fil-livell Ewropew, trid tiġi ffukata attenzjoni kostanti fuq l-intrapriżi żgħar u dawk żgħar ħafna li huma komuni ħafna f'dan is-settur. Attenzjoni partikolari trid tingħata lis-sistema finanzjarja preżenti, li aktar donnha tiffavorixxi n-negozji l-kbar. Il-Kumitat jirrikonoxxi wkoll ix-xogħol tal-Kummissjoni biex tisħaq il-problemi ta' l-intrapriżi żgħar u dawk żgħar ħafna, u biex tħajjar l-intraprenditorija fil-kultura Ewropea ⁽¹⁾.

4.9 Il-Kumitat isejjaħ għal tnaqqis fin-numru ta' pajjiżi li jibenefikaw mis-Sistema Ġenerali tal-Preferenzi (SGP), it-tariffi doganali mħaddma fil-preżent mill-UE – li huma fost l-aktar baxxi fid-dinja – ma jridux jitbaxxew aktar qabel dawk f'numru minn dawk il-pajjiżi b'espertazzjoni kompetittiva ħafna tat-tessuti u l-ħwejjeġ jitnaqqsu wkoll flivell komparabbli. Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-futur tas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Jannar 2004, il-Parlament Ewropew ukoll jirrikomanda li jiġi adottat il-kriterju tar-riċiproċità, jew "l-aċċess għas-swieq flivell dinji li jkun komparabbli mal-kondizzjonijiet ta' importazzjoni fl-UE ser jibda japplika b'effett mill-2005". Il-Kumitat hu favur il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, iżda kontra liberalizzazzjoni fuq naħa waħda. Pajjiżi oħra wkoll għandhom ikunu lesti biex jiftħu s-swieq tagħhom għat-tessuti u l-proċeduri ta' għamil tal-ħwejjeġ ta' l-UE.

4.9.1 Kontrolli tad-dwana fuq il-fruntieri esterni jridu jitjiebu sabiex tintgħeleb il-problema serja tal-piraterija u l-oġġetti foloz. Iridu jingħaqdu f'servizzi konġunti Ewropej ġenwini, b'miżuri ta' assistenza speċifiċi għall-iStati Membri ġodda.

4.9.2 Il-Kumitat jaqsam t-tħassib serju flimkien ma' dawk il-kategoriji milquta mill-frodi, u jikkunsidra li jridu jittieħdu l-miżuri kollha biex inaqqsuha. Is-servizzi tad-dwana repetutament osservaw li m'għandhomx biżżejjed nies biex jeżaminaw l-oġġetti fi tranżitu, speċjalment fil-portijiet. Medja ta' 1,000 kontejner jaslu kuljum fil-port ta' Napli, per eżempju, u hemm biss tlieta min-nies biex jeżaminawhom: medja ta' anqas minn 1 % minnhom jinfetħu (u jinfetħu biss, mhux jiġu spezzjonati).

4.9.3 F'dan l-istat li hu mgħarraġ mill-frodi pjanata pperpetrata mill-gruppi kriminali li jolqtu negozji f'ħafna portijiet Ewropej, metodu possibbli hu li prodotti partikolari jiġu konċentrat f'portijiet attrezzati apposta, li fihom il-kategoriji konċernati ikun rappreżentat u kontrolli aktar stretti jsiru mis-servizzi tad-dwana.

4.9.4 Punt 11 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew taqbel sostanzjalment ma' din il-linja, li titlob lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi u tgħin lil min jimmanifattura u jstabilixxi qafas ta' sorveljanza u informazzjoni biex jidentifika is-sorsi ta' l-oġġetti foloz jew prodotti piratati u teliminahom mis-suq.

⁽¹⁾ Cf., inter alia, id-dokumenti segwenti: COM(2001) 98 finali ta' l-1.3.2001; COM(2001) 366 finali tat-18.7.2001; COM(2003) 21 finali tal-21.1.2003; COM(2002) 345 finali ta' l-1.7.2002; COM(2001) 122 finali tas-7.3.2001; COM(2002) 68 finali tas-6.2.2002; u COM(2003) 27 finali tal-21.1.2003.

4.9.5 Soluzzjoni oħra tista' tkun l-kontejners jinqasmu fil-waqt li jkun għadhom issiġillati, bejn iż-żoni tad-destinazzjoni finali. Dan inaqas drammatikament in-numru ta' kontejners li jridu jiġu verifikati fil-portijiet u jippermettu verifika aktar fil-fond.

4.10 Il-pajjiżi li minnhom joriġinaw l-oġġetti wkoll iridu jintalbu biex itejjbu l-kontrolli. Pajjiżi li jiffaċilitaw il-frodi billi jħaddmu sistemi ta' kontroll ineffikaċi messhom isofru mill-irtirar temporanju tal-kondizzjonijiet vantaġġużi ta' espertazzjoni. Is-SGP biss, użata ħafna fis-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ, tiswa lill-UE €2.2 biljun fis-sena f'termini ta' introjtu doganali mitluf. Għall-kuntrarju, il-pajjiżi li jipparteċipaw fiha jirċievu benefiċċju annwali ta' l-istess somma. Jekk l-UE tingħata vantaġġi ta' dak il-kobor, hija ntitolata timponi termini u kondizzjonijiet biex wieħed jirċievi dawk il-vantaġġi.

4.10.1 Il-Kumitat konxju sewwa li l-fruntieri reali ta' l-UE mhux neċessarjament jaqblu mal-fruntieri fiżiċi ta' l-iStati Membri: huma qed jinstabu dejjem iżjed fit-territorji tal-pajjiżi li timporta mingħandhom. Il-KESE diġà esprima l-opinjoni tiegħu fuq din il-kwistjoni.

4.11 Ir-regoli kurrenti dwar l-oriġini tal-prodott huma wisq kumplessi u diffiċli biex jiġu applikati; faċilment jinftiehmha ħażin u jirrikjeddu li wieħed ikun jaf fil-fond dwar numru kbir ta' liġijiet. Huma issa saru xkiel fuq in-negozju u provokazzjoni qawwija lejn biex issir il-frodi. Il-pajjiżi benefiċjarji bosta drabi jservu ta' mezz ta' dħul għall-prodotti ta' pajjiżi mhux benefiċjarji.

4.12 Dwar il-vantaġġi li ser jingħataw lill-pajjiżi li għadhom qiegħdin jiżviluppaw, il-Kumitat isejjaħ lill-Kummissjoni – b'mod partikolari id-DĠ tan-Negozju – biex tiddefinixxi standards ċari, speċjalment għall-protezzjoni ta' drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni ta' l-ambjent, il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u aspetti mportanti oħra dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u r-rispett lejn l-annimali.

4.13 Meta jiġi għat-Tariffa Doganali Komuni (TDK), il-Kumitat jinnota li r-Regolament riċenti 1789/2003 li jmeda r-Regolament 2658/87, u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004, huwa wkoll ir-risultat ta' serje ta' kompromessi dwar il-livell tat-TDK. Dawn il-kompromessi jagħmlu l-implimentazzjoni diffiċli u kumplessa u kosegwentement jagħmlu l-frodi u l-evazzjoni aktar faċli. It-taqsim "Artikoli ta' l-ħwejjeġ u aċċessorji tal-ħwejjeġ", indikati bil-kodiċi 61, 62 u 63 tinkludi 466 oġġetti; minn dawn 398 jattiraw tariffa ta' 12 %, u t-68 l-oħra għandhom tariffi li jvarjaw minn eżenzjoni totali sa 2 %, 4 %, 5.3 %, 6.2 %, 6.3 %, 6.5 %, 6.9 %, 7.2 %, 7.5 %, 7.6 %, 7.7 %, 8 %, 8.9 %, 10 % u 10.5 %. Kodiċi oħra: 64 (Żraben, getti u oġġetti simili), 65 (Ħwejjeġ tar-ras u partijiet minnhom), 66 (Umbrel) u 67 (Rix u fjuri artifiċjali) għandhom tariffi ta' 1.7 %, 2.2 %, 2.7 %, 4.7 %, 5 %, 5.2 %, 7 % u 8 %.

4.13.1 Hemm aktar minn 20 livell ta' tariffa għat-total ta' 1,516 -il prodott koperti mill-kodiċi 50 sa 67 tan-Nomenklatura Kombinata (NK). Numru daqshekk kbir ta' tariffi simili johlqoq biss il-problemi, u huwa xhieda tad-debbolezza ta' sistema li tista' tkun ħafn'aktar razzjonali u anqas vulnerabbli għall-pressjoni minn ċentri ta' interess ekonomiku li, fil-waqt li jagħmlu l-aktar qliegħ possibbli, ma jiġġeneraw xejn ħliel diffikultajiet għal ħafna negozji. Il-Kumitat jikkunsidra li jekk wieħed ikollu numru limitat ta' tariffi – l-aktar tlieta jew erbgħa – il-frodi tiġi mnaqqsa bil-bosta u s-sistema tissimplifika ruħha enormement.

4.14 Il-Kumitat jagħti importanza partikolari lill-promozzjoni ta' l-osservanza tal-livelli bażiċi tax-xogħol u negozju ġust, protezzjoni ta' l-ambjent u l-għieda kontra t-traffikar tad-drogi. Għalkemm huwa minnu li s-SGP preżenti tnaqqas il-livelli tat-TDK b'40 %, u b'hekk tippermetti lill-pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw li jespertaw il-prodotti tagħhom tat-tessuti, ħwejjeġ u ż-żraben lill-pajjiżi ta' l-UE b'tariffa ta' anqas minn 5 % sakemm jintrabtu li josservaw il-klawsoli soċjali u ambjentali, hi mada-nakollu falliet bħala kampanja morali. L-anqas ma kellu xi impatt fuq it-tnaqqis tal-kummerċ fid-drogi r-reġim li kien intiż biex jiġġieled kontra t-traffikar tad-drogi li minnu bbenefikaw 12 il-pajjiż. Min-naħa l-oħra diversi negozji żgħar Ewropej kellhom jagħlqu minħabba li ma setgħux ilaħħqu mal-kompetizzjoni; dan huwa r-riżultat ta' spejjeż globali ta' produzzjoni li ma jistgħux jitqabblu ma' l-ispejjeż imposti b'regolamenti progressivi u li jxaqilbu lejn l-iżvilupp sostenibbli ⁽¹⁾.

4.15 Il-KESE jemmen li l-isforzi tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew iridu jingħataw spinta sabiex jiġu esklużi mis-SGP dawk il-pajjiżi kollha li għandhom bżonn jespertaw il-prodotti tagħhom tat-tessuti, ta' l-ħwejjeġ u ż-żraben lill-UE, iżda li ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali stipulati mill-ILO ⁽²⁾ (Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol) ⁽³⁾.

4.16 Il-KESE huwa konvint li l-PGD per capita ma jistax ikun l-unika kriterju biex jiġi deċiż jekk pajjiżi hux eliġibbli għal tnaqqis taħt is-SGP fis-settur tat-tessuti. Il-Kumitat jikkondividi wkoll it-tħassib li jinstema' f'ħafna kwartijeri li proporzjon mhux xieraq tal-benefiċċji qiegħed jingħata lil dawk il-pajjiżi li huma fost l-anqas li għandhom bżonnhom. Sabiex jiġi żgurat li l-assistenza tas-SGP tiġi kkonċentrata fuq il-pajjiżi bl-akbar bżonnijiet, il-Kumitat jirrakomanda li l-kategoriji ta' pajjiżi li ġejjin jiġu esklużi mis-sistema:

— pajjiżi membri ta' l-OPEC ⁽⁴⁾;

— pajjiżi li ma jiġux definiti min-NU bħala "pajjiżi li għandhom qiegħdin jiżviluppaw";

⁽¹⁾ Cf. Opinjoni REX/141 (Is-SGP), punti 6.6.2, 6.6.2.1, 6.6.2.2 u 6.6.2.3.

⁽²⁾ C29 – Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat; C87 – Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' l-Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt ta' l-Organizzazzjoni; C98 – Konvenzjoni dwar id-Dritt ta' l-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv; C100 – Konvenzjoni dwar il-Pagi Ugwali; C105 – Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat; C111 – Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impiegi u Okkupazzjonijiet); C138 – Konvenzjoni dwar l-Età Minima; C182 – Konvenzjoni dwar l-Agħar Forum ta' Xogħol tat-Tfal.

⁽³⁾ Cf. REX/141 (Is-SGP), punt 6.6.2.3

⁽⁴⁾ Venezwela, Alġerija, Niġerja, Libja, Arabja Sawdita, L-Emirati Għarab Magħquda, Kwasar, Kuwait, Iraq, Iran, Indonesja.

— pajjiżi li għandhom programm ta' armi nukleari;

— pajjiżi li jservu ta' paradisi fiskali;

— pajjiżi li għandhom ftehim bilaterali jew reġjonali ma' l-UE ⁽⁵⁾;

— pajjiżi li mhux konformi mad-drittijiet fundamentali stipulati mill-ILO ⁽⁶⁾.

4.17 Iċ-Ċentri ta' Poli Teknoloġiċi u Innovazzjoni – mifruxa sewwa madwar l-UE – għandhom jgħinu biex titjieb il-koperazzjoni u t-tifrix ta' l-esperjenzi ma' l-intraprendituri fl-industrija, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

4.18 Tessuti tekniċi, tessuti ta' teknoloġija għolja u żraben tekniċi kull ma jmur qiegħdin iżidu s-sehem tagħhom mis-suq fl-Ewropa u globalment. Grazzi għall-esperjenza solida tagħhom fuq il-lant tax-xogħol, negozji żgħar u medji Ewropej jistgħu jkollhom, kemm issa u anke fil-futur, rwol importanti fil-produzzjoni ta' ħwejjeġ li jisfruttaw proċessi ġodda kimiċi u jiżviluppaw teknoloġija għda.

4.19 Il-KESE hu tal-fehma li hemm bżonn li tingħata prova lill-Azzjonijiet Konċertati bejn il-Kummissjoni u l-iStati Membri sabiex jiġu finanzjati u mgħejuna varjetà ta' servizzi avvanzati li jistgħu jtejjbu r-rendiment tan-negozju, sabiex jiġi nkoraggjutt it-tqabbil bejn il-fornitura u d-domanda għal ħwejjeġ innovattivi.

4.19.1 Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u s-Sixth Framework Programme dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp messhom jintużaw biex itejjbu u jiżviluppaw faċilitajiet ta' taħriġ għal tip ta' professjonist ġdid b'abilitajiet operattivi-tekniċi speċifiċi, u li jistgħu jaġixxu – wara pjan ta' azzjoni adegwat – bħala promoturi ta' l-innovazzjoni għall-SMEs. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawk il-pajjiżi fl-UE fejn is-setturi tat-tessuti u l-ħwejjeġ għandhom importanza strateġika.

4.19.2 Il-profilu professjonali meħtieġa biex in-negozji jkolom l-għajnuna biex itejjbu u jespertaw l-produzzjoni tat-tessuti tekniċi u żraben, jinkludu: analisti awdituri tat-teknoloġija, faċilitaturi ta' pjanijiet ta' ristrutturazzjoni, u persuni mħarrġa dwar kif isibu l-opportunitajiet tan-negozju.

4.19.3 Il-KESE huwa konvint li jekk jingħabru kollha flimkien l-opportunitajiet lokali eżistenti – poli tat-teknoloġija, universitajiet, Djalogu Strutturati bejn min iħaddem, l-impjegati u l-awtoritajiet lokali – in-negozji u l-SMEs b'mod partikolari, jib-benefikaw mill-koperazzjoni ma' dawn it-tipi ġodda ta' professjonisti mħarrġa sabiex jittilghu flivell ogħla ta' teknoloġija kompetittiva ⁽⁷⁾.

⁽⁵⁾ (Sistema Ġeneralizzata tal-Preferenzi), punt 6.6.1.2.

⁽⁶⁾ Ibidem.

⁽⁷⁾ In-negozji żgħar spiss jixtiequ jaqilbu mill-produzzjoni ta' ħwejjeġ magħmulha minn prodotti tradizzjonali għal oħrajn ġodda magħmulha minn tessuti tekniċi jew intelliġenti, iżda m'għandhomx biżżejjed informazzjoni u taħrif dwar il-proċessi tekniċi u kummerċjali.

4.20 Il-Kumitat huwa wkoll konxju, kif inhuma wkoll il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, li ditti żgħar (b'anqas minn ħamsin impjegat) jgħoddu għal madwar 70 % mill-industrija tat-tessuti, l-ħwejjeġ u ż-żraben ta' l-UE; madwar 20 % mid-ditti għandhom bejn 50 u 249 impjegat u l-10 % l-oħra jimpjegaw 250 jew iżjed. Is-settur għandu konċentrazzjoni ogħla ta' ħaddiema nisa milli hemm f'industrija oħra. Sforzi biex jinkoraġixxu titjib fl-innovazzjoni u t-teknoloġija jinsabu mxejjla mil-livell ogħli ta' frammentazzjoni fil-kumpanniji madwar l-Ewropa.

4.21 Il-KESE, li r-rappreżentanti tiegħu għandhom relazzjoni diretta ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, f' diversi okkażjonijiet ikkundanna l-operazzjonijiet ta' frodi ma jaqtgħu xejn u li jnvolvju firxa wiesa' ta' oġġetti min-naħa għall-oħra tal-fruntieri tal-Komunità. L-aktar eżempji ovvjita' frodi jinkludu:

- dikjarazzjonijiet inkonsistenti mal-prodotti li għaddew mid-dwana⁽¹⁾;
- oġġetti mingħajr ċertifikazzjoni ta' konformità, li huma spiss perikolużi għall-konsumaturi;
- oġġetti prodotti li mhux konformi ma' drittijiet ta' proprjetà industrijali;
- oġġetti soġġetti għal triangolazzjoni bejn diversi Stati⁽²⁾;
- oġġetti li mhux konformi mar-regoli ta' l-oriġini⁽³⁾,
- oġġetti foloz jew piratati.

4.21.1 Dan l-aħħar sar xi stħarriġ statistiku dwar dan il-fenomeni. Il-KESE jilqa' b'approvazzjoni l-fatt li l-Unjoni Ewropea finalment adottat Regolament li jipprovdi li l-oġġetti foloz iridu jinħarqu u jiġu meqruđa mid-dwana⁽⁴⁾.

4.21.2 Il-Kumitat madanakollu hu tal-fehma li s-suċċess f'dan il-qasam jibqa' limitat.

4.21.3 Tabilħaqq, id-diretturi ta' l-aġenziji tad-dwana jilmentaw dwar in-nuqqasijiet tar-regolament tal-Komunità (li messu jikkumpensa għal-leġislazzjoni nazzjonali frammentata) u n-nuqqas ta' impjegati u rizorsibix jieħdu ħsieb suq daqshekk vast u attiv.

(1) Il-perċentwali tat-tariffa tad-dwana tiddependi fuq it-tip ta' prodott importat. Ta' spiss jiġu dikjarati bħala prodotti differenti, b'tariffi orħos minn dawk applikabbli għall-prodotti li ġew importati fil-verità.

(2) Green Paper dwar il-futur tar-regoli ta' l-oriġini fi ftehim tal-kummerċ preferenzjali, COM(2003) 787 finali, punt 1.2.2.

(3) Ibidem.

(4) Regolament (KE) 1383/2003 tat-22.07.03. Jidħol fis-seħħ fl-1.7.2004.

4.21.4 Fl-ewwel nofs ta' l-2003, l' fuq minn 50 miljun prodott falz jew riprodott ġie interċettat mid-dwana Ewropej⁽⁵⁾. Il-frodi rdoppjat bejn l-2000 u l-2002 fis-settur ta' l-ħwejjeġ u triplikat mis-setturi tal-fwieħa u tal-kosmetiċi⁽⁶⁾. Madanakollu dan hu biss il-ftit li jidher, meta mqabbel ma' dak li rniexxielu jis-kappa.

4.21.5 Fejn għandu x'jaqşam ma' l-oriġini ta' dawn il-prodotti, 66 % jiġu mill-Asja, speċjalment iċ-Ċina u t-Tajlandja. Skond il-Kummissarju Bolkestein, il-produzzjoni ta' oġġetti foloz m'għadux limitat għall-oġġetti lussużi: il-prodotti kollha tal-konsumatur ta' kuljum huma llum miri potenzjali għar-riproduzzjoni falza u l-piraterija, bir-riżultat li l-SMEs aktar ma' jmur aktar qiegħdin ikunu vittmi tal-frodisti⁽⁷⁾.

4.21.6 L-iskala kbira ta' dan il-fenomeni qed tkompli żżid il-pessjoni fuq id-ditti Ewropej, u ta' spiss iwassal biex in-negożji ż-żgħar jieqfu joperaw, għaliex isir impossibbli għalihom li jibqgħu fuq is-suq.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Sa mill-1971 il-Komunità Ewropea – għall-bidu permezz tal-GATT u wara l-WTO (World Trade Organisation – Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ) – għamlet tnaqqis konsiderevoli fuq it-Tariffa Doganali Komuni (TDK) għall-pajjiżi li għadhom qiegħdin jiżviluppaw.

5.1.1 Il-prodotti klassifikati bħala mhux sensitivi huma eżenti mid-dazju tad-dwana meta esportati minn pajjiżi li għadhom qiegħdin jiżviluppaw għall-Komunità.

5.1.2 Il-prodotti klassifikati bħala sensitivi – li jinkludu t-tessuti, il-ħwejjeġ u ż-żraben – jibbenefikaw minn tnaqqis ta' 20 % (reġim ġenerali), li titla' għal 40 % għar-reġimi speċjali⁽⁸⁾.

5.1.3 Fl-2003, in-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxew 116 pajjiż li għadhom qiegħdin jiżviluppaw. Fil-prattika iżda, il-vantaġġi mogħtija mill-UE jestendu għal 174 pajjiż⁽⁹⁾.

5.1.4 L-Asja hija l-akbar benefiċjarja tal-kondizzjonijiet preferenzjali, hu kienet tgħodd għal kważi 70 % tat-total fl-2002. Iċ-Ċina waħeda tgħodd għal madwar 25 %.

(5) IP 03/1589 tal-24.11.03.

(6) Ibidem.

(7) Ibidem.

(8) Reġim speċjali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema; SR għall-protezzjoni ta' l-ambjent; SR biex tikkumbatti l-produzzjoni tad-drogi u t-traffikar.

(9) Anness I tar-Regolament 2501/2001.

5.1.5 It-tariffa medja ta' l-UE għas-settur THŽ (Tessuti, Ħwejjeġ u Żraben) meta applikata għall-pajjiżi fuq imsemmija hija ta' 4.8 %. It-tariffa mposta mill-Istati Uniti hija 8.9 %, mill-Ġappun 6.6 % u mill-Kanada 12 %. It-tariffi imposti miċ-Ċina huma ta' 20 %, mit-Tajlandja 29 %, mill-Indja 35 %, u mill-Indoneżja 40 % ⁽¹⁾.

5.2 Manifatturi Ewro-Mediterranji tat-THŽ qed ikompli jħabbtu wiċċhom ma' l-ostakoli meta jippruvaw jidħlu fis-swieg Asjatiċi. Sabiex jostakolaw il-kummerċ, dawn is-swieg daħħlu ostakoli mhux magħmula minn tariffi illi jimponu problema serja għall-Industrija Ewropea meħuda flimkien ⁽²⁾.

5.3 Fl-industrija tal-manifattura ta' l-UE meħuda flimkien, il-valur miżjud fit-tessuti jgħodd għal madwar 2.5 ⁽³⁾. Ċerti pajjiżi iżda għandhom livelli relattivament għoljin: Lussemburgu 8.7%; Portugall 6.3%; Greċja 5.1%; Italja 4.6%; Belġju 4.3 % ⁽⁴⁾. L-importanza ta' l-industrija tat-tessuti u l-ħwejjeġ hi akbar fil-pajjiżi membri ġodda ta' l-UE: 16,1 % fil-Litwanja ⁽⁵⁾, 10,5 % fl-Estonja ⁽⁶⁾, eċċ

6. Konklużjonijiet

6.1 Id-diversi intraprendituri Ewropej f'dan is-settur iħossu li s-sitwazzjoni kurrenti hija nġusta u punittiva. Huma spiss jiġu furzati jjeqfu jinnegozjaw għaliex kultant isibu rwieħhom fi klima kompetittiva li donnha tidher li la hi ġusta, l-anqas abbinata ma' l-abilità ta' l-intraprenditur jew ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fuq il-post tax-xogħol. Intraprendituri, ħaddiema u l-persuni fl-UE li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi flivelli differenti għandhom b'żonn ta' viżjoni komuni u konġunta għall-futur fuq żmien medju u fit-tul ta' settur Ewropew ta' l-ħwejjeġ u t-tessuti li jkun kompetittiv u avvanzat.

6.1.1 Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tax-xogħol hekk kif espress min-normi fundamentali ta' l-WTO, għandu jkun imsaħħa minn arranġamenti speċifiċi ta' kontroll tal-WTO u minn kooperazzjoni mill-qrib bejn l-WTO u l-OMC.

⁽¹⁾ Sors: Kummissjoni Ewropea

⁽²⁾ L-ostakoli mhux magħmula minn tariffi l-aktar komuni huma : taxxi addizzjonali jew ħlasijiet; prezzijiet minimi ta' importazzjoni; prezzijiet tal-valutazzjoni tad-dwana ma' jitħallsux fuq l-oġġetti importati; rekwiżiti diskriminatorji mhux raġonevoli dwar it-tikkettjar u l-ismijiet tad-ditta; reġimi ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni; proċeduri neċessarji minn qabel huma diffiċli.

⁽³⁾ Cod. Minn 17.1 sa 17.6.

⁽⁴⁾ Sors: Eurostat, l-industrija tal-manifattura fl-UE 1992-2002.

⁽⁵⁾ Uffiċċju ta' l-istatistika tar-Repubblika tal-Litwanja, 2003.

⁽⁶⁾ Uffiċċju ta' l-istatistika tar-Repubblika ta' l-Estonja, 2003.

6.2 Tariffi tad-dwana preferenzjali jistgħu jiġu applikati biss lill-49 pajjiż l-anqas żviluppati. In-negozjati mibdija f'Doha għandhom iwasslu għal aktar reċiproċità bejn iż-żona Pan-Ewro-Mediterranja u l-pajjiżi ta' l-Asja. Ftehim dinji messu jint-laħaq bħala parti mit-taħditiet ta' Doha illi jniżżel it-tariffi tad-dwana applikabbli għas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ għal livell uniformi ta' 15 % fi żmien stabbilit, per eżempju ta' 5 snin.

6.3 Il-kontrolli fid-dwana ta' l-UE iridu jingħataw spinta sabiex fl-aqsar żmien possibbli tinkiseb sistema komuni tad-dwana li hija konsistenti mal-leġislazzjoni dwar is-Suq Wieħed.

6.4 Sabiex issir il-ġlieda kontra l-oġġetti foloz u l-frodi u biex il-konsumaturi jkollhom aktar informazzjoni, wieħed jip-promwovi l-proġett tat-tikketta ta' l-orijini ⁽⁷⁾ (ġeografika, soċjali, ambjentali).

6.4.1 Għall-istess raġuni, il-KESE jissuġġerixxi l-istipular eventwali ta' strateġija biex jintgħarfu t-tessuti, li tkun fattur fit-tnaqqis tal-frodi derivanti mil-lijijiet dwar regoli ta' l-orijini u l-prodotti foloz.

6.5 Il-Kumitat hu favur l-isforzi tal-Kummissjoni li tassigura strumenti tal-protezzjoni tal-kummerċ aktar iebsa, u miżuri antidumping u kontra s-sussidji. Bl-istess mod, huwa jsejjaħ lill-Kummissjoni biex timplimenta miżuri ta' protezzjoni, b'mod partikolari fejn il-frodi għet identifikata u konfermata. Fin-negozjati ta' Doha l-UE għandha tipprova tikseb dixxiplina aktar stretta dwar l-użu ta' miżuri ta' salvagwardja, azzjonijiet ta' antidumping u miżuri protettivi oħra bil-bidliet f'regolamenti dwar l-orijini, eċċ.

6.6 Il-Kummissjoni trid tagħti spinta lill-isforzi tagħha biex tassigura li t-TRIPS (Trade-Related Aspects of Intellectual Property Rights – Aspetti tad-Drittijiet ta' Proprietà Industrijali relatati mal-Kummerċ) ikunu garantiti mill-WTO u rispettati mill-Istati Membri.

6.7 Il-kapaċità innovattiva trid tiżdied – partikolarment fejn jidħlu l-SMEs – permezz ta' proġetti u programmi miftiehma flivell lokali, bil-kontribuzzjoni ta' l-imsieħba soċjali kollha u l-involviment taċ-ċentri ta' riċerka. L-Ewropa għandha kulleġġi tat-tessuti b'esperjenza twila. Ikun estremament utli li jifassal network ta' eċċellenza b'konnessjonijiet mill-qrib ma' l-intrapriżi u s-suq tax-xogħol li jkun jista' jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet mogħtija mis-Sixth Framework Programme u timplimenta programm ta' previzzjoni tekniku biex jipromwovi l-iżvilupp tekniku fis-settur.

6.7.1 L-industrija tat-tessuti Ewropea trid iżżid ukoll, ma' l-assi tagħha tal-moda u l-isbuħija tal-prodott manifatturat, il-kapaċità għall-innovazzjoni, l-introduzzjoni ta' fibri ġodda u tessuti kompositi, magħmulin aħjar bit-terr (powders) żviluppanti bin-nanoteknoloġija, li ttejjeb il-prodott għall-użu, fis-sigurtà, fil-kwalitajiet protettivi kontra s-sħana u fil-faċilità li bih jintlibes.

⁽⁷⁾ Green Paper: Il-futur tar-regoli ta' l-orijini fl-arranġamenti preferenzjali tal-kummerċ, COM(2004) 787 finali tat-18 ta' Diċembru 2003.

6.7.2 Tessuti mhux minsuġa – tessuti speċjali – trattati b'sustanzi kimiċi li jaġhmluha ta' adeżiv, aktar ma jmur aktar qiegħdin isiru popolari f'numru ta' setturi – inkluż l-isport, il-konstruzzjoni, u l-industrija aeronawtika u tat-trasport. Kif diġà ingħad, dan is-suq qiegħed jikber dejjem aktar u jirrapreżenta opportunità għad-diversifikazzjoni tal-prodott b'potenzjal qawwi għall-iżvilupp fil-futur. ⁽¹⁾.

6.8 Il-KKBI (Kumitat Konsultattiv dwar il-Bidla Industrijali - CCIC - Consultative Commission on Industrial Change), li kiseesperjenza kbira matul għexieren ta' snin li matulhom ħa ħsieb tal-problemi relatati ma' l-iżvilupp tas-swieq tal-faħam u l-azzar ⁽²⁾, jista' jkollu rwol importanti x'joffri bħala n-ness bejn il-Kummissjoni u s-settur tat-tessuti, biex b'hekk jiffaċilita d-diversifikazzjoni tal-prodott.

6.8.1 Hemm il-bżonn li l-impjegati li ser jtilfu xogħolhom minħabba r-istrutturazzjoni jerġgħu jitħarrġu b'kapaċitajiet ġodda. Għandhom jitħajru l-ħolqien u t-tkabbir ta' l-interessi ta' l-intraprendituri fejn jidħlu dawn il-prodotti ġodda. L-iżvilupp sostenibbli ġenwin fil-futur huwa possibbli biss jekk iż-żgħażaġh isiru familjari mal-prodotti ġodda u jingħataw l-għajnuna biex japprezzaw il-kwalitajiet tagħhom u jadottaw il-prinċipji tar-rispett għall-ambjent li huma jippromwovu. Organizzazzjonijiet Ewropej bħall-KKBI, li għandhom esperjenza sew soċjali kif ukoll teknika, jistgħu joffru kontribuzzjoni siewja f'dan il-qasam.

6.9 Is-settur tat-tessuti, l-ħwejjeġ u l-ġilda huwa l-ewwel wieħed li ġie indirizzat mill-politika vertikali ta' l-industrija riċentement immedija mill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam ta' l-industrija, u li tikkomplimenta il-politika orizzontali viġenti. L-osservaturi kollha, b'mod partikolari l-ħaddiema fis-settur, jaqblu li huwa vitali li l-Kummissjoni, flimkien ma' l-iStati Membri u l-imsieħba soċjali, jkollha suċċess fl-għajnuna tagħha biex isettur jimmodernizza t-teknoloġija li hu jużau jiffaċċja l-isfidi tal-globalizzazzjoni.

6.9.1 B'żieda mal-pjattaformi teknoloġiċi diġà stabbiliti bil-policies tal-Komunità ⁽³⁾ tista' tiġi stipulatar-raba' pjattaforma, dedikata lill-aspetti innovattivi ħafna tad-disinn modern tat-tessuti.

6.10 Id-deindustrijalizzazzjoni miexja sewwa fil-pajjiżi avvanzati kollha. Fl-UE, il-valur miżjud tas-settur terzjarju tela' għal 70 % tal-PGD totali (22 % għall-industrija, 5 % għall-konstruzzjoni u 3 % għall-agrikoltura) ⁽⁴⁾. Madanakollu l-proċess m'għandux jiġi nkoraġġit, għaliex parti kbira tal-valur miżjud jispiċċa fin-negozji, jew joriġina minnhom: il-kummerċ u t-trasport 21. %; servizzi finanzjarji u tal-kummerċ 27.2 %; amminis-trazzjoni pubblika 21.6 % ⁽⁵⁾.

6.11 Il-KESE jemmen li għandu jintuża l-piż sħiħ tal-viżjoni Ewropea ta' "ekonomija tas-suq soċjali" biex ir-regoli tal-WTO jitbiddu għall-aħjar. Fil-preżent, dawn ir-regoli ma jippermettux l-abolizzjoni ta' l-importazzjoni tal-prodotti, ħlief fejn jirrapreżentaw perikolu. Iżda r-rispett għal numru ta' prioritajiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi għandhom jiġu mposti mingħajr dewmien, meta jitqies li l-UE, bħala entità li tieħu sehem fl-ekonomija globali, tista' tirrendi l-osservanza globali aktar effettiva billi tfittex mill-viċin li "tifrex l-iżvilupp sostenibbli madwar il-pjaneta permeżż ta' ... koperazzjoni internazzjonali u politika domestika tajba" ⁽⁶⁾.

6.11.1 Il-prezz ta' l-implimentazzjoni ta' din il-politika li jkollu jinġarr mill-pajjiżi li għadhom qiegħdin jiżviluppaw jista' jiġi finanzjat parzjalment mill-programmi ta' koperazzjoni ta' l-iżvilupp li jfittxu li jtejjbu l-kondotta kummerċjali. Il-programmi għandhom jiġu riveduti regolament.

6.12 Probabilment intlaħaq stadju fil-proċess ta' globalizzazzjoni li fih aktar attenzjoni trid tiġi ffukata fuq "il-preferenzi u s-sensibilitajiet kollettivi" imlissna mill-pubbliku ġenerali, sabiex jittaffew it-tensjonijiet internazzjonali u jitwarrbu "il-gwerer tal-kummerċ" ideoloġiċi li qiegħdin jiżdiedu u li ma jidhrix li jista' jintlaħaq ftehim dwarhom bl-użu tal-mekkaniżmi u regoli kurrenti.

Brussel, l-1 ta' Lulju 2004

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

⁽¹⁾ Tessuti tal-fibra tal-karbonju u tal-kevlar huma aktar reżistenti mill-metalli wżati tradizzjonalment u huma eħfef u aktar faċli biex jinħadmu.

⁽²⁾ Cf. ix-xogħol tal-Kumitat Konsultattiv tal-KSKE, li wara sar il-KKBI.

⁽³⁾ Aeropazju, komunikazzjoni u azzar.

⁽⁴⁾ Sors: Eurostat, struttura tal-valur miżjud gross, 2002.

⁽⁵⁾ Sors: Eurostat, ibidem.

⁽⁶⁾ COM(2004) 101 finali ta' l-10.02.2004 dwar Nibnu l-futur komuni tagħna, pagina 24.

APPENDIĊI 1

għall-Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Għalkemm irċeviet ta' l-anqas kwart tal-voti mitfugħa, l-emenda li ġejja m'għaddietx:

Ħassar il-punti 6.1.1

Riżultat tal-vot:

Favur: 31

Kontra: 32

Astenzjonijiet: 9.

Opinjoni dwar "Iż-żoni metropolitani: implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għall-futur ta' l-Ewropa"

(2004/C 302/20)

Fil-15 ta' Lulju 2003, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 29, paragrafu 2, tar-Regolament Intern tiegħu, li jħejji opinjoni dwar it-tema: "Iż-żoni metropolitani: implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi għall-futur ta' l-Ewropa".

Is-sezzjoni speċjalizzata "Unjoni ekonomika u monetarja, koeżjoni ekonomika u soċjali", mitluba tħejji x-xogħlijiet tal-Kumitat f'dan is-suġġett, ressqet l-opinjoni tagħha fit-8 ta' Ġunju 2004 (rapporteur: Is-Sur van IERSEL).

Matul is-sessjoni plenarja numru 410 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2004 (sessjoni ta' l-1 ta' Lulju...) il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni ta' inizjattiva b'129 vot favur u 2 astensjonijiet.

1. Sommarju

1.1 Fil-qafas tal-politika reġjonali ta' l-Unjoni Ewropea, il-KESE jiġbed l-attenzjoni, f'din l-opinjoni, dwar l-importanza taż-żoni metropolitani fl-Ewropa.

1.2 Il-kapaċità ekonomika kif ukoll demografika taż-żoni metropolitani hi konsiderevoli. Huma jħabbtu wiċċhom ma' sfidi kbar. S'issa, dan is-suġġett ma qajjem l-ebda interess konkret minn naħa ta' l-Unjoni jew ta' l-istituzzjonijiet tagħha.

1.3 Il-KESE jitlob sabiex l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u li jtul tal-metropoli Ewropej jidher dejjem fl-aġenda komunitarja. Għal dan l-għan, l-eżistenza ta' informazzjoni Ewropea, it-twetiq ta' skambju ta' informazzjoni permezz ta' Eurostat kif ukoll attenzjoni apposta minn naħa tal-Kummissjoni joħlqu kondizzjonijiet inkontrastabbli.

1.4 Hu fl-interess ta' l-UE li ssir diskussjoni fuq skala Ewropea dwar is-suġġett, matul id-dibattiti nazzjonali dwar l-immaniġġjar taż-żoni metropolitani fil-futur, u qabel janalizza u jgħid li forsti tista' tkun dik bl-akbar valur għall-Unjoni. Barra minn hekk, il-KESE jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari dwar ir-rabta diretta li teżisti bejn ir-rwol tal-metropoli Ewropej u l-istrateġija ta' Lisbona. Jekk l-għanijiet ta' l-istrateġija ta' Lisbona jirnexxux jew le jiddependi ħafna mill-mod li bih dawn se jkunu konkretizzati fiż-żoni metropolitani.

1.5 Għal din ir-raġuni, il-KESE fl-aħħar jitlob li, flimkien mal-ħolqien ta' forum ta' laqgħat bejn iż-żoni metropolitani u l-Kummissjoni, din il-kwistjoni tidher ukoll fi ħdan il-Kunsill "Kompettività" u fi ħdan il-Kunsill informali dwar l-immaniġġjar tat-terrorju u l-kwistjonijiet urbani.

2. Introduzzjoni

2.1 Id-dinja qed tinbidel b'mod mgħaġġel. Kullimkien, il-bniedem qed ikollu jiffaċċja żviluppi ekonomiċi, teknoloġiċi u soċjali ġodda li għandhom mhux biss konsegwenzi ta' importanza konsiderevoli fuq l-industrija, is-servizzi u s-suq tax-xogħol, iżda wkoll fuq it-territorju u s-soċjetà u, bħala konsegwenza, fuq il-mod kif jiġu gvernati l-Istati u r-reġjuni.

2.2 F'din l-opinjoni, il-KESE qed jinteressa ruħu partikularment fiż-żoni metropolitani, biex jistudja l-agglomerazzjonijiet il-kbar u iż-żoni ta' influwenza ekonomika tagħhom, dan qed isir għal tliet raġunijiet prinċipali: huma jinsabu fiċ-ċentru ta' dawn l-iżviluppi mgħaġġlin; huma jikkontribwixxu b'mod qawwi fl-istrateġija Ewropea ta' żvilupp; fl-aħħar, huma s-siehbha ta' numru kbir ieħor ta' ċentri ta' eċċellenza u li huma ta' daqs iżgħar mill-Unjoni Ewropea.

2.3 Żona metropolitana hija fformata minn nukleu ċentrali, minn belt iżolata jew agglomerazzjoni urbana, minn periferija, jew minn grupp ta' lokalitajiet kontigwi li parti importanti tar-residenti attivi tagħhom imorru kuljum jaħdmu fin-nukleu ċentrali. Il-kunċett ta' żona metropolitana huwa għalhekk qrib ta' daww imsejħa fonti ta' xogħol jew ta' reġjun urban funzjonali⁽¹⁾. Huwa jikkonsidra l-eżistenza ta' żoni periferali polarizzati b'mod intensiv permezz ta' ċentru li l-iżvilupp tagħhom hu marbut ma' l-evoluzzjoni tiegħu. Iż-żoni metropolitani jiġġebbu biex b'hekk jinkludu distanzi ta' ħin li jkunu jistgħu jintlaħqu wara siegħa ta' vjaġġar. Huma jinkludu spazju urban u spazju rurali.

2.4 Il-nukleu ċentrali għandu jinkludi numru minimu ta' abitanti⁽²⁾, jew ta' ħaddiema, biex b'hekk ikun magħruf bħala ċentru ta' żona metropolitana. L-istess skaluna bażika minima ta' intensità ta' migrazzjoni bejn id-dar u x-xogħol bejn lokalità tal-periferija u n-nukleu ċentrali hija meħtieġa sabiex il-periferija tkun ikkunsidrata għewwa ż-żona metropolitana⁽³⁾. Fil-prattika, dawn il-minimi kienu stabbiliti b'mod arbitrarju u huma, konsegwentament, ta' importanza varjabbli. L-assenza ta' armonizzazzjoni fid-definizzjonijiet jew fuq livell Ewropew tillimita l-paraguni internazzjonali.

(1) Fl-Opinjoni (Avis) ta' l-14 ta' Mejju 1998 bit-titlu ta' "Kwistjoni Urbana. Orjentazzjoni għal dibattitu Ewropew", il-Kumitat tar-Reġjuni żviluppa l-kunċett ta' Reġjun Urban funzjonali biex jiddiskrivi l-metropoli u ż-żoni ta' influwenza tagħha. Hu għalhekk magħruf li l-ibliet bidlu lilhom infushom l-ewwel f'agglomerazzjonijiet imbagħad f'metropolijiet, li wara ġew imġebbda biex jiffurmaw reġjuni urbani. Il-kunċett jenfasizza ukoll ir-relazzjonijiet ta' interdipendenza eżistenti bejn l-unitajiet territorjali li jiffurmaw ir-reġjuni urbani: suq tax-xogħol, ivvjaġar bejn id-dar u l-post tax-xogħol, networks tat-trasport, ċentri kummerċjali, lokalizzazzjoni ta' l-attivitajiet ġodda, bejgħ u xiri ta' propjetà, parks għall-mogħdija taż-żmien, protezzjoni ta' l-ambjent.

(2) Per eżempju, 500.000 abitant (skaluna bażika miżmuma mill-METREX), ara fl-anness il-lista ta' agglomerazzjonijiet Ewropej li għandhom aktar minn 500 000 abitant.

(3) Ir-Randstad jikkonsisti minn agglomerazzjonijiet ta' Amsterdam, La Haye, Rotterdam u Utrecht. Ir-reġjun tar-Rhin-Ruhr jinkludi l-agglomerazzjonijiet ta' Bonn, Cologne, Düsseldorf, Duisburg, Essen u Dortmund.

2.5 Matul l-aħħar għaxar snin deher tip ġdid ta' żoni metropolitani. Meta ħafna żoni jaħdmu bħala network u l-fonti ta' xogħol tagħhom ikunu mħabbli f'xulxin, huma jiffirmaw grupp ta' żoni metropolitani poliċentriċi. Dan hu, per eżempju, il-każ tar-Randstad, 7 miljun abitanti, u tar-reġjun tar-Rhin-Ruhr, 11-il miljun abitant, ir-reġjun Vienna-Bratislava, 4,6 miljun abitant, ir-reġjun Oresund, 2.5 miljun abitant, ir-reġjun ta' Lille, 1.9 miljun abitant⁽¹⁾.

2.6 Skond l-importanza tal-funzjonijiet tagħhom, iż-żoni metropolitani għandhom influwenza reġjonali, nazzjonali, Ewropea u dinjija. Ġie kkalkulat li jeżistu fl-Unjoni Ewropea mkabbra madwar 50 żona metropolitana ta' aktar minn miljun abitant.

2.7 Hu importanti li wieħed jinnota li iż-żoni metropolitani li huma s-suġġett ta' din l-opinjoni jinkludu territorji u reattajiet soċjo-ekonomiċi li ma jikkorrespondux ma' l-entitajiet amministrattivi reġjonali Ewropej tas-sistema li tiġbor flimkien "ir-reġjuni" tan-NUTS (Nomenklatura ta' l-Unitajiet Territorjali Statistiċi) għal-finijiet uffiċjali minn EUROSTAT u mill-istituzzjonijiet Ewropej. Il-kunċett ta' reġjun amministrattiv fl-Ewropa hu partikularment ambigwu. Ħlief feċċezjonijiet rari, il-limiti ġeografii ta' dawn ir-reġjuni huma jew aktar wesgħin jew aktar doq minn daww taż-żoni metropolitani⁽²⁾. Per eżempju, it-territorju tar-reġjuni amministrattivi mhumiex rilevanti biex tiġi analizata u mqabbla l-evoluzzjoni soċjo-ekonomika tal-metropolijiet fuq livell Ewropew.

2.8 Fi Frar 2004, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat it-Tielet Rapport dwar il-koeżjoni. Hu jiftaħ perspettivi ġodda fl-ambjent tad-dibattitu dwar il-politika reġjonali u l-progress ekonomiku. Dan japplika wkoll f'dak li jikkonċerna l-iżvilupp tat-territorju u l-iżvilupp urban. Fil-futur, it-Tielet Rapport għandu jikkjarifika r-rabta bejn il-politika reġjonali u l-istrategġija ta' Lisbona. Maġenb il-politika ta' koeżjoni, il-politika ta' kompetittività ssir it-tielet pilastru tal-politika reġjonali. F'dan ir-rigward it-Tielet Rapport jenfasizza b'mod partikulari ir-rwol ta' l-ibliet u ta' l-agglomerazzjonijiet il-kbar.

2.9 Attitudnijiet u ideat ġodda qed jiġu essenzjalment mill-globalizzazzjoni, mit-twaqqif ta' suq uniku (li jinkludi wkoll l-Istati membri ġodda) u mill-Istrategġija ta' Lisbona. Ċertament, għaż-żoni metropolitani mhix kwistjoni biss ta' politika reġjonali, iżda wkoll ta' politika industrijali, ta' żvilupp, ta' trasport, tan-networks Ewropej, ta' l-iżvilupp għal tul ta' żmien u tal-kwalità tal-ħajja.

2.10 L-attenzjoni li dejjem qed tikber hi mmirata lejn "twelid mill-ġdid urban" li hu fenomenu li wieħed jista' josserva fid-dinja kollha. Dan hu suġġett fuq l-aġenda tal-maġġoranza tal-pajjiżi membri ta' l-Unjoni.

2.11 Is-sitwazzjoni taż-żoni metropolitani u l-kwistjoni tat-tmexxija tagħhom qatt ma kienu s-suġġett ta' eżami profond fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea. Bħala konsegwenza, huma qatt ma kienu l-oġġettiv speċifiku ta' policies komunitarji. Il-KESE jikkalkula li wasal il-mument li ssir analiżi profonda biex jiġi

(1) Ir-Ranstad hi magħmulha minn agglomerazzjonijiet ta' Amsterdam, The Hague, Rotterdam u Utrecht. Ir-reġjun Rhin-Ruhr tinkludi l-agglomerazzjonijiet ta' Bonn, Cologne, Düsseldorf, Duisburg, Essen u Dortmund. Ir-Reġjun Vjenna-Bratislava hi magħmulha mill-agglomerazzjonijiet ta' Vjenna u Bratislava. Ir-reġjun Oresund tinkludi l-agglomerazzjonijiet ta' Kopenhagen u Malmö, filwaqt li r-reġjun ta' Lille franco-belġjan jinkludi l-ibliet imdaqsa u numru kbir ta' bliet u irħula iżgħar.

(2) Eżempju : Londra : 7 400 000 abitant fir-reġjun amministrattiv (NUTS 2) u 13 230 000 fiż-żona metropolitana. Département du Nord (NUTS 3) : 2 600 000 abitant u 970 000 għall-parti Franċiża taż-żona metropolitana ta' Lille.

eżaminat l-aħjar mod kif tmexxija reġjonali tajba min-naħa tal-partiċipanti kollha kkonċernati f'dawn it-territorji tista' tkun ta' benefiċċju għall-popolazzjoni u għall-Unjoni Ewropea fit-totalità tagħha. Eżami tas-sitwazzjoni taż-żoni metropolitani ma jistax ikun ta' vantaġġ jekk ikun ibbażat fuq fatti kwantitattivi dgħajfin u li mhumiex komparabbli fuq livell Ewropew. Attwalment, dawn ta' l-aħħar, b'mod ġenerali wiesà, huma neqsin. Bħala konsegwenza, il-KESE jikkalkula li l-Unjoni Ewropea għandha tara li dawn jiġu pproduċuti.

3. Lokalizzazzjoni taż-żoni metropolitani

3.1 Aktar minn tliet kwarti tal-popolazzjoni Ewropea tgħix f'żona urbana jew fis-subborg. Jeżisti rbit dirett bejn l-istrategġija ta' Lisbona u iż-żoni metropolitani. Parti importanti tal-fatturi li jinvolve l-kompetittività futura ta' l-Ewropa tinstab f'dawn iż-żoni. L-ibliet metropolitani jxerrdu lejn l-ibliet Ewropej l-oħra l-innovazzjoni u l-informazzjoni. Il-prospertà taż-żoni metropolitani hija kondizzjoni neċessarja għas-soluzzjoni tal-problemi ta' koeżjoni soċjali u territorjali li jolqtu lit-territorju tagħhom u l-ibliet jew ir-reġjuni l-oħra Ewropej.

3.2 Iż-żoni metropolitani, fl-Ewropa bħal kullimkien fid-dinja, qed jiffaċċjaw sfidi kbar: il-globalizzazzjoni, marbuta mal-proċess ta' integrazzjoni tas-swieq internazzjonali tal-propjetà, tas-servizzi, tal-kapitali, ta' l-għerf tas-sengħa (know-how) u tax-xogħol ta' snajja' speċjalizzati u mhux, li qed iġibu bidla mgħaġġla fis-sistema produttiva tagħhom; l-iżvilupp għal tul ta' żmien li jimponi mmaniġġar għaqli tar-riżorsi naturali; il-koeżjoni soċjali, il-kwalità tal-ħajja kif ukoll il-koeżjoni territorjali.

3.2.1 F'ħafna każijiet l-ibliet u l-metropolijiet qed jadattaw b'suċċess l-istruttura ekonomika, soċjali u istituzzjonali tagħhom. Hu l-każ tar-reġjuni urbani b'saħħithom, li huma nuklei ta' networks nazzjonali u internazzjonali ta' komunikazzjoni, moqdiġin bil-mezzi kollha ta' trasport veloċi u permezz ta' networks ta' telekommunikazzjoni b'output kbir, u li l-ekonomija tagħhom ilha tiddependi għal ħafna żmien fuq attivitajiet diversifikati, notevolment fuq attivitajiet ta' servizzi ta' livell għoli għall-persuni u għall-intrapriżi. Reġjuni tributarji ta' l-industriji tradizzjonali, li kienu inizjalment fi kriżi, huma wkoll eżempju eċċellenti ta' din l-evoluzzjoni. Lille, Barċellona u Bilbao juru dan il-proċess ta' ristrutturazzjoni.

3.2.2 Fl-għaxar pajjiżi ġodda ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin għaddejjin proċessi simili. Dan hu l-każ notevolment taż-żoni metropolitani ta' Varsavja, Praga u Budapest.

3.3 Għal snin sħaħ, il-politika reġjonali komunitarja kellha bħala skop l-oġġettiv li ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' żvilupp, ta' xogħol u ta' kompetittività tar-reġjuni lanqas żviluppatti. Programmi speċifiċi kienu maħluqa b'dan l-iskop u sistema elaborata ta' tqassim ta' riżorsi finanzjarji kienet applikata. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, ir-reġjuni kkonċernati għamlu progress fil-livell ekonomiku tagħhom, kultant b'mod importanti, bis-saħħa ta' dawn il-policies komunitarji.

3.4 Bħala konsegwenza, l-evalwazzjoni tar-reġjuni fl-Ewropa tillimita lilha nfisha għal analiżi tar-reġjuni li bbenefikaw mill-fondi strutturali.

3.5 L-evoluzzjonijiet ekonomiċi u soċjali, relattivament favorevoli u mhux, tar-reġjuni l-oħra ma jistgħux ikunu injorati. Il-KESE jikkalkula neċessarju li huma jkunu wkoll l-għan ta' analiżi profonda fuq livell Ewropew. Din l-analiżi hija mixtieqa li ssir billi wieħed iżomm quddiem għajnejh id-diskussjoni dwar it-Tielet Rapport dwar il-koeżjoni reġjonali li jimmira li jinfetħu toroq ġodda. Hija tista' wkoll tiffaċilita l-komprensjoni tagħha ta' l-evoluzzjonijiet ekonomiċi attwali u ta' l-effetti tagħhom fuq l-adattament tas-soċjetajiet u l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol. Fl-aħħar, analiżi simili tista' tippermetti sabiex jiġu appoġġati b'mod adegwat ċertu żviluppi u bżonnijiet reġjonali, fosthom dawk taż-żoni metropolitani.

3.6 Hu importanti li jkun hawn kullimkien – fil-pajjiżi ċentralizzati kif ukoll fil-pajjiżi deċentralizzati – dibattitu għaddej dwar ekwilibriju għid mixtieq bejn ċentralizzazzjoni u deċentralizzazzjoni. L-awtoritajiet pubbliċi jeżaminaw minn fuq għal isfel kif ukoll minn taħt għal fuq il-mogħdijiet ġodda. Evidentament, dawn il-proċessi huma spiss diffiċli li jitħaddmu, minħabba t-tradizzjonijiet ta' tmexxija u ta' interessi stabbiliti fil-fond, fir-reġjuni kkonċernati. Minkejja d-diffikultajiet minn naħa għal oħra, hemm xorta waħda tendenza li ma tistax tiġi miċħuda li qed jinħass il-bżonn ta' mmaniġġar integrat taż-żoni metropolitani għall-għid u l-prospertà taċ-ċittadini u ta' l-intrapriżi.

3.7 Fost iż-żoni metropolitani Ewropej, wieħed jista' faċilment jiddistingwi bosta kategoriji. Hemm fuq naħa, il-metropolijiet il-kbar, bħalma huma Londra, Pariġi, Rhin-Ruhr, ir-Randstad u Madrid b'popolazzjoni li taqbeż il-5 miljun abitant, u fuq in-naħa l-oħra ċertu numru ta' żoni metropolitani anqas importanti, iżda kultant prosperi u b'talenti ta' potenzjal b'saħħtu ta' żvilupp, u ta' ambizzjoni kbira. Dan huwa l-każ ta' dawk li jdawru l-ibliet kapitali u iċ-ċentri kbar ekonomiċi fil-kważi-totalità ta' l-istati membri.

3.8 Kif għidna, wħud minn dawn iċ-ċentri ekonomiċi kienu qabel żoni li kienu qed jitilfu l-importanza tagħhom. Huma jafu t-tiġdid tagħhom bis-saħħa ta' l-isforzi komuni tal-parteċipanti privati u pubbliċi fir-reġjun. Hu tajjeb li wieħed iżid jgħid li ż-żoni metropolitani ta' l-istati ġodda jinsabu f'fażi ta' transizzjoni u huma qed joħlqu l-vantaġġi komparattivi tagħhom sabiex isiru kompetittivi fis-swieq internazzjonali.

3.9 Numru dejjem jiżdied ta' dawn iż-żoni qed juri lili nnifsu fuq livell Ewropew. Mill-2003, ċirku taż-Żoni Metropolitan Ġermaniżi organizza lili nnifsu fi proġett imsejjaħ "Reġjuni tal-futur". Fl-2003, il-gvern Brittaniku stieden lir-reġjuni kkonċernati biex jiddefinixxu l-strateġiji tagħhom biex jiżviluppaw reġjuni kompetittivi internazzjonali. Il-gvern Daniż jappoġġa minn qiegħ qalbu l-inizjattiva ta' kooperazzjoni spettakolari li għaddeja bħalissa bejn il-fruntieri ta' l-ibliet ta' Copenhagen u ta' Malmö (Svezja) sabiex jiffurmaw ċentru ekonomiku kbir fil-Baltiku. Fl-Olanda, fenomen xi ftit jew wisq reċenti hija l-promozzjoni tar-Randstad bħala żona metropolitana ta' firxa kbira internazzjonali. Fi Spanja, il-programm ta' l-immaniġġar ta' Barċellona u ta' Bilbao huwa espressjoni ta' l-istess ambizzjoni. Eżempji oħra bħal dawn jistgħu wkoll jiġu mogħtija.

3.10 Fl-istati Membri, ir-reġjonalizzazzjoni qed iżernaq gradament, din qed tħalli u turi konsegwenzi fuq l-organizzazzjoni tat-tmexxija fiż-żoni metropolitani u fuq il-kapaċità ta' dawn ta' l-aħħar li jmexxu l-iżvilupp ekonomiku. Fl-istess waqt, ċertu gvernijiet għandhom rwol attiv f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp ekonomiku ta' l-ibliet il-kbar. Eżempju li juri dan hija l-inizjattiva tal-gvern Brittaniku meta ħoloq grupp ta' ħidma li jiġbor fih 8 ibliet-ċentri prinċipali jew "Core Cities", 9 aġenziji reġjonali ta' żvilupp u bosta servizzi ministerjali sabiex jiddefinixxu programm ta' miżuri bl-iskop li jtejbu l-ħidmiet ekonomiċi tal-metropolijiet u bħala konsegwenza l-kompetittività tal-pajjiż⁽¹⁾. Fi Franza, wara l-pubblikazzjoni tar-rapport dwar l-ibliet Ewropej⁽²⁾ il-gvern iddefinixxa strateġija nazzjonali maħsuba biex issaħħaħ il-firxa tal-metropoli Franċiżi fuq livell Ewropew⁽³⁾.

3.11 L-istorja reċenti turi b'mod ċar li qeġhdin ngħixu f'perjodu fejn qed iżernaq attitudni għida rigward l-iżvilupp tar-reġjuni l-kbar urbani. Strutturi ta' konsultazzjoni f'dan ir-rigward, meta jkun hemm, ma jeżistux ħliet fuq livell nazzjonali. Fuq linja parallela ta' konsultazzjoni ma' l-istrutturi ta' konsultazzjoni nazzjonali, hemm inizjattivi għaddejjin sabiex jinkoraġġixxu pjattaformi Ewropej fejn il-parteċipanti ta' l-iżvilupp urban jiltaqgħu. Per eżempju, Ewroblit (Eurocities), prinċipalment madwar it-tema ta' soċjetà ta' tagħrif u aktar reċenti, METRIX (The Network of European Metropolitan Regions and Areas). Iżda fit-totalità tagħhom il-kuntatti u l-iskontri huma organizzati kif ġie ġie. Fl-istess waqt wieħed jinnota wkoll li teżisti klima propizja għall-inizjattivi aktar strutturati.

4. Id-dinamiċi li għaddejjin bħalissa

4.1 Il-metropolizzazzjoni tikkaratterizza lilha nfisha bil-multiplikazzjoni ta' agglomerazzjonijiet kbar u b'konċentrazzjoni li kulma tmur dejjem tikber fi hđanhom tal-popolazzjonijiet, ta' l-attivitajiet u tal-ħolqien tal-prospertà, fi spazju ġeografiku li qed jikber u li l-kontorni tiegħu mhumiex preċiżi. Dan it-tkabbir huwa spiss akkompanjat bi frammentazzjoni soċjali u spazjali (segregazzjoni soċjali, speċjalizzazzjoni spazjali, kriminalità u nuqqas ta' sigurtà). Il-metropoli, kontrarjament għall-belt, ma għandhiex istituzzjoni politika. Is-soluzzjoni tal-problemi li trid tiffaċċja għandha tintlaħaq permezz ta' negozjati kotrana bejn il-parteċipanti. Il-frammentazzjoni spazjali tista' tnaqqas il-pass u tfixkel l-investimenti pubbliċi u privati. Politika reġjonali għandha jkollha bħala għan li tnaqqas din il-frammentazzjoni spazjali, billi tirrikonċilja t-tmexxija taż-żoni metropolitani, mad-dinamiċi li huma għaddejjin, u li huma ta' għid. Eżempju pożittiv f'dan il-qasam huma ż-żoni ta' Barċellona u ta' Stuttgart. Huma jagħtu prova li s-soċjetà ċivili wkoll għandha rwol importanti.

(1) "Bliet, Reġjuni u Kompetittività", Uffiċċju tal-Viċi-Prim Ministru u ta' partners pubbliċi oħra, Ġunju 2003).

(2) L-ibliet Ewropej, analiżi komparattiva – Celine Rozenblat, Patricia Cicille (DATAR 2003).

(3) www.datar.gouv.fr - CIADT du 13.12.2003.

4.2 Il-proċess tal-globalizzazzjoni: ir-reġjuni urbani Ewropej huma strutturati permezz ta' proċessi u dinamiċi li jittqiesu aktar u aktar fuq livell globali. L-ibliet il-kbar Ewropej huma n-nukleu ta' qafas dinji ta' metropolijiet fevoluzzjoni permanenti. New York, Londra, Tokyo, Hong Kong iżda wkoll Frankfurt, Pariġi, u ir-Randstad, Brussel, Milan jew Madrid, għandhom rwol kbir. Dawn il-metropolijiet "jippilotaw" l-ekonomija mondjali permezz ta' l-istituzzjonijiet internazzjonali, il-banek, l-intrapriżi internazzjonali li stabbilixxu fihom l-funzjonijiet ċentrali ta' tmexxija tagħhom u ta' kontroll, u bis-saħħa tat-teknoloġija ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni. Fis-snin kollha li għejjin, il-metropolijiet prinċipali Asjatiċi ħa jkunu jagħmlu parti minn dan il-qafas dinji.

4.3 Il-proċess ta' Ewropizzazzjoni: il-proċess interattiv ta' adattament tal-policies ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ta' maniġġar tat-territorji għall-integrazzjoni u għat-ktabbir ta' l-Ewropa. L-implimentazzjoni ta' suq wieħed, li għadha sejra, l-użu ta' l-ewro u t-ktabbir se jkomplu jikkontribwixxu għal żmien twil u b'mod b'saħħtu għall-fenomeni ta' integrazzjoni u ta' tifrix ta' attività ekonomika fit-territorju Ewropew. Aktar ma jittneħħew l-fruntieri nazzjonali, aktar tiżviluppa tendenza naturali għar-rinforzament tal-poli ekonomiċi fuq skala kontinentali. L-organizzazzjoni progressiva ta' poli interreġionali u, fejn hemm bżonn, bejn il-fruntieri (Copenhagen-Malmö, Limbourg Belġju-Aix-la-Chapelle, metropoli ta' Lille fi Franza u l-Belġju) turi li l-iżvilupp ekonomiku jinjora aktar u aktar il-fruntieri politiċi u amministrattivi, werrieta ta' l-istorja u spiss artifiċjali.

4.4 Iż-żoni metropolitani huma l-lokalitajiet prinċipali ta' riċerka, ta' innovazzjoni u ta' kreazzjoni ta' attivitajiet ta' valur għoli miżjud, notevolment is-servizzi għall-intrapriżi. It-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni għandhom rwol primordjali. Id-dinamiċi ekonomiċi jimmaterializzaw prinċipalment fir-reġjuni metropolitani li huma prinċipalment privileġġjati għall-innovazzjoni, f'soċjetà ta' taġhrif u ta' formazzjoni.

4.5 Dawn iż-żoni huma marbuta permezz ta' kull xorta ta' networks fiżiċi u virtwali, f'termini ta' volum u ta' importanza ekonomika fir-reġjuni differenti. Dan il-proċess qed jittwessa' u jintensifika ruħu. Il-politika Ewropea dwar it-trasport (Transport European Networks) tiffavorixxi b'mod ġust dawn in-networks kif ukoll il-liberalizzazzjoni tas-settur ta' l-avjazzjoni.

4.6 L-istrateġija ta' Lisbona, favur il-kompetittività ekonomika bbażata fuq il-taġhrif u li żżomm quddiemha l-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp għal tul ta' żmien, għandha importanza partikulari. It-tħaddiem tagħha jista' johlq missjoni ġdida għaż-żoni metropolitani.

4.7 Din il-missjoni ġdida hija minn naħa maħluqha mill-importanza li dejjem qed tiżdied tan-networks fis-soċjetà, li qed jibdlu l-pedamenti tal-prosperità, jattiraw investimenti ġodda fl-educazzjoni taż-żgħażaġh u tas-suq tax-xogħol iġenerali. Fl-istess waqt l-interess reċenti fl-ibliet u fiż-żoni metropolitani hu marbut mat-teknoloġiji applikati ġodda, u b'mod partikulari t-TIK [TIC] (Teknoloġiji ta' l-Informatika u tal-Komunikazzjoni), u n-networks ta' l-internet bi ħlas għoli li għandhom impatt konsidervoli fuq il-ħajja taċ-ċittadini u fuq l-intrapriżi. It-TIK qiegħ-

din jinfluwenzaw b'mod wiesa' l-istrutturi tal-produzzjoni u tas-servizzi u, bħala konsegwenza, huma qed jinfluwenzaw l-immuniġġar ta' territorji u ta' l-evoluzzjoni ta' l-ibliet u taż-żoni metropolitani.

4.8 L-internazzjonalizzazzjoni ta' l-investimenti, il-mobilità ta' l-imħuħ u l-interattività bejn l-universitajiet, l-istituti tat-teknoloġija u s-settur privat jistgħu jinkoraġġixxu clusters ekonomiċi, il-famuż "Porter Diamond". Dawn huma bażi importanti haħna tan-"network society" li fiha ż-żoni metropolitani għandhom rwol primordjali.

4.9 Iż-żoni metropolitani huma wkoll poli kulturali, turistiki u ta' mogħdija taż-żmien. Il-patrimonju monumentali huwa element kbir fl-istorja u fl-identità tagħhom. L-universitajiet, il-libreriji, il-mużewijiet, it-teatri, is-swali operistiċi, is-swali tal-kunċerti, huma postijiet privileġġjati ta' konservazzjoni u ta' tifrix tal-kultura. Huwa wkoll fil-metropoli li jseħħu l-iskontri sportivi prinċipali u l-kunċerti mużikali fejn jinġabru l-folol.

4.10 Il-kosmopolitaniżmu tal-metropolijiet huwa element importanti haħna għall-iżvilupp ta' l-industrija tal-media. L-industrija tal-media (il-gazzetti, il-films, il-videos, il-pubbliċità, it-telekomunikazzjoni) u b'mod aktar ġenerali l-industriji tal-kreazzjoni huma wkoll settur ta' attività li għaddeja biż-żvilupp sħiħ.

4.11 Parteċipanti u gruppi soċjo-ekonomiċi u organizzazzjonijiet kulturali qed jingħaqdu flimkien biex joħlqu mill-ġdid proċess ta' integrazzjoni u ta' parteċipazzjoni. Maġenb l-azzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti fid-dinamiku urban. F'bosta każi, is-suċċess ta' żona metropolitana huwa b'mod wiesa' minhaħba l-kooperazzjoni u l-interazzjoni li teżisti bejn ambjenti pubbliċi u privati.

4.12 Din il-kooperazzjoni u l-interazzjoni ta' ambjenti pubbliċi u privati hija deċiżiva fil-kuntest ta' żoni metropolitani. L-esperjenza turi li dawn jistgħu jseħħu b'mod aktar faċli u aktar vantaġġjuż fuq livell ta' ġabriet kbar ta' territorji milli fuq livell nazzjonali. Fil-livell ta' żona metropolitana huma fil-prinċipju l-livell adattat biex jiġu definiti mal-parteċipanti kollha kkonċernati l-oġġettivi ta' l-immaniġġar ta' reġjun urban u tat-tħaddim tal-mezzi neċessarji biex dawn jiġu milħuqa.

4.13 Kontrarjament għat-tendenza osservata fl-Istati Uniti, l-ibliet Ewropej illum qed jiżviluppaw fl-istess waqt bħala belt u bħala agglomerazzjoni. Iċ-ċentri ta' l-ibliet għandhom dejjem il-funzjoni ta' nukleu ta' attività u l-post ta' fejn dawn jiltaqgħu. Il-metropolijiet għandhom wkoll rwol kruċjali fir-rinforzament ta' mudell ta' soċjetà Ewropea.

4.14 L-ekonomija Ewropea tinstab f'fażi importanti ta' transizzjoni flimkien mal-proċess ta' ktabbir u ta' integrazzjoni ta' suq uniku. Dan il-proċess jipprovoka lobgħa doppja ta' kompetizzjoni u partnership bejn it-territorji, notevolment bejn iż-żoni metropolitani. Dawn ta' l-aħħar għandhom rwol determinanti f'dawn il-logħbiet kompleks. L-assenza ta' tmexxija fuq livell ta' żoni metropolitani hija dgħufija għad-definizzjoni u għat-tħaddim strateġiku ta' żvilupp ekonomiku kompetittiv u għall-azzjonijiet ta' partnership.

5. Aspetti soċjali speċifiċi

5.1 L-ibliet il-kbar għandhom, b'mod aktar aċċentwat minn territorji oħra, problemi serji ta' koeżjoni u ta' żbilanċ territorjali. Iż-Żoni Metropolitan jstgħu jkunu postijiet eżemplari ta' twaqqif mill-ġdid ta' bilanċi soċjali u territorjali fl-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant f'kull ipotesi, dan it-titjib jista' jseħħ biss jekk l-iżvilupp ekonomiku jkun assigurat għal tul ta' żmien.

5.2 Kull żona metropolitana għandha l-karatteristiċi li huma tagħha. Għaldaqstant minbarra d-differenzi f'termini ta' kultura u ta' żvilupp soċjali u ekonomiku, wieħed josserva fenomeni simili fl-Ewropa kollha. Fortunatament, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-parteċipanti pubbliċi u privati huma aktar u aktar konxji tan-neċessità li jttejbu l-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol għal kulħadd. Hemm bżonn għaldaqstant namettu li għad baqa' ħafna xi jsir.

5.3 Meta r-ristrutturazzjoni ekonomika tkun diġa' seħħet, jew il-proċess tagħha għadu għaddej, il-qabża minn ċirku ekonomiku għal ieħor twassal, jew għadha se twassal, għal qgħad importanti, notevolment fost iż-żgħażaġh u fost dawk li għandhom aktar minn 50 sena. Dan il-proċess jikkonċerna notevolment liż-żoni metropolitan. Huwa importanti li wieħed jinnota wkoll li dan il-proċess iwassal spiss għall-ħolqien ta' attivitajiet totalment ġodda li jnisslu impjeggi aktar adattati għall-futur.

5.4 Ir-ristrutturazzjoni ekonomika timplika wkoll rilokazzjoni b'mod partikulari fl-attivitajiet ta' xogħol, u għandha wkoll it-tendenza li twassal għall-qgħad strutturali fir-reġjuni mono-industrijali. Dan il-fenomeno jippreżenta ruħu, neċessarjament, anki f'żoni metropolitan, li għandhom barra minn hekk spiss il-kapaċità li jibdlu l-bażi ekonomika tagħhom. F'dan il-proċess ta' modernizzazzjoni wieħed jara ta' spiss it-transizzjoni ta' bażi industrijali peżanti lejn soċjeta' ta' servizzi ta' teknoloġija għolja, eżempju ta' dan huma r-reġjuni ta' Bilbao, Lille jew ir-Rhin-Ruhr.

5.5 L-Unjoni qed tiffaċċja mewġa aktar u aktar importanti ta' immigranti li ġejjin minn bosta pajjiżi barranin. Għalkemm jeżistu differenzi sinifikattivi fil-mod kif il-pajjiżi u l-ibliet jintegraw lill-immigranti, l-Ewropa fir-totalità tagħha, għandha bla dubju ta' xejn terfa' l-isfidi enormi f'dan il-qasam u ż-żoni metropolitan huma eżempju eċċellenti ta' dan. Il-KESE staqsa bosta drabi fl-opinjoni jiet tiegħu li l-Unjoni għandha jkollha leġislażżjoni komuni fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u ta' kenn. L-Unjoni qed tassorbixxi immigranti ġodda li huma ekonomiċi għar-reġunijiet demografiċi, soċjali u għax huma marbuta max-xogħol. (1). Dawn jista' jkunu persuni kwalifikati ħafna jew ta' ftit kwalifiki. Il-leġislażżjoni komunitarja għandha tippromovi l-immigrazzjoni legali u tikkonċerna wkoll l-immigrazzjoni klandestina. Barra minn hekk, l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta' l-immigranti fis-soċjeta' li tilqagħhom u tevita' d-diskriminazzjonijiet (2).

5.6 F'numru kbir ta' bliet u żoni metropolitan, wieħed jassisti għal konċentrazzjoni ta' immigranti li qed isibu diffikultajiet serji sabiex jakkwistaw impjeggi ta' kwalità minħabba n-nuqqas ta' kwalifiki professjonali, l-għarfien ħażin tal-lingwa, diskriminazzjonijiet soċjali u n-nuqqas ta' politika ta' integrazz-

zjoni. Din is-sitwazzjoni qed twassal għal inugwaljanza rigward id-dħul ta' flus u, bħala konsegwenza, għall-aċċess ta' akkomodazzjoni u servizzi pubbliċi, li jinkludu l-edukazzjoni u s-saħħa. Hemm bżonn li tiġi mogħtija aktar u aktar attenzjoni lid-distretti foqra li huma serjament milqutin b'din il-problema.

5.7 Il-metropolizzazzjoni spiss iġġib magħha tkabbir ta' inugwaljanzi soċjali u aggravament tan-nuqqasijiet spazjali. Gruppi soċjali żvantaġġjati li fosthom hemm numru kbir ta' żgħażaġh bla xogħol u persuni xjuħ bid-dħul ta' flus baxx, jikkonċentraw ruħhom f'ċerti distretti li fihom jakkumulaw ħafna żvantaġġi. L-esklużjoni tal-popolazzjonijiet żvantaġġjati u l-kwalità insuffiċjenti tas-servizzi pubbliċi f'dawn id-distretti jsaħħu lil xulxin u jizbolkaw f'nases li huwa kważi impossibbli li toħroġ minnhom. Spiss il-forzi ta' l-esklużjoni urbani huma kumulattivi, anke fejn il-policies ta' rikwalifikazzjoni ta' dawn id-distretti fi kriżi ilhom għaddejjin għal ħafna snin. Sabiex tkun imħaddma bl-akbar ċans ta' suċċess azzjoni fuq skala kbira hija neċessarja u din hemm bżonn li tkun ikkordinata fuq livell ta' żona metropolitana.

5.8 Is-sigurtà fiż-żoni metropolitan qed tkun spiss kwistjoni preokkupanti li jista' jkollha riperkussjonijiet importanti fuq il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp bilanċjat. Paradossalment, il-vantaġġi u l-katatteristiċi demografiċi taż-żoni metropolitan jespunhom għal ċertu riskji. Min-naħa, il-funzjoni sistematika tista' tkun imdgħajfa b'kull attakk fuq wieħed mill-elementi vitali marbuta mal-fatt, anke minimu, ta' nuqqas ta' sigurtà. Min-naħa l-oħra, il-karatteristiċi metropolitan jinkoraġġixxu ċ-ċirkolazzjoni tal-popolazzjoni u tal-merkanzija propizja għall-iżvilupp ta' attivitajiet illegali flimkien ma' networks ta' kriminalità nazżjonali jew internazzjonali. Huma jstgħu jiffaċilitaw ċrieki ta' attiviti billi joffru anonimità, loġistika u bażi ta' reklutaġġ. Iċ-ċentri sensitivi tal-metropolijiet huma l-miri privileġġati ta' forom ġodda ta' terroriżmu. Dawn l-evoluzzjonijiet huma preokkupanti fil-kuntest politiku internazzjonali attwali.

5.9 Il-preservazzjoni ta' l-ambjent u r-rispett ta' l-objettivi ta' l-iżvilupp għal tul ta' żmien huma sfidi oħra li qed ikunu kkonfrontati bihom iż-żoni metropolitan. Huma għandhom jirrispettaw l-involviment internazzjonali: protokoll ta' Kyoto, Aġenda 21, trattat ta' Maastricht, programm komunitarju dwar l-iżvilupp sostenibbli bejn l-1993 u l-1998. U, għalhekk, jirrendu kompatibbli l-iżvilupp ekonomiku u l-protezzjoni ta' l-ambjent fejn jstgħu jsaħħu lil xulxin permezz ta' l-organizzazzjoni ta' l-iżvilupp urban (sistema ta' trasport, ħolqien ta' żoni ta' abitazzjoni, immaniġġar ta' storbu, protezzjoni taċ-ċentru storiku, protezzjoni tal-patrimonju naturali u agrikolu,....).

5.10 L-iżvilupp rapidu ta' ċertu numru ta' żoni metropolitan assoċjati mat-twessigħ u l-intensifikazzjoni ta' l-ekonomija tagħhom jikkostitwixxi sfida f'termini ta' infrastrutturi u ta' trasport pubbliku u privat. Għal raġunijiet ambjentali kif ukoll ekonomiki l-konġestjoni titlob soluzzjonijiet teknoloġiċi avanzati. Il-policies kollha ambjentali jimplikaw spejjeż kbar għas-setturi privati u pubbliċi. Il-finanzi pubbliċi huma ġeneralment insuffiċjenti u s'issa s-suċċess tal-partnerships pubbliċi-privat huwa limitat.

(1) KOM(2003) 336 final "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u x-xogħol".

(2) Opinjoni KESE dwar "Immigrazzjoni, integrazzjoni u xogħol", ĠU C 80 tat-30.03.2004, p.92

5.11 Il-problemi fiż-żoni metropolitani huma aktar aggravati meta l-immaniġġar amministrattiv ta' dawn iż-żoni ma jsegwix ir-ritmu ta' l-iżvilupp ekonomiku u ż-żieda tal-popolazzjoni, tan-numru ta' djar u taċ-ċaqliq ta' kuljum biex wieħed imur għax-xogħol. Fiż-żoni metropolitani, l-immaniġġar amministrattiv hu spiss antikwat, dan jimpedixxi funzjoni amministrattiva tajba u, bħala konsegwenza, it-twaqqif ta' politika ekonomika effiċjenti. Koordinazzjoni tajba bejn l-immaniġġar amministrattiv u l-parteċipanti ekonomiċi, u b'mod aktar wiesa', bejn il-pubbliku u l-privat, hija prerekwiżit għat-tmexxija tajba taż-żoni metropolitani.

5.12 Teżisti, f'dan ir-rigward, diversità kbira ta' sitwazzjonijiet. Kultant, iż-żona metropolitana hija aktar żgħira miż-żona amministrattiva li hi tapparejjen għaliha. Aktar frekwenti, hi tinfirex fuq aktar minn żona amministrattiva. Żona metropolitana tinkludi kważi dejjem bosta lokalitajiet amministrattivi. Il-biċċa l-kbira ta' l-awtoritajiet pubbliċi (reġjonali u nazzjonali) jikkonsidraw dawn is-sitwazzjonijiet bħala stat ta' fatt u mhux bħala suġġett li jista' jkun diskuss.

5.13 Kull gvern jistabbilixxi il-metodi tiegħu sabiex isib soluzzjonijiet. L-ibliet il-kbar qed jipprovaw iwessgħu l-esperjenza tagħhom iżda hemm ftit wisq konsultazzjonijiet u skambji fuq livell ta' l-Unjoni biex jinkoraġġixxu paraguni u miżuri prattiċi tajba.

5.14 Jekk il-fenomini deskritti hawn fuq huma l-karatteristiċi taż-żoni metropolitani, wieħed ikun qed josserva differenza kbira fil-mod kif kull żona timmaniġġahom. Numerużi huma l-eżempji ta' gvernijiet reġjonali, ġeneralment appoġġati mill-gvern nazzjonali u assoċjati mas-settur privat u mas-soċjetà ċivili organizzata, li jinfluwenzaw żvilupp ġdid għall-futur. Is-seħħ ta' dawn il-policies itejjeb il-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi u dawn ir-reġjuni jsiru b'mod ċar aktar kompetittivi u aktar adattati soċjalment. L-Unjoni Ewropea għandha tuża dawn l-eżempji biex tistabbilixxi konsultazzjonijiet li jiddeterminaw liema huma l-aħjar miżuri prattiċi u biex tiddiskuti l-mod kif hi nfisha tista' ttejjeb is-sitwazzjoni bit-tħaddim tal-mezzi li għandha.

6. Bażijiet tad-data ewropej reġjonali u ż-żoni metropolitani

6.1 Is-sistema statistika Ewropea żviluppata skond il-policies Ewropej. B'hekk, wieħed jaf in-numru ta' barrin u ta' ħnieżer f'kull reġjun permezz tal-PAK. Iżda fl-istess waqt wieħed jinjora l-użu jew il-valur miżjud f'kull settur ta' attivitajiet tal-ibliet il-kbar u ta' l-isfera ta' l-influwenza ekonomika tagħhom, mhux biss minħabba n-nuqqas ta' politika ad hoc, iżda wkoll minħabba d-dgħufija tal-mezzi li l-Ewropa kkonsoġrat sa perijodu reċenti għall-istatistika ta' ibliet. L-unità bliet-reġjuni ta' l-Ewrostat (Eurostat) ma tinkludix ħliet 5 persuni. Il-mezzi li għandu l-Ewrostat mhumiex biżżejjed għall-importanza tal-missjoni tiegħu.

6.2 L-istudji soċjo-ekonomiċi komparattivi dwar ir-reġjuni metropolitani li jinfirxu fuq it-territorju Ewropew kollu, magħmula mill-istituzzjonijiet responsabbli mill-iżvilupp ekonomiku u mill-promozzjoni territorjali reġjonali, l-universitajiet, il-konsulenti u l-Kummissjoni Ewropea, mhumiex kultant ħliet deskrizzjonijiet vagi u inkompleti għal aħħar. Fil-fatt, huma bbażati

fuq statistiċi reġjonali ppubblikati mill-Ewrostat. Dawn ta' l-aħħar għandhom il-vantaġġ li huma disponibbli f'definizzjonijiet statistiċi armonizzati fuq skala Ewropea. Iżda huma għandhom ukoll żvantaġġ kbir: il-qasam reġjonali ta' l-Ewrostat, in-Nomenklatura ta' l-Unitajiet Territorjali Statistiċi (jew NUTS), hija patchwork ta' unitajiet amministrattivi nazzjonali. Dawn id-demarkazzjonijiet jikkorrespondu ma' l-istorja politika u amministrattiva ta' kull pajjiż. Ħliet għal xi eċċezzjonijiet, huma ġeografikament inadegwati biex jifhmu, u jqabblu b'mod dgħajef ir-realtajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali taż-żoni metropolitani fuq skala Ewropea. Il-qsim NUTS ma kienx maħsub għalhekk.

6.3 L-istatistiċi ta' l-Ewrostat ma jippermettux għalhekk li jassiguraw follow-up tal-popolazzjoni, ta' l-attivitajiet, tal-qgħad jew tal-produzzjoni taż-żoni metropolitani u, bħala konsegwenza, li jevalwaw jew li jqabblu b'mod li wieħed jista' joqgħod fuqhom indikaturi strateġiċi bħalma huma: ir-ritmu taż-żieda fil-popolazzjoni, tax-xogħol, tal-qgħad u tal-produttività globali għal kull impjeg. L-eżami tar-riżultati ta' studji dwar l-hekk imsejja reġjuni metropolitani magħmula minn konsulenti privati jew minn istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali juri li l-assenza ta' bażijiet ta' data li wieħed jista' joqgħod fuqha, u li tista' tkun mqabbla ġeografikament, tista' twassal għal konklużjonijiet mhux biss żbaljati iżda kultant kontradittorji dwar l-evoluzzjonijiet soċjo-ekonomiċi "osservati" fir-reġjuni, metropolitani Ewropej (per eżempju, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-evoluzzjoni tal-produttività fl-istess reġjun).

6.4 L-assenza ta' bażijiet ta' data dwar l-evoluzzjoni soċjo-ekonomika tar-reġjuni u taż-żoni metropolitani fl-Ewropa hija sitwazzjoni ta' ħsara għal żewġ raġunijiet prinċipali:

6.4.1 Iż-żoni metropolitani huma l-muturi tat-tkabbir. L-attivitajiet ekonomika li huma joħolqu u l-vantaġġi li joħorġu minnha jinfirxu lejn ċentri urbani oħra li jinstabu f'kull pajjiż. Biex jittieħed l-aħjar vantaġġ mill-isfurar u mill-opportunitajiet marbuta mal-modifikazzjonijiet tas-sitwazzjoni internazzjonali, huwa neċessarju li ż-żoni metropolitani jkollhom evalwazzjoni regolari aġġornata tal-kapaċitajiet Ewropej.

6.4.2 Huwa wkoll mixtieq li jkun hemm fuq livell Ewropew analiżi u paraguni li wieħed jista' joqgħod fuqhom ta' aspetti importanti, fosthom il-problemi ta' l-immigrazzjoni, tal-kwalità tax-xogħol, tal-faqar u ta' l-esklużjoni, ta' l-ambjent, tas-sigurtà u oħrajn.

6.5 L-Istati Uniti, għal bosta għexur ta' snin, iproduċew għal 276 żona metropolitana tagħhom numru kbir ta' bażijiet ta' data komparabbli u m'ilux wisq dawn ġew poġġuti għad-dispożizzjoni ta' kulħadd fuq sites ta' l-internet⁽¹⁾. Fl-Ewropa, kull pajjiż għandu d-definizzjonijiet tiegħu ta' x'inhuma bliet (u kultant metropolijiet), huwa ċertament aktar diffiċli li jkollok definizzjoni komuni għaż-żoni metropolitani. Billi ġie kkonstatat li issa saru importanti fl-istruttura tat-tħaddim ta' l-istrateġija ta' Lisbona li jkun hemm għad-dispożizzjoni bażijiet ta' data li wieħed jista' joqgħod fuqhom u komparabbli dwar iż-żoni metropolitani Ewropej, il-KESE jaħseb li wasal il-mument li dawn ikunu demarkati minn Ewrostat flimkien ma' l-Istituzzjonijiet nazzjonali ta' l-istatistika u li bosta bażijiet ta' data jkunoproducti f'dawn il-limiti.

(1) <http://data.bls.gov/servlet/SurveyOutputServlet>

6.6 L-URBAN AUDIT II illanċjat mill-Kummissjoni Ewropea, li għadu qed jitwettaq, għandu jipproduċi bażijiet ta' data dwar il-kondizzjonijiet tal-ħajja tal-popolazzjoni f'258 belt u agglomerazzjoni. Dan il-proġett jirrappreżenta progress importanti biex jagħti feedback għar-riflessjoni dwar il-koeżjoni soċjali. Għaldaqstant, hu ma jippermettix il-produzzjoni ta' indikaturi soċjo-ekonomiċi komparabbli fuq livell Ewropew dwar ir-reġjuni metropolitani. Fil-fatt, l-indikaturi huma evalwati fuq il-livell tal-ibliet u ta' l-agglomerazzjonijiet urbani ta' kull pajjiż fid-definizzjoni nazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, l-indikaturi għal Londra, Pariġi, Berlin, għandhom ikunu evalwati fil-limiti tar-reġjuni amministrattivi rispettivi tagħhom (Greater London, Île-de-France u il-Land ta' Berlin).

6.7 Il-proġett ORATE (Osservatorju fin-Network ta' l-Immaniġġar tat-Territorju Ewropew) jimmira biex itejjeb it-tagħrif dwar it-territorju. Iżda qed isib diffikultajiet, notevolment, minħabba n-nuqqas ta' bażijiet ta' data ekonomiċi fuq skala lokali, kif ukoll fil-livell tan-NUTS 3, fit-territorju kollu Ewropew. Hu għandu l-mertu li juri tajjeb in-numru kbir ta' lakuni li jinstabu fis-sistema statistika Ewropea.

6.8 L-osservazzjonijiet kollha ta' hawn fuq iwasslu biex jenfasizzaw li l-Ewrostat għandu jkun f'pożizzjoni li jipproduċi bażijiet ta' data urbani u metropolitani li wieħed ikun jista' joqgħod fuqhom u li jkunu komparabbli, huwa għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu il-mezzi finanzjarji u umani supplimentarji neċessarji.

6.9 Studju reċenti li jippreżenta bażijiet ta' data ta' l-Investigazzjoni Ewropea dwar il-Forzi tax-Xogħol fil-limiti taż-Żoni metropolitani ta' aktar minn miljun abitant fil-Majjistral ta' l-Ewropa jimmerita li jkun imxandar (!). Dan juri li għall-metropolitajiet ta' daqs kbir, demarkati bi kriterji komuni, huwa possibbli bi spiża marġinali li jiġi prodott numru kbir ta' bażijiet ta' data soċjo-ekonomika komparabbli fuq skala Ewropea billi tiġi esplojtata l-investigazzjoni magħmula kull sena mill-Istitutazzjonijiet nazzjonali ta' l-istatistiċi u li tkun ikkoordinata mill-Ewrostat. Bħala eżempju sperimentali, huwa mixtieq li dan l-istudju jkun jista' jinfirx f'metropolijiet kbar oħra Ewropej.

7. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

7.1 Matul dawn l-aħħar għaxar snin analiżijiet u diskussjonijiet saru u għadhom qed isiru f'bosta Stati membri kif ukoll fuq livell reġjonali dwar ir-realtà ġdida li għandhom iż-żoni metropolitani fl-Ewropa. Għalkemm dawn iż-żoni juru lilhom infusom aktar viżibbli minn qatt qabel fuq livell nazzjonali u internazzjonali, ir-rwol tagħhom fit-tħaddim ta' l-istrateġija ta' Lisbona għadu ma ġiex magħruf biżżejjed.

7.2 Iż-żoni metropolitani huma t-territorji l-aktar importanti għat-twettiq ta' l-oġettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' l-istrateġija ta' Lisbona. Huma, fil-fatt, it-territorji prinċipali għall-formazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni, it-teknoloġija l-aktar moderna, il-ħolqien ta' attivitajiet ġodda u l-promozzjoni ta'

spirtu ta' intrapriża. Huma wkoll in-nuklei prinċipali ta' trasport u ta' telekomunikazzjoni, li jiffaċilitaw it-twaqqif ta' networks ta' intrapriżi, ta' universitajiet u ta' ċentri ta' riċerka. Il-KESE jenfasizza li mobilizzazzjoni aħjar tal-potenzjal ta' tkabbir ekonomiku ta' l-Ewropa jirrekjedi l-parteċipazzjoni attiva tal-parteċipanti pubbliċi u privati kollha li jaħdmu għall-iżvilupp ekonomiku dewwiemi taż-żoni metropolitani. Fi kliem ieħor, minħabba r-rwol li għandhom iż-żoni metropolitani fl-Ewropa, l-oġettivi ta' l-istrateġija ta' Lisbona ma jistgħux jintlaħqu jekk huma ma jiġux mwettqa fiż-żoni metropolitani.

7.3 Waħda mir-raġunijiet prinċipali li minħabba fihom din l-evoluzzjoni ma tiġbidx attenzjoni biżżejjed fl-isferi tat-tmxija, hi marbuta mall-fatt li l-limiti tar-reġjuni politko-amministrattivi ma jikkorrispondux ħlief b'mod rari mal-limiti ġeografii taż-żoni metropolitani. B'konsegwenza ta' dan, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, l-ebda bażi ta' data li wieħed jista' joqgħod fuqha u li hija komparabbli fuq skala Ewropea mhi disponibbli biex tippermetti li jiġu deskritti s-sitwazzjoni soċjo-ekonomika u d-dinamiċi li qed iseħħu fiż-żoni metropolitani.

7.4 Il-KESE jenfasizza li huwa fl-interess ta' l-Unjoni li:

- iż-żoni metropolitani tal-25 pajjiż ta' l-Unjoni jkunu definiti,
- li ġabra ta' bażijiet ta' data rilevanti tkun magħmula kull sena fit-territorji tagħha, notevolment il-bażijiet ta' data ta' l-Investigazzjonijiet Ewropej dwar il-Forzi tax-xogħol,
- li l-indikaturi prinċipali ta' l-istrateġija ta' Lisbona jkunu evalwati għat-territorji,
- li jkunu iddentifikati fit-territorji il-clusters ta' valur għoli miżjud,
- li regolarment rapport li jippreżenta s-sitwazzjoni soċjo-ekonomika taż-żoni metropolitani u l-pożizzjoni tagħhom ikun preżentat mill-Kummissjoni.

7.5 Il-produzzjoni ta' dawn l-informazzjonijiet u t-tpoġġija għad-dispożizzjoni tagħhom għal kulħadd għandhom jkollhom dawn il-konsegwenzi produttivi li ġejjin:

- jikkontribwixxu għall-għarfien taż-żoni metropolitani u għaż-żieda tat-tagħrif dwar ir-realtà soċjali, ekonomika u ambjentali,
- jiffaċilitaw l-evalwazzjoni tal-vantaġġi u tad-dgħufijiet ta' dawn it-territorji fuq skala Ewropea,
- itejbu d-definizzjoni u tħaddim tal-policies Ewropej kif ukoll nazzjonali billi jadottawhom għall-karatteristiċi partikulari tat-territorji,
- jagħtu lill-gvernijiet reġjonali u lokali evalwazzjoni tal-pożizzjoni kompetittiva tat-territorji tagħhom fuq skala Ewropea, evalwazzjoni li llum hija nieqsa jew li qed issir bi prezz għoli fuq bażijiet inċerti,

(!) Studju mwettaq fl-istruttura tal-programm INTERREG II mill-GEMACA (Grupp għall-Analiżi Komparattiva tal-Metropolitani Ewropej (Group for European Metropolitan Comparative Analysis). Ippubblikat fil-Ġurnal ta' l-IAURIF numru 135, www.iaurif.org/en/doc/studies/cahiers/cahier_135/index.htm

- isaħħu d-dibattitu dwar il-politika reġjonali Ewropea billi jif-faciltaw id-djalogu bejn il-partijiet kollha involuti fuq bażijiet objettivi,
- jagħtu lis-settur privat l-informazzjonijiet utili għad-definizzjoni ta' l-istrateġiji ta' l-intrapriżi.

7.6 Il-KESE jappoġġa b'mod sħiħ il-proposta magħmula minn METREX fis-sena 2003 dwar il-kreazzjoni ta' programm Ewropew ikkonsagrat għaż-żoni metropolitani⁽¹⁾. Programm simili, METROPOLITAN, jista' jkun forum ta' laqgħat u ta' skambji ta' ideat. Hu jista' wkoll jinkludi workshops li r-responsabbiltà tagħhom tkun li jidentifikaw u jxandru l-policies ġusti fl-oqsma li huma trattati f'din l-opinjoni.

7.7 Il-KESE jifraħ bl-importanza mogħtija lill-“kompetittività” u għar-rabta stabbiltà bejn il-politika reġjonali ġdida definita u l-istrateġija ta' Lisbona fit-Tielet Rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali, li tagħti importanza partikulari liż-żoni metropolitani. Għalihom ċerti objettivi taħt it-titlu “kompetittività” u “tagħrif” jistgħu jkunu appoġġati mill-Fondi Ewropej għall-iżvilupp reġjonali.

Brussel, it-8 ta' Ġunju 2004

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Roger BRIESCH

7.8 Il-KESE jikkalkula indispensabbli l-kreazzjoni ta' ċellula “Żoni metropolitani” fi ħdan l-Ewrostat inkarigata li tipproduċi kull sena l-bażijiet ta' data msemmija hawn fuq.

7.9 Id-diffikultajiet li jstgħu jinqalgħu biex jiġu ddefiniti l-limiti ġeografiċi taż-żoni kollha metropolitani u biex jiġu pproduċuti informazzjonijiet u bażijiet ta' data komparabbli ma jstgħux jiġġustifikaw nuqqas ta' azzjoni eventwali. Hu għalhekk li l-KESE qed jissuġġerixxi li programm pilota, li jkun jirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet ippreżentati hawn fuq, ikun illanċjat fuq numru limitat ta' żoni metropolitani fl-iqsar żmien possibbli. Hu jissuġġerixxi wkoll li dan il-programm pilota għandu jkun imwettaq b'partnership bejn id-DG tal-politika reġjonali, Ewrostat, l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' l-istatistiċi u l-metropolitani kkonċernati.

7.10 Il-KESE jispera li l-Istituzzjonijiet Ewropej jaqsmu l-orjentazzjonijiet ippreżentati f'din l-opinjoni. Għalhekk il-KESE jikkalkula xieraq li fl-istess ħin jiġi kkreat forum li jiġbor fih iż-żoni metropolitani u l-Kummissjoni, ħalli l-preżentazzjoni tas-sitwazzjoni ta'dawn iż-żoni tidher fuq l-aġenda formali tal-Kunsill Kompetittiv u tal-Kunsill informali dwar l-Immaniġġar tat-Territorju u tal-kwistjonijiet urbani.

⁽¹⁾ METREX – In-networks tar-Reġjuni u ż-Żoni Ewropej [Network of European Regions and Areas] - L-objettivi prinċipali għall-programm Ewropew METROPOLITAN huma li :

- 1 jintgħaraf ir-rwol importanti tal-metropolijiet fl-Ewropa
- 2 li tiġi appoġġata l-kreazzjoni ta' tmexxija metropolitana effiċjenti
- 3 li tiġi appoġġata d-definizzjoni min-naħa ta' dawk kollha involuti fl-istrateġiji metropolitani integrati
- 4 li jiġu appoġġati l-policies metropolitani li jimmiraw lejn ir-riformament tal-kompetittività, u lejn il-koeżjoni soċjali u territorjali tagħhom.